

EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
2004

IL-KELMA TAR-RAGĦAJ

Ġabra ta' ittri pastorali,
ċirkulari, u atti oħra ta'
l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex

Vol. VII

IL-KELMA TAR-RAGĦAJ

ĠABRA TA' ITTRI PASTORALI,
ĊIRKULARI U ATTI OHRA TA'
L-E.T. MONS NIKOL Ġ. CAUCHI,
ISQOF T'GĦAWDEX

VOL. VII

ID-DRITTIJIET KOLLHA HUMA RISERVATI

© 2004 - Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi Ph.D., Lic.Sc.Soc.
Għawdex, Malta.

ISBN: 99932-30-04-9

Mitbugħ: Gozo Press

Daħla

Minn mindu deher fl-1974, l-ewwel volum ta' l-ktieb "*Il-Kelma tar-Raġħaj*" sa llum, għaddew kważi tletin sena, u b'kollox ġew stampati sitt volumi.

Is-seba' volum li għandkom f'idejkom, bhall-oħrajn li ħarġu qablu, jiġbor fih il-pastorali u xi ċirkolari, kif ukoll siltiet mid-diskorsi tiegħi. Il-perjodu li jkopri dan il-volum jibda fl-1995 u jasal sas-sena 2000.

Anki f'din il-ħarġa ta' "*Il-Kelma tar-Raġħaj*" hemm ġabra varjata ta' temi jew suġġetti li ftit jew wisq jistgħu jinteressaw lill-qarrejja, bħal ma huma: Is-Solidarjetà Nisranija, L-Ewwel Qrara, L-Ewwel Tqarbina, Il-Qima lejn l-Ewkaristija, Il-Konfermazzjoni, Iż-Żwieġ, Ir-Rwol tal-Lajċi, Il-Familja Nisranija, Il-Pjan Kwinkwenali, r-Rivista "Il-Ħajja f'Għawdex".

Ix-xewqa tieghi, li nittama li titwettaq, bil-publikazzjoni ta' dan il-ktieb hija li dawk kollha li jaqrawh jew jikkonsultawh, jikxbu minnu xi ġid ghall-proċess tal-ħajja spiritwali tagħhom.

Fl-aħħarnett irrid inkompli d-dmir tiegħi li nrodd hajr publikament lil dawk li kellhom sehem fit-thejjija ta' dan il-ktieb, speċjalment lis-segretarju Dun Renato Borg, lil Kan. Dun Anton Refalo, PRO tal-Kurja t'Għawdex, lil dawk li ħadmu biex jiġi stampat, kif ukoll lil dawk kollha li b'mod jew ieħor ihabirku għat-tixrid tiegħu.

Nikol Ġ. Cauchi
Isqof ta' Għawdex

Pastorali

Is-Solidarjetà Nisranija
(Is-Sitt Kungress Pastorali Djoċesan 2000)

Kull bniedem, kif igawdi mid-don tal-libertà, hekk ukoll huwa marbut bid-dmirijiet tar-responsabilità. Kull bniedem huwa membru ta' xi grupp, ngħidu ahna l-familja u s-soċjetajiet l-ohra. Biex ikun hemm is-solidarjetà jeħtieġ li kull membru tal-grupp jew komunità jhossu responsabbli lejn il-membri l-ohra tal-komunità li jinsab fiha, u din l-istess komunità, b'xi mod, trid thossha responsabbli ta' kull membru tagħha.

Is-solidarjetà hija valur jew ideal li l-bnedmin jammiraw u jappoġġjaw u jfittxu li jilħquh. Is-solidarjetà hija wkoll atteġġjament jew tendenza tajba, li permezz tagħha l-persuna jew inkella l-grupp ihossuhom qrib lejn l-oħrajn u marbutin magħhom minħabba l-interessi u l-għanijiet komuni li jkollhom. Is-solidarjetà tfisser it-twettieq kemm tal-ġustizzja kif ukoll tal-karità u tal-virtujiet soċjali l-ohra.

Fit-tradizzjoni nisranija mibnija fuq il-messaġġ bibliku, kemm tar-Rabta l-Qadima kif ukoll tar-Rabta l-Ġdida, is-solidarjetà mhix sempliċiment filantropija jew sentiment ta' hasra u hniena lejn min qiegħed ibati.

Ahna ninsistu li mhux biżżejjed is-solidarjetà umana, iżda jeħtieġ li tkun solidarjetà nisranija. Dan

ifisser li trid tkun ispirata mit-tagħlim ta' Kristu, testendi ruħha għall-bnedmin kollha, inklużi l-għedewwa u lesta li toffri kull għamla ta' ġid, mhux biss materjali, iżda wkoll ġid spiritwali u mħabba sinċiera.

Din is-solidarjetà hija fuq kollox stil jew programm ta' ħajja, mdawla mill-fidi, li biha n-nisrani jilmaħ fl-oħrajn il-persuna ta' Kristu, u jġib ruħu magħhom, daqs li kieku qiegħed jara 'l Kristu stess.

In-nisrani ma jistax jinsa li l-ħaqq li jagħmel minnu Kristu, huwa proprju dwar ir-relazzjonijiet tajbin jew ħżiena li wieħed ikollu ma' l-oħrajn, jekk humiex relazzjonijiet ispirati mill-ġenerożità jew mill-egoiżmu. F'dan is-sens huma qawwija ħafna l-kelmiet ta' Kristu: "Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni" (Mt. 25,35-36). L-ewwel esperjenza ta' solidarjetà hija favur dawk li huma foqra u li huma neqsin mill-protezzjoni.

Il-komunità ġenwinament nisranija hija l-komunità li fiha hemm is-solidarjetà, fejn hemm membru li jsoffri għax ikun nieqes minn xi ħaġa, għaliex il-ġid spiritwali u temporali jinqasam bejn kulħadd. Din hija l-komunità li jitkellem dwarha l-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli, il-komunità li fiha l-insara kienu "qalb waħda u ruħ waħda", komunità li għandha sservi bħala xempju għall-komunitajiet insara kollha ta' kull żmien u ta' kull pajjiż.

Il-pastorali tal-Knisja Kattolika tagħmel ħilitha kollha biex tnissel u trawwem is-solidarjetà nisranija fost

il-membri kollha tal-komunità u speċjalment is-solidarjetà mal-foqra, bħala sinjal tas-Saltna.

Dan l-impenn biex inrawmu s-solidarjetà nisranija fil-komunità nisranija ta' gżiritna jidher fil-Pjan Pastorali Kwinkwennali, approvat u ppubblikat reċentament, speċjalment f'dik it-taqsima fejn tissemma' d-Djakonija. Bħalissa, forsi, biżżejjed nieħu xi eżempji.

Hekk fin-numru 75: "L-għażla preferenzjali tal-Knisja ta' llum hija favur il-foqra. Meħtieġa ħidma aktar organizzata u iktar konsistenti biex tinqered, jew almenu titnaqqas mill-familja tagħna l-miżerja ta' kull għamla".

Fin-numru 81: "L-akbar faqar li qed jolqot lill-familja Maltija huwa l-faqar tad-diżabilità fiżika jew mentali. Il-Knisja f'Għawdex diġa qed turi mħabba, attenzjoni u rispett partikulari lejn persuni bi bżonnijiet speċjali".

Fin-numru 93: "Tajjeb isir studju fil-fond dwar il-qgħad u problemi konnessi miegħu. Dawk mingħajr xogħol m'għandhom qatt jiġu abbandunati. Anzi, għandhom dritt għas-solidarjetà effettiva ta' l-istat u għall-appoġġ tal-Knisja u ta' l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema".

Fin-numru 98: "Ħidmiet oħra ta' promozzjoni umana jistgħu jkunu: adozzjoni ta' tfal abbandunati, għajnuna lir-refuġjati, kontribut fl-iskejjel, tagħlim tal-katekiżmu, ħidma ma' l-anzjani jew ma' persuni bi bżonnijiet speċjali...eċċ." (ara Apostolicam Actuositatem, n.11).

Fin-numru 126: "Għandha ssir insistenza mal-ġenituri biex studenti taħt is-sittax-il sena ma jithallewx jew ma jintbagħtux jaħdmu la fil-ġranet tas-sajf u inqas u inqas matul iż-żmien tas-sena skolastika. Barra milli huwa ksur tal-liġi, ix-xogħol tat-tfal u ta' l-istudenti jipperikola s-saħħa fiżika u morali tagħhom".

Fin-numru 129: "Barra milli hu jum ta' talb u jum ta' mistrieħ, il-jum tal-Ħadd huwa wkoll jum ta' karità nisranija. Tkun ħaġa xierqa, jekk f'xi ħdud partikulari, per eżempju, fil-ħdud ta' l-avvent jew tar-randan, it-tfal jiġu mistiedna jżuru lill-morda u lill-anzjani tal-parroċċa flimkien mal-katekist/a tagħhom".

Huwa meħtieġ li dan is-Sitt Kungress Pastorali li qegħdin nagħmlu bit-tema: "Solidarjetà Nisranija", barra mill-inizjattivi msemmija fil-Pjan Kwinkwennali, jifli dejjem aħjar lis-soċjetà tagħna u joffri proposti konkreti li jiswew biex isaħħu fostna l-ispirtu tas-solidarjetà.

Is-Sagramenti ta' l-Ewwel Qrara u l-Ewwel Tqarbina

(26 - 03 - 1998) 362/98

Bħalissa huwa ż-żmien, li fih ta' kull sena, it-tfal subien u bniet ikunu qegħdin iħejju ruħhom bl-ikbar impenn għall-Ewwel Qrara u l-Ewwel Tqarbina tagħhom, waqt li oħrajn ikunu jithejjew biex jieħdu s-sagrament tal-Konfermazzjoni jew tal-Griżma ta' l-Isqof.

Qabel xejn nixtieq inrodd ħajr lis-saċerdoti, lir-reliġjużi, lil-lajċi, membri tal-Għaqdiet Kattoliċi u oħrajn li ma humiex membri, li jagħmlu ħilithom kollha u xi drabi sagrifiċċji mhux żgħar biex it-tfal jitgħallmu l-katekiżmu u jersqu kif jixraq għas-Sagramenti li semmejna. Għall-grazzja t'Alla, fid-djoċesi tagħna, għandna għadd sabiħ ta' djar tad-duttrina li fihom isiru l-lezzjonijiet lit-tfal anke dawk ta' età żgħira ta' sitt snin u inqas. Kelma ta' radd il-ħajr tmiss ukoll lill-ġenituri, speċjalment l-ommijiet li jieħdu ħsieb li wliedhom b'mod assidwu jiffrekwentaw il-lezzjonijiet u jagħmlu progress fit-tagħlim reliġjuż.

Il-ġenituri nsara, però, ma jikkuntentawx li wliedhom ikunu qegħdin imorru l-MUSEUM u f'postijiet oħra fejn jgħallmuhom il-Katekiżmu. Il-ġenituri nsara, li huma l-ewwel u l-aqwa edukaturi ta' wliedhom (Grav. Educ. 3) iħossu d-dmir li jagħtu sehemhom fl-edukazzjoni reliġjuża ta' wliedhom u li jikkoperaw ma' edukaturi oħra, bħalma huma l-għalliema, is-saċerdoti u l-mexxejja tal-Għaqdiet ta' l-Apostolat. Barra mit-twissijiet li jagħmlu lil uliedhom u l-kelma ta' kuraġġ li jgħidulhom, il-ġenituri jagħtu l-ikbar kontribut

fl-edukazzjoni tat-tfal tagħhom bl-eżempju t-tajjeb li jagħtuhom. Hija ħaġa sabiħa li jsegwu lil uliedhom pass pass fit-tagħlim reliġjuż li jingħatalhom u din tkun okkażjoni tajba biex jerġgħu jiftakru fit-tagħlim kattoliku li kienu rċivew huma fi tfulithom.

Peress li f'din is-sena, skond ix-xewqa tal-Papa qegħdin nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq l-Ispirtu s-Santu, tajjeb li għall-inqas fil-qosor inġibu quddiem għajnejna s-sehem li għandu Hu fis-Sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija. Rigward il-Konfermazzjoni nispera li nkellimkom iktar 'il quddiem meta joqrob il-perijodu li fih jingħata dan is-sagrament.

Nistgħu nibdew billi ngħidu xi ħaġa dwar il-Magħmudija, sagrament li fuqu tinbena l-ħajja nisranija kollha kemm hi. Fil-Magħmudija, l-Ispirtu s-Santu, jżur għall-ewwel darba r-ruħ tal-bniedem li jitgħammed, jdawwalha bid-dawl tal-grazzja, u jagħżilha biex tkun l-għamara tiegħu. Bħala żerriegħa żgħira li trid tikber u tiżviluppa bil-mod il-mod fil-ħajja tan-nisrani, l-Ispirtu s-Santu jsawwab fiha l-karità kif jgħallimna San Pawl; "L-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (Rum. 5. 5). Mhux biss, iżda wkoll il-virtujiet teologali l-oħra, ċioè l-fidi u t-tama.

Fil-Qrar, biex tinkiseb il-maħfra tad-dnubiet, meħtieġ fuq kollox li jkun hemm indiema vera u fehma qawwija li wieħed ma jerġax jidneb. Iżda, mingħajr l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, il-bniedem, la jista' jindem sinċerament minn dnubietu bħala offiża lil Alla u lanqas ma jista' jeħles mill-jasar tagħhom.

Permezz ta' l-Ewkaristija l-Ispirtu s-Santu bil-qawwa tiegħu jwettaqna biex nissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa u biex jgħammar Kristu fi qlubna (Efes 3, 16). Permezz ta' l-Ewkaristija, il-persuni u l-komunitajiet, taħt l-influss ta' l-Ispirtu s-Santu jitgħallmu jiskopru s-sens ta' Alla, fil-ħajja tagħhom ta' bnedmin. Speċjalment permezz ta' l-Ewkaristija, u mdawlin mill-Ispirtu s-Santu u waqt li jieħdu sehem fis-sagrifiċċju ta' Kristu, l-insara jidraw jgħixu f'xirka ma' Alla u ma' ħuthom il-bnedmin, fil-verità u fl-imħabba.

Kif jgħallimna l-Papa Ġwanni Pawlu II "Is-Sagramenti huma sinjal tal-grazzja u jagħtu l-grazzja, ifissru l-ħajja u jagħtu l-ħajja. Il-Knisja hija d-distributriċi viżibbli ta' dawn is-sinjali sagri waqt li l-Ispirtu s-Santu jaħdem fihom bħala distributur inviżibbli tal-ħajja li huma s-sinjal tagħha. Flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu fihom jaħdem ukoll Ġesù Kristu" (Dominum et Vivicantem, 63).

Ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li l-Ispirtu s-Santu jgħinna biex nithejjew kif imiss għas-Sagramenti u jkompli jagħtina l-għajnuna tiegħu biex is-Sagramenti jħallu fina l-frott tagħhom.

Minn dan li għidna nagħrfu li l-Ispirtu s-Santu huwa Benefattur kbir tagħna u kemm hu kbir id-dmir tar-rikonoxxenza tagħna lejh.

Nitlob il-barka tal-Mulej fuqkom ilkoll, b'mod speċjali fuq it-tfal, il-ġenituri, il-katekisti u l-edukaturi l-oħra tagħhom.

Ir-Rwol tal-Lajċi fil-Knisja u fis-Soċjetà

(9 - 09 - 1996) 344/96

Il-Kungress Djoċesan dwar il-Lajċi ser jinżamm nhar is-Sibt, 26 t'Ottubru fil-għaxija u l-għada l-Ħadd fil-għodu. It-tema ewlenija tiegħu ser tkun Ir-Rwol tal-Lajċi fil-Knisja u fis-Soċjetà". Ħamsa u għoxrin sena ilu, ċioè fl-1971, kien sar ukoll Kungress fuq dan is-suġġett. Attivitajiet ta' din l-għamla llum huma meħtieġa ħafna biex nagħrfu aħjar x'inhi l-Knisja, u kif għandhom ikunu l-kattoliċi ta' żmienna.

Hija xewqa tal-Papa li nżommu ħajja fina l-kuxjenza tal-Knisja. Dan ifisser li l-insara għandhom jagħrfu "li huma membri tal-Knisja ta' Ġesù Kristu, imseħbin fil-misteru tax-xirka tiegħu u li għandhom sehem mis-setgħa profetika u mill-missjoni tiegħu" (Christifedeles Laici, n.64).

Li tkun nisrani, ifisser mhux biss li tkun membru tal-komunità kattolika, iżda wkoll li tgħix f'komunjoni jew xirka ma' oħrajn. Dan li jgħodd biss għas-saċerdoti u r-reliġjużi, iżda wkoll għal-lajċi li huma l-membri l-aktar numerużi fi ħdan il-Knisja. Huwa dmir ta' kulħadd, inklużi l-lajċi, li jippruvaw jifhmu u jgħixu aħjar din ir-realtà tal-Knisja li hija komunjoni.

Il-lajċi nsara u l-komunjoni

Il-missjoni tal-lajċi hija marbuta mill-qrib ma' din il-komunjoni li hija ta' iktar minn għamla waħda. Il-komunjoni, xirka jew tiseħib, li fih igħix in-nisrani, hija l-ewwelnett dik ta' l-Iben mal-Missier Etern fl-Ispirtu s-Santu. Il-ħajja tar-ruħ ma tistax teżisti jekk mhux f'dan

l-ispazju vitali tal-komunjoni Trinitarja. Tgħidilna għalhekk il-Christifideles Laici (n.19). "Ix-xirka ma' Alla, b'Ġesù Kristu, fl-Ispirtu sseħħ bil-kelma t'Alla u bis-Sagramenti. Il-Magħmudija hi l-bieb u l-pedament tax-xirka tal-Knisja; l-Ewkaristija hija l-għajn u l-qofol tal-ħajja nisranija kollha. Ix-xirka fil-Ġisem Ewkaristiku ta' Kristu tfisser u ġġib, jew tibni x-xirka intima ta' l-insara fil-Ġisem ta' Kristu li hi l-Knisja".

Iżda din l-għamla ta' komunjoni, li nistgħu nsejħulha "vertikali", għandha tkun imsieħba ma' komunjoni oħra, dik "orizzontali", li tinħoloq u tikber fost l-insara. Ladarba fl-inkarnazzjoni, Kristu sar ħija, l-aħwa kollha tiegħu li huma l-bnedmin saru wkoll ħuti u għalhekk kollha kemm aħna, nistgħu nissejħu wlied Missierna li hu fis-smewwiet. Dwar din ix-xirka fraterna, il-Christifideles Laici (n.18) tgħidilna: "Minn din ix-xirka ta' l-insara ma' Kristu tiġi x-xirka ta' l-insara bejniethom, għaliex huma kollha frieghi ta' Dielja waħda, Kristu". Din ix-xirka jew komunjoni tfisser fuq kollox rispett, imħabba lejn xulxin, tiseħiħ tal-fidi ta' xulxin, u għajnuna siewja. Bir-raġun, San Pietru fl-ewwel ittra (1,22) jikteb: "Intom naddaftu rwieħkom billi qgħadtu għall-kelma tal-verità biex ikollkom l-imħabba sinċiera ta' l-aħwa; ħobbu 'l xulxin b'qalbkom kollha u bil-qawwa kollha". Barra milli nirrispettaw u nqimu lil Ommna Marija u 'l ħutna l-qaddisin li fis-sema qegħdin igawdu 'l Alla jeħtieġ li nuru mħabba u nkunu ġenerużi ma' ħutna li għadhom jgħixu magħna fuq l-art, imħabba evanġelika li thaddan l-għedewwa tagħna. Hekk iridna nkunu Kristu: "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (Ġw. 13, 35). Hekk hemm bżonn li ngħixu biex inkunu ċelluli ħajjin

tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu. Dan huwa mitlub minna lkoll biex ikun hemm komunjoni fil-knisja. Ma nkunux 'il bogħod ħafna minn dan l-ideal qaddis jekk inħarsu fina u nżommu tixgħel il-karità li ġiet imsawba f'qalba mill-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna (Rum. 5, 5).

L-apostolat tal-lajċi

Illum ħafna jitkellmu dwar l-importanza ta' l-apostolat tal-lajċi għaliex ħafna mill-missjoni tal-Knisja tiddependi minnu. It-tiġdid tal-Knisja, kif imfisser fid-dokument tal-Konċilju Vatikan II, ma jistax jitwettaq jekk il-lajċi ma jifhmux sewwa s-sehem ta' responsabbiltà li għandhom fil-Knisja u fid-dinja, bħala dixxipli u xhieda ta' Kristu. Il-lajċi jkunu appostli jekk joffru t-talb, is-sagrifiċċju u t-tħabrik tagħhom biex tiġi s-Saltna ta' Kristu fi żminijietna.

Fuq kollox, ikunu jwettqu apostolat mill-aqwa jekk iħabirku biex f'ħajjithom, fil-familja tagħhom, fil-parroċċa, u f'kull settur tas-soċjetà tikber u tissaħħaħ dik il-komunjoni li għadna kemm semmejna. Dan jista' jsir b'ħafna modi, li nisperaw li jiġu diskussi fil-Kungress. Barra mix-xhieda evanġelika, irid ikollhom ukoll il-premura biex jintebħu b'kull ħtieġa spiritwali u temporali li jkollhom ħuthom il-bnedmin u jmiddu jdejhom ħalli jagħtuhom għajnuna siewja. "Hu dmir l-insara lajċi li jagħtu ħajja lir-realtajiet ta' din id-dinja u li fihom juru ruħhom ħaddiema ta' paċi u ta' ġustizzja" (Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n.2442).

Il-Lajċi huma msejħin b'mod speċjali, biex il-ħila tagħhom il-Knisja tkun preżenti u twettaq ħidmietha f'dawk il-postijiet u f'dawk iċ-ċirkustanzi fejn hija ma

tistax tkun "melħ ta' l-art" jekk mhux permezz tagħhom. Huma l-medjaturi bejn il-Knisja u d-dinja għaliex fid-dinja huwa jwettqu ħidmiethom u l-attivitajiet soċjali tagħhom. Il-lajċi, jgħidilna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n.899), qegħdin quddiemnett "fil-ħajja tal-Knisja: bihom il-Knisja hi għajn ta' ħajja għas-soċjetà, għalhekk, b'mod speċjali, għandhom jagħrfu dejjem aħjar li huma m'humiex biss fil-Knisja, iżda huma l-Knisja, jiġifieri huma komunità ta' nsara fuq l-art, immexxijin mill-Kap ta' kulħadd, jiġifieri l-Papa, u mill-isqfijiet f'xirka miegħu. Dawn huma l-Knisja".

Nistieden lill-kattoliċi mpenjati fl-apostolat sabiex jinteressaw ruħhom mill-Kungress tal-Lajċi u nagħmel sejha lil kulħadd sabiex isir talb għas-suċċess ta' din il-ħidma pastorali. It-talba annessa ma' din l-ittra għandha tingħad ta' kuljum qabel il-Barka Sagramentali.

Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni
(3 - 06 - 1998) 364/98

Fix-xahar ta' Ġunju f'diversi parroċċi jingħata s-Sagrament tal-konfermazzjoni jew Griżma ta' l-Isqof. Permezz tiegħu tiġi mtennija fil-Knisja l-ġrajja tal-Pentekoste meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-appostli (Atti 2, 1-13).

Kif jgħidilna l-Papa Pawlu VI fil-Kostituzzjoni Apostolika, "Divinae Consortium Naturae", tal-15 t'Awissu 1971: "Bil-Griżma, dawk li bis-Sagrament tal-Magħmudija jkunu ħadu t-twelid ġdid jirċievu d-Don

liema bħalu, jiġifieri l-Ispirtu s-Santu nnifsu, li bih jistagħnu b'qawwa speċjali, u bil-karattru sagramentali tal-Griżma mnaqqax fihom, jintrabtu aktar bis-sħiħ mal-knisja u jidħlu fi dmir aqwa li bil-kliem u bl-għemil ixerrdu u jħarsu l-fidi bħala xhieda tassew ta' Kristu".

Il-Konfermazzjoni tingħata bid-dlik tal-Griżma, jew żejt imħallat mal-balzmu fuq il-ġbin ta' min jirċievi s-sagrament li l-Isqof jagħmel flimkien mat-tqegħied ta' jdejh filwaqt li jtenni l-kelmiet tal-formula "Ħu s-siġill tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu".

Iż-żejt li jsaħħaħ il-ġisem u xi drabi jġib ukoll il-fejqan, huwa sinjal tal-qawwa spiritwali li tiġi mill-Konfermazzjoni, waqt li l-balzmu jfisser "il-fwieħa ta' Kristu" (2 Kor. 2, 15) li n-nisrani huwa msejjaħ biex ixerred matul ħajtu.

X'tagħmel fina l-Konfermazzjoni

Min jieħu l-Griżma ta' l-Isqof, waqt li toktor fih il-grazzja tal-Magħmudija, jissaħħaħ fir-rabta tiegħu m'Alla, bħala iben tiegħu, jingħaqad iktar bi sħiħ ma' Kristu, u jirċievi wkoll l-Ispirtu s-Santu, bid-doni tiegħu. B'dawn l-għajnuniet spiritwali kollha min jieħu l-Konfermazzjoni, ikun jista' jaċċetta l-impenn li bi kliemu u f'għemilu jxandar lil Kristu u b'hekk ikun tabilħaqq xhud tiegħu quddiem il-bnedmin. Meta jseħħ dan, jitwettqu l-kelmiet li Kristu qal lid-dixxipli tiegħu: "Tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art" (Atti 1, 8). Kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II (Lumen Gentium, 11) bis-Sagrament tal-Griżma, in-nisrani jintrabat b'mod iżjed perfett mal-Knisja. Min jieħu l-Konfermazzjoni,

għalhekk, għandu jifhem dejjem aħjar id-dmir tiegħu li mhux biss iħabrek għall-progress spiritwali tiegħu nnifsu, iżda wkoll biex jaqdi lill-oħrajn, għas-servizzi tal-komunità nisranija, li għall-bini tagħha, kull wieħed għandu jagħti sehem.

Ġenituri, parrinijiet u katekisti

Ta' min jinsisti li l-għażla tal-parrinu jew parrina għandha ssir bl-ikbar għaqal. Biex tidher iktar ċara r-rabta li hemm bejn il-Magħmudija u l-Konfermazzjoni, jaqbel li għal dan ta' l-aħħar, jintagħżel wieħed jew waħda minn dawk li għamlu parrini fl-ewwel sagrament. Biex wieħed jaqdi d-dmir ta' parrinu, irid ikun nisrani ta' fidi sħiħa u jkun lest li jgħin bil-kelma u bl-eżempju l-filjozzi tiegħu, ħalli jimxu kif imiss fit-triq tal-ħajja nisranija.

Nixtieq intemm din ir-riflessjoni tiegħi billi minn qalbi ngħid "grazzi" lill-katekisti u l-għalliema, li b'tant dedikazzjoni ta' kull sena jħejju t-tfal għal dan is-Sagrament. Kelma ta' radd il-ħajr tmiss lill-ġenituri, li kif inhu dmirhom, jagħtu importanza lill-Konfermazzjoni ta' wliedhom u jimpenjaw ruħhom serjament fl-edukazzjoni nisranija tagħhom.

L-Ispirtu s-Santu jfawwar fuqkom id-Doni tiegħu biex tkunu xhieda, bil-kelma u bl-eżempju tal-Konfermazzjoni li rċivejtu.

Il-Vera Mħabba fil-Familja

(23 - 09 - 1998) 368/98

Fil-pajjiżi fejn għadhom jitħarsu d-drawwiet insara, ix-xahar ta' Ottubru għadu marbut mal-qima lejn il-Verġni Marija u speċjalment mad-devozzjoni tar-Rużarju Mqaddes.

Bix-xewqa u bit-tama li fid-djoċesi tagħna tissaħħaħ dejjem iżjed il-qima lejn l-Omm tagħna fis-sema u li tibqa' dejjem ħajja d-drawwa qaddisa tar-Rużarju tagħha, nixtieq infakkarkom u nħeġġiġkom sabiex matul ix-xahar tar-Rużarju, fil-knejjes, fid-djar, u f'postijiet oħra tiġi reċitata kif imiss din it-talba li tant togħġob lill-Madonna.

Barra mill-intenzjonijiet ta' talb li kull wieħed jista' jagħmel, jiena nixtieq li għal din is-sena nissuġġerixxi li r-Rużarju ngħiduh biex il-Madonna tħares il-familji tagħna, u sabiex bl-interċessjoni qawwija tagħha l-familji kollha jgħixu fl-imħabba, fl-għaqda u fil-paċi li wegħdna Sidna Ġesù Kristu.

Nitolbu fuq kollox li fil-familji nsara ssaltan l-imħabba vera li tgħallimna l-virtù tal-karità nisranija u li dwarha jkellimna l-Appostlu Missierna San Pawl fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin (13, 4-8).

"L-imħabba taf tistabar". L-esperjenza tgħallimna kemm hu meħtieġ is-sabar fil-ħajja familjari, kemm żbalji jiġu evitati meta wieħed ikun kapaċi jistenna u jaf jieħu paċenzja. Jalla l-Madonna taqlagħlna l-virtù tas-sabar li l-għelm tagħha huwa s-salib li Kristu jistedinna biex nerfgħu fuq spallejna u nimxu warajh.

"L-imħabba taf tħenn". Din hija l-virtù mfaħħra minn Kristu fid-diskors tal-Beatitudni fejn qalilna "henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena" (Matt. 5, 7). U fejn iktar mid-dar jista' wieħed jitħarreġ fil-ħniena u jmidd idejh biex jgħin lill-persuni li jgħixu miegħu?

"L-imħabba ma tgħirx". L-għira ħafna drabi hija l-bidu ta' ġlied u tilwim; l-għira fost l-aħwa kienet il-ħtija li l-Patrijarka Ġużeppi ġie mibjugħ minn ħutu. Bl-interċessjoni tal-Madonna jirnexxilna nżommu boghod mill-familji din is-susa li teqred.

"L-imħabba ma tiftaħarx". "X'għandek li ma ngħatalekx? U jekk ingħatalek, il-għala tiftaħar bħallikieku ma ngħatalek xejn?" (1 Kor. 4, 7). Il-Madonna ma ftaħritx bit-tajjeb li kellha iżda raddet ħajr lill-Mulej li għamel magħha ħwejjeġ kbar.

"L-imħabba ma titkabbarx". Dan għaliex l-imħabba awtentika hija msieħba ma' l-umiltà. Din hija l-virtù li tagħha nsibu xempju mill-isbaħ fil-ħajja tal-Verġni Mbierka.

"L-imħabba ma tagħmilx dak li ma jixraqx". Min għandu l-imħabba nisranija joqgħod attent li ma jagħtix skandlu, li huwa dejjem ħsara spiritwali, iktar u iktar meta jingħata fil-familja.

"L-imħabba ma tfittixx dak li jaqblilha". Dan għaliex l-imħabba u l-egoiżmu ma jistgħux joqogħdu flimkien. Min iħobb ma jqisx biss il-jeddijiet tiegħu, iżda wkoll il-jeddijiet ta' l-oħrajn u jħarishom.

"L-imħabba ma teħux għaliha", jiġifieri ma tkunx pronta li toffendi ruħha jew tagħmel ta' bir-ruħha bil-fastidju, biex tkun tista' titlewwem ma' l-oħrajn.

"L-imħabba ma żżommx f'qalbha għad-deni". Anke fil-familji hemm lok għall-maħfra nisranija. Bit-talb tal-Verġni Santissima, aħna nsibu l-qawwa li naħfru lil min jagħmlilna d-deni, kif għallimna Kristu.

"L-imħabba ma tifraħx bid-dnewwa". Min jifraħ bid-dnewwa jew ħsara li saret lil ħaddieħor, mhux veru li jħobbu. Din l-għamla ta' ferħ mhix ħaġa oħra ħlief għamla ta' għira u mibegħda.

"L-imħabba tifraħ bis-sewwa". Huwa dmir tagħna li nixtiequ li l-oħrajn ikollhom il-ġid u l-paċi, kif nixtiequ lilna nfusna.

"L-imħabba kollox tagħder". Din il-mogħdrija hija meħtieġa ħafna fil-familja, ħekk li l-miżżewġin għandhom jagħdru n-nuqqasijiet u jittolleraw lil xulxin, il-ġenituri għandhom jagħdru lil uliedhom, speċjalment meta dawn ikunu żgħar u bla ebda ħila; l-ulied għandhom jagħdru lill-ġenituri tagħhom, fuq kollox meta dawn jaslu għax-xjuħija.

"L-imħabba kollox temmen". Min iħobb ma jaqtax qalbu li ħabibu jżomm kelmtu u jagħti dak li wieġħed.

"L-imħabba kollox tissaporti". Mhux biss meta kollox imur sewwa, iżda wkoll fil-kontrarjetà, l-imħabba tkompli tikber u tissaħħaħ imwieżna bil-għajnuna

tal-grazzja. Meta l-familja ssib ruħha f'qagħda bħal din, wisq iktar minn drabi oħra, għandha tħoss il-ħtieġa li tirrikorri għand l-Omm tagħna tas-Sema.

"L-imħabba qatt ma tmut". Mhux biss f'din id-dinja, għaliex jeħtieġ li tibqa' sal-mewt, iżda l-imħabba li hija karità ma tispiċċa qatt u tibqa' saħansitra fis-sema. Bla dubju ta' xejn, l-ikbar lezzjoni tal-karità jew imħabba nisranija nistgħu neħduha mill-ħajja ta' Kristu u tal-Madonna, li aħna nikkontemplaw fil-misteri tar-Rużarju Mqaddes.

Kieku l-familji tagħna jgħixu skond dawn l-ideali ta' mħabba nisranija, żgur li jkun jiswa wkoll sabiex is-soċjetà li tagħha aħna membri ssir aħjar u iktar fraterna.

L-Għajnuna Missjunarja u L-Opri Pontifiċi

(14 - 10 - 1998) 370/98

Kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II, wieħed mid-dmirijiet ta' l-Isqof huwa dak li jqanqal fid-djoċesi tiegħu l-ħidma missjunarja u li jżomm dejjem ħaj fiha l-ispirtu missjunarju (Ad Gentes n.38). Dan għandu jsir matul is-sena kollha, iżda b'mod partikolari fl-okkażjoni tal-Jum Missjunarju li qegħdin niċċelebraw il-Ħadd, 18 ta' Ottubru. Kif insibu fis-Sinodu Djoċesan, dan il-Jum għandu jservi ħalli "...il-poplu jiġi mħeġġeġ sabiex jieħu interess u jħabrek, bit-talb u bl-offerti tiegħu, għall-evanġelizzazzjoni ta' dawk li għadhom ma għarfux lil Kristu" (68).

Ninqeda b'din l-okkażjoni biex irrodd ħajr lill-persuni kollha li huma benefatturi tal-Missjonijiet u li bit-talb kif ukoll b'għajnuna finanzjarja tagħhom jagħtu appoġġ sħiħ lil xi missjunarju jew xi missjoni partikolari, iktar u iktar meta din l-għajnuna tkun qegħda tingħata lil xi saċerdot, patri jew soru ta' l-istess nazzjonalita' tagħna li qegħdin jaħdmu fl-artijiet tal-missjoni. "Sakemm ma titħalliex fil-ġenb il-ħidma missjunarja universali" - ikompli jgħidilna d-digriet Ad Gentes (n.37) - "ikun ta' siwi kbir illi jinżamm kuntatt mal-missjunarji li ħarġu mill-komunità jew ma' xi parroċċa jew djoċesi partikulari sabiex il-komunjoni bejn il-komunitajiet issir tidher u tisfa ta' ġid għaż-żewġ naħat". Hija wkoll ta' min ifaħħarha l-ġenerożità ta' dawk li jagħtu jew jibagħtu għotjiet fil-pajjiżi tal-missjoni, basta jkunu ċerti li din l-għajnuna qegħdin jirċevuha dawk li tabilħaqq jeħtiġuha u li min jiġbor il-flus ikun awtorizzat biex jista' jagħmel din il-ħaġa. Ta' min isemmi wkoll b'tifħir il-Movimenti Missjunarji li għall-grazzja t'Alla huma attivi ħafna fid-djoċesi tagħna u lkoll iwettqu xogħol siewi.

Biex jikkordinaw flimkien il-ħidmiet tagħhom, huma rappreżentati u jiltaqgħu flimkien fil-Forum Missjunarju li l-Istatut tiegħu kien ġie approvat fl-10 ta' Diċembru 1994 (Atti tal-Kurja, 157 (Diċembru 1994) 2445).

Madanakollu, wieħed m'għandux jinsa l-Opri Missjunarji Pontifiċji, jiġifieri l-ħidmiet li għandhom bħala għan l-apostolat missjunarju universali; anzi lil dawn għandha tingħatalhom prijorità. "Fil-fatt lil dawn l-opri missjunarji pontifiċji jistħoqqilhom bil-ħaqq kollu l-ewwel post għaliex jiswew mhux biss biex inisslu

fil-Kattoliċi sa minn tfulithom spirtu missjunarju u universali, iżda wkoll biex jingħabru fondi kemm hemm bżonn b'risq il-missjonijiet kollha u skond il-ħtieġa ta' kull waħda minnhom" (Ad Gentes n.38).

Meta ngħidu Opri Missjunarji Pontifiċi nifhmu l-opri uffiċċjali tal-Knisja Kattolika, immexxijin mill-Papa u mir-rappreżentanti tiegħu, li bihom huwa jinqeda ħalli jgħin lill-missjunarji u lill-missjonijiet kollha tad-dinja. Dawn l-opri mhux biss jipprovdu għajnuna finanzjarja, iżda jassiguraw ukoll li ta' kull jum jingħad talb għall-missjonijiet u għalhekk jiswew mhux ftit sabiex tiġi ffurmata l-kuxjenza missjunarja tal-poplu tagħna.

Bl-Opra tal-Kleru Indiġenu, is-seminaristi tal-postijiet tal-missjoni jiġu mgħejjuna biex isiru saċerdoti. "Il-boroż ta' studju" huma mezz sabiex is-seminarji, fl-artijiet tal-missjoni, ikomplu l-ħidma tagħhom u l-vokazzjonijiet saċerdotali jsibu min jaċċettahom u jwassalhom għall-maturita` tagħhom.

L-Opra tat-tixrid tal-Fidi tappoġġja l-missjunarji billi tagħtihom sussidji ħalli jwettqu l-inizjattivi tagħhom. B'dan il-mod, nistgħu ngħidu li mijiet ta' knejjes, sptarijiet, kliniċi u ċentri oħra nbnew u qegħdin jitmexxew f'artijiet tal-missjoni, bħala frott tal-kontribuzzjoniet li jingħataw lil din l-opra.

Hemm wkoll l-Opra tat-tfal għall-Missjoni, li permezz tagħha t-tfal kattoliċi jaħsbu fit-tfal f'pajjiżi oħra tad-dinja, jitolbu għalihom ta' kuljum u jagħtuhom l-għajnuna tagħhom.

Iktar tagħrif dwar l-Opri Missjunarji Pontifiċji jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Missjunarju, l-Oratorju Don Bosco, Pjazza Sant'Wistin, Victoria u hemmhekk ukoll wieħed jista' jagħti l-offerti tiegħu għall-missjonijiet. Il-Mulej Alla jberikkom ilkoll.

Il-Qima lejn L-Ewkaristija

(15 - 07 - 1999) 379/99

Hafna mill-insara ta' pajjiżna għandhom id-drawwa li meta jieħdu sehem fil-Quddiesa, jersqu wkoll għat-Tqarbin u b'hekk jirċievu l-ġisem u d-demm ta' Kristu li offra lilu nnifsu għalina. Din hija drawwa ta' min ifaħħarha u jxerridha dejjem iktar, għaliex biex ikun hemm sehem sħiħ ta' l-insara fiċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika huwa mitlub li fiha jitqarbnu wkoll. Difatti fil-Kostituzzjoni tal-Konċilju Vatikan II dwar il-Liturġija, Sacrosanctum Concilium, n.55 naqraw li "Ta' min jirrikmanda ħafna dak is-sehem iżjed perfett fil-Quddiesa li jinkiseb billi l-fidili, wara t-tqarbin tas-saċerdot, jilqgħu l-ġisem tal-Mulej bl-ostji kkonsagrati fl-istess Sagrifiċċju".

Iżda sagrament hekk kbir, bħal ma huwa t-Tqarbin, m'għandniex nersqu lejh kif ġie ġie, u bla ebda sinjal ta' qima, iżda b'fidi qawwija fil-preżenza ta' Kristu fl-Ewkaristija u wara li nkunu għarbilna l-kuxjenza tagħna biex innadfuha mill-ħtijiet. L-Appostlu Missierna San Pawl jinsisti fuq din il-kundizzjoni meħtieġa biex it-tqarbin isir kif imiss (1 Kor. 27-29) "Kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej. Ħa jgħarbel

il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi. Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess". Bir-raġun għalhekk il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n.1385) iwissina "Min ikun jaf li għandu xi dnub gravi l-ewwel għandu jirċievi s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni qabel jersaq jitqarben".

Il-qima tagħna lejn l-Ewkaristija tinwera wkoll mill-imġieba tagħna waqt iċ-ċelebrazzjoni liturġika, u iktar u iktar mill-ilbies li jkollna fuqna. Din it-twissija hija flokha ħafna f'dawn ix-xhur tas-sajf, meta xi whud jippretendu li jidħlu fil-knisja bi lbies indeċenti għax ikun imqaċċat iżżejjed jew għax trasparenti. Dan huwa abbuż li ma jistax jiġi tollerat, u t-tfal insara sa minn ċkunithom, għandhom jiġu mrawmin biex josservaw in-normi tad-deċenza.

Peress li qegħdin nersqu dejjem iżjed lejn is-sena elfejn li skond ix-xewqa tal-Papa, għandha tkun "Sena Ewkaristika", xieraq li nitgħallmu dejjem iktar dwar dan il-Misteru tar-Reliġjon tagħna u nidraw nwettqu kif imiss id-dmirijiet li għandna lejn Ġesu` fl-Ewkaristija.

Kif nieħdu sehem aħjar fil-Quddiesa

(15 - 09 - 1999) 381/99

Żgur li fil-ħajja tal-insara, għandha tingħata importanza xierqa lill-att liturġiku, speċjalment dak li bih isseħħ l-Ewkaristija. Huwa veru wkoll li kif ġara f'pajjiżi oħra bi tradizzjoni kattolika anke f'pajjiżna, naqas il-għadd ta' dawk li jieħdu sehem fil-Quddiesa

tal-Ħadd, kif jixhdu l-istatistiċi. Iżda dawk li jiffrekwentaw il-knejjes għall-inqas fil-Ħdud u fil-festi, kbar u żgħar huma iktar eżiġenti mill-ġenerazzjonijiet ta' qabel, rigward dak li jiġi offrut lilhom fil-Liturġija tal-Ħadd, b'mod partikolari l-omelija u l-kant. Ħafna minnhom huma wkoll xewqana li jieħdu sehem kemm jista' jkun sħiħ fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Meta bdiet tintuża l-Liturġija l-ġdida skond id-direttivi tal-Konċilju Vatikan II intqal li dan it-tiġdid liturġiku kellu jiswa bħala mezz biex tixxettel is-solidarjetà u l-imħabba nisranija, fil-komunità li tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Dan it-titjib inkiseb tabilħaqq f'ċerti postijiet iżda sfortunatament mhux kullimkien. Hija stonatura li xi nsara, jieħdu sehem fil-Quddiesa, mingħajr ma jippruvaw ineħħu minn qalbhom is-sentimenti ta' mibegħda u għadab li jkollhom lejn għajrhom. Il-Mulej Ġesù insista fuq il-maħfra lill-għedewwa u qalilna "Jekk tkun qiegħed ittella' l-offerta tiegħek fuq l-artal u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk quddiem l-artal u mur l-ewwel irranġa ma' ħuk, u mbagħad ejja tella' l-offerta tiegħek" (Mt. 5, 23-24).

Jeħtieġ li nkunu persważi li għandna nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, fi klima ta' fraternità u ta' paċi, fuq l-eżempju tal-komunita' bikrija ta' Ġerusalemm. San Pawl iħeġġiġna għal din l-imħabba komunitarja: "Ilbsu sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem

ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla" (Kol. 3, 12-17).

Bħala preparazzjoni għall-Kungress Ewkaristiku jixraq li nitgħallmu kif għandna nkunu mhejjija għat-tqarbin; għalhekk nikkoltivaw mill-aħjar li nistgħu l-karità komunitarja. Din il-karità li tagħti kas tal-ħtiġijiet tal-proxxmu għandha tibda f'darna u fil-parroċċi tagħna, però ma għandhiex tkun limitata għalihom biss, iżda għandha toħroġ barra miċ-ċirku magħluq ta' madwarna u tilħaq bnedmin oħra.

It-Tielet Kungress Ewkaristiku Djoċesan

(30 - 10 - 1999) 383/99

Nixtieq infakkrkom li minn nhar is-Sibt 13 ta' Novembru sal-Ħadd 21 ta' l-istess xahar, festa ta' Kristu Sultan, ser jinżamm fid-Djoċesi t'Għawdex it-Tielet Kungress Ewkaristiku Djoċesan bit-tema "Ibqa' magħna Mulej, fl-Ewkaristija". Il-programm ser jiġi mqassam fi djarkom flimkien mal-bullettin tal-Ħadd.

Dan il-Kungress Ewkaristiku qiegħed isir biex ifakkar is-sebgħin anniversarju minn mindu sar l-ewwel Kungress ta' din il-għamla fid-djoċesi tagħna, f'Settembru 1929. Hemm ukoll il-ħsieb li dan il-Kungress iservi bħala thejjija għas-Sena Ewkaristika, li skond ix-xewqa tal-Papa Ġwanni Pawlu II għandha tkun iċċelebrata matul is-sena 2000 fil-bidu tat-tielet millenju.

Il-Kungressi Ewkaristiċi jsiru sabiex jingħata iktar tagħlim dwar is-Sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida u s-Sagrament ta' l-Imħabba ta' Kristu. Isiru wkoll sabiex ikun hemm manifestazzjonijiet ta' qima fil-privat u fil-pubbliku lejn Ġesù, Saċerdot etern u vittma għall-maħfra tad-dnubiet. Meta Kungress jirnexxi kif imiss, iġib miegħu wkoll qawmien spiritwali u ħeġġa ikbar kemm fil-ħajja nisranija tal-individwi kif ukoll fil-ħidmiet tal-apostolat.

Inħoss li għandi nistedinkom sabiex tħabirku ħalli tiksbu l-aqwa frott mill-Kungress, billi ntennilkom il-kelmiet tal-awtur tal-ittra lil-Lhud: "Ħa nersqu mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu" (Lhud 4, 16).

L-Ewkaristija hija bla dubbju t-tron li minnu Kristu, Feddej tagħna jqassam b'idejh miftuħa l-grazzji tiegħu. Nersqu lejn l-Ewkaristija billi nieħdu sehem sħiħ, attiv u mifhum fil-Quddiesa, is-Sagrifiċċju ta' Kristu u tal-Knisja, li permezz tiegħu jinħafrulna dnubietna u niksbu l-jedd għall-ħajja ta' dejjem.

Nersqu lejn l-Ewkaristija billi nitqarbnu ta' spiss u kif jixraq, sabiex f'dan is-sagrament insibu l-enerġiji spiritwali meħtieġa ħalli noħorġu rebbieħa fil-kumbattimenti u fil-provi tal-ħajja tagħna ta' kuljum.

Nersqu lejn l-Ewkaristija billi naduraw lil Ġesù moħbi taħt ix-xbihat, għall-inqas għal ftit tal-ħin fiż-żjarat spissi li nagħmlulu.

Nitolbuh lil Ġesù fl-Ewkaristija li jqawwi l-fidi tagħna ħalli nemmnu dak kollu li hu rrivelalna dwar dan il-misteru hekk profond u dak li tgħallimna dwaru Ommna l-Knisja Mqaddsa.

Nitolbuh li ħajjitna tkun dejjem imseddqa bl-imħabba lejh u lejn ħutna l-bnedmin, biex wara l-mixja tagħna f'din id-dinja, niltaqgħu miegħu mhux iżjed moħbi taħt ix-xbihat ewkaristiċi, iżda narawh wiċċ imb'wiċċ fid-dar tal-Missier.

Dan l-appell ħiereġ minn qalbi, nixtieq nagħmlu b'mod speċjali liż-żgħażagħ tagħna, għaliex huwa diffiċli, biex ma ngħidx impossibbli, li huma jħarsu f'ħajjithom il-valuri nsara jekk ma jgħożżux kif jixraq l-Ewkaristija.

Ġesù preżenti fis-Sagrament ta' l-Imħabba jsawwab fuqkom u fuq il-familji tagħkom il-kotra tal-grazzji tiegħu.

L-Ewkaristija
(4 - 11- 1999) 384/99

Fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan xtaqt inwasslilkom din l-Ittra Pastorali tiegħi dwar dan il-misteru miqjum. Xtaqt li nuża kliem u ħsibijiet li jista' jifhimhom kulħadd, iżda fl-istess ħin irrid li nagħti t-tagħlim tal-Knisja Kattolika fuq dan is-suġġett kemm jista' jkun bla tnaqqis u bla ebda tibdil, għall-inqas f'dak li hu essenzjali.

Il-Quddiesa Tagħna

Aħna l-kattoliċi, kif inhu dmirna nieħdu sehem fil-Quddiesa għall-inqas fil-Ħdud u fil-Festi kmandati.

Issa l-Quddiesa tfakkar l-Aħħar Ċena li għamel Ġesù flimkien ma' l-Appostli, awl il-lejl qabel ma miet u ġġedded ukoll fostna u għalina lkoll is-sagrifiċċju tas-salib. Ma humiex żewġ sagrifiċċji dak tas-salib u dan tal-Quddiesa, iżda sagrifiċċju wieħed li fih Kristu joffri lilu nnifsu bħala saċerdot u vittma għall-fidwa ta' l-umanità. Il-Quddiesa ġġedded dak is-sagrifiċċju taħt ix-xbihat ewkaristiċi u mill-ġdid tagħmlu preżenti għall-ġenerazzjonijiet kollha tad-dinja.

Il-Quddiesa, bla dubju hija t-tifkira li l-komunità nisranija f'kull żmien u f'kull pajjiż tagħmel bil-ferħ u b'radd il-ħajr ta' l-Aħħar Ċena. Fiha Kristu ried juri apertament imħabbtu lejn id-dixxipli tiegħu: "Huwa li ħabb lil tiegħu...ħabbhom għall-aħħar" (Ġw. 13, 1). Ġesù, sabiex lill-Appostli "iħallilhom rahan ta' mħabbtu, biex ma jitbiegħed qatt minn dawk li kienu tiegħu u jagħtihom sehem fil-Għid tiegħu, waqqaf l-Ewkaristija bħala tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu" (Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1337). Iżda l-Quddiesa hija wisq aktar minn daqshekk. Kieku l-Ewkaristija kienet biss tifkira ta' xi ġrajja ta' l-imgħoddi, anke ta' ġrajja l-iktar glorjuża, dan ma kienx ikun biżżejjed biex tissejjaħ "misteru tal-fidi".

Il-Quddiesa, li tiġi ċċelebrata mis-saċerdot u offerta lil Alla flimkien mal-ġemgħa ta' l-insara fiha talb, qari mill-Kotba Mqaddsa u kant, jew aħjar il-Liturġija tal-kelma li thejji għall-parti ċentrali tagħha, jiġifieri l-Liturġija Ewkaristika. Din tikkonsisti fi tliet mumenti

ewlenin; l-offerta tal-materja tas-sagrifiċċju, il-Konsagrazzjoni u t-tqarbin. Hekk, meta nissieħbu fil-Quddiesa, fil-Liturġija tal-kelma u fil-Liturġija Ewkaristika, aħna nkunu nieħdu sehem miż-żewġ imwejjed li ħejja għalina Kristu; il-mejda tal-kelma t'Alla u l-mejda tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.

Fl-Offertorju s-saċerdot f'isem Kristu u f'isem il-Knisja joffri l-ħobż u l-inbid li mbagħad isiru l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej ssagrifikat għalina fuq l-artal. Il-Knisja kollha tissieħeb ma' Kristu f'din l-offerta, il-Knisja tal-Qaddisin mas-Sultana tagħha l-Imqaddsa Verġni Marija, flimkien ma' l-Appostli u l-martri, il-Knisja ta' dawk li qegħdin fil-Purgatorju u l-Knisja ta' l-insara li għadhom igħixu fuq l-art. Fl-offerta tal-ħobż u tal-inbid noffru lil Alla dak kollu li aħna u dak li nixtiequ nkunu. Dan jinkludi mhux biss dak li nagħmlu, jew l-għemejjel esterni, iżda fuq kollox moħħna u qalbna, dak li naħsbu u dak li nħobbu.

Fil-Konsagrazzjoni, is-saċerdot jirrepeti l-istess kelmiet li qal Ġesù fl-Aħħar Ċena "Dan hu ġismi", "Dan il-kalċi ta' Demmi". Bil-qadi tas-saċerdot, Ġesù b'mod misterjuż iżda reali jsir preżenti bħala vittma u saċerdot ewlieni, jissagrifika lilu nnifsu għall-fidwa tal-bnedmin u għall-glorja tal-Missier tiegħu fis-sema. Fil-konsagrazzjoni jitwettaq il-miraklu taċ-Ċenaklu u l-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.

Is-saċerdot jitqarben u jqassam it-Tqarbin lill-insara. It-Tqarbin ifisser tingħaqad ma' Kristu b'mod sagramentali iżda jfisser ukoll il-għaqda ma' ħutna l-bnedmin fil-Ġisem Mistiku tas-Sinjur, li hija l-Knisja.

Is-Sagrifiċċju ta' l-Aħħar Ċena u s-Sagrifiċċju tal-Kalvarju

Aħna nemmnu li "Il-Quddiesa, iċċelebrata mis-saċerdot li jirrappreżenta 'l Kristu bis-setgħa ta' l-Ordni Sagri u offerta minnu f'isem Kristu u f'isem il-membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu, hi tassew is-sagrifiċċju tal-Kalvarju" (Pawlu VI, Stqarrija tal-Fidi, p.9).

Skond il-liġi ta' Mosè, il-poplu ta' Iżrael kien josserva l-festa tal-Għid li tfakkarhom fil-ġrajja ta' meta l-Mulej ħelishom mill-jasar ta' l-Eġittu. Barra mill-pellegrinaġġ għat-tempju ta' Ġerusalemm għaċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa, kien hemm ukoll il-festa tal-familja, li fiha kienet issir l-ikla tal-Għid, fejn il-missier jew il-persuna l-iktar importanti kienet tmexxi t-talb u ċerimonji oħra. Fuq il-mejda għall-ikel, kien ikollhom mhux biss il-ħaruf tal-Għid, issagrifikat u mixwi, iżda wkoll il-ħobż ażżmu u l-inbid. L-ikla kienet issir wara nżul ix-xemx.

Kristu għażel din l-okkażjoni ta' l-ikla tal-Għid tal-Lhud, sabiex fiha jwaqqaf l-Ewkaristija. "Is-Salvatur tagħna fl-Aħħar Ċena, fil-lejl li ġie ttradut, waqqaf is-sagrifiċċju ewkaristiku tal-Ġisem u tad-Demm tiegħu biex iġedded matul is-sekli, sa meta jerġa' jiġi, is-sagrifiċċju tas-Salib" (Sacrosanctum Concilium, 47). L-erba' tifsiriet li kellha l-ikla tal-Għid għal-Lhud, Kristu ried li jibqgħu wkoll fl-Ewkaristija. Difatti fit-tnejn hemm it-tifkira ta' ġrajja importanti fl-istorja tas-salvazzjoni, ir-radd il-ħajr, ix-xirka jew għaqda ta' l-aħwa u s-sagrifiċċju.

Kif kienet id-drawwa tal-Lhud, fil-bidu ta' l-ikla Ġesù qasam il-ħobż f'ħafna biċċiet u newwel biċċa lil kull wieħed mill-preżenti, iżda qabel huwa biddel il-ħobż fil-Ġisem tiegħu. Hekk ukoll fi tmiem l-ikla, kif kien jagħmel il-missier tal-familja Lhudija, Ġesù bierek l-aħħar tazza ta' l-inbid iżda qabel xejn żied il-kelmiet tal-konsagrazzjoni biex l-inbid jinbidel f'Demmu. B'hekk huwa wettaq il-wegħda li kien għamel lid-dixxipli tiegħu meta qalilhom "Ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb" (Ġw. 6, 55).

Huwa qalilhom ukoll li ġismu u demmu ser jiġu offerti bħala sagrifiċċju għalihom "Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasam, newwilulhom u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-Patt l-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom" (Lq. 22, 14-20). Il-ġisem li ġie mogħti għall-bnedmin u d-demm imxerred għalihom; dan huwa s-sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid.

Huwa veru li kien fuq is-salib fejn Kristu temm is-sagrifiċċju ta' ħajtu. L-Aħħar Ċena ma kienitx il-ġrajja tal-mewt ta' Kristu, iżda kienet sagrament tal-mewt tiegħu. L-Aħħar Ċena kienet sinjal li bih seħħu żewġ ħwejjeġ; hija tfisser l-offerta tiegħu nnifsu li Kristu għamel lill-Missier Alla u rrendiet preżenti fl-Aħħar Ċena, l-offerta ta' Kristu daqs li kieku l-mewt tiegħu fuq is-salib kienet qiegħda titwettaq tabilħaqq fil-mument taċ-ċena.

Fil-Quddiesa għandna l-istess misteru li twettaq fl-Aħħar Ċena, u t-tnejn għandhom rabta mas-sagrifiċċju

tal-Kalvarju bid-differenza, li l-Aħħar Ċena kienet sinjal tas-sagrifiċċju tal-Kalvarju li kien għadu ġej, fil-Quddiesa llum, inħarsu lura lejn il-ġrajja tal-Kalvarju li diġa twettqet.

Fl-Aħħar Ċena, aħna għandna wkoll ix-xhieda li Kristu ta kmand u setgħa lill-Appostli tiegħu biex jirrepetu l-għemil ta' l-għaġeb li huwa għamel dak inhar, għaliex qalilhom "agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq. 22, 20).

L-Ewkaristija, veru sagrifiċċju

Id-drawwa li jiġu offruti sagrifiċċji lil Alla nsibuha mhux biss fost il-Lhud ta' qabel Kristu, iżda wkoll fil-popli pagani. Huma kienu jagħtu bħala rigal lil Alla, xi ħaġa li għalihom kienet ta' siwi u prezzjuża u li t-telfa tagħha kienet ser tiswielhom xi tbatija. Il-Bibbja tgħarrafna li Abel kien joffri lill-Mulej "mill-bikri tal-merħla tiegħu u mill-grass tagħhom" (Ġn. 4, 4). Is-Sultan Melkisedek kien joffri ħobż u nbid. Fit-tempju ta' Ġerusalemm kienu jsiru sagrifiċċju ta' ħrief u annimali oħra, li kienu jiġu maqtula jew maħruqa. Is-sagrifiċċju, fis-sens reliġjuż tal-kelma jfisser, l-offerta ta' xi ħaġa, magħmula mill-bniedem lil Alla, xi ħaġa li tiġi meqruda jew mibdula sabiex b'hekk Alla, jiġi magħruf bħala Ħallieq u Sid ta' kollox.

Is-sagrifiċċji tal-Liġi l-Qadima, ma kellhomx valur fihom infushom, iżda Alla kien jaċċettahom bħala att ta' qima lejh, għaliex kien jara fihom xbieha u thabbira tas-sagrifiċċju tal-Ħaruf Divin. L-uniku sagrifiċċju tal-Kalvarju kien il-veru sagrifiċċju li bih inħafru d-dnubiet u l-bnedmin ġew salvati.

L-Iben t'Alla biex isalva l-bnedmin u jikseb il-maħfra ta' dnubiethom, sar bniedem u ġie fid-dinja u offra sagrifiċċju għalihom, li hu s-sagrifiċċju tas-salib. Mhux kuntent li offra darba lilu nnifsu fuq il-Kalvarju, huwa ried iġedded ta' kuljum dan is-sagrifiċċju f'kull rokna tad-dinja sa l-aħħar taż-żminijiet permezz ta' l-Ewkaristija. Lejlet il-mewt tiegħu, fiċ-Ċenaklu biddel il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm tiegħu u ta lid-dixxipli tiegħu l-kmand u s-setgħa li jagħmlu l-istess miraklu.

L-Ewkaristija jew il-Quddiesa hija s-sagrifiċċju tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, li taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid, is-saċerdot joffri fuq l-artal lil Alla bħala tifkira u tiġdid tas-sagrifiċċju tas-Salib. Il-Quddiesa tfakkarna mhux biss fl-Aħħar Ċena ta' Kristu, iżda wkoll fil-misteru tal-Għid tiegħu, il-passjoni, il-mewt u l-qawmien glorjuż mill-mewt. Hija ċelebrazzjoni ferrieħa u rikonoxxenti tal-imħabba li biha ħabbna Kristu.

Barra minn hekk il-Quddiesa hija wkoll sagrifiċċju għaliex fiha jiġi offert Kristu, l-uniku vittma li tista' togħġob lil Alla. Issa Ġesù offra s-sagrifiċċju tiegħu fuq is-salib, darba għal dejjem; il-Quddiesa tirriproduċi dak is-sagrifiċċju uniku, iżda b'mod differenti, ċioè b'mod sagramentali, u mingħajr tixrid ta' demm.

Fiċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristiku Kristu, waqt li jkompli jwettaq matul is-sekli, mingħajr tixrid ta' demm, is-sagrifiċċju mitmum fuq is-salib, bil-ministeru tal-qassisin, joffri lilu nnifsu lill-Missier, permezz ta' l-Ispirtu s-Santu għas-salvazzjoni tad-dinja (Cfr. PAWLU VI, Eucharisticum Mysterium (25 ta' Mejju 1967), n.3c). Fil-Quddiesa nsibu l-erba' noti li hemm fis-sagrifiċċju

tas-Salib. Kemm is-sagrifiċċju tas-Salib kif ukoll dak ta' l-artal huma offerta magħmula lil Alla. Fuq il-Kalvarju, Kristu huwa s-saċerdot li joffri lilu nnifsu lill-Missier Alla; fil-Quddiesa s-saċerdot ewlieni huwa wkoll Kristu, is-saċerdot uman huwa biss ministru sekondarju. Fiż-żewġ sagrifiċċji, fuq is-Salib u fuq l-artal, il-vittma hija l-istess waħda, Kristu. Is-sagrifiċċju tas-salib twettaq bit-tixrid tad-demm u bil-qerda tal-vittma, ċioè ġrat il-mewt reali tal-vittma, l-umanità ta' Sidna Ġesù Kristu. Fuq l-artal Kristu ma jċarċarx demmu u l-anqas jerġa' jmut realment, iżda jġarrab dik li jsejħulha "mewt mistika". Ruħu ma terġax tinfired minn ġismu, iżda skond il-kelmiet li jgħid is-saċerdot fil-konsagrazzjoni hija mfissra s-separazzjoni tal-ġisem mid-demm ta' Kristu. Difatti l-Konsagrazzjoni tal-Ġisem ta' Kristu ma ssirx fl-istess waqt ta' dik tad-Demm tiegħu, iżda separatament minn xulxin: ix-xbihat tal-ħobż u tal-inbid, għad li taħt kull waħda minnhom wara l-konsagrazzjoni jinsab Kristu shiħ, quddiemna jidhru mifrudin minn xulxin.

L-għanijiet li għalihom tiġi ċċelebrata l-Quddiesa huma erba'; dak li nagħtu qima u naduraw lil Alla, li rroddulu ħajr, li npattulu għal dnubietna, li nitolbuh dak li neħtieġu. Il-Quddiesa, mela hija sagrifiċċju latrewtiku, jiġifieri dak li bih naduraw lill-Ħallieq, Sid tagħna; hija sagrifiċċju Ewkaristiku u magħmul bil-ħsieb li rroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li jagħmel magħna. Barra minn hekk, bħas-sagrifiċċju tal-Kalvarju, hija wkoll sagrifiċċju propizjatorju li bih inpattu għal dnubietna (1 Ġw. 2, 2) u sagrifiċċju impetratorju, għaliex huwa għajn ta' grazzji għalina u għad-dinja kollha.

Rigward il-ġid spiritwali li nirċievu mill-Quddiesa, it-teoloġi jqassmuh fi tliet kwalitajiet ta' "frott". Il-frott ġenerali, li jinkiseb f'kull Quddiesa, mill-insara kollha ħajjin u mejtin; il-frott speċjali li jeħduh dawk li għalihom tiġi applikata l-intenzjoni tal-Quddiesa, u l-frott speċjalissimu li huwa dak tas-saċerdot ċelebrant.

Sagrament

L-Ewkaristija hija wkoll Sagrament għaliex fiha hemm rit sagru mwaqqaf minn Kristu biex ifisser u jagħti l-grazzja. Il-materja ta' dan is-Sagrament huma l-ħobż tal-qamħ u l-inbid magħmul mill-għeneb. Il-forma tikkonsisti fil-kelmiet tal-konsagrazzjoni "Dan hu ġismi", "Dan hu l-kalċi ta' demmi". Il-ministru li jidher huwa l-qassis, ċioè nisrani li rċieva s-Sagrament tal-Ordni Sagri, iżda s-Saċerdot ewlieni li ma jidhirx huwa Kristu nnifsu. Fl-Ewkaristija barra mill-ministri ordinati li jamministraw dan is-sagrament, hemm ukoll il-lajċi li jiġu maħtura biex ikunu ministri straordinarji ta' dan is-sagrament.

L-Ewkaristija hija sagrament li bħas-sagramenti l-oħra jagħtu l-grazzja jew ikattru l-grazzja li jkun hemm fina. Iżda huwa wisq iżjed prezzjuż mis-Sagramenti l-oħra għaliex fih nirċievu mhux biss il-grazzja iżda l-awtur innifsu tal-grazzja u l-qdusija. Dan għaliex l-Ewkaristija hija sagrament li fih tabilħaqq realment u b'mod sostanzjali, il-Ġisem u d-Demm u r-Ruh u d-Divinità ta' Sidna Ġesù Kristu.

Ġesù huwa ħaj u preżenti fl-Ewkaristija kif inhu fis-smewwiet. Il-Ġisem glorjuż tiegħu ma jistax ikun mifrud la mid-Demm u lanqas mir-ruh tiegħu u dawn

jibqgħu dejjem magħqudin mal-Persuna Divina tiegħu. Kristu waqqaf is-Sagrament ta' l-Ewkaristija sabiex jibqa' mal-bniedem sa l-aħħar tad-dinja. Huwa ried ukoll li jsir l-ikel tar-ruħ tagħna fit-Tqarbin u li jġedded kontinwament fuq l-artali tagħna, is-sagrifiċċju li offra fuq is-salib.

Tajjeb li nsemmu hawnhekk l-effetti li jħalli fina s-Sagrament tat-tqarbin imqaddes jekk nirċevuh kif imiss. It-tqarbin bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu huwa ikel spiritwali li jgħajjex ir-ruħ bit-tkattir tal-grazzji li jagħtiha "Għax ġismi huwa tabilħaqq ikel - qal Ġesù - u demmi hu tassew xorb" (Ġw. 6,55). Jekk ngħixu bl-Ewkaristija, bil-mod il-mod ninbidlu fi Kristu, hekk li ħajjitna tkun il-ħajja tiegħu: "Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu" (Gal. 2, 20).

L-Ewkaristija tagħtina l-qawwa u l-enerġija sabiex nieqfu lit-tentazzjonijiet u nirbħuhom b'dan il-mod hija għajnuna kbira biex inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnubiet venjali għaliex tqanqal f'ruħna mħabba ikbar lejn Alla u sogħba għal ħtijietna. It-tqarbin huwa bla dubju wieħed mill-għemejjel l-iktar qaddisa, li permezz tagħhom nistgħu nnaqqsu l-piena taż-żmien li rridu npattu għaliha f'din id-dinja jew fil-Purgatorju.

It-tqarbin jgħaqqadna ma' Kristu billi jsaħħaħ fina l-fidi fih u l-imħabba lejh. It-tqarbin, meta jkun magħmul kif imiss, iżomm ħajja fina l-karità lejn il-proxxmu, u b'hekk jibdel il-komunità tagħna, f'komunità ta' l-aħwa.

It-tqarbin huwa wkoll rahan tal-ħajja ta' dejjem, għaliex il-Ġisem ta' Kristu jqaddes mhux biss lir-ruħ,

iżda wkoll lil ġisimna u kif jikkummentaw il-kittieba tal-Knisja, iqiegħed fina ż-żerriegħa tal-immortalità u tal-qawmien glorjuż fl-aħħar jum.

Biex niksbu l-frott li semmejna jeħtieġ li nersqu għat-tqarbin b'ċerti dispożizzjonijiet. San Pawl iwissina "Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi" (1 Kor. 11, 28).

L-ewwelnett meħtieġ li r-ruħ tkun safja minn kull dnub mejjet, ċioè li wieħed ikun fl-istat tal-grazzja t'Alla. Jekk wieħed jitqarben bi dnub mejjet li jaf bih, jagħmel sagrileġġ, li huwa dnub l-iktar ikrah, għaliex bih tiġi mżebilħa ħaġa l-aktar qaddisa, jiġifieri l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.

Hemm ukoll il-liġi tas-sawm ta' qabel it-tqarbin li għandha tiġi osservata minn dawk li ma jkunux morda jew anzjani. Wieħed, għalhekk jeħtieġ li jkun sajjem għal siegħa qabel it-Tqarbin, iżda l-ilma ma jiksirx din is-sawma.

Min jitqarben, għandu jersaq lejn Ġesù Sagramentat, b'fidi ħajja, b'xewqa sinċiera li jikber fl-imħabba lejh, b'imġieba umli kif ukoll bl-ilbies li jixraq kemm għal post sagru fejn inkunu kif ukoll lis-Sagrament li nkunu ser nirċievu. Qabel it-tqarbin għandha ssir tħejjija u wara t-tqarbin għandu jsir ukoll radd ta' ħajr għal ftit taż-żmien. Min jieħu sehem fil-Quddiesa u jitqarben wara li jitqarben is-saċerdot, ikun għamel l-aħjar tħejjija għat-tqarbina tiegħu.

Ta' min iżid ukoll li hemm l-obbligu għall-insara li jitqarbnu darba fis-sena iżda x-xewqa tal-Knisja hija li

wliedha mhux biss iż-żgħar, iżda wkoll il-kbar, jitqarbnu ta' spiss biex ma jibqgħux nieqsa mill-ikel li jżommhom f'saħħithom spiritwalment.

Il-Preżenza Reali ta' Kristu fl-Ewkaristija

Il-preżenza reali hija misteru li huwa 'l fuq mir-raġuni tagħna iżda ma jmurx kontra tagħha. L-għorrief tal-Knisja għamlu ħilithom biex ifissrulna l-qbil u l-armoniji li hemm bejn il-misteru u l-veritajiet li jwassal għalihom il-moħħ tagħna. Il-preżenza reali hija miraklu, iżda dan il-miraklu jisħoqqlu l-fidi tagħna, għaliex Kristu li ħabbru minn qabel, li wettqu fl-aħħar ta' ħajtu fuq l-art u jkompli jtennih sa l-aħħar taż-żminijiet fil-Quddiesa.

Fl-Ewkaristija, taħt ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid hemm verament, realment u sostanzjalment il-Ġisem u d-Demm, u r-Ruħ u d-Divinità tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.

Fir-riflessjoni teoloġika dwar il-misteru mqaddes issir distinzjoni bejn is-sostanza u l-aċċidenti jew ix-xbihat. Is-sostanza tal-ħobż hija dik ir-realtà li minħabba fiha dak l-oġġett jissejjaħ "ħobż"; ma nħossuhiex bis-sensi tagħna iżda nifhmuha bl-intelliġenza. L-istess ngħidu għas-sustanza ta' l-inbid. L-aċċidenti jew xbihat bħal ma huma d-daqs, il-lewn, it-togħma, it-toqol jidhru u jinħassu mis-sensi tal-bniedem, iżda ma humiex is-sustanza.

L-Ewkaristija mhix biss is-sinjal jew simbolu li fih Ġesù jinsab biss virtwalment jew bil-qawwa tiegħu,

iżda Kristu huwa fil-fatt u tabilħaqq preżenti. Mal-konsagrazzjoni dak li jidher ħobż ma jibqax iktar ħobż, u dak li jidher inbid, ma jibqax inbid, iżda jsiru l-ġisem u d-demm ta' Kristu. Dak li jibqa' mill-ħobż u mill-inbid mhux is-sostanza tagħhom iżda biss ix-xbihat jew dehra tagħhom. Mal-konsagrazzjoni flok is-sostanza tal-ħobż u ta' l-inbid, ssir preżenti s-sostanza tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Fl-Ewkaristija taħt ix-xbihat ma jibqgħux jeżistu flimkien is-sustanza tal-ħobż u s-sustanza tal-Ġisem ta' Kristu iżda ssir il-bidla tal-għaġeb għax is-sustanza tal-ħobż tinbidel fil-Ġisem ta' Kristu u s-sustanza tal-inbid tinbidel fid-Demm tiegħu.

Kemm bħala alla u kemm bħala bniedem Kristu huwa realment preżenti fl-Ewkaristija. Jinsab kollu kemm hu taħt kull waħda mill-ispeċi ċioè kemm fl-ostja u kemm fil-kalċi hemm Ġesù li huwa preżenti wkoll f'kull biċċa ta' l-ostja kkonsagrata u f'kull qatra tal-kalċi kkonsagrat. Fl-Ewkaristija hemm Ġesù ħaj li qam minn bejn l-imwiet u għalhekk ma hemmx firda bejn Ġismu, Demmu u ruħu. Min jitqarben bi speċi waħda, p.e. bl-ostja biss jew bl-inbid ikkonsagrat biss, jirċievi lil Ġesù sħiħ. Kemm l-ostja kkonsagrata, kif ukoll l-inbid ikkonsagrat jisthoqqilhom il-qima u l-adorazzjoni tagħna għax fihom hemm Kristu, persuna Divina.

Kif jgħallimna l-Papa Pawlu VI fl-enċiklika Mysterium Fidei (46); "Malli ssehħ it-transustazzjoni, bla dubju li x-xbieha tal-ħobż u x-xbieha ta' l-inbid jieħdu tifsira ġdida u finalità ġdida, għaliex huma ma jibqgħux iktar ħobż u xorb komuni, iżda sinjal ta' xi ħaġa sagra u sinjal ta' ikel spiritwali, iżda huma jieħdu tifsira ġdida u għan ġdid propju minħabba r-raġuni għaliex fihom realtà

ġdida li nistgħu nsejħulha "ontoloġika". Għaliex taħt dawn ix-xbihat, ma hemmx iktar dak li kien hemm qabel, iżda xi ħaġa differenti għal kollox". "Transustanzazzjoni" hija kelma diffiċli, iżda tindika b'mod profond dak li jiġri fil-konsagrazzjoni Ewkaristika. Għalhekk hi kelma flokha u eżatta kif jistqarr Pawlu VI fl-istqarrija tal-fidi: "Kristu ma jistax ikun preżenti b'mod ieħor, f'dan is-Sagrament ħlief billi s-sustanza kollha tal-ħobż tinbidel f'demmu, waqt li jibqgħu bla mibdula l-propjetajiet biss tal-ħobż u ta' l-inbid, li jaqgħu taħt is-sensi tagħna".

Il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu huma preżenti taħt ix-xbihat imqaddsa, mhux biss waqt il-konsagrazzjoni u waqt it-Tqarbin, imma jibqgħu preżenti anke wara l-Quddiesa sakemm jintemmu x-xbihat infushom.

Aħna ma nistgħux nifhmu kif il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-ġisem u d-demm tal-Mulej. Ma nistgħux nifhmu kif Ġesù Kristu li hu Alla, li jinsab kullimkien, jinsab kollu hemm hu taħt ix-xbihat ta' ftit tal-ħobż u kif jinsab fl-istess ħin f'ħafna ostji differenti. Lanqas kif Kristu jinsab kull fejn hemm l-Ewkaristija mingħajr ma jħalli postu, mnejn isaltan glorjuż fis-sema.

Hawnhekk jinsab misteru profond li għandna naċċettaw u nemmnu bil-qawwa kollha, għaliex ġie rivelat lilna u l-Knisja tgħallimulna. Għalhekk fis-Sekwenza tal-Festa tal-Corpus inkantaw:
"Twemmin ġdid lilna l-insara,
li dal-ħobż jinbidel f'Ġisem,
u l-inbid jinbidel f'Demm.
Dak li ma tarax jew tifhem,
it-twemmin isaħħu u jwettqu,
fuq kull ordni tan-natura".

Alla li jista' kollox li mix-xejn ħalaq il-kreaturi, jista' wkoll jibdel sustanza f'sustanza oħra. Kristu għamel dan il-miraklu, meta f'Kana tal-Galilea biddel l-ilma f'inbid.

Din hija d-duttrina kattolika, li Kristu għallimna, li l-Appostli xandru mad-dinja, li l-Knisja tiddefendi bil-qawwa kollha, li l-Konċilji fosthom dak ta' Trentu u l-Vatikan li pproponewha għat-twemmin tagħna.

Wara s-Sagrifiċċju s-Sagrament Imqaddes jinżamm fit-tabernaklu, bħala l-qalb ħajja tal-knejjes tagħna (Pawlu VI, Stqarrija tal-Fidi). L-iskop li għalih jinżammu anke wara l-Quddiesa l-ostji kkonsagrati huwa sabiex bihom jingħata t-tqarbin barra mill-Quddiesa f'każ ta' Vjatku u f'każijiet oħra kif ukoll biex issir l-adorazzjoni.

L-Ewkaristija ċentru tal-ħajja tal-poplu t'Alla

Kull membru tal-Knisja - jgħidilna l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-enċiklika Redemptor Hominis (20) - speċjalment l-isqfijiet u l-qassisin għandhom jieħdu ħsieb u jaraw li dan is-Sagrament ta' l-imħabba jkun fiċ-ċentru tal-ħajja tal-Poplu t'Alla, sabiex permezz tal-manifestazzjoni ta' qima li għandhom jingħatawlu, Kristu jirċievi mħabba bi tpattija għall-imħabba tiegħu u jsir tabilħaqq il-ħajja ta' l-erwieħ tagħna".

Dan huwa l-frott ewlieni li nixtiequ niksbu minn dan il-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, ċioè fl-Ewkaristija, is-sagrament ta' l-imħabba tkun fiċ-ċentru tal-ħajja tal-Poplu t'Alla fi gżiritna.

Kull għamla ta' qima Ewkaristika, jekk titwettaq kif imiss, is-sehem fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, it-tqarbin, l-adorazzjoni ta' l-Ostja Mqaddsa, fit-tul jew

għal ftit ħin, bħal ma hija ż-żjara lil Ġesù Sagramentat, kollox għandu jwassal sabiex nagħrfu dejjem aħjar l-imħabba ta' Kristu lejna u nitħeġġu ħalli nħobbuh dejjem iżjed.

L-Ewkaristija hija Kristu magħna. Jalla ngħożżu dan it-teżor bla tarf u ninġhaqdu miegħu b'rabtiet ta' mħabba li ħadd u xejn ma jista' jħoll. Dan li nixtiequ u nittamaw, għal dan nitolbu kontinwament bl-interċessjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija.

Kristu, mill-artal imqaddes ifawwar qalbkom bl-imħabba tiegħu u bil-paċi tas-sema.

Ċirkulari

1. SANT'ANTNIN TA' PADOVA
(24 - 02 - 1995) 331/95

Wieħed mill-qaddisin l-iktar popolari f'artna u f'ħafna artijiet kattoliċi oħra huwa bla dubju ta' xejn Sant'Antnin ta' Padova. Id-devoti tiegħu, li huma kotrana ħafna, żgur li jifirħu meta jsiru jafu li s-sena jaħbat it-tmien ċentinarju mit-twelid tiegħu u ma jħalluhiex taħarbilhom din l-okkażjoni sabiex juru fil-berah il-qima li għandhom lejh.

Sant'Antnin twieled f'Lisbona fil-Portugall fl-1195. Fil-Magħmudija tawh l-isem ta' Fernando. Kien imqanqal biex jidħol fl-Ordni Franġiskan, wara li sema' bil-mewt tal-patrijiet martri fil-Marokk u mtela' bix-xewqa li jċarċar demmu għal Kristu. Fl-Ordni ġie mogħti l-isem ta' Antonju. Studja t-teoloġija f'Vercelli u wara li ġie ordnat saċerdot, beda l-missjoni tiegħu ta' predikatur ta' l-Evanġelju, li kienet imsieħba wkoll bil-mirakli li huwa wettaq. Wara li xandar il-kelma ta' Alla f'diversi bliet ta' Franza u ta' l-Italja, miet fil-belt ta' Padova fit-13 ta' Ġunju 1231.

Il-Papa Girgor IX kien sejjaħlu "Arka tat-testment u teżor ta' l-Iskrittura". Ġie dikjarat qaddis ħdax-il xahar biss wara mewtu. Il-Papa Piju XII fl-1946 ipproklamah duttur tal-Knisja.

Ġie mwaqqaf Kumitat apposta biex jieħu ħsieb iċ-ċelebrazzjonijiet ta' dan iċ-ċentinarju Antonjan. F'Għawdex, bħala parti minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, għandha ringħab ir-relikwija ta' dan il-Qaddis. Se ssir ukoll konċelebrazzjoni nhar il-Ħadd, 5 ta' Marzu fit-3.30 p.m. fi pjazza San Franġisk, Vittorja. Il-Kleru u l-poplu nisrani ta' gżiritna huma mistiedna biex jieħdu sehem. F'din l-okkażjoni, ċioè nhar il-Ħadd, 5 ta' Marzu filgħaxija, fil-knejjes tagħna ma jkunx hemm funzjonijiet reliġjużi qabel il-4.45 p.m.

2. IL-PJAN KWINKWENNALI
(20 - 03 - 1995) 332/95

Wara konsultazzjoni mal-Kunsill Presbiterali u mal-Kunsill Pastorali, qiegħed napprova l-Pjan Kwinkwennali li għandu jservi bħala gwida għall-ħidmiet pastorali tad-djoċesi għawdxija fis-snin 1995-2000.

Il-Pjan qiegħed jiġi stampat fi ktejjeb li jġib l-isem Fil-Knisja u mal-Knisja lejn it-Tielet Millenju. Dan jindika li l-pjan hu maħsub sabiex jgħin fit-thejjija li d-djoċesi għandha tagħmel għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir tas-sena elfejn, kif talab il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Eżortazzjoni Apostolika Tertio Millennio Adveniente.

Għan ieħor importanti li għandu dan il-Pjan Pastorali huwa dak li juri l-passi li għandhom jittieħdu sabiex is-Sinodu Djoċesan li ġie ppromulgat fl-1993 ma jintesiex iżda jiġi mwettaq gradwalment.

Huwa ovvju li s-suċċess tal-Pjan Pastorali jiddependi mill-impenn u l-kooperazzjoni tal-membri kollha tal-Komunità Kattolika fid-djoċesi tagħna, u mhux biss saċerdoti u reliġjużi, iżda wkoll lajċi li jridu jgħixu kif imiss is-sejħa tagħhom nisranija.

Il-Pjan ħa ħafna żmien biex jiġi ppreparat; u fost ix-xogħol ta' thejjija kien hemm ukoll kwestjonarju li mbagħad mit-tweġibiet tiegħu ġie meħud ħafna mill-materjal li jidher f'dan il-Pjan.

Bil-għajnuna tal-Mulej Alla u bl-interċessjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija, ejjew immiddu jdejna għal dil-ħidma pastorali li l-Knisja tistenna minna.

3. IL-ĦAMES KUNGRESS PASTORALI DJOĊESAN
(19 - 04 - 1995) 333/95

Peress li l-Kungress Pastorali Djoċesan isir kull ħames snin u l-aħħar wieħed kien sar fl-1990, is-sena jmiss li jinżamm dan il-Kungress u jkun il-Ħames Wieħed.

Wara konsultazzjoni mal-Kunsill Presbiterali u mal-Kunsill Pastorali Djoċesan ġie deċiż li l-Ħames Kungress Pastorali jkollu bħala tema ġenerali tiegħu "Liema progress? Liema żvilupp?"

Dan ifisser li l-parteċipanti tal-Kungress iridu jieħdu f'konsiderazzjoni diversi aspetti tal-progress

modern u jissuġġerixxu x'għandu jsir sabiex dan ma jitbiegħedx mill-valuri nsara u mill-esiġenzi tad-dinjità tal-persuna tal-bniedem.

Il-Kungress li jdum tlitt ijiem ser jinżamm fiċ-Ċentru ta' l-Azzjoni Kattolika, fil-Belt Victoria; jibda nhar l-Erbgħa, 10 ta' Mejju, filgħaxija u jagħlaq nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju. Barra mill-Kappillani u s-saċerdoti l-oħra, huma mistiedna wkoll għal dan il-Kungress, rappreżentanza minn kull dar tar-Reliġjużi rġiel u nisa, il-membri tal-Kummissjonijiet Djoċesani, il-membri tal-Kunsill Parrokkjali, Diriġenti ta' l-Għaqdiet Kattoliċi, u lajċi oħra li huma mpenjati f'xi ħidmiet pastorali. Però kull min jixtieq jieħu sehem, jeħtieġ li jipprenota fuq formula apposta sa nhar l-Erbgħa, 3 ta' Mejju. Wieħed jista' jikseb din il-formula mill-Uffiċċju tal-Kungress fil-Kurja jew mingħand il-Kappillan.

Sabiex il-Ħames Kungress Pastorali Djoċesan jagħti l-frott spiritwali li nittamaw minnu, huwa rrikmandat li l-insara kollha tad-djoċesi Għawdxija jieħdu interess fih, u jitolbu 'l Alla sabiex imexxi u jseddaq il-ħidmiet tiegħu.

B'dan l-istess skop, mil-lum sa ma jintemm il-Kungress, fil-parroċċi għandha tingħad qabel il-Barka Sagramentali, it-talba għall-Kungress li qegħda tintbagħat ma' din iċ-Ċirkulari.

Ninqeda wkoll b'din l-okkażjoni biex infakkarkom fil-qima lejn Sidtna Marija li ssir b'mod speċjali fix-xahar ta' Mejju. Bħal ma sar fis-snin l-imgħoddija, huwa mixtieq li fil-knejjes u fid-djar tal-Kattoliċi jiġi reċitat

kif jixraq ir-Rużarju u jsir ukoll talb ieħor bl-interċessjoni tal-Verġni Marija.

4. TMIEM IT-TIENI GWERRA DINJIJA

(30 - 04 - 1995) 334/95

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju, ikunu għaddew hamsin sena minn mindu ntemmet fl-Ewropa t-Tieni Gwerra Dinjija, u ħafna pajjiżi sejrin ifakkru dan l-anniversarju.

F'din l-okkażjoni ser ikun hemm Konċelebrazzjoni fil-Katidral nhar is-Sibt, 6 ta' Mejju fis-7.00 ta' filgħaxija, sabiex għal darba oħra nroddu ħajr lil Alla talli heles mill-Ewropa minn dak il-flaġell tal-gwerra dinjija.

F'dawn il-ġranet kulħadd huwa mistieden sabiex jagħmel talb iktar ħerqan għall-paċi, għaliex huwa fatt magħruf li wara daqshekk żmien li ilha li ntemmet il-gwerra dinjija, il-paċi għadha mhix issaltan bla tfixkil fil-kontinent Ewropew.

Bħala turija esterna tat-tifkira li qiegħda tiġi ċċelebrata, nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 1995, għandhom jinxteħlu l-frontispizji tal-knejjes minn x'ħin jidlam sal-ħdax p.m. u fl-9.40 p.m għandha tindaqq bil-qniepen, mota ta' għaxar minuti.

5. IR-RIVISTA L-ĦAJJA F'GĦAWDEX
(10 - 06 - 1995) 335/95

Ħamsin sena ilu, beda jiġi ppubblikat fil-gżira tagħna, il-ġurnal Għawdex. Ġrajja bħal din mhix nieqsa minn ċertu valur fl-istorja tad-Djoċesi tagħna u għalhekk ma jixraqx li l-ħamsin anniversarju tagħna jibqa' għaddej

Fil-messaġġ li l-Isqof Ġużeppi Pace kien bagħat f'dik iċ-ċirkustanza, irrikmanda lill-Għawdxin biex jieħdu interess fil-ġurnal ta' gżirithom. Fil-bidu tal-messaġġ iddeskriva l-ġurnal Għawdex bħala "perjodiku li fih il-ħajja reliġjuża ssib l-espressjoni tagħha, u fejn bl-għajnuna ta' bejn xulxin tkun tista' aħjar tiżviluppa ruħha u tikber".

Wara din il-medda ta' snin, inbidel l-isem u l-format ta' din il-pubblikazzjoni, inbidlu ħafna affarijiet iżda għadu l-istess l-għan ewlieni ta' din ir-rivista, ċioè li tkun ta' għajnuna biex tissaħħaħ il-ħajja nisranija. Barra minn hekk anke għal perjodiku bħal dan jgħoddu l-kelmiet ta' l-Istruzzjoni Pastorali Communione et Progressio tat-23 ta' Mejju 1971: "L-istampa kattolika għandha tkun bħal mera li tirrifletti dak li hemm fid-dinja u fl-istess ħin bħal dawl li jdawwal lill-bnedmin. Tista' tkun ukoll ċentru li fih isir bdil sinċier ta' l-opinjonijiet" (n.138).

Nittama għalhekk li kif fl-imgħoddi, hekk ukoll għal li ġej il-qarrejja u l-benefatturi l-oħra jkomplu jsostnu r-rivista Il-Ħajja f'Għawdex bit-talb u b'kull għajnuna oħra.

6. IŻ-ŻJARA PASTORALI FL-AWSTRALJA
(12 - 10 - 1995) 337/95

Bil-għajnuna t'Alla, minn hawn u ftit jiem oħra, nibda t-tieni vjaġġ tiegħi lejn l-Awstralja fejn għandi nżur il-bliet ta' Sydney u Melbourne.

Din iż-żjara tiegħi fl-Awstralja għandha skop pastorali, jiġifieri li nkun naf aħjar il-ħtiġijiet spiritwali ta' ħutna l-emigranti, id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom u jekk hux possibli li nkun ta' għajnuna għalihom.

Nittama li fil-funzjonijiet reliġjużi li għandi nagħmel f'dawn iż-żewġt ibliet kif ukoll f'okkażjonijiet oħra, jiena jkolli l-opportunità niltaqa' ma' kotra ta' nies li minn pajjiżna emigraw lejn dak il-kontinent. Huwa dmir tiegħi li nwasslilhom messaġġ li jsaħħaħ il-fidi u d-drawwiet insara tagħhom.

Il-preżenza tiegħi fosthom hija wkoll sinjal li l-knisja lokali għadha ma nsiethomx u li tgħożż ħafna r-rabtiet li għandhom ma' art twelidhom u ma' qrabathom li għadhom igħixu hawnhekk.

Fil-ħsieb tiegħi hemm ukoll in-numru sabiħ ta' saċerdoti, reliġjużi rġiel u nisa, u membri tal-MUSEUM li fl-Awstralja qegħdin iwettqu xi attivitaċ pastorali ta' għamla jew oħra u nixtieq inroddilhom ħajr għal ħidmiethom.

Filwaqt li nirrikmanda ruħi għat-talb tagħkom sabiex jintlaħaq l-iskop pastorali taż-żjara tiegħi fl-Awstralja, nitlob fuqkom il-Barka t'Alla.

7. KIF NGĦADDU L-MILIED U L-EWWEL TAS-SENA
(8 - 12 - 1995) 338/95

Ftit ġranet oħra u tkun waslet il-festa tal-Milied, imbagħad ftit ieħor u din is-sena tkun tgerbet bħal dawk ta' qabilha. F'dan iż-żmien ħafna nies qegħdin iħabbtu moħħhom kif ser iqattgħu l-Milied u l-Ewwel tas-Sena, fejn ser imorru biex jiċċelebrawhom, il-parties li ser jieħdu sehem fihom u r-rigali li ser jagħtu jew ser jirċievu. Fi ftit kliem, bħal donnhom jinsew id-dmirijiet iktar importanti biex jehdew f'attività ċelebrattiva u rikreattiva li tgħaddi u ttir bħal ħaba. Dan ifisser li forsi l-perjodu tal-Milied huwa dak li fih, iktar minn żminijiet oħra tas-sena, tinħass u tidher l-aljenazzjoni ta' ħafna minna.

Il-kelma "aljenazzjoni" għandha iktar minn tifsira waħda iżda f'dan il-kuntest nifhmu biha l-fatt li bħala konsegwenza ta' ċerti żviluppi moderni bħalma hija l-industrijalizzazzjoni, il-bniedem sar qisu parti mill-ingranaġġ ta' magna kbira u mitluf quddiem dinja li hija barranija u anke ostili għalih. F'sitwazzjoni bħal din il-bniedem ma jibqax jagħti każ ta' dak li huwa l-iktar essenzjali għalih bħalma hija d-dinjità tal-persuna u d-destin etern tiegħu iżda jaħli żmienu u l-enerġija fi ħwejjeġ materjali u fir-rutina ta' kuljum.

Mhux biss bħala bniedem, iżda wkoll bħala nisrani, l-individwu jista' jsib ruħu fi stat ta' aljenazzjoni. In-nisrani ma jistax ikun tali jekk ma jimxix wara Kristu u jipprova jsir jixbah lil Kristu. Għalhekk ikun qed isir aljenat in-nisrani li jitlef bil-mod il-mod il-valuri tal-Vanġelu, bħalma huma l-ġenerożità, il-mogħdrija lejn

l-oħrajn, il-maħfra u s-sabar, eċċ, u minflokhom iħaddan il-valuri pagani bħalma huma l-egoiżmu u t-tpaxxija bla rażan. F'din is-sitwazzjoni, in-nisrani ma jibqax id-dixxiplu ta' Kristu iżda forsi, bla jaf, ikun qed jiġi mkaxkar mill-kurrent tal-ħażen.

L-aljenazjoni tista' tinstab ukoll f'dawk li minn għalihom huma kattoliċi u mhux ta' l-isem biss. Il-kattoliku huwa nisrani, li jemmen fil-Knisja li waqqaf Kristu, iwettaq dmirijietu bħala membru tagħha, jemmen dak li tgħallmu l-Knisja Kattolika u jħalli t-tagħlim tagħha jdawwallu l-kuxjenza tiegħu biex ikun jista' jieħu deċiżjonijiet għaqlin. Din hija l-identità tal-kattoliku; minn dan ikun jista' jingħaraf mill-bnedmin l-oħra li jsejħu lilhom infushom insara iżda mhux kattoliċi. Kif ħeġġiġna l-Konċilju Vatikan II huwa dmir tagħna li nieħdu sehem fil-proċess ekumeniku u li nippruvaw nifhmu dejjem aħjar il-pożizzjoni ta' l-insara l-oħra, iżda jibqagħlna wkoll id-dmir li nħarsu l-identità tagħna ta' kattoliċi. Jekk nitilfu din l-identità, dan ma jkun ta' ebda vantaġġ għall-ekumeniżmu u jista' jisfa ta' ħsara spiritwali għalina.

Iż-żmien tal-Milied huwa fuq kollox żmien ta' riflessjoni u ta' meditazzjoni. Jixraq għalhekk li nirriflettu biex naraw jekk aħniex ħielsa mill-aljenazzjoni u biex nagħrfu aħjar x'jistennew minna Sidna Ġesù Kristu u l-Knisja tiegħu.

Ninqeda b'din l-okkażjoni sabiex inrodd ħajr lil dawk kollha li bit-talb u b'kull mezz ieħor taw is-sehem tagħhom sabiex iż-żjara tiegħi fl-Awstralja tkun tista' tħalli xi frott spiritwali.

8. IL-VIŻTA PASTORALI
(5 - 02 - 1996) 339/96

Il-kanoni 396 paragrafu 1 tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika jsemmi l-Viżta Pastorali u jgħid li "l-Isqof għandu d-dmir li għall-inqas kull ħames snin iżur id-djoċesi tiegħu kollha kemm hi". B'ħekk huwa jagħraf dejjem aħjar il-merħla afdata f'idejh u l-ħtiġijiet spiritwali tagħha. F'din l-attività wkoll, l-Isqof ikun jimxi fuq ix-xempju tar-Raġħaj it-Tajjeb, Sidna Ġesù Kristu, li qal: "Jien nagħraf in-ngħaġ tiegħi u n-ngħaġ tiegħi jagħrfu lili" (Ġw. 10, 14).

Il-Viżta Pastorali hija drawwa antika fil-Knisja, iżda għadha valida għal żminijietna, meta tkun aġġornata skond il-ħtiġijiet pastorali tal-Poplu t'Alla ta' llum.

Iċ-Ċerimonji ta' l-Isqfijiet ippubblikat fl-14 ta' Settembru 1984, fil-paragrafu 1178 isemmi l-għanijiet li għalihom issir il-Viżta Pastorali, ċioè "sabiex l-Isqof ikun jista' jagħraf, jippromovi, iħeġġeġ u jikkordina l-appostolat tas-saċerdoti u tal-lajċi flimkien ma' l-opri tal-karità kif ukoll biex jippresiedi xi ċelebrazzjonijiet liturġiċi".

Ngħarraf għalhekk, li għandi l-ħsieb li, bil-għajnuna ta' Alla, fl-Ewwel Ħadd tar-Randan, 25 ta' Frar 1996, niftaħ is-Sitt Viżta Pastorali li tibda fil-Knisja Katidrali u wara tissokta fil-parroċċi u fil-knejjes l-oħra ta' Għawdex.

Din hija l-ewwel Viżta Pastorali li sejra tinżamm minn mindu ġie approvat u ppromulgat it-Tieni Sinodu

Djoċesan li jittratta dwar din il-ħidma pastorali fid-digriet numru 20. Huwa xieraq għalhekk li l-Viżta titmexxa u titwettaq kemm skond il-Kodiċi tal-Liġi Kanonika kif ukoll skond in-normi sinodali.

Il-Viżta Pastorali tieħu wkoll f'konsiderazzjoni l-Pjan Kwinkwennali 1995-2000 peress li matulha trid issir il-verifika tat-twettiq ta' dan il-pjan (12.2).

Meta nkun inżur il-parroċċi nispera li jkolli okkażjoni tajba sabiex immur fil-postijiet fejn isir it-tagħlim reliġjuż liż-żgħar u lill-kbar, kif ukoll li niltaqa' mal-membri tal-Presbyterium Parrokkjali, tal-Kunsill Parrokkjali u tal-kumitati tal-ħidmiet pastorali.

Nittama li matul il-Viżta Pastorali tgħinuni bit-talb li tagħmlu għas-suċċess ta' din l-attività, kif ukoll bil-koperazzjoni leali tagħkom.

Direttivi oħra li għandhom x'jaqsmu mal-Viżta Pastorali jingħataw aktar 'il quddiem.

9. MEJJU X-XAHAR TAL-VERĠNI MBIERKA
(27 - 04 - 1996) 340/96

Hija drawwa għażiża f'pajjiżna u f'ħafna pajjiżi kattoliċi li matul ix-xahar ta' Mejju, li huwa x-xahar tal-fjuri, nagħtu qima speċjali lill-Imqaddsa Verġni Marija billi ta' kuljum, matul dan ix-xahar, fid-djar,

fil-knejjes, fl-iskejjel u f'postijiet oħra, inżejnu x-xbieha tagħha u noffru b'ġieħ tagħha xi talbiet anke qosra, u nagħmlu opri tajba oħra. Iktar minn darba, fl-imgħoddi, qrib ix-xahar ta' Mejju, permezz ta' xi ċirkulari jew messaġġi oħra, jiena ħeġġiġt lill-insara tad-djoċesi tagħna sabiex dan iż-żmien ikun għalihom żmien ta' grazzja, li fih huma jissaħħu fil-qima awtentika lejn l-Omm t'Alla u tagħna lkoll. Għal din ir-raġuni ma naħsibx li f'din iċ-ċirkulari għandi nikteb fit-tul biex nispjega għaliex hija siewja l-qima marjana ta' Mejju u kif għandha titwettaq.

Dwar din id-drawwa, is-Sinodu Djoċesan, fid-digriet nru.116e, jgħidilna: "F'kull parroċċa għandhom jitmexxew 'il quddiem id-devozzjonijiet konnessi max-xhur ta' Mejju u Ottubru.

Il-ħajja ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, minħabba l-missjoni li ġiet afdata lilha minn Alla, hija marbuta mill-qrib mal-misteru ta' Kristu u tal-Knisja. Hija l-iktar waħda perfetta fost id-dixxipli tal-Mulej u li għarfet timita bl-aħjar mod il-virtujiet ta' Kristu Binha.

Hija iktar qaddisa mill-Anġli u s-Serafini tas-sema. Hija Omm il-Knisja, Omm kollha ħniena li ma tinsa qatt lil uliedha. Għalhekk, aħna li ngħixu f'dan il-wied tad-dmugħ, nersqu lejha b'tama qawwija u nafdaw taħt il-protezzjoni tagħha lilna nfusna, il-familja tagħna, it-tfal, iż-żgħażagħ u x-xjuħ tagħna. Hija triq żgura li twassalna għand Kristu Binha. Lilna lkoll tagħti l-messaġġ tagħha: "Agħmlu dak kollu li jgħidilkom Hu" (Ġw. 2,5).

Marija tatna lil Binha Ġesù biex ikun ħuna u Feddej tagħna. Flimkien miegħu, Marija twasslilna wkoll l-għajnuniet li huma meħtieġa biex ngħixu bħala wlied Alla, l-għajnuniet u l-grazzji li Kristu kiseb għalina bit-tixrid ta' demmu l-għażiż.

Bħala intenzjoni partikulari għat-talb li jsir matul ix-xahar ta' Mejju, speċjalment ir-reċita tar-Rużarju Mqaddes, nirrikmanda fuq kollox li nitolbu għaż-żgħażagħ, biex ma jarmux il-valuri nsara u biex il-Mulej iħarishom mill-perikli tad-droga, ta' l-AIDS u ta' dak kollu li jhedded is-saħħa tagħhom tal-ġisem u tar-ruħ.

Bit-tama li l-Imqaddsa Verġni Marija tħariskom dejjem taħt il-mant matern tagħha, nitlob fuqkom il-barka tal-Mulej Alla li jista' kollox.

10. IS-SAGRAMENT TAL-QRAR

(8 - 05 - 1996) 341/96

F'dawn il-ġranet ħafna tfal żgħar jersqu għall-ewwel darba għas-Sagrament tal-Qrar bi thejjija għall-Ewwel Tqarbina tagħhom. Huwa importanti ħafna li t-tfal kollha, subien u bniet, ikollhom it-tagħlim meħtieġ u l-għajnuna kollha sabiex jieħdu kif imiss dawn is-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija. Għandna nkunu rikonoxxenti lejn l-għalliema u l-katekisti li jgħallmu lit-tfal u jgħinuhom mhux ftit biex jiffurmaw il-kuxjenza tagħhom u jersqu bla biża' lejn Kristu fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Huwa xieraq ukoll li t-tfal jidraw jersqu regolarment għas-Sagrament tal-Qrar u tat-Tqarbin, anke fix-xhur tas-Sajf meta ma jkunux jistgħu jqerru u jitqarbnu fl-iskola bħax-xhur l-oħra tas-sena.

Niehu din l-okkażjoni biex inwettaq id-dmir tiegħi li nwissi lil dawk kollha, kbar u żgħar, li jersqu jitqarbnu bla ma jiflu sewwa l-kuxjenza tagħhom biex jaraw jekk għandhomx xi dnub gravi. F'dan il-każ huma obbligati jirrikonċiljaw ruħhom ma' Alla qabel ma jieħdu l-Ewkaristija. Dawn għandhom jiftakru fil-kelmiet ta' l-Appostlu Missierna: "Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi. Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-Ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess" (1 Kor. 11, 28s). Ħaqqhom twiddiba wkoll dawk li jqerru b'mod superfiċjali ħafna, bi drawwa jew għal għajnejn ħaddieħor, u mingħajr ma jwettqu dawk il-kundizzjonijiet meħtieġa biex il-qrara tagħti l-frott tagħha.

Is-Sagrament tal-Qrar huwa magħmul mit-tliet għemejjel tal-penitent, flimkien ma' l-assoluzzjoni tas-saċerdot. "L-għemejjel tal-penitent huma s-sogħba, il-qrara jew l-istqarrija tad-dnubiet lis-saċerdot, u l-fehma li jpatti għad-dnubiet b'għemil ta' tpattija" (Katekiżmu tal-Knisja Kattolika n.1491).

Kull dnub mejjet huwa offiża gravi magħmula lil Alla u jiftaħ ferita fil-Ġisem Mistiku ta' Kristu, li hija l-Knisja. Biex jinħafer hija meħtieġa, fost ħwejjeġ oħra, l-indiema jew sogħba minħabba l-kruha tad-dnub u l-konsegwenzi tiegħu.

Min iqerr jeħtieġ li jkollu għall-inqas is-sogħba għal dnubietu, imqanqla mill-kruha tad-dnub jew mill-biża' tat-telfien ta' dejjem u mill-kastigi l-oħra li jistħoqqulu għaliex dineb. Din l-indiema, ħekk imsejħa "mhux perfetta", hija biżżejjed biex il-midneb jaqla' l-maħfra ta' dnubietu fil-qrar. Ikun wisq aħjar li huwa jkollu l-"indiema perfetta", li tikkonsisti f'sogħba mqanqla mill-imħabba għal Alla, maħbub fuq kollox u qabel kollox. Biex l-indiema tkun tabilħaqq sinċiera jeħtieġ li tkun imsieħba minn proponiment sod, jiġifieri deċiżjoni li jieħu l-penitent li jaħrab lid-dnubiet u l-okkażjoni tad-dnub.

Wara li jkun ħejja ruħu sewwa permezz ta' l-eżami tal-kuxjenza, ta' l-indiema u tal-proponiment li ma jerġax jidneb, in-nisrani jersaq f'riġlejn il-konfessur u, bl-umiltà kollha u mingħajr ħabi jew qerq fil-kliem, jagħmel l-istqarrija tad-dnubiet li jkun għamel mill-aħħar qrara tajba tiegħu. Kif jgħallimna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, "Il-penitenti, fil-qrar, għandhom isemmu d-dnubiet kollha mejta li jafu li għamlu wara stħarriġ serju li jagħmlu tagħhom infushom, ukoll jekk id-dnubiet ma huma bl-ebda mod magħrufin minn ħadd" (n.1456). Għandhom isemmu wkoll iċ-ċirkustanzi li jistgħu jiggravaw id-dnub, kif ukoll sa fejn hu possibbli, l-għadd tad-dnubiet mejta.

Wara li jisma' l-qrara, il-konfessur, jekk jiġġudika li l-penitent huwa dispost, jagħtih l-assoluzzjoni u jgħaddi wkoll biex jindikalu t-tewba li l-penitent għandu jagħmel fis kemm jista' jkun.

Bis-Sagrament tal-Qrar magħmul kif imiss, il-penitent jerġa' jagħmel ħbieb mhux biss ma' Alla iżda

wkoll mal-Knisja, il-Ġisem Mistiku ta' Kristu. Bir-raġun, għalhekk, nirrikmanda b'qalbi kollha lill-insara sabiex il-qrar tagħhom ikun ta' spiss u magħmul bl-akbar qima.

11. SULTANA TAL-FAMILJA
(27 - 05 - 1996) 342/96

Fil-31 ta' Diċembru 1995, festa tas-Sagra Familja, il-Kardinal Javierre, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kult Divin tas-Sagramenti, bagħat ittra lill-Presidenti tal-Konferenzi Episkopali li biha għarrafhom bid-deċiżjoni tal-Papa li fil-Litanija tal-Madonna tidħol l-invokazzjoni "Sultana tal-Familja".

B'dan il-pass ġiet milqugħa x-xewqa ta' ħafna isqfijiet u movimenti kattoliċi li fil-Litanija tissemma wkoll il-familja.

Difatti, il-Madonna fid-dar ta' Nazaret, kellha esperjenza ta' omm tal-familja, u hija xempju mill-isbaħ ta' edukattriċi u għalliema. Barra minn hekk, il-familji kattoliċi għandhom fiduċja kbira fl-interċessjoni ta' l-Imqaddsa Omm Alla.

Nittama għalhekk li ż-żieda fil-Litanija ta' Loretu tiġi milqugħa bil-ferħ; u fir-reċita tar-Rużarju, speċjalment dik li ssir fil-knejjes, tingħad l-invokazzjoni "Sultana tal-Familja" wara "Sultana tar-Rużarju Mqaddes" u qabel "Sultana tal-Paċi".

12. IL-ĠURNATA TAS-SANTIFIKAZZJONI TAS-SAĊERDOT
(8 - 06 - 1996) 343/96

Skond ix-xewqa tal-Qdusija Tiegħu l-Papa, kif imfissra fl-ittra tal-Konsagrazzjoni tal-Kleru tal-15 t'April 1996, fil-festa liturġika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù għandha tinżamm il-Ġurnata tas-Santifikazzjoni tas-Saċerdoti. Din il-ġurnata, sa minn ħafna snin, tiġi ċċelebrata fid-djoċesi tagħna u f'postijiet oħra tad-dinja billi jsir talb speċjali għall-Kleru, u bis-sehem li jieħdu l-qassisin fl-Ora Santa li ssir għalihom.

Nixtieq ninqeda b'okkażjoni bħal din biex nerġa' nħeġġeġ lill-insara tad-djoċesi tagħna ħalli ma jehdewx jitolbu ta' kuljum għall-Kleru tagħhom. Huma għandhom jaħdmu id f'id magħhom biex tissaħħaħ is-Saltna t'Alla f'pajjiżna. Biex iseħħ dan hu meħtieġ qabel xejn li nkunu nafu min hu s-saċerdot, x'inhu r-rwol tiegħu fil-Knisja, biex imbagħad inkunu kapaċi napprezzaw iktar il-ħidma spiritwali u apostoliku tiegħu.

Il-missjoni tas-saċerdot kattoliku għandha żewġ dimensjonijiet: waħda fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla, u l-oħra fir-relazzjoni tiegħu mal-bnedmin. Is-saċerdot hu l-bniedem t'Alla għaliex magħżul u msejjaħ minn Alla, jaqdih u joffrilu t-talb u s-sagrifiċċju. Bħala bniedem huwa jsir membru tal-Knisja bil-Magħmudija, xhieda ta' Kristu fil-Konfermazzjoni u ministru ta' Kristu fis-sagrament ta' l-Ordni Sagri. Kif naqraw fl-Ittra lil-Lhud, is-saċerdot, "meħud minn fost il-bnedmin, hu mqiegħed għall-bnedmin f'dak li jmiss lil Alla, biex joffri għotjiet u sagrifiċċji għad-dnubiet" (Lhud 5,1).

Is-saċerdot għandu l-missjoni li jiddedika ħajtu għall-fidwa tal-bnedmin. Dan il-mandat jew ordni huwa miġbur fil-kliem li Kristu qal lill-Appostli: "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu" (Mt. 28,19).

Kbira hija d-dinjità u s-setgħa tas-saċerdoti, għal min iħares lejhom bl-għajnejn tal-Fidi Nisranija. Bis-setgħa mogħtija lilu, is-saċerdot jippresiedi l-laqgħat liturġiċi, iservi l-artal u joffri s-Sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida, imexxi l-bnedmin għall-ħajja ta' dejjem bit-tagħlim rivelat minn Alla li huwa jxandar, iqaddes l-erwieħ bis-sagramenti, fuq kollox, billi jaħfrilhom dnubiethom fil-Qrar u jagħtihom lil Ġesù Ewkaristija.

Jixraq li l-insara jagħrfu dejjem aħjar id-dmirijiet li għandhom lejn is-saċerdoti tagħhom u li jwettquhom bil-qalb.

13. L-EWWEL SENA BIT-THEJJIJA GĦAL ĠUBLEW IL-KBIR

(25 - 11 - 1996) 348/96

Nhar il-Ħadd, l-Ewwel ta' Diċembru u l-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent tibda s-Sena Liturġika kif ukoll il-preparazzjoni għall-festa qaddisa tal-Milied.

Ma' l-Avvent, nistgħu ngħidu li jibda t-Triennju, perjodu ta' tliet snin li jiġi mmedjatament qabel il-Ġublew il-Kbir, imniedi mill-Missier tagħna l-Papa Ġwanni Pawlu II għas-sena elfejn.

Dan huwa żmien ta' grazzja u ta' barka, kif ukoll okkażjoni prezzjuża sabiex kull nisrani jirrevedi l-ħajja tiegħu u jindirizzaha lejn Alla bi spirtu ta' fidi fi Kristu, il-Mulej ta' l-istorja, l-Iben t'Alla li sar bniedem bħalna u fdiena mid-dnub, billi miet għalina u qam minn bejn l-imwiet.

Skond ix-xewqa tal-Papa matul is-sena 1997 għandna nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq Kristu. Jekk isseħħ il-laqgħa personali tagħna ma' Kristu, ċioè jekk naċċettawh bil-fidi, u nagħtu widen għat-tagħlim u s-sejħat tiegħu, inkunu sibna t-triq ewlenija tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla, triq li hija miftuħa quddiem kull wieħed u waħda minna. Kif naqraw fl-Evanġelju ta' San Ġwann (10, 7-9) Ġesù huwa l-bieb tas-salvazzjoni u min ma jgħaddix minnu hu ħalliel u qattiel.

Nixtieq ninqeda b'din iċ-ċirkulari, sabiex nistedinkom, ħalli tagħmlu kull ma tistgħu sabiex titħejjew spiritwalment għall-Festa għażiża tal-Milied. Xi whud ħsiebhom biss fl-aspett materjali ta' din l-okkażjoni, iżda aħna bħala nsara, li nemmnu fil-misteri ta' Kristu, nagħtu importanza kbira lill-aspett spiritwali ta' din il-ġrajja.

Il-Milied fil-qlub taż-żgħar u tal-kbar, li jkunu mhejjija għalih spiritwalment, inissel is-serenità u l-hena ta' min jittama f'Alla, u dan naħseb li huwa l-isbaħ awgurju li nista' nagħmlilkom għall-festi tal-Milied.

14. **DUN PAWL MICALLEF**
(18 - 01 - 1997) 49/97

Nhar l-24 ta' Jannar ikunu għaddew mitt sena mit-twelid ta' Dun Pawl Micallef, saċerdot Għawdxi, li ddedika l-aħjar parti ta' ħajtu għall-edukazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ skond l-Ispirtu ta' San Ġwann Bosco li tiegħu kien devot kbir.

Sa mill-1934 huwa kera dar fir-Rabat fejn kienu jinġabru xi tfal u xi żgħażagħ għat-tagħlim tad-duttrina u għar-rikreazzjoni onesta bħal ma huma r-reċita tal-palk, li f'idejn Dun Pawl kienu wkoll mezz ta' formazzjoni nisranija. Kien minn ta' l-ewwel fil-gżira Għawdxija li għaraf is-siwi ta' l-awdjoviżi u kien jinqeda ta' sikwit bihom għall-katekesi.

Meta kiber il-għadd ta' tfal ta' l-Oratorju, Dun Pawl għadda għal dar oħra ftit ikbar, iżda dejjem kellu f'qalbu xewqa kbira, dik li jinbena oratorju ġdid. Il-bini ta' l-oratorju l-ġdid ġie inawgurat fit-8 t'Ottubru 1949 u bl-appoġġ ta' l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace u bil-għajnuna tal-benefatturi, minkejja d-diffikultajiet kollha, dan il-bini ġie mwassal għat-tmiem. Sadanittant, f'din l-inizjattiva, ma' Dun Pawl issieħeb ukoll Dun Alwiġ Mizzi, Sależjan Għawdxi.

Dun Pawl miet fis-sena 1956 iżda l-ideal li għalih għex u ħabrek għadu validu u forsi s-soċjetà tagħna qatt ma ħasset b'mod hekk drammatiku l-ħtieġa tiegħu. L-edukazzjoni reliġjuża, morali u soċjali tal-ġenerazzjoni żagħżugħa tista' tkun is-soluzzjoni waħdanija ta' ħafna mill-problemi akuti tagħna bħal ma huma d-drogi, il-kriminalità taż-żgħażagħ u abbużi oħra.

It-tifkira taċ-ċentinarju mit-twelid ta' Dun Pawl Micallef jixraq li tiġi ċċelebrata mill-aħjar mhux biss biex tkun apprezzata iktar ħidmietu iżda biex ix-xhieda ta' ħajtu tkun għalina ta' ispirazzjoni fid-dedikazzjoni tagħna għall-oħrajn.

15. **IT-2 TA' FRAR - ĠURNATA TAL-ĦAJJA KONSAGRATA**
(20 - 01 - 1997) 350/97

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II għoġbu jordna illi ta' kull sena, fit-2 ta' Frar, festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju (il-Gandlora), tiġi ċċelebrata l-ġurnata tal-Ħajja Konsagrata, li fiha l-insara u b'mod speċjali ż-żgħażagħ, ikollhom għajnuna biex jistgħu jagħrfu aħjar id-don ta' Alla li tirrappreżenta l-ħajja konsagrata.

Fuq dan is-suġġett kiteb fit-tul il-Papa fl-eżortazzjoni post-sinodali Vita Consecrata u fil-konklużjoni tagħha qalilna: "Aħsbu fin-numru kbir ta' qaddisin li trawmu f'din il-kwalità ta' ħajja, aħsbu fil-ġid magħmul lid-dinja, il-bieraħ u llum minn dawk li ddedikaw ruħhom lil Alla. Din id-dinja tagħna m'għandhiex forsi ħtieġa ta' xhieda ferrieħa u ta' profeti tal-qawwa ta' l-imħabba t'Alla li twettaq il-ġid? M'għandniex bżonn ukoll ta' rġiel u nisa li b'ħajjithom u b'ħidmiethom jafu jiżirgħu ż-żerriegħa tal-paċi u tal-fraternità?" (n.108).

Nistedinkom għalhekk, sabiex fil-jum tat-2 ta' Frar, ningħaqdu spiritwalment ma' ħutna r-reliġjużi rġiel

u nisa ħalli nroddu ħajr lil Alla għad-don tal-ħajja konsagrata, li huwa sawwab b'idejh miftuħa fuq il-pajjiż ċkejken tagħna.

Nixtieq nirrikmanda għalhekk li, fil-knejjes parrokkjali u fil-knejjes l-oħra, speċjalment dawk tar-reliġjużi, irġiel u nisa, isir talb speċjali biex il-persuni konsagrati jkomplu mexjin 'il quddiem u jissaħħu fil-ħajja tagħhom iddedikata lil Alla. Nitolbu wkoll sabiex ikun hemm iktar żgħażagħ ġenerużi, subien u bniet, li jagħrfu u jaċċettaw il-vokazzjoni għal din it-triq ta' qdusija, li fiha llum "jimpenjaw ruħhom, b'titlu ġdid u speċjali, għas-servizz u l-qima ta' Alla" (Lumen Gentium, 44).

16. **IS-SOSTENIMENT TAS-SAĊERDOTI**
(10 - 03 - 1997) 351/97

Il-Mulej tagħna Sidna Ġesù Kristu qalilna li "l-ħaddiem ħaqqu ħlasu" (Lq. 10, 7), u l-Appostlu Missierna San Pawl ikompli jgħallimna li "l-Mulej ordna li dawk li jxandru l-Evanġelju jgħixu mill-Evanġelju" (1 Kor. 9, 14). Bir-raġun, allura, il-liġi tal-Knisja fil-kanoni 281 tinsisti li ħlas xieraq huwa dovut lill-membri tal-Kleru, li jagħtu ruħhom għas-servizz tal-Knisja.

Dan ifisser li l-Knisja trid tieħu ħsieb li s-saċerdoti ma jkunux nieqsa mill-mezzi meħtieġa biex jgħixu onestament u kif jixirqilhom. L-insara li għall-ġid spiritwali tagħhom, is-saċerdoti jagħtu ħinhom u l-enerġija li jkollhom, obbligati li jaħsbu u

jikkontribwixxu huma wkoll għall-manteniment onest tal-qassisin tad-djoċesi.

Id-digriet tal-Konċilju Vatikan II dwar il-Presbiteri jgħidilna wkoll li l-Isqfijiet għandhom ifakkru lill-insara f'dan id-dmir li jgħinu l-Kleru (Presbyterorum Ordinis, 20).

Sewwa li ngħarrfukom li minkejja t-titjib li sar fil-ħlas tal-Kleru Għawdxi f'dawn l-aħħar snin, il-Knisja lokali għad ma għandhiex fondi biżżejjed biex tagħti paga deċenti lill-qassisin kollha li għadhom ma bdewx jieħdu l-pensjoni tax-xjuħija. Kien meħtieġ immela, li nirrikorru lejn l-insara ta' ġiritna u nitolbuhom jagħtu bil-ġenerożità s-sehem tagħhom iktar minn qabel. Għalhekk, f'Ħamis ix-Xirka jew f'xi jum ieħor viċin, fil-parroċċi kif isir fi djoċesijiet oħra, ser tibda tinżamm ġabra biex jinġabru fondi biżżejjed għas-sosteniment tal-Kleru djoċesan.

Inroddilkom ħajr għal kull għajnuna tagħkom u nfakkarkom fi kliem Kristu: "Min jilqa' profeta għax hu profeta, ħlas ta' profeta jieħu... U kull min jagħti mqar tazza ilma friska, lil xi ħadd minn dawn l-iżgħar għax hu dixxiplu, tassew ngħidilkom li ma jitlifx il-ħlas tiegħu" (Mt. 10, 41).

17. IL-FOTOGRAFI FIL-KNISJA
(13 - 03 - 1997) 352/97

L-Istruzzjoni tas-Sagra Konsagrazzjoni tar-Riti dwar il-qima lejn il-Misteru Ewkaristiku tal-25 ta' Mejju 1968, naqraw li "għandha tittieħed kura sabiex iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, speċjalment tal-Quddies, ma jiġux imfixkla mid-drawwa li jittieħdu fotografiji. Fejn hemm kawża raġjonevoli, kollox għandu jsir bil-prudenza u skond id-direttivi ta' l-Ordinarju tal-post".

Fiċ-Ċirkulari 21/68 kien ġie ordnat illi sabiex jinġibdu ritratti waqt iċ-ċerimonji sagri tal-Knisja, il-fotografu jrid jieħu l-permess minn qabel mingħand il-Kappillan jew ir-Rettur tal-knisja li fiha tkun ser tinżamm il-funzjoni. Id-digriet numru 83 tas-Sinodu Djoċesan iżid jgħidilna illi l-fotografi għandhom joqogħdu fil-post fil-knisja li jkun stabbilit minn qabel, bil-kunsens tal-kappillan jew rettur.

Wara studju bir-reqqa u diversi konsultazzjonijiet, ġie deċiż li mit-30 ta' Marzu, festa ta' l-Għid 'il quddiem, ma jkunux aċċettati fotografi biex jieħdu ritratti jew videos ġol-knejjes waqt servizzi liturġiċi jekk ma jkollhomx it-tessera li turi li huma akkreditati mal-Kurja u jkunu lesti li joqogħdu għar-regolamenti.

Dawn il-provedimenti jgħoddu b'mod partikulari għaċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, ta' l-Ewwel Tqarbina, tal-Griżma ta' l-Isqof, taż-żwieġ, ta' l-ewwel quddiesa solenni u anke ta' funzjonijiet oħra bħal ma huma dawk tal-festi, funerali, eċċ.

Dawk li jkunu jixtiequ dan is-servizz tal-fotografija fl-okkażjonijiet li semmejna hawn fuq, speċjalment l-għarajjes, għandhom jagħtu l-isem tal-fotografu jew fotografi minn qabel lis-saċerdot responsabbli mill-knisja li fiha tkun ser titwettaq iċ-ċelebrazzjoni.

Kopja tal-kundizzjonijiet għall-fotografi qed tidher fl-Atti tal-Kurja. Wieħed ikun jista' jakkwista kopja mill-Uffiċċju Liturġiku tal-Kurja.

18. IL-FESTA TAL-ĦNIENA INFINITA T'ALLA
(18 - 03 - 1997) 353/97

Peress li f'għeluq il-ħamsin sena mill-Enċiklika Mediator Dei, qegħdin nagħtu attenzjoni partikulari għal-Liturġija, jixraq li nippreparaw ruħna biex nieħdu sehem kif imiss fil-funzjonijiet għeżież tal-Ġimgħa Mqaddsa u ta' l-Għid. F'dawk il-ġranet infakkru u niftakru fl-opra l-kbira tal-Fidwa mwettqa mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu bil-passjoni, il-mewt u l-qawmien glorjuż tiegħu.

Ta' min iżomm quddiem għajnejh ukoll li skond ix-xewqa tal-Papa fil-programm ta' tliet snin bi thejjija għall-Ġublew il-Kbir, is-sena 1997 hija ddedikata lil Kristu, Iben t'Alla u Feddej tagħna. Jixraq ħafna li fil-ġranet li ġejjin, kif semmejna fuq, permezz tas-sehem tagħna fil-Liturġija, nagħrfu aħjar l-imħabba ta' Kristu lejna u l-ħniena infinita tiegħu li dehru ħekk ċar fil-misteru ta' l-Għid, li fih offra lilu nnifsu b'sagrifiċċju għall-ħelsien ta' l-umanità.

Nixtieq hawnhekk infakkarkom f'dak li kont għidt fiċ-Ċirkulari tiegħi tal-25 ta' Marzu 1994 dwar il-festa tal-Ħniena infinita t'Alla u n-novena tal-preparazzjoni għaliha. Skond kif insibu fil-messaġġi tal-Beata Suor Maria Faustina Kowalska, din il-festa għandha tinżamm fit-tieni Ħadd ta' l-Għid u din is-sena taħbat fis-6 ta' April. In-novena għaliha tibda nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Intenni l-istedina li kont għamilt f'dik iċ-Ċirkulari li "fil-parroċċi u fil-knejjes tagħna tidħol ukoll din il-festa tal-Ħniena Infinita u li f'din l-okkażjoni jsiru talb u riflessjonijiet konnessi ma' dan is-suġġett".

Min jixtieq kopja tal-Quddiesa proprja tal-Festa jew xi talb ieħor li jista' jingħad fil-knejjes jew privatament, għandu jirrikorri l-Uffiċċju tal-Liturġija fil-Kurja.

19. IL-KUNGRESS TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(3 - 04 - 1997) 354/97

It-Tieni Kmandament iwiddibna sabiex ma nsemmux l-Isem t'Alla fil-batal. Isem Alla hu qaddis u jistħoqqlu l-qima tal-kreaturi kollha, il-bnedmin għalhekk ma għandhomx iżebilħuh iżda għandhom isemmuh biss biex iberkuh, ifaħħruh u jigglorifikawh. "Agħtu lill-Mulej is-sebħ ta' ismu, qimu l-Mulej fid-dehra mqaddsa tiegħu" (Salm 20, 2). Il-ġieħ li jingħata lill-Isem t'Alla hu ġieħ moghti lill-misteru t'Alla nnifsu. In-nisrani jagħti xhieda għall-isem tal-Mulej meta jistqarr il-fidi tiegħu, fil-persuna u fit-taghlim tal-Feddej tagħna Ġesù.

Okkażjoni sabiħa biex naqdu dan id-dmir tagħna, toffrihielna x-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla li qiegħda tistedinna għall-34 Kungress Djoċesan li ser isir fil-Qala bit-tema "Kull ilsien jistqarr lil Ġesù".

Jekk fis-snin l-imgħoddija aħna lqajna din l-istedina, wisq iktar bil-qalb u bil-ħeġġa nilqgħuha f'din is-sena, meta bi preparazzjoni għall-Ġublew il-Kbir tas-sena elfejn qegħdin nikkonċentraw l-attenzjoni u r-riflessjoni tagħna fuq Kristu.

Il-Kungress huwa ċelebrazzjoni li fiha aħna nistqarru pubblikament li aħna nemmnu fi Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem, li għall-fidwa tagħna, bata u miet fuq is-salib u rxoxta biex ma jmut qatt iżjed.

Nirrikmandaw li f'dawn il-ġranet fil-parroċċi jsir talb għas-suċċess ta' dan il-Kungress u nixtieqkom tattendu għall-funzjoni konklussiva tiegħu l-Ħadd, 13 t'April 1997, fis-6.00 p.m., speċjalment dawk li huma membri ta' l-Għaqdiet tal-Apostolat u Movimenti Kattoliċi.

20. IL-JUM TAL-ĦADD
(24 - 06 - 1997) 355/97

Għal diversi raġunijiet, ċerti nsara ta' pajjiżna, meta jasal is-sajf u ż-żmien tal-vaganzi, jaħsbu li m'għandhomx għalfejn iħabblu ħafna rashom dwar id-dmirijiet marbutin mal-Jum tal-Ħadd. Xi whud, u fosthom ħafna żgħażagħ, jgħaddu l-*weekends* tagħhom tas-sajf mingħajr ma jieħdu sehem fl-Ewkaristija kif inhu

dmirhom. Oħrajn jaslu biex, fil-ġurnata tal-Ħadd, jagħmlu ċerti xogħlijiet li jistgħu faċilment jitħallew għal matul il-ġimgħa. Għal ħafna nies, tmiem il-ġimgħa jfisser biss xalar u tberbiq ta' flus u ta' enerġija. Iservihom biss bħala ħarba mir-realtà tal-ħajja ta' kuljum.

L-obbligu tal-Quddies tal-Ħadd

Nixtieq għalhekk li nerġa' nfakkar fid-dmir ta' l-insara li jħarsu l-Ħdud u l-festi kmandati bl-obbligu li jissieħbu fil-Quddiesa. Iżda qabel xejn, nixtieq irrodd ħajr lil Alla li fi ġziritna, il-kotra l-kbira tan-nies f'jum il-Ħadd jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika u ma jagħmlux xogħol li ma għandux isir f'dik il-ġurnata. Hija ħaġa sabiħa, li n-nisrani li nhar ta' Ħadd iqim 'l Alla bil-Quddiesa, ikun jaf x'inhu jagħmel u jifhem dejjem aħjar it-tifsira ta' dan l-att ta' kult.

Il-Kattoliku li jwettaq dan id-dmir ikun jirrikonoxxi pubblikament li Alla huwa l-Missier tiegħu u li lejh għandu dejn ta' mħabba u ta' radd il-ħajr. Huwa jkun jissieħeb mal-komunità liturġika li hija wkoll il-familja tal-Fidi, miġbura bil-ħidma u l-preżenza ta' l-Ispirtu s-Santu. In-nisrani jkun ifakkar u jiċċelebra bil-ferħ il-misteru tal-mewt ta' Kristu u tal-qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet u jieħu sehem fih.

Min jemmen f'Alla jaħseb fih ta' kuljum, jitolbu ta' spiss u m'hemmx għalfejn jistenna l-Ħadd biex imur fil-knisja u jqim 'l Alla. Iżda barra mill-qima interna hemm ukoll il-qima komunitarja u din titwettaq biċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Mulej, fid-Dar t'Alla.

Il-mistrieħ ta' Jum il-Mulej

Jum il-Ħadd huwa wkoll jum il-mistrieħ. Dan jippermettilna li nkunu iktar ħielsa biex niċċelebraw Jum

il-Ħadd, fit-tifħir lill-Ħallieq tagħna u lil Sidna Ġesù Kristu li qam rebbieħ mill-mewt. Kif jgħallimna l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, "Fil-Ħdud u l-btajjel l-oħra tal-preċett, l-insara għandhom ifittxu li ma jagħmlux xogħol jew attivitajiet oħra li ma jħalluhomx jagħtu qima lil Alla, igawdu l-ferħ proprju ta' Jum il-Mulej, jagħmlu għemejjel ta' ħniena, u jiksbu mistrieħ xieraq għar-ruħ u l-ġisem" (num.2185).

Kull jum tal-Ħadd huwa żmien ta' grazzja li fih niksbu enerġija ġdida u nagħmlu ħażna spiritwali għall-ġranet l-oħra. Hieni min jagħraf din il-grazzja u jaċċettaha bil-ferħ.

21. IR-RELIKWIJA TA' SAN LAWRENZ

(15 - 07 - 1997) 356/97

Fil-ġranet, mid-29 ta' Lulju sa l-4 t'Awissu, ser ikun hawn fi ġziritna r-relikwija ta' ras San Lawrenz, imharsa b'għożża kbira fil-Vatikan. Din ir-relikwija hija xhieda ta' l-uġigħ u t-tbatija li ġarrab dan il-martri biex jiddefendi r-Reliġjon Nisranija.

San Lawrenz kien wieħed mis-seba' djakni ta' Ruma, serva taħt Papa Sistu II u ġie maqtul fil-persekuzzjoni ta' Valerjanu billi ġie maħruq fuq nar bati. Tkellmu b'tifħir fuq dan il-qaddis Sant'Ambroġ, Duttur tal-Knisja, il-poeta Prudentius u ħafna oħrajn. Il-qima lejn San Lawrenz kienet imħeġġa ħafna f'Ruma, sa minn żmien Kostantinu l-Kbir li bnielu wkoll knisja fuq qabru. Minn dik il-belt id-devozzjoni lejn San Lawrenz infirxet mad-dinja kollha.

Nixtieq nistieden lill-insara ta' gżiritna sabiex ma jitilfux okkażjoni bħal din u ma jonqsux li jżuru u jaraw din ir-relikwija magħrufa biex jikbru dejjem iżjed fl-imħabba lejn Kristu u l-qaddisin glorjużi tiegħu.

22. IL-ĦAMES MISSJONI DJOĊESANA
(18 - 07 - 1997) 357/97

Nixtieq ninfurmakom uffiċjalment li fil-ħarifa li ġejja ser tinżamm f'Għawdex il-Ħames Missjoni Djoċesana fil-parroċċi u l-knejjes ewlenin ta' gżiritna. Is-suġġett li ġie magħżul għal din l-okkażjoni huwa: "Niġġeddu, fil-Knisja u mal-Knisja". Il-ġranet magħżula għall-Missjoni Djoċesana huma mis-26 t'Ottubru sat-8 ta' Novembru 1997.

Ġie mwaqqaf Kumitat tal-Missjoni Djoċesana, li diġa ltaqa' iktar minn darba u beda x-xogħol tiegħu. Min ikollu xi suġġerimenti jista' jgħaddihom lill-uffiċċju ta' dan il-Kumitat, fil-Kurja.

Il-Missjoni għandha fuq kollox il-għan li toffri lill-insara okkażjoni tajba għall-qawmien u t-tiġdid spiritwali kif tgħidilna l-Lumen Gentium (40): "Jeħtieġ li bil-għajnuna ta' Alla (l-insara) jħarsu u jipperfezzjonaw fil-ħajja tagħhom din il-qdusija li rċivew (fil-Magħmudija)". Fl-istess ħin għandha wkoll l-iskop li tkun parti mit-thejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-sena Elfejn.

Huwa meħtieġ qabel xejn li jsir talb għas-suċċess ta' din il-Missjoni u għalhekk bħala parti tat-talba

tal-fidili li ssir fil-Quddiesa minn mindu tasal din iċ-ċirkulari, għandha tibda tingħad din l-invokazzjoni: "Sabiex bil-qawwa tal-grazzja tiegħek u bil-koperazzjoni sinċiera tagħna, il-Missjoni Djoċesana tnissel fil-kuxjenzi l-paċi spiritwali, u ssaħħaħna fil-ħajja tajba".

Nistieden lill-membri kollha tal-Kleru, lir-Reliġjużi u lil-lajċi biex jagħtu minn qalbhom is-sehem tagħhom, sabiex il-kelma t'Alla titwassal lill-kbar u liż-żgħar.

Nistedinkom ukoll biex fil-ġranet tal-Missjoni, tisimgħu l-priedki u t-tagħlim reliġjuż li jsir, tieħdu sehem fil-funzjonijiet liturġiċi u tersqu bil-fidi lejn is-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin.

Il-Mulej Ġesù jdawwal moħħkom u jqanqal ir-rieda tagħkom biex taghmlu dejjem it-tajjeb u taħarbu l-ħażin.

23. SANTA TEREŻA TAL-BAMBIN ĠESU', DUTTUR TAL-KNISJA
(10 - 09 - 1997) 358/97

Ġie mħabbar li nhar il-Ħadd, 19 t'Ottubru 1997, Jum il-Missjoni, Santa Tereża tal-Bambin Ġesù ser tiġi proklamata Duttur tal-Knisja. Din is-sena qiegħed jiġi ċelebrat ukoll iċ-ċentinarju tal-mewt tagħha.

Din il-quddisa ma ħallietx ħafna kitbiet, iżda t-tagħlim spiritwali tagħha - kif qal il-Papa - huwa "xjenza

vera ta' mħabba...espressjoni mdawla ta' l-għarfien li kellha tal-misteru ta' Kristu u l-esperjenza personali tal-grazzja".

Hija daħlet soru mal-Karmelitani ta' Lisieux u ta' sbatax-il sena għamlet il-professjoni tagħha. Bl-iktar imħabba lejn Alla u b'eżatezza kbira hija osservat il-voti reliġjużi tagħha waqt li bl-umiltà kollha, u bla tgemgim, kienet twettaq dmirijietha bħala reliġjuża. Kienet titlob ħafna u tagħmel penitenza għall-konverżjoni tal-midinbin, għall-qdusija tas-saċerdoti u għall-missjonijiet. Mietet ta' 24 sena fit-30 ta' Settembru 1897 u ġiet kanonizzata mill-Papa Piju XI fis-17 ta' Mejju 1927.

Għad li minn barra ma tantx kien hemm affarijiet straordinarji, iżda l-ħajja interjuri tagħha kienet tabilħaqq meravilja ta' perfezzjoni nisranija, kif deher biċ-ċar mill-awtobijografija tagħha "L-istorja ta' Ruħ", li l-konfessur tagħha kien qabbadha tikteb.

Fl-okkażjoni ta' l-ewwel ċentinarju tal-mewt tagħha kulħadd mistieden li jieħu sehem fil-funzjonijiet li sejrin jinżammu ad unur tagħha fid-djoċesi tagħna: nhar il-Ħamis, 2 t'Ottubru ser ikun hemm pellegrinaġġ tas-saċerdoti għall-Kappella tas-Sorijiet Karmelitani ta' Kerċem u wara jieħdu sehem f'konċelebrazzjoni; nhar is-Sibt 4 t'Ottubru filgħaxija, ser ikun hemm konċelebrazzjoni oħra fil-Knisja parrokkjali ta' l-istess raħal li tkun l-għeluq ta' l-attivitajiet mifruxa fuq l-għaxart ijiem ta' qabel skond il-programm li għandu jiġi ppubblikat aktar tard.

24. IS-VII SYMPOSIUM INTERNAZZJONALI DWAR SAN ĠUŻEPP

(15 - 09 - 1997) 359/97

Nixtieq ngħarrafkom illi fil-ġranet mit-28 ta' Settembru fid-Dar ta' l-Irtiri Porziuncola ta' Baħar iċ-Ċagħaq f'Malta, ser jinżamm is-VII Symposium Internazzjonali dwar San Ġużepp, it-tema magħżul għal dan is-Symposium huwa "San Ġużepp fis-sekli dsatax u għoxrin".

Barra mil-laqgħat ta' studju ser ikun hemm ukoll xi ċelebrazzjonijiet liturġiċi bħalma hija l-konċelebrazzjoni solenni preseduta mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann nhar it-Tnejn, 22 ta' Settembru fil-għaxija.

F'Għawdex, nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Settembru, ser tingħab fil-parroċċa tal-Qala l-istatwa ta' San Ġużepp Inkurunat meqjum ġewwa r-Rabat ta' l-Imdina. Wara li jsir korteo bl-istess statwa, ser ikun hemm konċelebrazzjoni solenni preseduta minni li fiha jieħdu sehem ukoll il-parteċipanti għal dan is-Symposium.

Għal din l-okkażjoni ser isir talb għall-ħtiġijiet tal-Familji. Intom mistednin titolbu għas-suċċess ta' dan is-Symposium u tieħdu sehem ukoll fit-talb u fil-funzjonijiet biex nissaħħu fil-qima lejn il-Patrijarka San Ġużepp u bl-interċessjoni tiegħu niksbu kotra ta' grazzji għalina u għall-familji tagħna.

San Ġużepp iseddaqkom fis-sliem tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.

25. IR-RIŻOLUZZJONIJIET TAR-RALLY DJOĊESAN TA' L-GĦAQDIET
(22 - 12 - 1997) 360/97

Ftit ilu ġew ippubblikati r-riżoluzzjonijiet li ħarġu mir-Rally Djoċesan ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi u tal-membri tal-Kunsilli Parrokkjali li kien inżamm fil-5 t'Ottubru li għadda u li kellu bħala tema ġenerali tiegħu "Niltaqgħu ma' Kristu fil-Liturġija".

Il-Liturġija dejjem kellha sehem importanti fil-ħajja tal-Knisja; iżda ntagħżel dan is-suġġett peress li fl-1997 ħabat il-ħamsin anniversarju ta' l-Enċiklika famuża tal-Papa Piju Tnax dwar il-Liturġija, magħrufa bħala Mediator Dei.

Ma tkunx ħaġa sewwa li r-riżoluzzjonijiet tar-Rally ninsewhom u nħalluhom jintilfu mar-riħ, għax għall-inqas xi wħud minnhom jistħoqqilhom li jiġu studjati fil-fond u mwettqin. L-anqas ma huwa possibli li neħduhom kollha f'daqqa iżda jaqbel iktar li nieħdu xi waħda jew tnejn minnhom ta' kull darba u nippruvaw nassimilawhom.

Nistgħu nibdew mir-riżoluzzjoni numru 3 li tgħid "Tiġi ċċelebrata quddiesa għat-tfal għall-inqas fil-Ħdud u li fiha jieħdu sehem sħiħ u attiv. Jingħataw l-opportunità li huma stess jippreparaw il-mumenti tas-skiet fil-liturġija. Jeħtieġ li t-tfal ikunu taħt sorveljanza responsabbli".

Huwa ovvju li jekk irridu nagħtu formazzjoni liturġika lill-poplu tagħna, għandna nibdew mit-tfal u fuq

kollox jeħtieġ indarruhom jieħdu sehem kif imiss fil-Quddiesa.

Kemm hija ħaġa sabiħa tara t-tfal bil-għajnuna tal-katekisti tagħhom jieħdu sehem fil-Quddiesa bil-kant u t-talb adattat għalihom. Daqshekk ieħor hija dehra li ssewwidlek qalbek u tħassbek, meta tara tfal li jmorru għall-Quddiesa, iżda jagħtu sinjali ċari li qegħdin hemm fuq qalbhom, u bi ħsiebhom band'oħra. Żgur li bi ftit aktar ta' impenn, it-tfal jistgħu jieħdu sehem fil-Quddiesa, wisq aħjar minn daqshekk.

Nixtieq allura, li nagħmel appell lill-edukaturi kollha u b'mod speċjali lill-ġenituri u lill-katekisti, biex jagħtu bil-qalb il-koperazzjoni tagħhom ħalli l-Quddiesa tat-tfal tħalli tabilħaqq frott spiritwali kotran.

Jalla l-Mulej ifawwar qalbkom b'dik il-paċi li ħabbru l-Anġli fit-twelid ta' Kristu.

26. IS-SITTAX-IL ĠIMGĦA BIBBLIKA DJOĊESANA
(10 - 01 - 1998) 361/97

Fi żminijietna min hu kattoliku bis-serjetà ma jistax jgħaddi mingħajr tagħlim san u mifrux ta' l-Iskrittura Mqaddsa. Dan huwa meħtieġ kemm biex tissawwar l-ispiritwalità personali tiegħu, kif ukoll biex ikun jista' jiddjaloga ma' l-insara l-oħra li ma humiex kattoliċi iżda li għandhom l-ikbar stima għall-Kotba

Mqaddsa. Jeħtieġ li qalbu tkun imfawra bl-imħabba lejn il-Bibbja u jkun familjari mal-messaġġ tagħha. Għandu jkun gost tiegħu li jaqra ta' sikwit il-Kotba Mqaddsa, fuq kollox l-Evanġelju u l-Profeti waqt li jinqeda bis-Salmi u b'talb ieħor bibbliku, biex ifaħħar u jrodd ħajr lil Alla, meta jirrikorri lejħ fi ħtiġijietu. Barra minn hekk tinħass il-ħtieġa li napprofondixxu d-duttrina Teoloġika li hemm miġbura f'ċerti kotba tal-Bibbja u f'passaġġi jew siltiet differenti meħudin minnhom.

Dan huwa wieħed mill-għanijiet li nixtiequ nilħqu permezz tas-Sittax-il Ġimgħa Bibblika Djoċesana li ser tinżamm mit-2 sat-8 ta' Frar 1998 u ser ikollha bħala tema ġenerali tagħha "L-Ispirtu s-Santu jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna" (Rum. 8, 26). Ġie magħżul dan is-suġġett peress li fit-tlitt snin ta' thejjija għall-Ġublew il-Kbir tal-bidu tat-Tielet Millennju, is-sena li bdejna hija dedikata lill-Ispirtu s-Santu. Difatti fl-eżortazzjoni tal-Papa Tertio Millenio Adveniente (45) naqraw: "...Wieħed mill-impenji ewlenin tat-thejjija għall-Ġublew huwa l-għarfien mill-ġdid tal-preżenza tal-Konfermazzjoni, u kemm permezz tal-ħafna kariżmi, ħidmiet u ministeri li hu jqassam għall-ġid tagħha..."

Dawn il-laqgħat li jsiru matul il-Ġimgħa Bibblika fuq bażi djoċesana u fuq bażi parrokkjali, joffru għajnuna spiritwali kemm lil dawk li għandhom għal qalbhom l-aġġornament bibbliku, kif ukoll lil dawk li jixtiequ jikbru fil-qima lejn l-Ispirtu s-Santu, skond ma jitlob il-programm ta' thejjija għall-Ġublew.

Jalla l-Mulej jimliekom bl-Ispirtu Tiegħu biex tilqgħu l-Iskrittura Mqaddsa bħala kelma ta' Alla kif tassew hi.

27. IL-35 KUNGRESS TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(13 - 04 - 1998) 363/98

Huwa pjaċir tiegħi li nħabbrilkom uffiċjalment li l-ħamsa u tletin Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, din is-sena ser jinżamm fil-parroċċa ta' San Lawrenz bejn it-18 u s-26 t'April. Bħas-soltu, il-Kungress jagħlaq b'korteo, u laqgħa fil-pjazza tar-raħal li tintemm bil-Barka Ewkaristika. Għal din il-funzjoni huma mistiedna l-membri tal-Kleru Djoċesan u r-reliġjużi u l-lajċi speċjalment dawk illi huma membri tal-Għaqdiet tal-Apostolat.

Peress li s-sena li qegħdin fiha, bħala thejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew il-Kbir, ġiet iddedikata lill-Ispirtu s-Santu, t-tema prinċipali, magħżul biex fuqu jsiru studju u riflessjoni huwa meħud mill-ewwel ittra ta' San Pawl lill-Korintin (12, 3) ċioè l-kelmiet "Ħadd ma jista' jgħid Ġesù hu l-Mulej, jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu".

Il-kelmiet "Ġesù hu l-Mulej" għall-insara ta' żmien l-Appostli, kienet stqarrija tal-fidi tagħhom fi Kristu. Biha kienu jfissru twemminhom fid-divinità ta' Kristu, u jistqarruh bħala Iben t'Alla u Feddej waħdieni. Ħadd ma jista' jistqarr b'dan il-mod il-fidi reliġjuża tiegħu jekk ma jkunx ispirat minn Alla. Huwa meħtieġ għalhekk li jkollna l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu u nkunu mmexxijin minnu, kull darba li bil-kliem jew bl-għemil, nuru t-twemmin tagħna fi Kristu.

Minn din ir-riflessjoni, nistgħu niġbdu żewġ konklużjonijiet: (i) Nirrikorru ta' spiss lejn l-Ispirtu

s-Santu biex jagħtina d-dawl u l-qawwa ħalli nwettqu kif imiss id-dmirijiet tagħna bħala nsara. (ii) Nirrikonoxxu l-ħtieġa tal-għajnuna ta' dan l-Ispirtu Qaddis biex nogħġbu lil Alla u nwettqu għemil sopranaturali, li bih nimmeritaw il-premju ta' dejjem.

28. L-GĦOXRIN ANNIVERSARJU MILL-GĦAŻLA TAL-PAPA
(10 - 10 - 1998) 369/98

Nhar il-Ġimgħa 16 t'Ottubru 1998 jaħbat l-għoxrin anniversarju mill-jum li fih Ġwanni Pawlu II intagħżel biex imexxi l-Knisja ta' Kristu.

Il-Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kleru talab li f'kull djoċesi jinżammu attivitajiet spiritwali u talb għall-persuna u għall-ministeru pastorali tal-Vigarju ta' Kristu.

Huwa stieden ukoll lill-qassisin u lir-reliġjużi kollha sabiex fis-16 t'Ottubru joffru l-Quddiesa u l-Liturġija tas-Sigħat għall-intenzjonijiet tal-Papa.

Jixraq għalhekk li nfakkarkom biex kif sar fis-snin li għaddew, f'dak il-jum ikun hemm talb fil-knejjes għall-Missier u r-Raġħaj tal-Knisja Universali. Barra minn dak li hemm fin-nota f'paġna 113 tal-Kalendarju tad-Djoċesi, nirrikmanda wkoll li:
- il-Ħamis 15 ta' Ottubru ssir siegħa adorazzjoni fil-knejjes parrokkjali skond l-intenzjoni tal-Papa u għall-bżonnijiet tiegħu.

- il-Ġimgħa 16 ta' Ottubru, talb speċjali għall-Papa mill-membri tal-Kleru, Reliġjużi u Lajċi, jixraq li ssir Quddiesa ta' l-Anniversarju tal-għażla tal-Papa (ara Sagramentarju p.876). Issir it-talba tal-fidili għalih f'kull Quddiesa oħra (Ara ktieb tat-talbiet tal-fidili, I, 222).
- il-Ħadd 25 ta' Ottubru, Jum il-Papa fid-djoċesi tagħna. Fl-omelija jingħata xi tagħlim dwar il-Papa, fil-knejjes ssir ukoll il-ġabra ta' l-"Obolu ta' San Pietru".
- lejlet u nhar l-anniversarju tal-għażla tal-Papa, 15 u 16 ta' Ottubru ssir il-mixegħla tal-knejjes.

29. L-IMPORTANZA TAL-KATEKEŻI
(15 - 09 - 1998) 366/98

Minn hawn u ftit ġranet oħra, jibdew mill-ġdid il-lezzjonijiet tal-Katekiżmu fid-djar tad-duttrina. Niehu din l-okkażjoni biex nistieden lill-ġenituri kollha li għandhom it-tfal ta' dik l-età sabiex ma jonqsux li jibagħtu lil uliedhom għal dawn il-lezzjonijiet.

It-tfal insara jeħtieġ li jiġu ffurmati fil-fidi u pass wara l-iehor, jiġu ntrodotti fil-ħajja tal-Knisja. Huma importanti ħafna f'dan il-proċess, is-Sagramenti ta' l-Ewwel Qrara, l-Ewwel Tqarbina u l-Konfermazzjoni. Dan ifisser ukoll l-importanza u l-ħtieġa ta' preparazzjoni serja għalihom.

Id-duttrina li tiġi mgħallma fil-parroċċi mill-membri tal-MUSEUM jew katekisti oħra ma tissostitwixxix il-katekesi fil-familja jew dik li ssir fl-iskejjel, u lanqas nistgħu ngħidu li dawn it-tnejn huma

biżżejjed u li ma jibqax bżonn tal-katekesi għat-tfal tal-parroċċa. Difatti, il-familja u l-iskola weħidhom mhux possibbli jilħqu l-għanijiet li għandha l-Knisja fil-ħidma kateketika tagħha.

Il-Konċilju Vatikan II jgħidilna li l-katekiżmu "idawwal u jsaħħaħ il-fidi, jgħajjex il-ħajja skond l-ispirtu ta' Kristu, iwassal l-insara għall-parteċipazzjoni aktar konxja u attiva fil-misteru liturġiku u jqanqalhom għall-ħidma apostolika" (Gravissimum Educationis, 4).

Id-Direttorju Ġenerali Kateketiku (85-86), ippublikat mill-Kongregazzjoni għall-Kleru, f'Awissu tas-sena 1997, ifakkarna li l-ħidma katekista, waqt li f'kollox thabrek għall-formazzjoni nisranija integrali tat-tfal, għandha timmira għal dawn l-iskopijiet; li tippromovi t-tagħlim tal-fidi; tagħti edukazzjoni liturġika, trawwem il-kuxjenza skond il-prinċipji morali ta' Kristu, tnissel id-drawwa tat-talb, tibni komunitajiet tabilħaqq insara u toħloq sens komunitarju, tinkoraġġixxi d-djalogu ekumeniku, tkun miftuħa għad-dimensjoni missjunarja, tgħin il-vokazzjonijiet għall-ħajja konsagrata u twassal għall-apostolat.

Mela dawn it-tliet aġenti: familja, skola u parroċċa għandhom jaħdmu id f'id biex titwettaq ix-xewqa tal-Knisja, rigward il-formazzjoni nisranija tat-tfal u ta' l-istudenti u l-edukazzjoni integrali tagħhom.

Meta l-pre-adolexxenti jirċievu l-Konfermazzjoni u b'hekk itemmu l-ewwel fażi ta' l-inizjazzjoni nisranija, dan m'għandux iwaqqaf il-proċess ta' formazzjoni nisranija tagħhom. Dan ifisser li wara li jirċievu s-Sagrament tal-Bidu tal-ħajja nisranija, inkluża

l-Konfermazzjoni, ma għandhomx jaqtgħu mit-tagħlim tal-Katekiżmu, iżda għandhom jingħataw formazzjoni nisranija aktar profonda f'laqgħat li jsiru apposta għalihom.

30. IL-LAQGĦA TA' L-IRĠIEL - IR-RWOL TAL-MISSIER

(22 - 09 - 1998) 367/98

Għal bosta snin wara xulxin fl-okkażjoni tal-festa tal-Qaddisin Arkanġli San Mikiel, San Gabriel u San Rafel, saret il-laqgħa ta' l-irġiel miegħi f'xi knisja tad-djoċesi, sabiex nitolbu flimkien u nwasslilhom il-messaġġ tiegħi.

Dis-sena din il-laqgħa ser tinżamm nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru fis-6.30 p.m. fis-Santwarju Ta' Pinu. Nixtieq għalhekk nistieden għaliha lill-irġiel kollha. F'din il-laqgħa ser tiġi ċċelebrata wkoll il-Quddiesa.

Huwa meħtieġ li l-irġiel jagħrfu dejjem aħjar id-dmirijiet tagħhom bħala nsara u dixxipli ta' Kristu, b'mod partikulari kif jaqdu sewwa l-missjoni li għandhom fil-familja.

L-eżortazzjoni Apostolika Familiaris Consortio tat-22 ta' Novembru 1981, fin-numru 25 tgħidilna li "il-post u r-rwol tal-missier fil-familja u għall-familja huwa ta' importanza unika u insostitwibbli". L-eżortazzjoni tfakkarna wkoll li l-ħajja tal-familja tmur lura kemm meta l-missier huwa assenti jew ma jeħux interess biżżejjed f'martu u f'uliedu, kif ukoll meta

l-preżenza tiegħu hija waħda oppressiva u nieqsa mill-imħabba.

Niltaqgħu għalhekk f'riġlejn l-Imqaddsa Verġni Marija biex nitolbuha tbierek il-familji tagħna u taghtina l-għajnuna tagħha ħalli nwettqu kif imiss il-missjoni li Alla afdalna.

31. L-GĦOXRIN ANNIVERSARJU MILL-GĦAŻLA TAL-PAPA
(10 - 10 - 1998) 369/98

Nhar il-Ġimgħa 16 t'Ottubru 1998 jaħbat l-għoxrin anniversarju mill-jum li fih Ġwanni Pawlu II intagħżel biex imexxi l-Knisja ta' Kristu.

Il-Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kleru talab li f'kull djoċesi jinżammu attivitajiet spiritwali u talb għall-persuna u għall-ministeru pastorali tal-Vigarju ta' Kristu.

Huwa stieden ukoll lill-qassisin u lir-reliġjużi kollha sabiex fis-16 t'Ottubru joffru l-Quddiesa u l-Liturġija tas-Sigħat għall-intenzjonijiet tal-Papa.

Jixraq għalhekk li nfakkarkom biex kif sar fis-snin li għaddew, f'dak il-jum ikun hemm talb fil-knejjes għall-Missier u r-Raġħaj tal-Knisja Universali. Barra minn dak li hemm fin-nota f'paġna 113 tal-Kalendarju tad-Djoċesi, nirrikmanda wkoll li:
- il-Ħamis 15 ta' Ottubru ssir siegħa adorazzjoni fil-knejjes parrokkjali skond l-intenzjoni tal-Papa u għall-bżonnijiet tiegħu.

- il-Ġimgħa 16 ta' Ottubru, talb speċjali għall-Papa mill-membri tal-Kleru, Reliġjużi u Lajċi, jixraq li ssir Quddiesa ta' l-Anniversarju tal-għażla tal-Papa (ara Sagramentarju p.876). Issir it-talba tal-fidili għalih f'kull Quddiesa oħra (Ara ktieb tat-talbiet tal-fidili, I, 222).
- il-Ħadd 25 ta' Ottubru, Jum il-Papa fid-djoċesi tagħna. Fl-omelija jingħata xi tagħlim dwar il-Papa, fil-knejjes ssir ukoll il-ġabra ta' l-"Obolu ta' San Pietru".
- lejlet u nhar l-anniversarju tal-għażla tal-Papa, 15 u 16 ta' Ottubru ssir il-mixegħla tal-knejjes.

32. IS-SERQ MIL-KNEJJES
(5 - 11 - 1998) 372/98

Fl-14 ta' Mejju 1974 peress illi kien hemm każijiet ta' serq mill-knejjes kont ħriġt Ċirkulari (96/74) b'xi direttivi lill-Arċiprieti, Kappillani, Retturi u dawk kollha li huma responsabbli ta' xi knejjes kbar jew żgħar sabiex jipproteġu kif imiss minn serq u ħsarat oħra li hemm periklu li jitwettqu fil-postijiet sagri afdati lilhom.

Din it-twissija ġiet ripetuta fl-1980 bl-istess direttivi meta dehru fl-Atti tal-Kurja Djoċesana ta' Għawdex (19(1980)238-240).

Il-problema kienet ġiet studjata wkoll fit-Tieni Sinodu Djoċesan tal-1993 u kopja ta' dawn id-direttivi tinsab fl-appendiċi tas-Sinodu f'paġni 488-492.

Dawk il-persuni li semmejna fuq huma mitlubin bil-ħerqa biex jaqraw dawn id-direttivi u jwettquhom

flimkien mal-passi kollha meħtieġa għall-ħarsien ta' dawn il-postijiet sagri.

33. **JUM IL-MORDA**
(26 - 01 - 1999) 373/99

Nhar il-Ħamis 11 ta' Frar anke din is-sena ser jiġi ċċelebrat Jum il-Morda. Kif ħabbar il-Papa fil-messaġġ tiegħu tat-8 ta' Diċembru, 1998, iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Morda din is-sena sejra tkun iċċentrata fis-Santwarju tal-Madonna ta' Harissa fil-Lebanon, il-pajjiż li hu sejjaħlu "mudell tal-pluraliżmu għal-Lvant u għall-Punent".

Fil-messaġġ tiegħu, peress li qegħdin fis-sena ddedikata lill-Missier, il-Papa fost l-oħrajn jawgura li l-kontemplazzjoni tal-misteru tal-Paternita' tal-Missier jagħti t-tama lill-morda u jsir skola ta' mħabba għal dawk li jieħdu ħsiebhom".

Huwa stieden lill-morda ta' kull età u kundizzjoni sabiex bil-fidi jintelqu f'dirgħajn il-Missir Alla u jistennew fuq kollox mingħandu l-faraġ u l-ħarsien".

Il-Papa kellu wkoll kelma ta' inkoraġġiment għal dawk li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, tobba, nurses, eċċ u semmielhom l-eżempju ta' Kristu li għallem lill-bniedem "jagħmel it-tajjeb bit-tbatija tiegħu kif ukoll li jagħmel il-ġid lil dawk li jbatu u b'hekk ġie rivelat l-aspett doppju tat-tifsira tat-tbatija" (Ittra Apostolika Salvifici Doloris, n.30).

Il-messaġġ tal-Papa fih ukoll sejħa lill-komunità ekkleżjali sabiex is-sena ddedikata lill-Missier tkun waħda ta' karità prattika b'mod partikolari mal-morda u nies oħra li qegħdin ibatu.

Ninqeda b'din iċ-ċirkulari sabiex ngħarrafkom li ġiet imwaqqfa l-Kummissjoni għall-Pastorali Sanitarja, u li qiegħda thejji programm ta' attivitajiet għal matul is-sena. Dan huwa kamp wiesa' fejn l-insara ta' pajjiżna jistgħu u jixraq li jagħtu l-koperazzjoni tagħhom għat-twettiq ta' l-opri tal-ħniena.

34. **IS-SEBGĦIN ANNIVERSARJU TA' L-EWWEL KUNGRESS EWKARISTIKU**
(16 - 03 - 1999) 374/99

Huwa pjaċir tiegħi nfakkarkom li s-sena jaħbat is-sebgħin anniversarju ta' l-Ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan li kien inżamm fis-sena 1929.

Biex nagħmlu tifkira ta' din il-ġrajja, ħsibna li matul is-sena nwettqu żewġ inizjattivi li għandhom xi rabta ma' l-Ewkaristija.

L-ewwelnett hemm il-ħsieb li jiġi ċċelebrat Kungress Ewkaristiku Djoċesan ieħor bħal dak li kien sar fl-1979 f'għeluq il-ħamsin sena mill-Ewwel Kungress. Il-Kunsill Presbiterali laqa' din il-proposta u ssuġerixxa li ċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-Kungress ssir għall-aħħar ta' Settembru.

L-inizjattiva l-oħra tikkonsisti filli jitwaqqfu Komunitajiet Ewkaristiċi ġodda u jissaħħu dawk li diġa jeżistu. Dawn il-gruppi jew komunitajiet jiltaqgħu darba fil-ġimgħa biex jimmeditaw siltiet mill-Kotba Mqaddsa; jimmatura fil-formazzjoni nisranija u jikbru aktar fl-imħabba lejn Ġesù Ewkaristija.

35. IX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA

(2 - 04 - 1999) 375/99

B'xorti ħażina għalina, f'pajjiżna jinstema' ta' spiss id-dagħa u l-kliem ta' żebliħ kontra Alla u kontra l-qaddisin tiegħu. Forsi m'aħniex f'pożizzjoni li ngħidu jekk id-dagħa hux jonqos jew jiżdied, iżda nafu żgur li għadu jeżisti u jinstema' fuq fomm ċerti rġiel u drabi wkoll fuq fomm in-nisa, minn adulti u saħansitra minn tfal taħt l-età.

Mill-banda l-oħra għal bosta snin ilha teżisti u taħdem ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù, li tagħmel kull ma tista' sabiex titrażżan din il-pjaga soċjali tad-dagħa u l-kliem ħażin. Ix-Xirka tħabrek ukoll sabiex issir tpattija xierqa għad-dnubiet u sabiex jissaħħaħ dejjem iżjed fostna r-rispett lejn l-Isem ta' Ġesù, tal-Madonna u tal-qaddisin.

Biex tilħaq dawn l-għanjiet ix-Xirka darba fis-sena torganizza Jum l-Isem Imqaddes t'Alla u l-Kungress Djoċesan tagħha. Permezz ta' dawn il-kungressi, tingħata l-ewwelnett adorazzjoni u tpattija lil Alla u l-poplu nisrani jsir aktar konxju dwar id-dmirijiet reliġjużi tiegħu.

Din is-sena, is-36 Kungress Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla ser jinżamm nhar il-Ħadd 18 ta' April 1999, fil-parroċċa ta' Kerċem bit-tema "Missier, jitqaddes Ismekl" u jibda b'korteo fil-5.00 p.m. Nixtieq nistieden lill-insara ta' pajjiżna sabiex jitolbu għas-suċċess tal-Kungress imsemmi u jieħdu sehem fih, bil-qima kollha.

36. MITT SENA MILL-ENĊIKLIKA ANNUM SANCTUM

(25 - 05 - 1999) 377/99

Mitt sena ilu, fil-25 ta' Mejju 1899, il-Papa Ljuni XIII bl-enċiklika tiegħu Annum Sacrum fost ħwejjeġ oħra, ordna, lid-dinja kattolika, sabiex tagħmel il-konsagrazzjoni tagħha lill-Qalb Imqaddsa ta' Kristu Redentur.

Din il-konsagrazzjoni, kif nitgħallmu mill-enċiklika, mhix ħaġa oħra ħlief l-offerta tagħna nfusna u l-għemil li bih nintrabtu ma' Kristu għaliex nafu li kull ġieħ, qima jew imħabba li tingħata lil din il-Qalb Divina, hija realment u verament moghtija lil Kristu nnifsu.

Ċerti osservazzjonijiet li jagħmel dak il-Papa, għadhom validi anke fi żminijietna, "Aħna ħriġna barra mit-triq, jeħtieġ insibu l-mogħdija t-tajba; id-dlamijiet ċajprulna moħħna, u d-dlam jitkeċċa bid-dawl tal-verita`; il-mewt ħakmitna u jeħtieġ li jkollna l-ħajja". Għalhekk għandna nirrikorru lejn Kristu li huwa t-Triq, il-Verità u

l-Ħajja. Il-Papa jwissina wkoll li: "Meta r-reliġjon titwarrab fil-ġenb jiġri li bħala konsegwenza neċessarja, anke l-aqwa sisien tas-soċjetà ċivili jċedu".

Għandna nqiegħdu t-tamiet kollha tagħna fil-Qalb Imqaddsa u bil-fiduċja nitolbu minn qalbna għas-salvazzjoni tal-bnedmin.

Jixraq għalhekk li matul ix-xahar ta' Ġunju, insibu l-okkażjoni tajba, sabiex fil-parroċċi jiġi mġedded l-Att tal-Konsagrazzjoni lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Waqt li qegħdin inħejju ruħna għall-Ġublew, li bih qegħdin infakkru l-inkarnazzjoni ta' Kristu fi tmiem it-tieni millenju, nagħmlu ħilitna sabiex il-konsagrazzjoni tal-parroċċa u tal-familji tagħna tkun għalina ta' għajnuna biex nagħrfu aħjar lil Kristu, inħobbuh sinċerament u naċċettaw f'ħajjitna u fis-soċjetà tagħna l-valuri li Huwa għallimna.

Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù titfa' fuqkom ilkoll xita ta' grazzji.

37. L-GĦOTI TAS-SAGRAMENT TAL-KONFERMAZZJONI

(28 - 06 - 1999) 378/99

F'dan iż-żmien, fil-parroċċi tagħna ingħata s-Sagrament tal-Konfermazzjoni lis-subien u l-bniet li għandhom l-età meħtieġa. B'eċċezzjonijiet żgħar ħafna, ilkoll kemm huma jkunu ppreparati kif imiss għal dan is-Sagrament billi jkunu tgħallmu l-katekiżmu skond

il-kapaċità tagħhom, kif stajt nara jien ukoll personalment meta mort inżurhom u niltaqa' magħhom ftit ġranet qabel l-amministrazzjoni tal-Griżma.

Huwa f'waqtu għalhekk, li anke f'isem id-djoċesi u publikament ngħid grazzi mill-qalb lill-membri tal-MUSEUM irġiel u nisa, kif ukoll lill-Katekisti l-oħra li fiċ-ċentri u fid-djar tad-Duttrina, b'impenn u b'dedikazzjoni permezz tat-tagħlim Reliġjuż, ħejjew lill-adolexxenti għall-Griżma tal-Isqof.

Però nixtieq ninsisti li ħadd ma għandu jaħseb li t-tagħlim Reliġjuż għandu jieqaf wara li wieħed ikun ħa l-Konfermazjoni. Xejn minn dan anzi dan it-tagħlim kateketiku mogħti fid-djar tad-duttrina għandu jissokta anke meta t-tfal ikunu telgħu fil-forms ta' l-iskejjel sekondari u possibilment saħansitra fix-xhur tas-sajf għad li b'ritmu inqas mgħaġġel. Jiena persważ li l-katekisti kollha jagħrfu l-importanza ta' din il-kontinwazzjoni fit-tagħlim u żgur li ma jsibuhiex bi tqila jagħmlu kull sagrifiċċju biex dan iseħħ, għax jafu li Alla jagħtihom il-ħlas misthoqq.

Nagħmel ukoll appell lill-ġenituri sabiex jagħtu l-koperazzjoni shiha tagħhom ħalli l-formazzjoni nisranija ta' wliedhom, ma tkun nieqsa minn xejn.

Il-Mulej Ġesù jqawwi fihom il-fidi Ii twassal għas-salvazzjoni.

Diskorsi

1. IT-32 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(30 - 04 - 1995)

Pietru, li kien ukoll maħtur minn Kristu biex isir il-Kap tal-Appostli, darba waħda qal quddiem sħabu: "Jiena sejjer nistad". Nafu li Pietru kien sajjied, u sħabu wkoll, ħafna minnhom kienu sajjieda, u allura s-sajd kien għalih mhux *hobby*, mhux divertiment, imma parti mill-ħidma tiegħu ta' kuljum. Malli semgħuh jgħid hekk, sħabu qalu: "U aħna niġu miegħek ukoll". U difatti marru miegħu, ħadmu u stinkaw. Għall-ewwel, is-sajda tagħhom ma tatx frott, ma qabdu xejn. Iżda mbagħad, fuq l-ordni ta' Kristu, huma reġgħu tefgħu x-xibka tagħhom fil-baħar u qabdu kwantità kbira ta' ħut.

Din id-daqsxejn ta' ġrajja, sempliċi u ħafifa, fiha tagħlima kbira anke għalina, illi niftaħru illi aħna bnedmin ċivilizzati u li għamilna progress kbir f'ħafna affarijiet. U x'inhi din it-tagħlima? - il-qawwa tal-eżempju, sewwa għat-tajjeb u kif ukoll għall-ħażin. Il-għaliex fil-bniedem hemm qisu istint, hemm qisha ġibda illi twasslu biex jimita lill-oħrajn, biex jagħmel kif jagħmlu l-oħrajn, biex jimxi mal-kurrent biex ingħidu hekk. U għalhekk, ħafna drabi jiġri illi meta naraw it-tajjeb jitwettaq quddiemna, aħna nħossuna miġbudin illi anke aħna nagħmlu dak l-għemil tajjeb. U bil-maqlub, meta aħna naraw xi ħaġa ħażina, inħossuna miġbudin, u forsi iktar b'qawwa ikbar milli miġbudin għat-tajjeb, billi anke aħna nonqsu u niżbaljaw.

U nistgħu nġibu diversi eżempji, imma aħna llum qegħdin nagħmlu l-Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Kristu, u allura tajjeb illi l-eżempju nġibuh fuq id-dagħa u l-kliem ħażin min-naħa l-waħda, u t-tifħir 'l Alla min-naħa l-oħra.

Kemm isir dagħa! Din il-pjaga tinxtered, u donnu għad ma rnexxilniex insibu rimedju għaliha! Xi drabi anke tfal ta' età żgħira, anke żgħażagħ, anke nisa, illi ma jsibuha xejn bi tqila li jħollu lsienhom biex jidgħu u joffendu 'l Alla u lill-qaddisin. U ħafna drabi, għaliex din il-imxija, għaliex din il-marda tinxtered daqshekk? Minħabba l-iskandli, minħabba l-eżempji l-ħżiena, speċjalment, meta fil-familja jinstema' d-dagħa, allura dan ifisser li anke l-ulied għandhom tentazzjoni kbira li jaqbdu l-istess triq. Għalhekk, mela, nifthu għajnejna u noqogħdu attenti mill-eżempji ħżiena. Nifthu għajnejna u nżommu bogħod minna l-iskandli, għax Kristu stess qalilna: "Gwaj lid-dinja minħabba l-iskandli li hemm fiha".

Imma ma niqfux hawnhekk. Aħna rridu nimpenjaw ruħna li nagħtu eżempji tajbin. Il-għaliex xi darba, forsi bla ma nafu, bl-eżempju tajjeb tagħna jħajjar anke lill-oħrajn biex jagħmlu għemejjel tajba. U hawnhekk, jiena nixtieq illi ninsisti magħkom, biex it-talb li nagħmlu 'l Alla ma jkunx biss talb ta' petizzjoni, għax għandna bżonn xi ħaġa u nitolbuhielu. Dan huwa talb tajjeb, u talb li jixraq li nagħmluh. Iżda rridu nżidu wkoll it-tifħir 'l Alla u r-radd il-ħajr 'l Alla.

Kemm hija ħaġa sabiħa illi aħna, jew weħidna privatament, jew fil-familji tagħna, jew inkella niltaqgħu

ġemgħa fil-knisja, inħollu lsienna biex infaħħru 'l Alla ta' kobor bla tarf, infaħħru lil Kristu l-Feddej tagħna li tant ħabbna, illi ħallas il-prezz tad-Demm Tiegħu għall-Fidwa tagħna. Kemm hija ħaġa sabiħa, illi mhux biss privatament, imma anke fil-pubbliku, anke flimkien ma' oħrajn, aħna niftakru f'dak li Alla għamel magħna u rroddulu ħajr, għax din hija wkoll ħaġa komuni ħafna li ċerti nies meta jkollhom bżonn xi ħaġa, meta jkollhom bżonn jaqilgħu xi grazzja, jagħmlu noveni u pellegrinaġġi, u jsumu u jagħmlu minn kollox, u mbagħad lanqas biss jiftakru jgħidulu "grazzi" 'l Alla. Kif għamlu d-disa' mġiddmin li ġew imsoffija minn Kristu, illi lanqas biss kellhom il-kurjanza li jerġgħu lura lejn Ġesù u jgħidulu grazzi, kif għamel wieħed minnhom biss. Allura, tajjeb illi anke biex nagħtu eżempju lill-oħrajn, nagħtu anke eżempju lit-tfal, nagħtu eżempju anke liż-żgħażagħ, ma nistħux, ma nsibuhiex bi tqila li nħollu lsienna biex infaħħru 'l Alla, li nħollu lsienna biex irroddulu ħajr. Dan huwa dritt u dmir tagħna.

Jiena nixtieq ngħid ħaġa qasira ħafna anke rigward il-kant reliġjuż. Il-kant u l-għana spiritwali li nkantaw, mhux bħall-kanzunetti u s-songs l-oħra li nisimgħu, Għaliex? Il-għaliex fih messaġġ. Fih xi ħaġa ta' tagħlim għalina. Fih xi ħaġa li għandha tinteressana. Allura, meta nkunu nkantaw innijiet reliġjużi, qabel xejn u fuq kollox, għandu jkollna f'moħħna dan: illi nfaħħru 'l Alla, infaħħru lil Kristu, u nroddu ħajr għal dak kollu li rċivejna mingħand il-Mulej.

Fit-Tieni Qari tal-Quddiesa, aħna kellna quddiem għajnejna x-xena tal-Ħaruf li ġie maqtul u li jirċievi t-tifħir tal-ħlejjaq, speċjalment tal-erbgħa u għoxrin

anzjan. Il-Ħaruf li kien maqtul huwa Kristu. Kristu s-Saċerdot Etern u l-Vittma għad-dnubiet tagħna. Għalhekk, inkomplu din il-Liturġija, nimitaw aħna wkoll il-Liturġija msemmija fl-Apokalissi u ma naqtgħux jiesna. Imma bla heda, kontinwament infaħħru l-isem t'Alla, u rroddulu ħajr għal dak kollu li għamel magħna.

2. FEHMIET ŻBALJATI DWAR IL-KNISJA
(30 - 04 - 1995)

Fir-riflessjoni tiegħu, n-nisrani xi drabi jeħtieġ li juża l-metodu deduttiv, fis-sens li jagħraf il-verità rivelata u minnha jislet punti prattiċi għall-ħajja ta' kuljum; u xi drabi jkun meħtieġ li jirrikorri għall-metodu induttiv billi josserva l-fenomeni ta' madwaru u jipprova jagħti tweġiba għalihom fid-dawl tal-fidi.

Dan l-aħħar qed jinstemgħu fehmiet żbaljati jew ineżatti dwar il-Knisja. Kontra l-Knisja qed issir ċerta kritika li mhux dejjem tkun ispirata mill-karità u qed tagħmel il-ħsara. Hawn min irid jiddeskrivi l-Knisja bħala sempliċi 'club' iffurmat minn membri li jridu jimxu fuq ċerti regoli. Però l-Knisja hija wisq aktar minn hekk: hija magħmula mill-bnedmin imma twettaq fiha r-rieda t'Alla. Fil-Knisja hemm Kristu, li wegħda li jibqa' magħna sa l-aħħar taż-żminijiet, u hemm l-Ispirtu s-Santu mwieġed minn Kristu.

Hawn min jaħseb li l-Knisja hija soċjetà filantropika li torganizza ċerta ħidma bħal meta tieħu ħsieb il-morda u l-batuti jew torganizza attivitajiet sportivi għat-tfal! Din il-ħidma l-Knisja wettqitha fl-imgħoddi u tibqa' twettaqha jekk ma jkunx hemm min ifixkilha. Imma dan mhux il-fini ewlieni tal-Knisja. Dwar dan jitkellem b'mod ċar il-Papa Ġwanni XXIII fl-enċiklika Mater et Magistra fejn jgħallem li l-Knisja prinċipalment twaqqfet biex issalva lill-bnedmin - biex

trodd il-libertà ta' wlied Alla lill-bnedmin. Kristu waqqaf il-Knisja biex tgħin lill-bnedmin jaslu fid-destin etern tagħhom. Imbagħad, għaliex hija Omm ħanina, l-Knisja tagħmel ukoll xogħol ieħor biex terfa' lill-bniedem mill-miżerja temporali.

Dwar dik li hija tmexxija tal-Knisja, hemm min jistaqsi jekk il-Knisja hijiex demokratika. Kristu ried li fil-Knisja ikun hemm ir-rgħajja u dawk li joqogħdu għat-tmexxija tagħhom. Jekk b'demokrazija nifhmu li dawk li jmexxu huma magħżula mill-poplu kif jiġri fi Stati moderni, allura ma nistgħux ngħidu li l-Knisja hija demokratika - din mhix it-tfassila li Kristu ried jagħti lill-Knisja tiegħu. Imma jekk b'demokrazija nfissru li għandu jkun hemm rispett għad-drittijiet ta' ħaddieħor u li għandna ngħożżu lill-bniedem bit-tajjeb li fih, allura nistgħu ngħidu li l-Knisja mhux biss hija demokratika, imma hija għalliema tad-demokrazija!

Illum ħafna jitkellmu dwar it-tolleranza - li għandna nuru rispett lejn l-oħrajn kemm meta jkollhom fehmiet differenti minn tagħna kif ukoll jekk ikunu persuni bla reliġjon. Fil-Konċilju Vatikan II, il-Knisja fakkritna biex inkunu tolleranti. Imma jekk aħna l-Kattoliċi għandna dmir li nkunu tolleranti lejn ħaddieħor, daqshekk ieħor l-oħrajn għandhom id-dmir li jkunu tolleranti mal-Knisja u jippermettulha li xxandar it-tagħlim tagħha.

3. IL-VENERABBLI M.ADEODATA PISANI
(07 - 05 - 1995)

X'inhi l-ħajja ta' dejjem? Hija realtà li tibda f'din id-dinja imma tilħaq il-quċċata u l-perfezzjoni tagħha fil-ħajja li għad trid tiġi.

Il-ħajja ta' dejjem hija l-ħajja tal-grazzja; li kif jgħallimna l-Appostlu San Pietru, hija sehem mill-istess ħajja t'Alla. Il-ħajja ta' dejjem tibda f'din id-dinja permezz tal-Magħmudija, u tkompli tikber u tissaħħaħ sal-mewt. U mbagħad, meta l-bniedem jidħol fl-eternità din il-ħajja tal-grazzja tinbidel fil-viżjoni beatifika, fid-dehra t'Alla. U għalhekk, nistgħu ngħidu illi l-ħajja ta' dejjem mhix ħaġ'oħra ħlief il-qdusija illi tinzerta f'din il-dinja, tikber u tissaħħaħ, u mbagħad tagħti l-frott tagħha fil-ħajja ta' dejjem.

Issa, waħda min-noti karatteristiċi tal-Knisja Kattolika, hija proprju l-qdusija. Difatti aħna ngħidu li l-Knisja ta' Kristu hija waħda, qaddisa, kattolika u apostolika. U din il-qdusija li hemm fil-Knisja, hija ta' tliet għamliet.

Illum aħna qegħdin infakkru l-Ven. M.Adeodata Pisani, Benedittina, u nistgħu ngħidu li din il-Venerabbli kellha sejħa mhux biss għal kwalità waħda ta' qdusija, iżda għal tlieta. Liema huwa l-ewwel grad jew l-ewwel kwalità ta' qdusija? Hija dik li għaliha msejħin ilkoll kemm aħna, mingħajr eċċezzjoni. L-insara kollha

għandhom ifittxu li jkollhom dik li nsejħulha "qdusija ordinarja", "qdusija komuni". U din, fi ftit kliem, nistgħu ngħidu li tikkonsisti f'li wieħed iħares il-Kmandamenti t'Alla, u dak li għallimna Kristu, li nħobbu 'l Alla fuq kollox u b'qalbna kollha, u li nħobbu l-proxxmu tagħna bħalna nfusna, u li nagħmlu wkoll mill-aħjar li nistgħu d-dmirijiet ta' kuljum, li jitlob minna l-istat li fih inkunu ninsabu.

Il-Ven. M.Adeodata Pisani kellha din il-vokazzjoni u wettqitha għaliex fi ċkunitha, fi tfulitha, f'żgħożitha, hija mxiet f'din it-triq tal-qdusija ordinarja, it-triq li għaliha msejħin ilkoll kemm aħna, u li huwa dmir tagħna li din il-qdusija nifħmuha, naċċettawha u ngħixuha.

Barra minn hekk, hija kellha sejħa oħra iktar għolja - dik li hija l-qdusija tal-kunsilli, il-qdusija tal-voti, tal-wegħdiet reliġjużi. Difatti hija bħala soru Benedittina, kellha l-wegħda ta' l-ubbidjenza, tal-faqar u tal-kastità. U anke f'din it-triq, il-Ven. Pisani mxiet hafna 'l quddiem u stħoqqilha l-ammirazzjoni ta' ħafna minn sħabha u ta' dawk li kienu jafuha.

Iżda barra minn dawn iż-żewġ gradi, hemm grad aktar għoli ta' qdusija. U għalih ukoll kienet imsejħa l-Ven. Adeodata Pisani. U din hija l-qdusija erojka, il-qdusija, jiġifieri meta wieħed mhux biss jimxi 'l quddiem fil-virtujiet, imma jasal sal-grad tabilħaqq erojku. Il-bniedem jasal mhux bil-ħila tiegħu biss, imma bil-ħila tal-grazzja u l-għajnuna t'Alla li tkun miegħu kontinwament, jista' jilħaq dan il-grad għoli ta' qdusija eċċezzjonali.

Aħna għandna nistennew li l-Venerabbli Adeodata Pisani tiġi mogħtija l-ġieħ ta' l-artali u mbagħad inkunu nistgħu niħaddtu aħjar fuq il-virtujiet tagħha. Inkunu nistgħu niħaddtu iktar fis-sod dwar qdusitha. Imma attwalment, jiġifieri fl-istadju li fih ninsabu, peress illi l-Kawża tal-Beatifikazzjoni miexja 'l quddiem. M'humiex passi kbar, għaliex għal dawn l-affarijiet meħtieġ iż-żmien u meħtieġ is-sabar; imma l-Kawża ta' Adeodata Pisani ta' kuljum timxi xi ftit 'il quddiem. U aħna għandna ngħinu din il-kawża bit-talb tagħna. Id-dmir tagħna bħala nsara u anke bħala Maltin u Għawdxin hu illi nitolbu sabiex dawk l-erwieħ tajba, erwieħ li aħna nammirawhom għal qdusithom, ikunu magħrufin anke uffiċjalment mill-Knisja u jkunu ddikjarati wkoll Beati u Qaddisin.

Xi darba, aħna nħossuna daqsxejn umiljati meta nġibu quddiem għajnejna dan il-fatt, li jsemmuh ukoll il-barranin meta jkunu jitkellmu magħna, ċioè li għad li aħna niftaħru li aħna nsara kattoliċissmi, imma ħlief San Publju illi kien ikkonvertit minn San Pawl, il-bqija m'għandniex Qaddisin li ħarġu minn fost il-poplu tagħna. Imma naħseb li dan mhux eżatt. Mhux m'għandniex Qaddisin, imma l-Qaddisin li għandna m'għandhomx, fost il-poplu, dik ir-rikonoxxenza, dak l-għarfien li jistħoqqilhom.

Għalhekk, waqt li llum qegħdin anke nirringrazzjaw lil Alla talli l-Kawża tal-Beatifikazzjoni tal-Ven. Pisani miexja 'l quddiem, aħna nitolbu lill-Mulej, biex ifittex jasal ma jdumx il-waqt li hija tkun ivvenerata fuq l-artali bħala Beata.

4. KRISTU SULTAN JISTEDINNA GĦAR-RIKONĊILJAZZJONI
(26 - 11 - 1995)

Il-Knisja Kattolika, f'din l-epoka, mhux biss f'pajjiżna iżda f'kull naħa tad-dinja tinsab f'fażi ta' tħejjija għall-Ġublew il-Kbir li ġie mniedi mill-Papa Ġwanni Pawlu II għas-sena elfejn. Iċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' Kristu Sultan ta' din is-sena, għalhekk, jeħtieġ li tkun marbuta b'xi mod ma' din l-istennija tal-Ġublew il-Kbir u mal-preparazzjoni li qegħda ssir għalih.

Kif naqraw fl-Ittra Apostolika Tertio Millenio Adveniente huwa xieraq li l-Knisja f'dan iż-żmien tiftakar fil-ħtijiet ta' wliedha u waqt li tindem minnhom titlob maħfra quddiem Alla u quddiem is-soċjetà (n.36). "Ħaġa sewwa għalhekk li, waqt li t-tieni elf sena tal-kristjaneżmu qed joqrob lejn it-tmiem tiegħu, il-Knisja timpenja ruħha li tagħraf aħjar id-dnub ta' wliedha, hija u tiftakar fiċ-ċirkustanzi kollha, li fihom, tul iż-żminijiet, tbegħdu mill-ispirtu ta' Kristu u ta' l-Evanġelju tiegħu u offrew lid-dinja, f'lok xhieda ta' ħajja mnebbħa mill-valuri tal-fidi, dehra ta' suriet ta' ħsieb u ta' għemil li kienu suriet veri ta' xhieda kuntrarja u ta' skandlu" (n.33). F'dan iż-żmien ukoll, Kristu li llum qegħdin inqimu bħala Sultan tagħna jistedinna u jqanqalna għar-rikonċiljazzjoni, bħala parti mill-programm tat-tħejjija għall-Ġublew. Din is-sitwazzjoni, tixbah ħafna lil dik li dwarha jitkellem il-Vanġelu, meta San Ġwann l-Għammiedi ħareġ jippriedka lil folol fid-dežert biex iħejjijhom għall-miġja ta' Kristu l-Messija

mwieghed lill-bnedmin: "Hejju triq il-Mulej, wittu l-mogħdijiet tiegħu, kull wied jimtela' u kull muntanja u għolja jitniżżlu" (Lq. 3,4).

Ta' min jirrimarka qabel xejn, li s-soċjetà tagħna bħala Maltin u Għawdxin, għad li mhix nieqsa minn ċerti aspetti sbieħ li writna minn ta' qabilna bħala drawwiet insara, għadha 'l bogħod ħafna biex nistgħu ngħidu li teżisti paċi sħiħa u li dejjem jirnexxilna naslu għar-rikonċiljazzjoni. Għad li jidher li qed jikber is-sens ta' tolleranza għal fehmiet ta' l-oħrajn u li naqas xi ftit it-tmaħħin li ġej minn piki ta' moħħ dejjaq, sfortunatament għad fadal ħafna mibegħda, indifferenza għal ħtiġijiet ta' ħaddieħor, vendikazzjonijiet u għemil anti-soċjali. Dan narawh mhux biss f'ċerti każijiet fir-relazzjonijiet bejn familja u oħra, iżda xi drabi wkoll fi ħdan l-istess familja, ċioè l-aħwa bejniethom jew fir-rigward tal-ġenituri tagħhom.

Skond il-kelmiet tal-profeta biex issir it-tħejjija għall-Messija li ġej hemm bżonn li jimtlew il-ħofor u jitbaxxew il-ħotob". Hekk ukoll nistgħu ngħidu li biex titmexxa 'l quddiem ir-rikonċiljazzjoni jeħtieġ li nnaqqsu u jekk jista' jkun neliminaw id-distanzi li jeżistu bejnietna; jeħtieġ li nneħħu s-suppervja u nsibu tarf il-preġudizzji li ma ħalluniex nafdaw iktar f'xulxin.

F'pajjiżna għall-grazzja t'Alla aħna razza jew etnija waħda, lsien wieħed, storja waħda u kultura maltija waħda. Jifdal xi ftit differenzi bħal ma huma dawk li ġejjin minn istruzzjoni iktar jew iżgħar li wieħed ikun irċieva u mill-ammont tal-ġid li jgawdi. Iżda dawn id-differenzi m'għandhom qatt iwassluna biex inħarsu

lejn xulxin qisna konna barranin u li nkunu ndifferenti għall-ħtiġijiet tal-oħrajn. Dawn id-differenzi li ftit jew wisq kienu jeżistu f'kull żmien u jinsabu f'kull soċjetà ma għandhomx itellfuna din l-għaqda u l-unità iktar fundamentali li hija mibnija mhux biss fuq l-imħabba li kollna kemm aħna għandu jkollna lejn art twelidna, iżda wkoll fuq it-twemmin reliġjuż tagħna u l-valuri nsara, mħaddna mill-kotra. Jekk ninsew dawn id-differenzi, inkunu nistgħu nifhmu iktar lil xulxin, nimxu triq twila flimkien, nidħlu fid-djalogu siewi u naqbdu id f'id għal ħidmiet li jsaħħu l-familja u s-soċjetà tagħna.

Ma nistgħux imbagħad nimxu b'rasna fil-għoli u nħarsu lejn l-oħrajn qishom kienu xi ġens ta' nies mill-agħar, kif il-fariżew tal-parabbola ħares lejn il-pubblikan midneb (Lq. 18,9-14). Dan ifisser li għandna bil-mod il-modninżgħu mill-preġudizzji, jew opinjonijiet li jeħlu f'moħħna iżda jkunu bla bażi u ma jirrisponduna għall-kritika magħmula kif imiss. Qieghed nirreferi hawnhekk l-iktar għall-preġudizzi li joħolqu diviżjonijiet fis-soċjetà jew b'xi mod ieħor itellfu l-karità nisranija li bħala dixxipli ta' Kristu Sultan għandna ngħożżu u nżommu mħeġġa fina. L-esperjenza tal-aħħar żjara tiegħi fl-Awstralja għallmitni li bil-mod il-mod, ħutna l-emigranti rnexxilhom jirbħu ħafna mill-preġudizzji li fil-bidu kien hemm fosthom, nghidu aħna minħabba l-belt jew raħal ta' dawn il-gżejjer fejn kienu twieldu, u llum jagħrfu aħjar li huma poplu wieħed. Iżda fil-gżejjer tagħna, jeħtieġ li tgħib għal kollox kull forma u kull każ ta' diskriminazzjoni li ġie li saret ma' xi whud minħabba l-preġudizzji li jkun hemm kontrihom.

Fl-aħħarnett ta' min iżid, li r-rikonċiljazzjoni hija dmir ta' kulħadd, iżda ħadd żgur ma jagħti ebda pass

f'din it-triq, jekk qabel ma jħoss u ma jarax ċar il-ħtieġa tagħha. Inħallu l-leħen ta' Kristu jidwi fil-kuxjenzi tagħna, sabiex nagħrfu dak li jonqosna nagħmlu u nsibu l-qawwa li nibqgħu miexja 'l quddiem fit-triq tar-rikonċiljazzjoni.

5. DISKORS LIS-SAĊERDOTI WAQT IL-LAQGĦA TA' L-AWGURI TA' L-EWWEL TAS-SENA
(06 - 01 - 1996)

Fl-okkażjoni ta' l-awguri tas-sena l-ġdida, jixraq li nagħtu daqqa t'għajn lura lejn is-sena li ntemmet u daqqa t'għajn oħra 'l quddiem lejn is-sena li bdejna. Dan nagħmluh b'sentimenti ta' radd il-ħajr lejn Alla li kontinwament iweżinna bil-grazzja tiegħu u lejn dawk kollha li jikkoperaw fit-twettiq ta' din il-ħidma.

Matul l-1995 ġie mfakkar it-tletin anniversarju tal-parti l-kbira tad-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II. Tibqa' dejjem ħaġa attwali li nistaqsu kemm huwa ħaj fina l-ispirtu tal-Konċilju kemm bħala saċerdot individwalment kif ukoll bħala djoċesi. F'Jannar tal-1994 kienu ppubblikati d-digrieti u d-dokumenti pastorali tas-Sinodu Djoċesan u kif intqal fid-Digriet tal-promulgazzjoni tiegħu, dan "għandu jitqies bħala tentattiv sinċier biex it-tiġdid mibdi fil-Konċilju Vatikan II jiġi applikat għall-ħajja ekklessjali ta' din id-djoċesi".

Fir-Randan tas-sena li għaddiet ġie ppublikat il-Pjan Pastorali Kwinkwennali 1995-2000. Wieħed mill-għanijiet ta' dan il-Pjan huwa "sabiex is-Sinodu Djoċesan...ma jintesiex, iżda jiġi mwettaq gradwalment" (Ċirk. 332/95). Anke dan il-Papa huwa ispirat mill-Konċilju Vatikan II. Nosservaw li l-istrutturi li jfakkruna fit-tagħlim tal-Konċilju ma humiex neqsin; dak li huwa meħtieġ issa hu li kull wieħed minna

bir-riflessjoni u l-meditazzjoni personali tiegħu, jinterjorizza l-prinċipji u l-orjentamenti tal-Konċilju li nistgħu ngħidu li kien l-aqwa ġrajja ekklessjali fis-seklu tagħna.

Matul is-sena li għaddiet sar il-Kungress Pastorali Djoċesan li jinżamm kull ħames snin. It-tema li ġiet studjata f'din l-okkażjoni kienet "Il-Progress" u sar dixxerniment kollettiv biex nagħżlu l-progress ġenwin u l-progress tal-qoxra biss. Issemmew diversi problemi marbutin mal-progress ta' gżiritna. Il-ħarsa ta' dan il-Kungress kienet mitfugħa lejn il-futur u kienet evidenti t-tama tal-Knisja f'Għawdex li anke fil-ġejjieni, għad li b'metodi mhux dejjem bħal dawk tal-imgħoddi, għandha ħafna x'toffri anke lill-ġenerazzjonijiet li telgħin. Il-Knisja f'Għawdex trid tkun knisja miftuħa għal kulħadd, b'mod speċjali għat-tfal u ż-żgħażagħ. Madanakollu, hija tgħożż u tħares bir-reqqa t-tagħlim ta' Kristu fil-kamp tal-fidi u tal-morali u mhix lesta tissagrifika dan it-tagħlim biex taparsi tkun iktar żagħżugħa u moderna. Iż-żgħożija tal-Knisja hija waħda spiritwali li tidher u tinħass fejn hemm il-fidi fi Kristu u l-grazzja tiegħu.

Il-preparazzjoni għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, kif mixtieq mill-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Ittra Apostolika Tertio Millennio Adveniente, għadha fl-ewwel fażi tagħha. Huwa ssuġġerit biex fis-snin 1994 -1996 isir il-bilanċ tal-ġrajjiet pożittivi u negattivi li għaddiet minnhom il-Knisja matul il-millenju li għadda. Dan jitlob minna spirtu ta' umiltà, ta' ndiema għall-ħtijiet tal-Knisja u anke ta' faqar spiritwali. Il-Ġublew mhux biss ċelebrazzjonijiet, iżda wkoll qawmien tal-kuxjenzi

biex il-grazzja t'Alla tagħti l-frott tagħha. Iżda hija meħtieġa wkoll l-organizzazzjoni biex jitwettqu ċerti ħidmiet. Għalhekk riċentament ġiet imwaqqfa Kummissjoni Djoċesana għal dan il-għan. Din il-Kummissjoni diġa ltaqgħet darba u dalwaqt ser tippubblika l-programm ta' attivitajiet.

Matul is-sena li għaddiet għamilt żjara fl-Awstralja fejn iltqajt ma' ħafna minn ħutna l-emigranti. Illum ftit għadhom jemigraw, iżda saru aktar komuni l-kuntatti permezz tat-telefon, tapes, eċċ u permezz ta' vjaġġi ta' l-emigranti li jiġu għall-holidays u nies minn hawn li jmorru jaraw lil qrabathom barra. Il-problema pastorali m'għadhiex dik li nippreparaw l-emigranti prospettivi; iżda li bix-xhieda nisranija ngħinu lil dawk il-Maltin u l-Għawdxin li jgħixu fil-pajjiżi ta' l-emigrazzjoni sabiex iżommu l-identità kattolika tagħhom.

Waqt din iż-żjara fl-Awstralja, ammirajt id-dedikazzjoni ta' ħutna s-saċerdoti Maltin u Għawdxin, tar-reliġjużi rġiel u nisa u tal-membri tal-MUSEUM li 'l boghod minn art twelidhom qegħdin jagħmlu kull ma jistgħu biex iwettqu l-ministeru tagħhom. Huma prova ohra tal-ispirtu missjunarju tal-kleru u tal-poplu tagħna u propju dan l-ispirtu li nixtiequh jikber u jissaħħaħ.

F'din is-sena li bdejna, bil-għajnuna t'Alla, għandha tinbeda u titkompla l-Viżta Pastorali Djoċesana. Tajjeb però li jiġu mirbuha ċerti preġudizzji. Hemm min jgħid li l-Viżta tiġi u tmur u nibqgħu bl-istess difetti jekk mhux ukoll abbużi. Huwa fatt li mhux kulħadd jikkopera mal-grazzja, iżda huwa fatt ukoll li ħafna mill-frott u t-tibdil li ġġib l-grazzja tal-Viżta jibqa' mohbi u ftit biss

jindunaw bih. Hemm ukoll xi whud, pjuttost anzjani, li jaħsbu li l-Viżta Pastorali tiġi biex wieħed iwassal l-ilmenti tiegħu lill-Isqof u li dan ser jirnexxilu jsolvi kull problema. Huwa ovvju li min jixtieq ikellem lill-Isqof, m'hemmx għalfejn jistenna sal-Viżta Pastorali imma jista' javviċinah kull meta jkun hemm ħtieġa. L-iskop tal-Viżta Pastorali huwa dak li matulha ssir verifika kif qiegħed jitwettaq il-Pjan Kwinkwennali u kif jista' jintrebaħ it-tfixkil li jiltaqgħu miegħu.

Is-sena li għadna kif bdejna hija s-Sena tat-Tfal u għalhekk hija stedina għalina biex nimpenjaw ruħna ħalli nwettqu d-dokument tas-Sinodu dwar Il-Pastorali mat-Tfal. Nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li fil-pastorali tagħna qatt ma ttraskurajna t-tfal. B'eċċezzjonijiet żgħar, it-tfal tagħna sa meta jirċievu s-sagrament tal-Griżma, huma kkurati spiritwalment. Filwaqt li jżommu quddiem għajnejhom dak li hemm fuq dan is-suġġett fil-Pjan Pastorali Kwinkwennali, il-Kummissjoni Kateketika flimkien mal-Kummissjoni Familja għandhom ifasslu programm ta' attivitajiet għal din is-Sena tat-Tfal.

L-Edukazzjoni għall-Paċi, li dwarha tkellem il-Papa fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Paċi ta' din is-sena, hija meħtieġa mhux biss għat-tfal iżda wkoll għaż-żgħażagħ u l-kbar. Fenomeni ta' vjolenza, aggressività u vandaliżmu jidhru ta' sikwit f'pajjiżna. Kif għidt fid-diskors ta' Kristu Re "għad fadal ħofor x'jimtlew u ħotob x'jiġu mwittija". Mhux biss fil-priedki tal-Eżerċizzi, iżda wkoll f'okkażjonijiet oħra bħalma huma l-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika, il-paċi għandha tkun wieħed mis-suġġett trattati. Nappella lis-saċerdoti

biex ikunu bennejja tal-paċi: bħala rappreżentanti tal-Knisja, bħala xandara tal-Vanġelu u bħala ministri ta' Kristu għandna nagħtu s-sehem tagħna favur il-paċi.

Il-Kummissjoni Djoċesana għaż-Żgħażagħ qegħda tagħmel ħilitha sabiex possibilment tilħaq l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ kollha t'Għawdex u twettaq magħhom hidma pastorali kif hemm deskritt fid-dokument dwarhom tas-Sinodu Djoċesan u fil-Pjan Pastorali. Qed tingħata importanza lill-ħidma pastorali ma' l-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji b'erba' spiritual counsellors - tnejn full-timers u tnejn part-time. Hemm ukoll għadd ta' gruppi ta' żgħażagħ li jkollhom laqgħat regolari huma dawk tal-MUSEUM, tal-Juniors Leġjunarji u prayer groups. Pero' l-pastorali taż-żgħażagħ tibqa' dejjem waħda diffiċli u li ma tantx tagħti riżultati mmedjati. Kif jidher minn riżultat tal-kwestjunarju magħmul mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ ta' Malta, hafna żgħażagħ ma humiex kapaċi jiddistingwu bejn il-liġi t'Alla u l-liġi tal-Knisja; ma jgħożżux biżżejjed l-ideali tal-Vanġelu, fosthom il-kastità, bil-konsegwenza li 53% ma joġġezzjonawx għas-sess qabel iż-żwieġ; 67% ma jqisux il-kontraċettivi bħala mmorali u 65% jqisu s-sess bħala ħaġa privata u li l-Knisja ma għandhiex tagħti ġudizzju fuqu. Dawn m'humiex aħbarijiet konfortanti u juru mentalità ta' min hu nieqes minn spirtu ta' sagrifiċċju u mit-tagħlim sod u ġenwin.

Nispera li jkomplu jissahhu l-laqgħat ta' tagħlim għall-koppji żgħażagħ. Dawn huma 30 lezzjoni mqassmin fuq tliet snin. F'xi parroċċi jsiru wkoll laqgħat għall-kategoriji ta' l-irġiel u tan-nisa. Ilkoll nifhmu kemm illum sar importanti li lill-miżżewġin nsara ngħinuhom

bit-tagħlim dwar il-valuri tal-ħajja miżżewġa. Sfortunatament il-każi ta' infedelta' fiż-żwieġ qed jiżdiedu. Inħeġġu lill-koppji miżżewġin biex jgħożżu il-wegħdiet taż-żwieġ sal-mewt.Rigward l-anzjani, barra mid-Day Centre fid-dar ta' San Ġużepp, Għajnsielem, għandna proġett għall-bini ta' post residenzjali għalihom wara l-Konservatorju. Nisperaw li l-bini jibda meta jaslu l-permessi meħtieġa. Jekk wieħed jaqra l-accounts tal-fond ċentrali tal-Kurja jinnota li fl-1994 kellna xi ftit surplus: dan is-surplus jew parti minnu diġa huwa destinat biex jintuża għall-ewwel fażi ta' dan il-bini.

Għad m'għandix ir-riżultati finali taċ-Ċensiment tal-Quddies li sar dan l-aħħar. Jidher li l-attendenza naqset xi ftit iżda rridu nkunu rikonoxxenti lejn Alla li l-kotra għadha tieħu sehem fil-quddiesa. Nagħmlu ħilitna biex nanimaw il-quddiesa hekk li nħajru lil dawk preżenti jieħdu sehem attiv fiha. Fuq kollox inħeġġu lin-nies tagħna biex jitolbu u niffavorixxu kull xorta ta' talb awtentiku fil-privat, fil-familja, fil-knejjes eċċ għax dment li l-poplu tagħna għadu jitlob u jittama f'Alla, għadu kapaċi jaffronta l-problemi spiritwali u jibqa' lejali lejn Kristu u lejn il-Knisja tiegħu.

6. IL-KNISJA PELLEGRINA
(07 - 01 - 1996)

San Mattew huwa l-uniku wieħed mill-erba' evanġelisti li jirrakkonta l-ġrajja tal-Maġi li wara vjaġġ twil marru f'riġlejn Ġesù tarbija, tawh l-adorazzjoni tagħhom u offrewlu r-rigali li ġabu magħhom.

Ninnotaw li biex sabu lil Ġesù Bambin, il-Maġi kellhom jimxu triq twila. Dan iġibilna quddiem għajnejna waħda mill-kundizzjonijiet li fihom tgħix u teżisti l-Knisja fid-dinja. Fi kliem il-Konċilju Vatikan II, il-Knisja hija pellegrina. Minn dan il-fatt nistgħu niġbdu żewġ konklużjonijiet: l-ewwelnett li l-Knisja ma għandhiex torbot qalbha ma' dak li huwa ta' din l-art - ma għandhiex tqieghed il-fiduċja tagħha fil-ħwejjeġ tad-dinja. Imbagħad, ladarba l-Knisja tinsab f'pellegrinaġġ, hija ma ssibx il-perfezzjoni tagħha f'din id-dinja imma meta tasal fil-ħajja ta' dejjem.

Jekk il-Knisja kollha kemm hi hija pellegrina, aħna, l-membri tal-Knisja, ukoll qegħdin f'dan il-pellegrinaġġ. San Pawl nnifsu jaċċertana minn dan il-fatt: li dment li qegħdin fid-dinja, aħna qegħdin f'pellegrinaġġ. Dan ifisser li ħafna mill-affarijiet li nagħmlu huma proviżorji. Ma jistax ikun li aħna nsibu l-verità sħiħa. Ma jistax ikun li nilħqu l-perfezzjoni morali. Imma dejjem jonqosna xi ħaġa. Dejjem irridu nagħmlu pass 'il quddiem. Niżbaljaw jekk naħsbu li ma għandna bżonn nagħmlu xejn iktar! Jekk ma nibqgħux

pellegrini - jekk ma nibqgħux infittxu lil Kristu, mmorru lura, naqgħu f'ċertu stat ta' indifferenza u bruda spiritwali.

Għad li l-Maġi kienu f'pellegrinaġġ u fettxew li jimxu 'l quddiem, dan ma jfissirx li kienu mexjin mingħajr direzzjoni. Kellhom il-kewkba li tmexxihom; imbagħad staqsew biex ikunu jafu fejn twieled is-Salvatur. Għalkemm staqsew, kienu ċerti li t-tarbija kienet twieldet. Ma jistax ikun li l-ħajja tan-nisrani tkun dubji biss. Ma jistax ikun li t-twemmin tagħna jkun mibni biss fuq ċertu relativiżmu. Veru li aħna qegħdin ngħumu f'ħafna misteri. Huwa veru li hemm veritajiet li għadna ma fhimnihomx sa l-aħħar u lanqas ser jirnexxilna nifhmuhom dment li aħna għadna f'din id-dinja. Huwa minnu li rridu nitgħallmu dejjem aktar, anke biex inkun kapaċi nagħtu risposta lill-oħrajn li għandhom id-dubbji. Imma daqshekk ieħor huwa veru li hemm ċerti veritajiet li huma ċari u sodi li ma nistgħux inwarrbuhom fil-ġenb. Jekk per eżempju niddubitaw mill-verità dwar l-eżistenza t'Alla, allura t-twemmin tagħna jaqa' kollu.

Minn din il-ġrajja tal-maġi li ġew mil-Lvant ifittxu lill-Messija mwieled, għandna żewġ konklużjonijiet x'nagħmlu: tajjeb li ma nahsbux li nafu kollox u li lħaqna l-perfezzjoni. Hemm ħafna domandi li għandna nagħmlu imma fl-istess ħin ma jistax ikun li niddubitaw minn kollox u nibnu dar mingħajr pedamenti; għalhekk, hemm bżonn li naċċettaw ċerti veritajiet u fuqhom nibnu l-ħajja reliġjuża tagħna.

7. ID-DMIR TAL-ĠURNALISTI LEJN IT-TFAL
(27 - 01 - 1996)

"F'din l-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk de Sales, patrun tal-ġurnalisti peress li qegħdin fis-sena ddedikata lit-tfal, tajjeb naraw x'konnessjoni hemm dawn u dawk.

L-ewwelnett huma mportanti li t-tfal Maltin u Għawdxin ikollhom il-ġurnal tagħhom jew xi letteraturia perjodika oħra. Huwa fatt li diġa teżisti xi ħaġa, imma jista' jsir wisq aktar u ċ-ċirkazzjoni ta' dawn il-pubblikazzjonijiet tista' tkun ikbar. B'inizjattivi bħal dawn lit-tfal indarruhom minn ċkunithom jinteressaw ruħhom minn dak li jkun qed jiġri madwarhom. Għalkemm żgħar fl-età, it-tfal josservaw x'ikun għaddej u għalhekk tajjeb li ngħallmuhom kif jagħmlu ġudizzju fuq dak li jaqraw, jisimgħu u jaraw. Barra minn hekk, jeħtieġ li f'pajjiżna tikber id-drawwa tal-qari. Anke fost l-istudenti jista' jsir aktar biex jitgħallmu jħobbu l-qari kemm bil-lingwa tagħna u b'lingwi oħrajn. Nistgħu nibdew bit-tfal u nħajruhom jaqraw. Barra minn hekk hemm relazzjoni oħra bejn id-dinja tat-tfal u l-ġurnalisti. Normalment dawn ta' l-aħħar jinteressaw ruħhom minn dak li jagħmlu l-adulti u ftit li xejn jagħtu mportanza lit-tfal. Iżda t-tfulija hija mportanti ukoll għax minnha tiddependi l-ħajja futura. Jekk individwu jkollu tfulija feliċi, allura meta jikber kapaċi jkollu ċertu ekwilibriju fil-karattru; imma meta t-tfal ikollhom tfulija infeliċi, ħafna drabi din tħalli influwenza negattiva fuq il-ħajja

tagħhom kollha. Nistgħu nagħmlu lista twila ta' problemi li għandhom it-tfal u li l-ġurnalisti huma fid-dmir li jinteressaw ruħhom minnhom.

Ftit snin ilu kienet ġiet ipproklamata l-karta tal-jeddijiet tat-tfal. Wieħed minn dawn id-drittijiet fundamentali tat-tfal huwa li fil-familja huma jsibu ambjent fejn iħossuhom aċċettati u maħbuba. It-tfal għandhom il-jedd għall-edukazzjoni u l-ġurnalisti għandhom jaċċettaw u jiddefendu l-prinċipju li jkun hemm opportunità ugwali għal kulħadd, sewwa jekk wieħed ikun ġej minn familja magħrufa u tat-tajjeb u sewwa jekk ikun ġej minn familja modesta jew li ma għandhiex mezzi biżżejjed biex tħallas għall-edukazzjoni tiegħu. Naturalment mhux kulħadd għandu l-istess talenti u mhux kulħadd għandu l-kapaċità li jimxi 'l quddiem sa l-istess grad - imma kulħadd għandu jkollu din il-possibiltà.

Dritt ieħor tat-tfal li mhux qed jiġi mħares dejjem u kif suppost huwa d-dritt għall-mistrieħ. Biex kulħadd it-tfal għandhom bżonn tar-rikreazzjoni u jekk aħna nimponulhom ċertu homework u studju li ma jħallilhom ebda ċans għall-mistrieħ u r-rikreazzjoni, inkunu qegħdin niksru l-jeddijiet tagħhom. Huwa dmir tal-ġurnalist nisrani li jinnota dan l-abbuż u jikkundannah. Hemm bżonn li l-ġurnalisti jinvestigaw dwar il-pjaga tal-privatijiet li għandna f'pajjiżna. L-ewwelnett, dan il-fenomenu qiegħed jagħti daqqa ta' ħarta anke lis-sistema edukattiva għax ħafna drabi l-iskejjel iridu jaraw min mill-istudenti qed jieħu lezzjonijiet privati u min mhux. Ħafna drabi anke l-istudenti stess, billi jserħu rashom mit-tagħlim privat, ma joqogħdux attenti

għal-lezzjonijiet ta' l-iskola. Wieħed jifhem li jkun hemm min ikollu bżonn ta' għajnuna supplimentari u allura f'każi bħal dawn il-privat huwa meħtieġ. Imma dan ma jfissirx li l-istudenti kollha, fl-etajiet kollha u fis-suġġetti kollha, għandhom imorru għall-privat. Għalhekk il-ġurnalisti hemm bżonn li jagħrfu l-kontribut li jistgħu jagħtu biex ikun hawn kampanja kontra l-mentalità ta' tagħlim privat bla bżonn.

It-tfal għandhom jeddijiet u dmirijiet reliġjużi. Xi drabi lil ċerti tfal lanqas iħallulhom iċ-ċans li jieħdu sehem fil-quddiesa u jsibu min ifixkilhom milli jattendu għal-lezzjonijiet tal-katekiżmu. Hemm bżonn nifthu għajnejna u ċerti żbalji ma nhalluhomx għaddejjin għax l-iżbalji li nieħdu fis-sistema edukattiv - sewwa fl-edukazzjoni familjari kif ukoll fl-edukazzjoni skolastika, fil-futur jistgħu jkunu ta' ħsara kbira għaċ-ċittadin u għas-soċjetà.

Fuq kollox għandna nagħmlu ħilitna biex lit-tfal nagħtuhom edukazzjoni għall-paċi, kif stedinna l-Papa stess fil-Messaġġ tiegħu għal Jum il-Paċi ta' din is-sena. Lit-tfal ngħallmuhom iħobbu u jirrispettaw il-proxxmu tagħhom; nagħtuhom il-lezzjoni tal-maħfra nisranija għax illum din saret lezzjoni tqila. Lit-tfal nippruvaw inħarrġuhom kif jagħtu servizz gratuwitu biex ikunu ġenerużi u altruisti ma' l-oħrajn.

B'dan il-mod il-ġurnalisti jkunu qegħdin jagħtu kontribut kbir għall-progress ta' pajjiżna kif ukoll jagħtu xhieda li jridu jwettqu fit-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja".

8. NGĦOŻŻU DAK LI HUWA SABIĦ
(21 - 03 - 1996)

"Il-modernità, għalkemm iġġib magħha l-progress, iġġib ukoll l-isfidi. Wieħed mill-perikli l-kbar għall-ħajja nisranija u għall-qdusija tal-familja hija l-invażżjoni tal-pornografija. F'idejn il-kbar, iż-żgħażagħ, l-adoloxxenti u saħansitra f'idejn it-tfal, hawn ċerti stampi u rivisti li żgur jagħmlu ħsara lill-moralità. Barra minn dan il-materjal ippublikat li jipprovoka ħsibijiet u xewqat ħżiena, hemm ukoll il-videos. Mhux il-videos kollha huma kundannabli għax hemm ħafna li joffru tagħlim u divertiment onest għall-familja kollha; imma xi drabi jintwerew videos li fihom affarijiet oġġezzjonabbli. It-tixrid ta' pornografija huwa kontra l-liġi tal-pajjiż u għalhekk il-pulizija għandha l-jedd li tieħu passi. Min jara jew juri videos klandestini bħal dawn, m'għandux il-kuxjenza f'postha u hemm bżonn jagħmel paċi m'Alla.

Importanti li wieħed joqgħod attent li ma jagħtix skandlu liż-żgħar. Xi drabi jiġri li fil-familja t-tfal isibu materjal pornografiku moħbi u hekk huma wkoll isiru parteċipi f'dan il-vizzju".

Jekk aħna tabilħaqq insara u rridu li jkollna kuxjenza nadifa hemm bżonn nikkontrollaw dan l-abbuż għax dan mhux divertiment ta' nsara imma tal-pagani. Nitolbu lill-Madonna u lil San Ġużepp jgħinuna nħarsu d-don tal-kastità, kulħadd skond l-istat tal-ħajja tiegħu. Infittxu li ngħożżu dejjem aktar dak li huwa sabiħ, qaddis u safi biex ikollna d-dritt nissejħu wlied Alla.

9. L-UŻU TAL-MASS MEDIA
(04 - 03 - 1996)

"It-2 ta' Marzu għalija personalment huwa jum ta' radd il-ħajr. L-ewwelnett inħossni fid-dmir li rrodd ħajr lil Alla għall-għomor li silifni, kif ukoll għax għoġbu jinqeda bija għall-ministeru ta' raġħaj spiritwali tagħkom f'din id-djoċesi.

F'dan il-jum, minn qalbi, irrodd ħajr ukoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor, għandhom sehem fl-apostolat u fil-ministeru tiegħi: il-membri tal-kleru li huma l-kollaboraturi ta' l-Isqof, il-membri ta' l-għaqdiet ta' l-apostolat u tal-movimenti, il-kapijiet tal-familji u l-insara kollha, kbar u żgħar, dawk kollha li jitolbu għalija u dawk li huma disposti li jagħtu l-għajnuna tagħhom.

F'dawn l-aħħar sentejn, inħoss li hemm motiv ieħor għaliex għandi nirringrazzja lil Alla u nkun rikonoxxenti lejn dawk kollha li jikkollaboraw miegħi: inħoss li żdiedet dimensjoni ġdida fil-ħajja tiegħi u din hija l-esperjenza ta' apostolat permezz ta' l-R.T.K.

Ta' kull ħmistax għandi l-possibiltà li nieħu sehem fi programm fuq dan l-istazzjon. Ngħid is-sewwa dan il-programm kien għajn ta' tagħlim għalija; forsi aktar tgħallimt minnu iżjed milli tgħallimt mill-kotba għax sirt naf kemm nies, anke fil-ġżira tagħna, qegħdin ibatu, illi huma tturmentati bil-problemi tal-familja, minn dubji, minn qtigħ il-qalb, minn nuqqas ta' ċertu rispett minn

qrabathom. Jien inħoss li dawn l-ilħna li jitilgħu 'l fuq u jaslu saħansitra sa widnejja, għalija huma provokazzjoni biex nagħti kas tat-tbatija fiżika u morali li teżisti fil-komunità tagħna.

Din l-esperjenza tax-xandir ta' l-RTK tagħtina pittura iktar ċara bil-kuluri jgħajtu u bil-kuluri oskuri, sbieħ u mċajprin, ta' dak li qiegħed iġarrab il-poplu tagħna. Minn dak li joħroġ minn dawn il-programmi, jien inkun nista' nagħraf aħjar liema huma dawk il-kategoriji tal-poplu tagħna li jeħtieġu l-attenzjoni speċjali mhux biss tiegħi, imma wkoll tal-kleru u ta' dawk iddedikati għall-ministeru. Fl-istess ħin, dawn l-ilħna huma għalija sejħa biex niddedika iktar talb għall-poplu t'Alla: talb ta' interċessjoni speċjalizzata għal dawk li l-aktar għandhom bżonn.

Imma jien naħseb li barra minn hekk, din l-esperjenza ta' apostolat fuq ir-radju, sservi wkoll biex jien ikolli okkażjoni ngħid kelma ta' faraġ u ta' kuraġġ: kelma li sservi biex titfa' ċertu dawl fejn hemm id-dlam, iċ-ċpar, il-konfużjoni ta' ideat.

Huma mportanti li nsegwu daqsxejn il-Mass Media u naraw x'qed joħroġ mill-istazzjonijiet tar-radju li huma daqshekk numerużi f'pajjiżna, mit-televiżjoni lokali u anke l-programmi li nirċievu minn barra. Naraw daqsxejn fejn ser twassal din l-invenzjoni ġdida u meraviljuża ta' l-"Internet" u jekk hix ser toħloq problemi spiritwali ġodda.

Naħseb li tajjeb li din il-problema tal-Mass Media nżommuha quddiem għajnejna. Il-Papiet għallmu

ħafna drabi li dawn il-mezzi huma ambivalenti għax daqs kemm nistgħu nużawhom għat-tajjeb, daqstant ieħor nistgħu nużawhom għall-ħażen. Hemm bżonn li kulħadd jiftaħ għajnejh, speċjalment il-kapijiet tal-familja u l-edukaturi għax nibża' wisq li dak li qegħdin nibnu aħna l-edukaturi, qegħdin ifarrkuhulna ċerti programmi tat-TV u mezzi oħra tal-Mass Media bħalma huma l-videos.

Naħseb li sewwa li dawn l-isfidi nsemmghuhom u nippruvaw niqfulhom jekk irridu li r-reliġjon nisranija jkollha futur fil-gżejjer tagħna. Imbagħad, nixtieq naqsam magħkom osservazzjoni li ilni ħafna naħseb fuqha: hemm ċerti operaturi u utenti tal-Mass Media li bil-mod il-mod qegħdin isiru insensibbli u forsi wkoll allerġiċi għal ċerti messaġġi reliġjużi. Ħafna drabi ma jħossux il-ħtieġa u l-importanza tal-fidi. Il-ħajja tal-grazzja qisha xi ħaġa li m'għandhiex valur ta' aħbar. Il-ħajja missjunarja u l-ħidma li l-Knisja tagħmel għas-salvazzjoni tal-bnedmin, ma tfisser xejn għal ċerti ġurnalisti. Minflok, qed tingħata l-importanza lil ċerti problemi soċjali - lil dawk l-affarijiet li aktar joqorsu l-but. Din ir-riflessjoni nista' napplikaha anke għall-Ittra Pastorali tagħna l-Isqfijiet għal dan ir-Randan. Il-Pastorali kien fiha ħafna partijiet sbieħ, imma ċerti kummentaturi waqfu biss fuq il-flus ta' l-użura u l-logħob ta' l-azzard! Veru li dawn il-problemi huma serji u jolqtu l-familja; imma l-Media lokali semmew ftit ħafna dwar l-ewwel parti u l-aħħar parti ta' l-Ittra Pastorali li kienu daqshekk sbieħ u fihom messaġġ qawwi, per eżempju dwar il-fatt li Alla huwa dak li ħalaqna, dak li afdalna pjan għall-ħajja tagħna. Il-ħajja tal-bniedem, speċjalment tan-nisrani, għandha tkun orjentata lejn Alla. Imma għal ċerti nies fil-qasam tal-media, dan id-diskors ma fihx sinifikat u hu bla toġħma ta' xejn.

Fi tmiem ta' l-omelija, Mons. Isqof appella sabiex ikun apprezzat aktar ix-xogħol ta' l-operaturi tal-Mass Media, speċjalment ta' dawk li għandhom ispirazzjoni nisranija.

10. NAGĦRFU AĦJAR LIL KRISTU - IT-33 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(21 - 04 1996)

Qegħdin niċċelebraw illum il-Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. L-iskop ta' dan il-Kungress huwa illi nitolbu u nistudjaw, biex naraw x'għandna nagħmlu ħalli l-Isem t'Alla u tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu jkun tabilħaqq meqjum u mweġġaħ minn kulħadd.

Jiena naħseb illi l-aqwa mezz illi bih aħna nistgħu niġbdu l-imħabba u l-qima ta' l-oħrajn lejn Kristu, huwa illi ngħinuhom biex jagħrfuh aħjar. Ma jistax ikun li wieħed jagħraf lil Kristu u ma jħobbux! U iktar ma wieħed jagħraf lil Kristu, iktar tikber fih din l-imħabba. U ħafna ma jħobbux lil Kristu, u jitbiegħdu minnu, proprju għaliex jonqoshom dan it-tagħrif fuq is-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu.

Ir-rakkont tal-Evanġelju li għadna kif smajna, jurina x'uħud mit-toroq li jwasslu għand Kristu; juruna xi mezzi, xi għajnuniet, li permezz tagħhom insibu lil Kristu, u nkunu nafuh aħjar, u nidħlu wkoll fil-ħbiberija Tiegħu. Waqt li dawk iż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws kienu sejrin minn Ġerusalemm lejn darhom, dehrilhom Ġesù, u huma ma għarfuhx għax ħasbuh xi pellegrin, Ġesù kien qed ikellimhom bit-tagħlim ta' l-Iskrittura - tagħlim sabiħ, rivelat minn Alla; il-Profeziji tat-Testment il-Qadim li twettqu kollha fil-Ħajja u fil-Mewt tas-Sinjur Tagħna Ġesù. U dawk id-dixxipli kienu attenti

għat-Tagħlim li tahom Kristu waqt li kienu mexjin fit-triq; attenti għall-Messaġġ Tiegħu, għad li kienu għadhom m'għarfuhx. Mhux biss attenti, imma ħassew anke l-qalb tagħhom titħeġġeġ bl-imħabba. Allura, l-ewwel triq li twassalna għand Kristu hija l-Iskrittura Mqaddsa: il-Kotba Mqaddsa tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid. U Kristu stess, din il-ħaġa qalha lill-bnedmin ta' żmienu, illi qallhom: "Fittxu fl-Iskrittura, għaliex dawk il-Kotba jitkellmu dwari". Għalhekk hija ħaġa sabiħa, ħaġa tajba, illi nagħmlu kull mezz biex insiru iktar familjari mal-Kotba Mqaddsa, speċjalment mal-Ktieb ta' l-Evanġelju illi fih hemm mhux biss ix-xbihat, imma hemm ir-realtà: dak li fit-Testment il-Qadim huwa Xbieha, fit-Testment il-Gdid huwa r-Realtà, dak li twettaq tabilħaqq.

Imma, l-Iskrittura weħidha mhijiex biżżejjed! Difatti, f'hiex għarfuh lil Ġesù d-Dixxipli ta' Għemmaus? - Meta kienu flimkien it-tlieta, huma u Ġesù magħhom, u mbagħad għarfuh fil-Qsim tal-Ħobż. Allura, mezz ieħor biex nagħrfu lil Kristu hija proprju l-Ewkaristija: it-Tqarbin Imqaddes. Iktar ma nersqu lejn Ġesù fis-Sagrament ta' Mħabbtu, iktar nagħrfuh u iktar inħobbuh. Imma meta nghidu Ewkaristija, nifhmu wkoll komunità, jiġifieri l-ġemgħa ta' nies li jingabru flimkien biex joffru s-Sagrifiċċju tal-Quddiesa, u biex jieħdu sehem minn Ħobża waħda u Kalċi wieħed. Allura, barra mill-Iskrittura Mqaddsa, barra mill-Ewkaristija, hemm Triq oħra li twassalna għand Ġesù.

U din hija l-Knisja. Għaliex din hija l-ħidma tal-Knisja. Għalhekk il-Missjunarji jħallu art twelidhom u jmorru f'artijiet imbiegħda. Għalhekk tant u tant żgħażagħ iħallu d-dinja u jikkonsagraw ruħhom 'l Alla!

Proprju, biex Ġesù jkun magħruf iktar mill-bnedmin. Proprju biex iwasslu t-Tagħlim ta' Kristu, anke lil dawk li dan it-Tagħlim għadhom ma jafuhx.

Dawn huma mela t-Tliet Toroq illi jwassluna għand Ġesù, illi jqarrbuna lejh, jgħinuna biex nagħrfuh aħjar. Mela, waqt li qegħdin niċċelebraw dan il-Kungress Djoċesan, nagħmlu proponiment illi lil Kristu rridu nagħrfuh aħjar, biex inqimuh iżjed, u biex imbagħad inkunu nistgħu ngħidu bis-sinċerità kollha Tiġi Saltnatek. U l-ewwelnett, din is-Saltna hemm bżonn tiġi f'ruħna, fis-setgħat tagħna spiritwali, fl-intelliġenza tagħna, fir-rieda tagħna, fil-qalb tagħna.

U peress illi t-tema tal-Kungress Djoċesan huwa "L-Impenn tal-Ġenituri fis-sena tat-Tfal", jixraq li aħna napplikaw anke għall-familja dan it-tagħlim li għadna kif semmejna. Kemm hija ħaġa sabiħa, illi l-familja kollha tagħraf lil Kristu u tħobb lil Kristu, u timxi warajh għax xi darba fil-familja, forsi jkollok l-omm li hija mara twajba u qaddisa, imma mbagħad ir-raġel forsi mbieghed u indifferenti. Forsi għandek il-ġenituri illi huma qrib il-Knisja, imma mbagħad l-ulied, jew almenu xi hadd minnhom, ma jridx jaf bir-Reliġjon. Kemm hija ħaġa wisq isbaħ illi l-familja kollha tagħraf lil Kristu, u tħobb lil Kristu. U proprju l-ġenituri għandhom inisslu f'uliedhom dawn it-Tliet Imħabbiet li semmejna:

L-imħabba lejn il-Bibbja, lejn il-Kotba Mqaddsa;

L-imħabba lejn l-Ewkaristija fejn Kristu huwa realment preżenti; u

L-imħabba wkoll lejn il-Knisja, illi tagħha aħna membri; illi aħna wlied spiritwali għax il-Knisja hija bħala Ommna illi tieħu ħsiebna u tmexxina fit-triqat tal-ħajja, biex twassalna fil-mergħat ta' dejjem.

Dan mela nitolbu:
j'Alla l-familji tagħna jkunu moralment f'saħħithom, familji verament insara;
j'Alla l-ġenituri jimpenjaw ruħhom bis-serjetà għall-ġid ta' wliedhom,mhux biss il-ġid materjali, imma fuq kollox il-ġid Spiritwali, biex ilkoll kemm aħna, naħdmu għalenija għas-Saltna ta' Kristu.

11. ĦTIEĠA TA' ATMOSFERA NISRANIJA FI DJARNA
(22 - 04 - 1996)

"Hemm bżonn li l-familji jimpenjaw ruħhom biex joħolqu atmosfera nisranija fi djarhom għax sfortunatament, f'ċerti familji huma assenti għal kollox s-sinjali tar-reliġjon u f'ċerti familji oħra tinkiser l-Liġi t'Alla. Biex tinħoloq din l-atmosfera nisranija huwa importanti li l-ġenituri juru attenzjoni biex uliedhom ma jitilfux l-istima li għandu jkollhom lejn il-ġenituri tagħhom. Ir-rispett ta' l-ulied lejn il-ġenituri ma jiddependix biss mir-rieda tajba ta' l-ulied, imma wkoll mill-imġieba tal-ġenituri. Meta l-ġenituri jkunu qalb waħda u ruħ waħda, l-ulied jiffurmaw opinjoni għolja tal-ġenituri tagħhom. Imma meta l-ulied jassistu għal xeni ta' ġlied u tgħajjir bejn l-omm u l-missier, huwa diffiċli li jiksbu stima lejn il-ġenituri. Għalhekk huwa importanti li l-ġenituri jgħassu fuq l-imġieba tagħhom biex ikunu ta' eżempju tajjeb għat-tfal.

L-imħabba hija element ieħor importanti biex tinħoloq atmosfera nisranija fid-dar. L-imħabba ma tfissirx fsied żejjed jew li l-ġenituri jċedu l-armi biex l-ulied jagħmlu dak li jridu fil-libertà li l-ġenituri jagħtu lil uliedhom tikber skond kemm l-ulied ikollhom sens ta' responsabilità. Sa minn ċkunithom t-tfal għandhom bżonn imħabba intelliġenti li mhix mifruda mis-sagrifiċċju. Minħajr ma jiddiskriminaw bejn l-ulied, il-ġenituri għandhom jirrispettaw il-jeddijiet kollha ta' wliedhom. Id-drittijiet tal-ġenituri u dawk

tat-tfal m'humiex konfliġġenti imma f'armonija flimkien. Fil-formazzjoni ta' l-ulied m'hemmx kriterju uniku li jgħodd għal kulħadd għal kull każ. Kull wieħed mit-tfal huwa persuna bil-karatteristiċi tagħha u għalhekk il-ġenituri mdawlin bil-fidi nisranija u bit-tagħlim li toffrilhom il-Knisja, għandu jkollhom dik is-sengħa li jiżviluppaw dik il-potenzjalità għat-tajjeb li hemm f'kull wieħed u waħda minn uliedhom.

Atmosfera nisranija tinħoloq jekk lil uliedhom, il-ġenituri jgħaddulhom ir-reliġjon nisranija vera. Niżbaljaw jekk mill-Kristjaneżmu nieħdu biss il-ħelu u nħallu l-morr. Ir-reliġjon nisranija mhux biss reliġjon ta' daqq tal-mużika u l-baned. Ir-reliġjon li hemm bżonn nippreżentaw lit-tfal u liż-żgħażagħ trid tkun waħda soda: reliġjon li għandha prinċipji li jiġu mħarsin dejjem u akkost ta' kollox. Fi żminijietna qegħdin ngħumu f'baħar ta' inċertezzi - hawn min qed joħloq dubbji anke dwar veritajiet reliġjużi. Dik li tissejjaħ żona gżira, fejn la tista' tgħid iva u lanqas le, qed kull ma jmur dejjem tikber. Imma fir-reliġjon hemm bżonn li ċerti affarijiet ikunu iva dejjem u għal kulħadd u affarijiet oħra jkunu miċħuda dejjem. Hemm bżonn li fir-reliġjon ikun hemm l-abjad u l-iswed. Kristu stess qalilna li kliemna għandu jkun iva, iva u l,e le. Ċerti kompromessi jagħmlu ħsara lilna u lir-reliġjon. Nixtieq nikkundanna ċerti fehmiet ħżiena u anti-kristjani li bil-mod il-mod qegħdin jidħlu f'pajjiżna. L-ewwelnett insemmi s-sess qabel iż-żwieġ; dan huwa saħta li tfarrak il-familja qabel ma tibda. Is-sess qabel iż-żwieġ mhux imħabba imma kapriċċ u passjoni: ipoġġi l-pjaċir qabel id-dmir. Nikkundanna wkoll l-infedeltajiet fiż-żwieġ. Qed jiżbaljaw bl-ikrah dawk l-irġiel u n-nisa li jagħtu kunfidenzi żejda u

jittradixxu lil marthom jew lil żwieġhom, xi darba anke ripetutament. Dawn il-ħwejjeġ huma sinjali ta' paganiżmu ġdid għax ma jaqblu xejn mal-Vanġelu ta' Kristu. Min jiddefendi din l-imġieba jkun qed jeħodha kontra Kristu!

Għeżież ġenituri, afdaw f'Alla u itolbuh jgħinkom fil-missjoni tagħkom. Lill-ġenituri li huma kuntenti b'uliedhom nistedinhom biex iroddu ħajr lil Alla. Imma jien naf li ċerti ġenituri qegħdin iġorru salib kbir għax xi ħadd minn uliedhom ħareġ sfrattat minkejja li huma għamlu kull ma setgħu biex jagħtu trobbija tajba. Lil dawn nagħmlulhom kuraġġ biex ma jaqtgħux qalbhom. Santa Monika nkwetat ħafna meta binha Wistin kien għadu żgħir, imma għat-talb u l-penitenzi tagħha l-Mulej ta lil binha l-grazzja tal-konverżjoni u ħafna grazzji oħra. Niftakru li t-talb ma għandu jonqos qatt fil-familji u d-djar tagħna. Il-membri kollha tal-familja għandhom jitolbu flimkien, inkluż il-missier li huwa s-saċerdot tal-familja li flimkien ma' martu għandu jmexxi l-liturġija tal-familja. Ma jagħmlux sewwa dawk l-irġiel li jiddelliegaw l-uffiċċju tat-talb lil marthom. Bit-talb li jsir fil-familja nkunu nsejħu fuqna l-Barka t'Alla".

12. MESSAĠĠ FL-OKKAŻJONI TAL-50 ANNIVERSARJU TAL-FERGĦA TAN-NISA TAL-AZZJONI KATTOLIKA
(04 - 05 - 1996)

Il-Fergħa tan-Nisa tal-Azzjoni Kattolika Maltija f'din is-sena tiċċelebra bil-ferħ il-Ġublew tad-Deheb tagħha, jiġifieri il-ħamsin anniversarju minn meta ġiet imwaqqfa fl-1946, b'digriet tal-mibki Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.

Matul din il-medda ta' snin, mhux biss f'pajjiżna iżda wkoll fuq skala internazzjonali, twettqu ġrajjiet fi ħdan il-Knisja li ftit jew wisq influwenzaw il-ħajja u l-ħidma ta' din l-Għaqda tal-Apostolat tal-Lajċi.

Ta' min ifakkar għall-inqas żewġ dokumenti importanti li żgur kienu ta' inċitament u ta' gwida għal din il-Fergħa tan-Nisa tal-Azzjoni Kattolika.

Insemmi l-ewwelnett il-Konċilju Vatikan II, b'mod partikulari d-digriet "Apostolicam Actuositatem", li fin-numru 20, wara li jsemmi d-diversi assoċjazzjonijiet li jaqgħu taħt l-isem ta' Azzjoni Kattolika, jafferma d-diversi assoċjazzjonijiet li jaqgħtu taħt l-isem ta' Azzjoni Kattolika, jafferma li "Il-Konċilju Mqaddes jirrikmanda bil-ħerqa dawn l-istituzzjonijiet li jwieġbu żgur f'ħafna pajjiżi għall-ħtiġijiet ta' l-appostolat tal-Knisja; jistieden lis-saċerdoti u l-lajċi li jaħdmu fihom biex iħaddmu u jiżviluppaw dejjem iżjed in-noti karatteristiċi li ssemmew iżjed 'il fuq u biex jikkooperaw dejjem bħal aħwa fil-Knisja mal-għamliet l-oħra kollha ta' l-appostolat".

Importanti wkoll id-dokument "Christifideles laici", li fin-numru 31 jeżortana: "Fost il-ħafna suriet ta' appostolat tal-lajċi, li għandhom relazzjoni speċjali mal-ġerarkija, l-isqfijiet tas-Sinodu semmew il-ħafna movimenti u assoċjazzjonijiet ta' l-Azzjoni Kattolika, li fihom il-lajċi jissieħbu liberament f'sura organika u soda, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, f'xirka mal-isqof u mal-presbiteri, biex, skond is-sejħa proprja tagħhom, u b'metodu speċjali, jgħinu, għall-kobor tal-komunità nisranija kollha, fil-ħidma pastorali u fit-tħabbir tal-Evanġelju fl-ambjenti kollha tal-ħajja, bil-fedeltà kollha u b'kull ħeġġa".

Jiena nitlob u nittama li fid-dawl ta' dan it-tagħlim u ggwidata mill-Awtorità tal-Knisja, il-Fergħa tan-Nisa tal-Azzjoni Kattolika Maltija, waqt li tiċċelebra l-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha, timtela b'entużjażmu ġdid u b'determinazzjoni kuraġġjuża għall-apostolat fejjiedi, l-iktar f'dan iż-żmien ta' tħejjija għat-tielet millennju.

13. **ID-DIVERTIMENT U L-KMANDAMENTI T'ALLA**
(28 - 08 - 1996)

"Għal xi wħud, il-kmandamenti t'Alla donnhom m'għadhomx moda; imma Kristu qalilna li hu ma ġiex biex jeqred il-Liġi ta' l-Għaxar Kmandamenti, imma ġie biex jipperfezzjonaha u jsaħħaha.

Huwa dmir ta' l-isqof li bħala parti mill-maġisteru tiegħu, jitkellem anke dwar il-kmandamenti t'Alla. Il-maġisteru ta' l-Isqof ma jikkonsistix biss billi huwa jfisser il-veritajiet tal-Kredu, imma jikkonsisti wkoll filli huwa japplika t-tagħlim tal-Vanġelu għaż-żminijiet u l-problemi ta' llum. Huwa parti mill-maġisteru ta' l-Isqof li huwa jfakkar lill-insara fid-dmirijiet li joħorġu mill-Kmandamenti t'Alla. Għalkemm hawn min jallega li dak li jgħid l-Isqof jaqa' fuq widnejn torox għax hafna ma jagħtux każ ta' kliemu, l-Isqof xorta waħda jħossu d-dmir tal-kuxjenza li jgħallem u jwassal it-tagħlim t'Alla lill-insara, ulied spiritwali tiegħu.

Illum nixtieq nerġa' nitkellem dwar problema li tinħass ħafna f'pajjiżna tant li tkellimt dwarha mhux biss din is-sena imma diversi drabi fl-imgħoddi: jeżistu ċerti postijiet ta' divertiment ta' bil-lejl li mhux dejjem joffru rikreazzjoni onesta liż-żgħażagħ li jiffrekwentawhom. Inkun qiegħed nittradixxi l-missjoni tiegħi quddiem Alla jekk nibqa' sieket dwar din il-problema għax hemm fin-nofs is-saħħa fiżika u morali ta' ħafna żgħażagħ, uħud minnhom minn gżiritna u oħrajn minn Malta.

Nibda biex insemmi l-Kmandament "La toqtolx" - la lilek innifsek u lanqas lil ħaddieħor. Issa ċertu divertiment bla raġan li jsir f'ċerti diskoteki, l-ewwelnett jagħmel ħsara kbira lill-ħajja umana. Biex nagħtikom eżempju, il-Kunsill tal-Ministri fl-Italja qegħdin jagħmlu kampanja biex inaqqsu d-dizgrazzji u l-imwiet ta' għadd ta' żgħażagħ li jkunu għadhom kif ħarġu mid-disco, jsuqu bla għaqal u jikkaġunaw traġedji għalihom infushom u għall-oħrajn. Anke fid-diskoteka jista' jkun hemm riskji kbar. Aħna nafu li d-drogi huma ta' ħsara għall-ħajja fiżika tal-bniedem u għalhekk l-użu tagħhom imur ukoll kontra l-kmandament "La toqtolx". Hekk ukoll ix-xorb alkoholiku esaġerat u ċerti ħsejjes qawwija ta' daqq jistgħu jagħmlu deni lill-bniedem. Din mhix kwistjoni ta' gosti jew ta' moda: imma hawn fin-nofs ksur ta' kmandament t'Alla.

Kmandament ieħor huwa "La tiżnix". Propju qegħdin nagħmlu din il-laqgħa tagħna l-lejla biex inpattu għad-dnubiet kontra s-safa. Bla dubju ta' xejn, xi uħud minn dawn il-postijiet ta' divertiment huma okkażjoni tad-dnub. Id-diskors li jingħad, l-atteġġjamenti, l-ilbies, il-ħsibijiet, ix-xewqat u xi drabi wkoll l-għemil bla raġan huma provi ċari li f'dawn il-lokalitajiet jinkiser is-sitt kmandament u kif! Allura min irid jgħix ta' nisrani għandu jżomm 'il bogħod minn ambjenti bħal dawn.

Rigward is-seba' kmandament "La tisraqx" ta' min jgħid li f'dawn il-postijiet isir ukoll is-serq għax jintalbu prezzijiet esaġerati kemm għad-dħul kif ukoll għal dak li jinbiegħ f'dawn l-okkażjonijiet. Din mhix l-ewwel darba li jien qiegħed ngħolli leħni kontra dan l-isfruttament taż-żgħażagħ, kontra dawk li jippruvaw

isoffulhom dik ix-xi ħaġa tal-flus li jkollhom. Hekk per eżempju fil-Pastorali tar-Randan tal-1969 dwar iż-żgħażagħ kont semmejt diversi għamliet ta' sfruttament li huma ta' detriment għalihom. Ma ninsewx li min jisraq mhux biżżejjed li jqerr il-ħtija tiegħu, imma l-ġustizzja titlob li wieħed irodd dak li jkun ħa bla jedd. Nistednukom tirriflettu ftit dwar dawn it-tliet kmandamenti li semmejt. Hemm ukoll kmandamenti oħra għax il-Kmandamenti huma għaxra u hemm bżonn nosservawhom kollha. Min irid jitkellem ta' nisrani dwar il-problemi ġodda, hemm bżonn jagħti każ tal-Kelma t'Alla u l-ġudizzji tiegħu jagħmilhom fid-dawl tal-Kmandamenti.

Qabel nagħlaq, nixtieq irrodd ħajr lil dawk iż-żgħażagħ li għandhom intelliġenza biżżejjed biex jifhmu min tassew iridilhom il-ġid u min jaqa' u jqum mill-ħajja fiżika u spiritwali tagħhom. Nirringrazzja lil dawk iż-żgħażagħ li ndunaw li l-Isqof mhux qed jitkellem b'kapriċċ jew biex iqanqal xi problema oħra ma' dawk li għandna, imma huwa jitkellem għax aħjar wieħed jiftaħ għajnejh fiż-żmien milli wieħed isir skjav ta' droga jew ta' xi vizzju ieħor u imbagħad ikun tard wisq.

Nixtieq irrodd ħajr lill-pulizija għax ħadmu ħafna, speċjalment meta dan l-aħħar kien ħawn dak l-influss ta' Maltin fi gżiritna. Naturalment forsi għad fadlilhom ħafna x'jagħmlu u forsi xogħolhom seta' ta aktar frott. Imma ta' dak it-tajjeb li għamlu b'tant sagrifiċċju kif ukoll b'diffikultajiet kbar, minn qalbi nirringrazzjahom. Għall-grazzja t'Alla, kien hemm sezzjoni tajba mill-media li taw "coverage" tajjeb għall-appell tiegħi. Irrodd ħajr lil dik is-sezzjoni ta' l-istampa lokali li b'sens

ta' responsabilità kompliet telabora u tfisser x'inhu l-appell sinċier tiegħi, għad li sezzjoni oħra baqgħet indifferenti.

Fuq kollox nixtieq nirringrazzja lill-ġenituri għax kien hemm ħafna li wara li semgħu kliemi ħassew din il-problema bħala problema tal-familja u problema tal-kuxjenza. Hemm bżonn naraw x'nistgħu nagħmlu biex niddjalogaw iktar ma' wliedna l-kbar, u nghinuhom jevitaw il-periklu; anzi, għandhom ikunu huma ż-żgħażagħ stess li jkollhom għaqal biżżejjed li jgħarfu u jagħżlu t-tajjeb mill-ħażin.

Fl-aħħarnett, nixtieq nirringrazzja lill-Omm tagħna Marija għax f'dawn il-ġranet meta f'Malta sar dak il-pellegrinaġġ bil-Bambina mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann għas-santwarju tagħha fl-Isla erġajna tajna prova li l-poplu tagħna għadu jemmen fi Kristu u jħobb lill-Madonna.

Nappellalkom biex kull meta tkunu mistiedna għal xi laqgħa djoċesana jew manifestazzjoni bħal din tal-lejla, tfittxu li tieħdu sehem. Min ma jiġix ifisser li huwa indifferenti. Fi żminijietna meta l-forzi tal-ħażen qegħdin jagħmlu dak l-impenn kollu biex ibeghdu minn Alla, ebda Kattoliku ma jista' jibqa' lura".

14. VISTA PASTORALI - SINJALI TA' TAMA
(01 - 10 - 1996)

Nibda billi nfakkarkom f'dik iż-żjara li għamel il-Papa fi Franza f'dan l-aħħar. Fil-bidu kien hemm xi taqtieq il-qalb dwarha iżda wara rriżulta li kienet suċċess u ħafna kienu, għad li kien hemm xi dimostrazzjonijiet, il-Franċiżi li marru u attendew. Jiġri xi drabi li iktar naraw u nintebħu b'dawk li jfixkluna, u joħolqulna l-inkwiet, milli b'dawk li jkunu qed jgħinuna.

Però aħna dejjem irridu nagħtu kas ta' dawn is-sinjali ta' tama. Sinjali ta' qtigħ il-qalb għandna bl-abbundanza, imma sinjali ta' tama hemm ukoll. Dawn xi drabi jkunu moħbija u rridu nfittxuhom. Meta xi ħaġa tajba tkun qed issir f'xi parroċċi, b'daqsxejn diliġenza tista' ssir anke f'parroċċi oħrajn.

Fost l-iskopijiet li għandha l-Vista Pastorali, bħalma jirriżulta kemm mid-dokumenti kif ukoll mill-esperjenza, hemm dak li tiskopri dawk l-aspetti pożittivi fil-ħajja ekkleżjali tad-djoċesi u fil-Parroċċi. Matul il-Vista Pastorali jiena sibt dawn l-aspetti. Ma' dawn intom forsti tistgħu żżidu oħrajn jew telaborawhom iktar.

A. Ri-evanġelizzazzjoni

L-ewwelnett wieħed jinnota "xewqa għat-tagħlim reliġjuż". Dan nistgħu ninnotawh qabel kollox fl-interess li hemm dwar il-Bibbja. Fi ftit żmien ħarġu żewġ

edizzjonijiet tal-Bibbja, tal-MUSEUM jew ta' Saydon u dik tal-Kummissjoni Bibblika, li daħlu fil-familji, tant li naħseb li ftit huma l-familji li ma għandhomx Bibbja d-dar. Veru li wieħed irid jara kemm minn dawn il-familji qed jagħmlu użu minnha u jaqrawha iżda hemm familji li qegħdin jaqrawha. Tajjeb li jsir appell kontinwu lill-familji biex jagħmlu użu mill-Bibbja. Lit-tfal ta' Form I kollha, il-Kummissjoni Kateketika qiegħda tagħtihom koppja tat-Testment il-Ġdid, li xi whud minnhom jużawha għal-lezzjonijiet. Għandna wkoll ħafna persuni li jirċievu l-librett ta' Patri Donat "Kliem il-Ħajja".

Barra l-Bibbja għandna wkoll mal-parroċċi kollha tagħlim formali tat-tagħlim reliġjuż. Dan huwa l-katekeżi li tingħata qabel kull sagrament, tal-qrar, tal-ewwel tqarbina u tal-Grizma ta' l-Isqof. Ladarba t-tfal qegħdin jiġu, għandna d-dmir li nagħtuhom il-lezzjonijiet u nagħtuhomlhom tajjeb. Għad li nistgħu inkunu sodisfatti mill-attendenza iżda l-kontenut tal-lezzjonijiet mhux dejjem huwa "up to standard" kif nixtiequ aħna.

Dwar il-katekiżmu jeħtieġ li ssir insistenza ikbar mal-familji biex jagħmlu użu mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika u jkun hemm rispons ikbar kemm min-naħa tal-kappillani kif ukoll mill-youth leaders għal-librett tal-katekeżi li ta' kull xahar qed iħejji Fr. Mikiel Galea għaż-żgħażagħ. Dawn li semmejna huma kollha tentattivi biex il-kelma t'Alla nwassluha, u nwassluha b'mod li jkunu jistgħu jaċċettawha u li tagħmel il-ġid.

Prova oħra li hawn nies li jixtiequ jitgħallmu iktar hija n-numru dejjem jikber ta' dawk li jisimgħu

programmi tal-RTK u l-programmi reliġjużi li jkun hemm fuq it-televiżjoni. Il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali huma l-pulptu ta' żminijietna. Sa llum għad ma rnexxilniex nagħmlu "monitoring" ta' dak li jintqal fi programmi reliġjużi u programmi oħra tar-radju u tat-televiżjoni. Għalhekk għandna nfittxu x'inhu l-aħjar mezz ħalli lill-poplu nwasslulu tagħlim.

Dwar l-omelija, nisimgħu ta' sikwit xi kritika. L-omelija la għandha tkun twila ħafna u anqas qasira ħafna. Ċerta inkonvenjenza li toħloq omelija twila twassal lil xi parruċċani biex jabbandunaw il-parroċċa u jisimgħu l-quddiesa f'xi knisja oħra. Ilment li jissemma' ta' spiss huwa dak li l-omelija mhux dejjem tkun preparata tajjeb. Però skond survey li sar fost l-istudenti kollha tal-Form IV u V t'Għawdex, dwar Ir-reliġjosità ta' l-Adolexxenti (1996), jirriżulta li 70% huma sodisfatti mill-omelija li jisimgħu. Dan juri li ċerti omeliji huma tajbin. Mill-istess survey jirriżulta li l-maġġuranza taż-żgħażagħ, sa 16-il sena għadhom imorru quddies il-Ħadd, filwaqt li parti minnhom jisimgħu l-quddiesa ta' kuljum.

Dwar il-katekeżi għall-koppji, f'ċerti parroċċi din qiegħda ssir tajjeb, u f'oħrajn mhux ħażin. Wieħed ma jridx iħares lejn in-numru ta' koppji li jattendu iżda kull kappillan għandu jikkonvinċi ruħu mill-ħtieġa ta' dawn il-laqgħat u jagħmilhom fil-parroċċa tiegħu.

Ta' min isemmi l-Komunitajiet Ewkaristiċi għalkemm għadhom fil-bidu, naħseb li għandhom futur. Il-metodoloġija tagħhom fiha ħafna punti tajbin għad li forsi hemm lok ta' xi korrezzjonijiet żgħar. Fost

l-affarijiet pożittivi ta' min isemmi preparazzjoni tajba tal-liturġija u enfasi fuq il-kelma t'Alla.

B. Attività Liturġika

Dwar il-liturġija hemm il-ħsieb li s-sena li ġejja nidħlu iktar fil-fond tagħha peress li nkunu qegħdin nagħmlu l-50 anniversarju tal-enċiklika Mediator Dei tal-Papa Piju XII, dwar il-liturġija. Mhux l-ewwel darba li nirċievu rimarki dwar l-organizzazzjoni tajba tal-liturġija fil-parroċċi t'Għawdex. Dan jagħtina l-kuraġġ meħtieġ biex inkomplu ntejbu l-liturġija.

Dwar il-konċelebbrazzjoni, jekk din issir kif ġie ġie, aħjar ma ssir xejn. Fil-konċelebrazzjoni m'għandux ikun hemm distrazzjonijiet u anqas m'għandu jkun hemm min jidħol wara li tkun diġa bdiet. Però fil-maġġur parti din il-konċelebrazzjoni qed issir bil-għaqal u sewwa. Għandhom jintbagħtu ċerti direttivi dwar il-konċelebrazzjoni.

Fix-xahar li ġej għandu joħroġ messalin ferjali għall-avvent u għall-ġranet tal-Milied. L-istess Uffiċċju Liturġiku qed jippublika fuljetti bit-talb li ma jinbidilx biex igħin lill-fidili jipparteċipaw dejjem iżjed.

Ħaġ'oħra pożittiva u li hija importanti hija d-diversi għamliet ta' talb. Hemm ħafna nies li jitolbu anke fost iż-żgħażagħ, fil-familji u anke fost it-tfal, hemm it-talb personali kif ukoll dak kollettiv. Nistgħu ngħidu li f'kull parroċċa hemm ukoll is-sigħat tal-adorazzjoni Ewkaristika. Din hija xi ħaġa pożittiva għad li jistgħu jsiru b'aktar entużjażmu kemm mill-kleru kif ukoll mil-lajċi. L-istedina għandha ssir lil kulħadd u

m'għandniex naqtgħu qalbna meta l-attendenza tkun waħda fqira. L-importanti hu li l-kappillan ikun jagħmel il-parti tiegħu.

Huma ħafna wkoll il-lajċi li jagħmlu l-meditazzjoni u xi drabi jkunu huma stess li jgħidulek x'kotba qegħdin jużaw. Anke t-talb tradizzjonali bħalma huwa r-rużarju, talb ieħor lill-Madonna, lill-Qaddisin u lill-erwieħ għadu qawwi fost il-poplu tagħna. Ħaġa li tikkaretterizza lill-poplu tagħna huwa t-talb lill-erwieħ tal-purgatorju. Din id-devozzjoni turi li l-poplu tagħna għadu jemmen fil-ħajja li għad trid tiġi, fil-ħniena t'Alla u fil-ġudizzju ta' Alla.

Ċ. Djakonija

Fil-kamp tad-djakonija hemm ħafna affarijiet ta' min jinnotahom. Importanti li ma nħallux ċerti affarijiet li sallum konna norganizzaw aħna jaħarbulna minn idejna. Jekk hemm bżonn li nagħmluhom aħjar allura nfittxu li norganizzawhom kif jixraq. Il-Knisja mingħajr djakonija ma tistax toqgħod, tkun tonqosha xi ħaġa.

Nixtieq nagħmel insistenza li l-ministri straordinarji tat-tqarbin mhumiex hemm biss biex iqassmu l-Ewkaristija imma wkoll biex iwasslu l-messaġġ. In-numru ta' l-anzjani kulma jmur qiegħed jikber u hemm diversi persuni li jeħtieġu attenzjoni aktar partikulari min-naħa tagħna. Il-ħidma voluntiera ta' diversi persuni fil-parroċċi turi l-ġenerożità tal-lajċi tagħna b'mod partikulari meta jmiddu jdejhom biex jagħtu l-għajnuna lil min hu fil-bżonn u mhux sempliċement jillimitaw ruħhom biex jagħmlu offerta ta' flus. Imbagħad ta' min ifaħħar il-paċenzja li biha ħafna

saċerdoti jilqgħu ċerti persuni li s-soċjeta' ħafna drabi twarrab u taħrab.

Dwar il-familja nistgħu nosservaw li għandna ħafna li mexjin sewwa, hemm il-paċi u teżisti l-armonija; fost dawn għandha ssir ħidma ta' prevenzjoni. Iżda jeżistu wkoll familji oħra li jew tfarrku jew qegħdin jitfarrku. Għad li f'ċerti każijiet l-image tal-koppja jkun jidher li huma sewwa, minn ġewwa jkun hemm l-inkwiet u ċerti tensjonijiet. Meta dawn il-familji jersqu lejna għandna nagħmlu minn kollox biex nisimgħuhom u fejn ma nistgħux naslu aħna għandna nindirizzawhom għand persuni li huma iktar kompetenti minna.

Iċ-ċentri parrokkjali huma fl-istess ħin is-salib u l-ferħ tagħna; għaliex daqskemm jista' jkollna sodisfazzjon bin-nies li jiġu fiċ-ċentru, bil-kuntatt li nagħmlu maż-żgħażagħ u bl-attività li tista' ssir fihom, daqshekk ieħor iċ-ċentru jista' jilludina u joħolqilna ċerti diffikultajiet. Kien għalhekk li waqqafna l-assoċjazzjoni taċ-ċentri parrokkjali iżda milli jidher din għadha ma laħqitx ir-ritmu mehtieġ.

Dwar l-istruttura pastorali li dwarhom il-pjan pastorali jitkellem fl-aħħar paġni nixtieq nosserva li, l-istrutturi mhux kollox. Huma mehtieġa l-istrutturi bħas-sinsla tad-dahar. L-istruttura li qiegħed nirreferi għalihom huma:

- Il-Kunsill Parrokkjali. Dan għandu jitmexxa skond l-istatut altrimenti tkun titbiddel in-natura tiegħu.
- Il-Presbyterium Parrokkjali. Huwa veru li dan ġie li qala' diversi diffikultajiet iżda min-naħa l-oħra l-fatt li l-Kappillan jirnexxilu jlaqqa' l-Presbyterium

Parrokkjali, jikkonsultah u jasal biex jieħu xi forma ta' kunsens, l-affarijiet ikollhom ħafna twieqi u bibien miftuħin minn fejn wieħed jista' jgħaddi.

- Il-Kunsill Ekonomiku. Dan il-kunsill huwa importanti għal fund-raising u anke biex ir-responsabilità ma taqax fuq il-kappillan. Fuq affarijiet ta' ċerta responsabilità d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu f'konsultazzjoniji ma' l-organi kompetenti.

15. "ĦALLU T-TFAL JIĠU GĦANDI GĦAX TA' MIN HU BĦALHOM HIJA S-SALTNA TAS-SMEWWIET" (Mk. 10,14)

(24 - 11 - 1996)

Fis-Solennità ta' Kristu Sultan, nġbarna hawn biex nagħmlu att ta' qima pubblika lil Dak li ħalaqna u salvana. Dan l-att qegħdin nagħmluh mhux biss bħala individwi, f'isimna personalment iżda wkoll f'isem is-soċjetà Maltija li aħna nippretendu li hija soċjetà nisranija u hekk nixtiequha tkun.

Ta' min jinnota li fis-soċjetà tagħna, kif ukoll kważi fid-dinja kollha, il-bnedmin huma mqassmin f'żewġ kategoriji, ċioè dawk li kapaċi u jafu jsemmgħu leħinhom u dawk li huma mingħajr leħen, għax m'humiex kapaċi jiddefendu jeddijiethom. Jeħtieġu għalhekk min ixandar il-ħtiġijiet u l-jeddijiet tagħhom bħala persuni umani u jgħinhom sabiex jiksbuhom.

F'din il-kategorija ta' l-aħħar, huma inklużi wkoll it-tfal. Anke dawn għandhom il-jeddijiet tagħhom, li bosta drabi jiġu traskurati u minsija. Anke dawn jixirqilhom li jkollhom min jiddefendi jeddijiethom u jwassal għall-kisba tagħhom.

Il-Vanġelu jagħtina xhieda li Kristu mhux biss kien jirrispetta t-tfal, imma xandar ukoll id-dinjità tagħhom għax ippreżentahom "membri tas-saltna t'Alla" meta qal "Hallu t-tfal jiġu għandi għax ta' min hu bħalhom hija s-saltna tas-sema" (Mt. 19,14). Kristu qieghed

is-sinċerità u l-innoċenza tat-tfal bħala xempju ta' dawk li qegħdin iħabirku għas-saltna t'Alla. "Jekk ma ssirux bħal tfal, ma tidħlux fis-saltna t'Alla" (Mk. 10,15).

Il-Knisja Kattolika, li kompliet twassal lill-bnedmin it-tagħlim ta' Kristu u l-valuri morali tal-Vanġelu, dejjem insistiet fuq il-qdusija tal-familja. Hija għallmet mhux biss id-dmirijiet ta' l-ulied lejn il-ġenituri, kif insibu fir-raba' kmandament, iżda wkoll dawk tal-ġenituri lejn uliedhom. Matul iż-żminijiet kollha u mhux inqas fil-Konċilju Vatikan II, il-Knisja għallmet ċar dwar id-dinjità ta' l-edukaturi kollha, kif ukoll dwar ir-responsabilità tagħhom lejn it-tfal u ż-żgħażagħ.

Peress, li qegħdin fis-sena dedikata lit-tfal, filwaqt li nirrikonoxxu l-kontribut kbir li qegħdin jagħtu l-Istat, il-Knisja u l-familja għall-edukazzjoni tal-ġenerazzjoni żagħżugħa, jixraq li nagħtu ħarsa lejn is-sitwazzjoni (tat-tfal) fil-gżira għawdxija.

Nirringrazzjaw lil Alla, li l-kotra l-kbira tat-tfal għandhom ġenituri li jħobbuhom u lesti li jissagrifikaw ruħhom għalihom. Normalment it-tfal f'pajjiżna għandhom ukoll kull ma huwa meħtieġ għall-ħarsien ta' saħħithom u għall-edukazzjoni tagħhom. Ta' dan kollu jeħtieġ li l-ulied ikunu rikonoxxenti u juru l-gratitudni tagħhom.

Iżda hawn ukoll każijiet, nisperaw li m'humiex hekk kotrana, fejn qiegħed jiġi miksur xi wieħed mill-jeddijiet tat-tfal u meta għal raġuni jew oħra, it-tfal jkunu ittrattati ħażin.

Billi jedd fundamentali tal-bniedem huwa l-jedd għall-ħajja, anke dawk li għadhom fi ħdan ommhom għandhom il-jedd li ħajjithom tiġi rispettata. Ħadd fost il-bnedmin, ma jista' jċaħħadhom minn dan il-jedd jew ihedded lil ħajjithom. L-abort għalhekk kif jgħallimna l-Konċilju Vatikan II fil-Gaudium et Spes huwa "delitt" (51). L-abort huwa diżordni morali l-iktar gravi li għandha tintebaħ bih u tikkundannah l-kuxjenza ta' kull bniedem.

It-tfal għandhom bżonn l-ambjent naturali ta' familja sana, biex jikbru fil-għożża u l-ħarsien tal-ġenituri tagħhom. Jekk il-familja titfarrak, it-tfal ikunu l-ewwel li jbatu u tkun mqieġħda fil-periklu l-edukazzjoni familjari tagħhom. Id-divorzju mhux biss ma jirrangax il-problemi tal-familja li tkun qiegħda titfarrak, imma jagħmel irriversibbli dik il-qagħda mwegħra. Wieħed jista' jikkonkludi li l-ewwel vittmi tad-divorzju huma l-ulied. Naħseb li għadu ma sarx f'pajjiżna studju soċjoloġiku u psikoloġiku serju dwar ulied ta' ġenituri li nfirdu.

Fi żminijietna forsi naqas il-għadd ta' dawk it-tfal li jkollhom it-talenti meħtieġa u li jkunu mfixklin mill-ġenituri tagħhom, li ma jħalluhomx ikomplu l-istudju sat-tmiem. Iżda sar iktar komuni l-fenomenu li t-tfal ikunu mġegħlin jistudjaw iktar milli jifilħu, bil-privatijiet bl-addoċċ u minħabba insistenza żejda tal-ġenituri. It-tfal għandhom id-dritt li jikbru u jitgħallmu bil-pass tagħhom u m'għandhomx jibqgħu lura jekk huma intelliġenti imma lanqas għandhom jiġu sfurzati biex jistudjaw suġġetti li m'għandhom l-ebda inklinazzjoni għalihom. It-tfal għandhom il-jedd ukoll

għal ħin ta' rikrejazzjoni u mistrieħ. Jagħmlu sewwa l-ġenituri li jgħinu lil uliedhom biex jimxu 'l quddiem fl-iskola, iżda jagħmlu ħażin jekk jużaw pressjoni żejda, jaraw biss il-prestiġju tal-familja tagħhom u ma jqisux biżżejjed il-veru ġid ta' wliedhom u l-aħjar għamla ta' edukazzjoni li tgħodd l-aktar għal kull wieħed u waħda mit-tfal.

Fil-familji fejn hemm it-tfal hija meħtieġa xi għamla ta' dixxiplina u forsi xi drabi jkun hemm lok ukoll għall-kastig. Però l-ġenituri jagħmlu ħażin jekk jużaw is-swat jew xi forma oħra ta' kastigi korporali u jekk jitrattaw lil uliedhom b'mod żorr u inuman, anke San Pawl jgħidilna "intom missirjiet la tgħaddbux 'l uliedkom" (Efes. 6,4). Min-naħa l-oħra t-tendenza għal protenzjoni żejda u għal fsied barra minn postu ma tgħinx lill-ulied biex jibnu karattru sod.

Ma nistax ma nirrepetix f'dan il-kuntest dak li kont għidt ħames snin ilu (Cfr, Ċirkulari 288/90, 26 ta' Lulju 1990) li s-soċjetà m'għandhiex tagħlaq għajnejha u ma tikkundannax ix-xogħol tat-tfal ta' taħt l-età, għax dan jista' jkun b'xi mod ta' ħsara għall-iżvilupp fiżiku, intelletwali u emozzjonali tagħhom.

Ma nistgħux ma nikkundannawx b'saħħitna kollha l-abbużi sesswali li jsiru fuq it-tfal, anke jekk dawn isiru minn membri oħra ta' l-istess familja jew minn persuni li fihom il-familja għandha l-ikbar fiduċja. Il-konsegwenzi ta' abbużi bħal dawn huma gravi ħafna u għandhom ifakkruna fil-kliem ta' Kristu "min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li jemmnu fija, ikun jaqbillu jekk jorbtulu ma' għonqu ġebla tat-tħin minn dawk li jdawru l-ħmir u jixħtuh fil-baħar" (Mk. 9,42).

Kull bniedem u b'mod speċjali t-tfal, għandhom il-jedd li saħħithom tiġi mħarsa u mhux minaċċjata. Ta' min jiġbed l-attenzjoni ta' dawk il-ġenituri li qegħdin iħallu lil uliedhom ta' ftit snin joqogħdu għal ħin twil quddiem it-televiżjoni, forsi wkoll mingħajr ma jissorveljawhom. Il-ħsara li tista' ssir hija mhux biss għall-iżvilupp emozzjonali ta' tfal iżda wkoll minħabba dożi ta' radjazzjoni li jaqbżu l-limiti ta' dak li huwa tollerabbli.

Din il-lista ta' vjolazzjonijiet tal-jeddijiet tat-tfal tista' titwal iktar, iżda peress li llum li qegħdin niċċelebraw il-festa ta' Kristu Sultan, jaqbel iktar li nduru lejh u nirrikmandawlu t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Nitolbuh li jdawwal lill-ġenituri u lil dawk kollha li huma responsabbli mill-edukazzjoni biex jaqdu kif jixraq il-missjoni għolja tagħhom. Jalla f'pajjiżna l-jeddijiet tat-tfal ikunu mħarsin dejjem u kullimkien sabiex is-soċjetà ta' għadha, meta dawn it-tfal isiru rġiel u nisa, tkun soċjetà verament umana, fraterna u nisranija.

16. IR-RWOL TAL-LAJĊI FIL-KNISJA U FIS-SOĊJETA`
(13 - 12 - 1996)

Huwa ovvju li l-Kungress Pastorali għandu jkollu ħarstu mitfuġħa lejn il-ġejjieni; jara u jiżen minn qabel liema ser ikunu l-isfidi li ser tiltaqa' magħhom il-Knisja lokali u liema huma r-riżorsi ta' llum u ta' għada li jistgħu jkunu ta' għajnuna għaliha fil-ħidmiet tagħha.

Madanakollu, biex ikollna saqajna fuq l-art u ma nibnux kastelli fl-arja, ma nistgħux nitraskuraw għal kollox l-imgħoddi speċjalment l-imgħoddi qarib u l-preżent li qegħdin ngħixu fih.

Żgur li ma tkunx analisi tajba u sħiħa tas-sitwazzjoni reliġjuża tagħna, jekk ma neħdux f'konsiderazzjoni kemm is-Sinodu Djoċesan, li ntemm fil-1993 kif ukoll il-Pjan Kwinkwennali li għandu jkopri mill-1995 sal-2000, is-sena tal-Ġublew il-Kbir. B'mod partikulari l-pjan huwa mhux biss dawl li jurina l-mogħdija li għandna nimxu minnha, iżda huwa wkoll simbolu li jmexxina 'l quddiem u jċanfarna meta nintelqu jew nibqgħu lura.

Ma hemmx dubju li fid-direttivi u r-rakkomandazzjonijiet li hemm f'dawk iż-żewġ dokumenti tal-Knisja lokali, hemm ħafna enfasi fuq il-lajċi, li dwarhom ser nitkellmu f'dan il-Kungress, mhux biss, iżda wkoll fuq riżorsi umani oħra li ma humiex lajċi, bħal ma huma r-reliġjużi u s-saċerdoti. Dawn ir-riżorsi

umani, wisq aktar milli għamilna fl-imgħoddi jeħtieġ li nfittxuhom, insibuhom, ngħożżuhom, nipperfezzjonawhom dejjem iktar u nħaddmuhom bl-aħjar mod biex dejjem iseħħ aħjar il-proċess ta' l-evanġelizzazzjoni li huwa ħekk għal qalb il-Papa Ġwanni Pawlu II.

Illum, waqt li nillimitaw ruħna biss għar-riżorsi umani li huma lajċi, nistgħu nagħmlu fil-qosor dawn l-erba' konsiderazzjonijiet li ġejjin.

i. Iktar lajċi impenjati

Jekk fil-kamp tal-ħajja reliġjuża jew saċerdotali, l-ewwel problema li titfaċċa hija dik tal-vokazzjonijiet, ċioè x'għandu jsir biex il-Kleru u r-reliġjużi jikbru fil-għadd u fil-kwalità, mhux inqas l-istess preokkupazzjoni għandna nħossuha ukoll fejn jidħlu l-lajċi impenjati fl-apostolat fl-ordni temporali jew spiritwali. Jista' jkun hemm madwarna lajċi li għandhom ħafna x'joffru għas-saltna ta' Kristu, iżda jikkuntentaw li jwettqu sewwa dmirijiethom fil-ħajja privata tagħhom u ftit jagħtu każ tal-eżigenzi materjali u spiritwali li jista' jkollhom il-bnedmin ħuthom. Nies bħal dawn, hija x'inhi l-età u l-kundizzjoni soċjali tagħhom nagħmlulhom kuraġġ u nħarrġuhom sabiex skond il-kapaċità u t-talenti tagħhom, jingħaddu huma wkoll mal-ġemgħa tal-kattoliċi impenjati.

ii. Il-ħtieġa tal-Formazzjoni

Qatt ma nistgħu ninsistu biżżejjed dwar il-ħtieġa tal-formazzjoni kemm tal-bidu, kif ukoll kontinwata. Il-formazzjoni għall-maturità u għall-apostolat hija essenzjali u fejn tonqos din il-formazzjoni jsiru ħafna

żbalji. Il-formazzjoni tal-bidu, tal-membri tal-Għaqdiet Kattoliċi, ħafna drabi jieħdu ħsiebha dawn l-Għaqdiet infushom, iżda xorta jibqa' bżonn tal-formazzjoni kontinwata. Għalhekk jixraq li jiġu mtejba u msaħħa l-istrutturi li jagħtu dan is-servizz ta' formazzjoni kontinwata lil-lajċi, kemm fuq bażi djoċesana parrokkjali, fejn il-parroċċa hija kbira biżżejjed biex tiflaħ tagħmel dan.

Wieħed mill-aspetti ta' din il-formazzjoni, huwa dak ta' l-ispiritwalità tal-Kattoliċi impenjati li tinkludi ċerti elementi bħal ma huma t-talb personali u liturġiku li jagħmlu, il-ħajja sagramentali tagħhom u l-intenzjoni retta li biha jwettqu ħidmiet karitatevoli jew tal-apostolat.

iii. Oqsma ġodda ta' Apostolat

Għall-grazzja t'Alla, f'pajjiżna għandna diġà diversi oqsma, li fihom il-lajċi huma impenjati u qegħdin jagħmlu ħafna ġid, bħal ma huma d-djar tad-duttrina, iċ-ċentri parrokkjali, l-iskejjel, l-apostolat tal-familja, eċċ. Dawn il-ħidmiet għandhom ikomplu miexja. Iżda jeħtieġ li niskopru oqsma oħra, fejn din il-preżenza tal-lajċi għadha ma waslitx jew fejn jeħtieġ li tkun organizzata aħjar u b'għadd ikbar ta' nies. Forsi bħala eżempju ta' dawn l-isferi ġodda ta' apostolat tal-lajċi, nistgħu nsemmu l-mass-media, it-tradunjoniżmu u kull impenn soċjali ieħor. Huwa ttamat li mill-Kungress tal-Lajċi, joħroġ xi dawl ġdid fuq il-ħtiġijiet attwali tal-Knisja u tas-soċjetà, u li dwarhom il-lajċi nsara għandhom iħabblu rashom u joffru l-kollaborazzjoni tagħhom. Ikun pass 'il quddiem, jekk jonqos l-għadd ta' l-insara passivi fid-djoċesi tagħna u jikber dawk ta' nies attivi f'xi qasam jew ieħor fejn ikunu jistgħu jagħtu xhieda nisranija, kulħadd skond il-vokazzjoni u l-kapaċità tiegħu.

iv. Il-missjoni tal-inkulturazzjoni tal-Vanġelu

Fuq kollox fiż-żmien li ġej il-Knisja lokali u l-lajċi membri tagħha, irridu ngħassu biex nilmħu u nifhmu ix-xejriet u t-tibdil kulturali, li jolqot r-reġjun tagħna, u dan nagħmluh biex inkunu f'pożizzjoni aħjar ħalli nwettqu l-proċess ta' inkulturazzjoni ġdida tal-ħajja nisranija f'pajjiżna u madwarna kif wissiena s-Sinodu tal-Isqfijiet tal-1991 f'waħda mill-konklużjonijiet tiegħu.

"L-evanġelizzazzjoni hemm bżonn li tilħaq mhux biss l-individwi bħala tali, iżda wkoll l-kulturi. L-evanġelizzazzjoni tal-kulturi tinvolvi "l-inkulturazzjoni" tal-Vanġelu. Il-missjoni tal-inkulturazzjoni tal-Vanġelu fl-ambjent kulturali ġdid tal-Ewropa, immarkat mhux biss bil-"modernità" imma wkoll b'dik li tissejjaħ "post-modernità", tqanqal sfida li għaliha għandna nwieġbu b'saħħitna kollha: biex dan jirnexxi huwa meħtieġ l-kontribut tan-nies tad-dinja tal-kultura, u dak tat-teoloġi, li qlubhom huma f'kommunjoni mal-Knisja."

Il-Kungress Pastorali li qegħdin nibdew ikun tabilħaqq siewi għalina u għall-komunitajiet insara ta' pajjiżna, jekk bħall-frott tiegħu, joħorġu proposti u direttivi li jħaffu din l-inkulturazzjoni, li mbaghad, pass wara l-ieħor jiġu mwettqin fil-ħajja ta' kuljum.

17. L-APOSTOLAT
(15 - 12 - 1996)

Nistgħu ngħalqu dan il-Kungress, bl-istess nota li bdejnieh biha: il-lajċi għandna nqisuhom bħala riżorsi umani l-iktar prezzjużi minħabba l-kontribut tagħhom kemm għall-ħajja tal-Knisja, kif ukoll għall-ħajja tas-soċjetà. Fid-diskussjonijiet tal-Kungress deher b'mod l-iktar ċar u espliċitu f'hiex jikkonsisti dan il-kontribut u liema huma d-diversi oqsma fejn il-lajċi f'pajjiżna huma preżenti u attivi.

Nixtieq li mingħajr ma ninjoraw ir-rwol tal-lajċi bħala ċittadini fis-soċjetà ċivili, nikkummentaw iktar ir-rwol tagħhom fil-Knisja bħala membri tagħha u wliedha.

Għidna li l-lajċi huma riżorsi, għaliex minnhom ukoll jiddependu l-vitalità u l-progress tal-Knisja. Il-ħidma pastorali tagħha fi żminijietna tkun fqira u ta' ftit siwi, jekk ma jkunux involuti fiha l-lajċi, li jimpenjaw ruħhom bħala nsara maturi.

Għidna wkoll li huma "umani", ċioè l-lajċi huma persuni bil-jeddijiet tagħhom li għandhom jiġu rispettati u b'kuxjenza libera li tieħu hi d-deċiżjonijiet tagħha, iżda fil-każ tal-Kattoliċi, għandha tkun imdawla bit-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu. Din il-kuxjenza għandha tagħti widen għad-diversi appelli li jsirulha mir-rgħajja spiritwali u titgħallem thoss bħala dmir tagħha dak li twettaq apostolat għas-saltna t'Alla.

Apostolat individwali u apostolat organizzat

Meta jitkellem dwar l-apostolat tal-lajċi, id-digriet tal-Konċilju Vatikan II Apostolicam Actuositatem jagħmel distinzjoni bejn l-apostolat individwali u l-apostolat organizzat (15-18). It-tnejn huma meħtieġa, it-tnejn huma tajbin u qaddisin, iżda ma humiex l-istess u d-differenza li hemm bejniethom mhix żgħira. Jista' jiġri wkoll li l-istess persuna tinvolvi ruħha fiż-żewġ għamliet ta' apostolat, f'ċirkustanzi differenti.

L-apostolat individwali, isir aktarx bil-moħbi, fuq skala żgħira, b'mod indipendenti, skond il-gosti ta' min jagħmlu. Apostolat bħal dan, mhux dejjem ikun jista' jiġi evalwat fid-dettalji tiegħu u aktarx li ħafna drabi jitħalla barra mill-programmi pastorali. Madanakollu huwa apostolat jiswa mitqlu deheb, l-apostolat li wettqu dejjem l-insara ta' kull żmien u ta' kull pajjiż. Bl-apostolat individwali, u fuq kollox bix-xhieda nisranija tagħhom l-insara jkunu bħal "ħmira" fis-soċjetà tal-lum, jippruvaw iżommuha kemm jista' jkun 'il bogħod mit-taħsir morali u jħawlu fiha l-valuri tal-Vanġelu. Ċerti problemi li ssemmew matul il-Kungress u li s-soluzzjonijiet għalihom huma marbutin, ma' din l-għamla tal-apostolat individwali, bħal ma huwa per eżempju l-volontarjat, ix-xogħol tal-mara fid-dar u barrra mid-dar, il-ħidma ma' l-emigrant, eċċ.

L-apostolat organizzat mhux biss jista' jiġi programmat iżda jixraq li jkun hekk, u jidħol fil-pjan djoċesan u parrokkjali. Dan jiswa sabiex ikun hekk iktar tidher il-lealtà lejn ir-rgħajja spiritwali, u kollaborazzjoni magħhom kif ukoll biex l-organizzazzjonijiet jahdmu id f'id u jiġu evitati t-tensjonijiet fosthom.

Il-Knisja lokali ilha li ntebħet u għarfet sewwa li l-organizzazzjonijiet tal-lajċi huma strutturi effikaċi u indispensabbli għat-twettiq tal-ħidmiet pastorali. L-interventi li saru matul dan il-Kungress jagħtu xhieda sabiħa dwar id-determinazzjoni u l-ispirtu ta' sagrifiċċju li bih dawn l-organizzazzjonijiet qegħdin jagħtu l-koperazzjoni tagħhom, fost l-oħrajn l-għaqdiet bi statut approvat mill-Awtorità tal-Knisja eċċ. Jaqbel li jkollna fiduċja dejjem ikbar fl-għaqdiet, gruppi u movimenti, intiżi bit-taqdis u l-apostolat tal-lajċi, sakemm dawn josservaw il-kriterji tal-ekkeżjalità imsemmija fl-eżortazzjoni post-sinodali Christifideles laici (n.30) u fuq kollox, ix-xirka mal-Papa u ma' l-Isqof.

Ta' min itenni però, li l-organizzazzjonijiet jitilfu ħafna mill-ħeġġa u mill-effikaċità tagħhom meta ma jkunux imseddqin, permezz tal-formazzjoni kontinwata tal-membri tagħhom. Għalhekk l-istrutturi tal-formazzjoni kontinwata tal-lajċi huma meħteġin xejn inqas milli huma l-istrutturi tal-apostolat tagħhom.

Mhux ta' b'xejn għalhekk li aħna ninsistu dwar is-sehem sħiħ, ħaj u konxju tal-insara fil-Liturġija (Socrosanctum Concilium, n.14), l-irtiri u l-laqgħat ta' talb li jsiru għalihom. Din il-formazzjoni spiritwali li ssaħħaħ il-fidi u tħeġġeġ l-imħabba nisranija titqies "bħala pedament u kundizzjoni biex kull apostolat jagħti frott (A.A. 29).

F'dan il-kuntest, ta' min jagħti iktar pubblikità lill-korsijiet li jsiru għal-lajċi nhar l-Erbgħa fil-għaxija, il-kors għall-koppji, mifrux fuq tliet snin, li qed isir f'xi parroċċi u xi korsijiet oħra dwar il-mass media li hemm il-ħsieb li jsiru iktar 'il quddiem.

Djalogu kulturali

Rigward l-inkulturazzjoni tal-Vanġelu li semmejna fid-diskors tal-bidu, ta' min jinnota li biex din titwettaq mhux biżżejjed li wieħed ikun jaf x'jgħallem il-Vanġelu iżda jrid ikun ukoll familjari mal-kultura ta' pajjiżu u ta' żmienu li jgħix fiha. Forsi ċerti kuntatti man-nies tax-xjenza u ta' l-arti kif ukoll ma' dawk li għandhom responsabiltà fil-qasam soċjali kienu skarsi fl-imgħoddi u jkun jiswa, jekk ikunu iktar frekwentati u profondi fil-ġejjieni. Huwa ttamat li dan ikun djalogu ta' fejda u jiftaħ orizzonti ġodda għall-Knisja f'pajjiżna.

Il-Konċilju jagħtina din it-twissija "Wieħed b'ebda mod ma għandu jħalli barra l-importanza tal-kultura ġenerali u tal-formazzjoni prattika u teknika. Biex wieħed iżomm relazzjonijiet umani tajbin jeħtieġ li wieħed iġib 'il quddiem il-valuri tassew umani u qabel xejn, l-arti tal-għajxien flimkien u l-ħidma id f'id bħall-aħwa u l-arti tad-djalogu" (A.A. 29).

Ma hemmx għalfejn ngħidu, li l-attivitajiet u l-passi kollha li semmejna, kollha ftit jew wisq, fihom id-diffikultajiet tagħhom. Jiena għamilt ħilti biex nenfasizza l-aspett pożittiv u għalhekk apposta ma semmejtx ċerti elementi negattivi li jistgħu jfixklu kemm il-Kleru kif ukoll il-lajċi fl-apostolat tagħhom. Imma ħadd m'għandu jaqta' qalbu; meta qegħdin naħdmu għas-Saltna ta' Kristu, m'aħniex waħidna iżda Hu jkun preżenti fostna u bl-Ispirtu s-Santu li jagħtina bħala don għażiż tiegħu, jżommna ħerqana biex inwettqu dak li jrid minna, f'għaqda ta' mħabba miegħu u ma' ħutna.

18. IL-LAQGĦA TA' L-AWGURI TA' L-EWWEL TAS-SENA
(04 - 01 - 1997)

1. Matul is-sena li għaddiet kellna l-VIŻTA PASTORALI. Fiċ-Ċirkulari li fiha ġiet imħabbra din il-Viżta (5 ta' Frar 1996, 339/96), kien hemm imfisser liema huma l-iskopijiet tagħha ċioè "sabiex l-Isqof ikun jista' jagħraf, jippromovi, iħeġġeġ u jikkordina l-appostolat tas-saċerdoti u tal-lajċi flimkien ma' l-opri tal-karità kif ukoll biex jippresiedi xi ċelebrazzjonijiet liturġiċi" u li l-Viżta Pastorali "tieħu f'konsiderazzjoni l-Pjan Kwinkwennali 1995-2000 peress li matulha trid issir verifika tat-twettiq ta' dan il-pjan". L-insara ta' pajjiżna jidhru li fehmu u aċċettaw din il-finalità tal-Viżta Pastorali fi żminijietna. Iżda kien fadal xi wħud, li forsi marbutin iżżejjed ma' l-ideat tal-imgħoddi, jaħsbu li l-Viżta Pastorali għandha tkun bħal mediċina li fi ftit jiem tfejjaq il-mard spiritwali kollu. Nies li għandhom dawn l-aspettativi, qatt ma jkunu sodisfatti bl-eżitu tal-Viżta Pastorali u forsi jiddubitaw ukoll mill-utiltà tagħha.

Kienet flokha għalhekk l-osservazzjoni li għamilt fil-laqgħa tal-bidu tas-sena l-oħra: "Hemm ukoll xi wħud, li jaħsbu li l-Viżta Pastorali tiġi biex wieħed iwassal l-ilmenti tiegħu lill-Isqof u li dan ser jirnexxilu jsolvi kull problema. Huwa ovvju li min jixtieq ikellem lill-Isqof, m'hemmx għalfejn jistenna sal-Viżta pastorali imma jista' javviċinah kull meta hemm ħtieġa".

Ta' min ifakkar li l-ħidma pastorali ma titwettaqx biss matul il-Viżta tal-Isqof iżda ta' kuljum matul is-sena kollha. Dejjem ikun hemm xi nuqqasijiet li hemm bżonn jinstab rimedju għalihom. Dejjem hija f'waqtha kelma ta' inkoraġġiment, għal min jipprova jagħmel it-tajjeb. Il-konklużjoni tal-Viżta Pastorali ma tfissirx waqfien tal-inizjattivi pastorali, iżda tfisser tiġdid ta' impenn għall-ġejjieni, b'fiduċja shiħa fil-għajnuna tal-Mulej.

Biex inkunu realisti, jeħtieġ li mhux biss ninnotaw dak li hu negattiv u nħabblu rasna kif ser insibulu tarf, iżda rridu nidentifikaw ukoll l-elementi pożittivi u naraw kif inkomplu nibnu fuqhom.

Għad fadal ħafna affarijiet tajbin u ta' min iħarishom fid-djoċesi tagħna, iżda mhux dejjem nintebħu b'dan l-aspett tar-realtà. Il-Viżta Pastorali, żgur li hija waħda mill-mezzi li għandna biex niskopru dawn il-fatti li jimlewna bil-kuraġġ. Insemmi biss xi ftit minnhom, bħal ma huwa d-dedikazzjoni tal-Kleru għall-Qrar u għad-Direzzjoni Spiritwali, l-impenn tal-lajċi f'diversi oqsma tal-apostolat individwali jew organizzat, il-frekwenza tan-nies fil-knejjes, it-talb mhux biss personali, iżda wkoll fi gruppi, il-ġenerożita' fl-għajnuna lil min hu fil-bżonn, eċċ.

2. Għandhom jiġu ppubblikati f'dawn il-ġranet, ir-riżoluzzjonijiet tal-Kungress Djoċesan tal-Lajċi, li nżamm mit-13 sal-15 ta' Diċembru 1996. Dawn il-proposti huma varji u jirrigwardaw diversi problemi u ħtiġijiet ta' pajjiżna li ntebħu bihom il-parteċipanti tal-Kungress, nghidu aħna l-jeddijiet tan-nisa, il-jeddijiet u d-dmirijiet tal-ħaddiema, l-Għawdxin li jaħdmu jew

jistudjaw Malta, l-emigranti li jirritornaw f'pajjiżna, l-emigrazzjoni interna jew iċ-ċaqliq tan-nies minn parroċċa għal oħra, l-adoloexenti u ż-żgħażagħ Għawdxin. Fost dawn is-suġġerimenti u konklużjonijiet li ħarġu hemm xi whud li jirrigwardaw problemi soċjali, oħrajn problemi pastorali. Ma jistax jonqos li dawn il-proposti għandhom jinteressaw mhux biss lill-lajċi, iżda wkoll lis-saċerdoti, li jixtiequ jaħdmu għas-salvazjzoni tal-bnedmin fid-djoċesi tagħna.

3. Ta' min jinnota bi gratitudni lejn Alla, li d-djar tad-duttrina f'Għawdex, kemm dawk li nbnew ġodda kif ukoll oħrajn li issa ilhom jeżistu xi ftit, qegħdin jiġu attrezzati dejjem aħjar u qegħdin jattiraw numru kbir ta' tfal u ta' studenti. F'dan il-progress għandhom mertu kbir il-membri tal-MUSEUM sew tal-irġiel kif ukoll tan-nisa, li l-preżenza u l-attivita' tagħhom fl-oqsma fejn jinsabu tinħass u tagħti l-frott. Ma' dawn irridu nżidu wkoll dak li jsir fiċ-Ċentru Parrokkjali u Ċentri oħra fejn barra minn attivitajiet oħra edukattivi u rikreattivi, joffru wkoll il-katekeżi lit-tfal u lill-istudenti. Nixtieq ngħid kelma ta' rikonoxxenza lil dawk kollha li huma involuti f'dan l-apostolat, fuq kollox lis-saċerdoti li ma jibqgħux lura fil-ħidma pastorali mal-ġenerazzjoni żagħżugħa.

4. Is-sena li għaddiet 1996 kienet ġiet dikjarata Sena Internazzjonali tat-Tfal. Fost inizjattivi oħra, l-kummissjoni kateketika u l-Kummissjoni Familja bejniethom fasslu programm ta' attivitajiet għal din is-sena, li ġie ppubblikat fl-Atti tal-Kurja (172 (Mejju 1996) 9-10). Dan il-programm ġie mwettaq kollu, barra minn xi dettalji żgħar.

5. Lilna l-membri tal-Kleru Għawdxin tinteressana mill-qrib il-problema tal-anzjani u dan għal żewġ raġunijiet; għaliex il-popolazzjoni għawdxija kull ma jmur qiegħda tixjieh, ċioè l-kategorija tal-anzjani, qiegħda tiżdiet fin-numru u lil dawn in-nies kollha trid tingħata attenzjoni speċjali fl-impenn pastorali tagħna. Ir-raġuni l-oħra hija li iktar minn nofs tal-Kleru Djoċesan Għawdxi, qabżu s-sittin sena. Huwa veru, li s-saċerdot Għawdxi dment li jibqagħlu xi ftit tas-saħħa jkompli jaħdem mill-aħjar li jista', iżda huwa veru wkoll li l-problemi li jolqtu lill-anzjani l-oħra, jolqtu lilna wkoll meta nixjieħu, u għalhekk irridu naħsbu fihom u ngħinu lil xulxin biex inholluhom.

6. Għal diversi raġunijiet mhux biss finanzjajri iżda wkoll minħabba l-permess, il-proġett ta' dar tas-saċerdoti xjuħ fil-Konservatorju, kellu jiġi abbandunat. Però saru arranġamenti sabiex ir-residenza taċ-Ċentru tar-Raghaj it-Tajjeb, fir-Rabat Għawdex, isservi bħala Dar tal-Kleru, u fiha jistgħu jiġu milqugħa wkoll is-saċerdoti anzjani li ma jkollhomx min jieħu ħsiebhom.

7. Sabiex ikun hemm iktar koordinament fost dawk li jaħdmu għall-missjonijiet ta' barra, ġie iffurmat il-Forum tal-Organizzazzjonijiet Missjunarji. L-Entijiet u l-gruppi rappreżentati fih huma l-Opri Missjunarji Pontifiċji, il-Grupp Missjunarju Għawdxi, Sapport lill-Missjunarji u Ġesù fil-Proxxmu. Fit-thabrik ta' dawn il-gruppi kif ukoll tal-Karitas Parrokkjali ta' xi parroċċi tingħata ta' kull sena għajnuna lill-missjunarji anke taħt forma ta' għotjiet ta' flus u ta' oġġetti mehtieġa għall-ħajja.

8. Matul is-sena li għaddiet, l-istudio tal-Media Centre Għawdex kompla jagħti programmi varjati, li qanqlu interess f'għadd dejjem ikbar ta' semmiegħa. Huwa ttamat li din il-ħidma fil-futur tkompli tissaħħaħ u tinfirex, bil-koperazzjoni ta' għadd ta' saċerdoti, u lajċi fosthom xi żgħażagħ li jieħdu sehem fil-preparazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-programmi, fuq bażi voluntarja u jistħoqqilhom l-apprezzament tagħna. Id-djoċesi kompliet tinvesti fl-apparat u xtrat l-*outside broadcasting unit*, li permezz tagħha bdew xandiriet diretti mil-lokalitajiet diversi.

9. Is-Soċjetà editriċi Lumen Christi matul is-sena kellha xi pubblikazzjonijiet ta' ċerta valur. Bis-saħħa tal-Van regalata lil-Lumen Christi Media Centre li ġiet organizzata aħjar il-ħidma sabiex il-ħwienet tal-kotba f'Malta jiġu mħajra jxerrdu dak li jiġi ppubblikat mil-Lumen Christi. Saru wkoll kuntatti mal-Kappillani biex tinkiseb il-kollaborazzjoni tagħhom għal dan il-għan.

10. Rigward il-mass-media hemm il-ħsieb li matul 1997, tingħata attenzjoni ikbar lil ċerti direttivi li hemm fid-dokument pontifiċju Aetatis Novae tat-22 ta' Frar 1992. Fost l-oħrajn li jiġu organizzati minn żmien għal żmien korsijiet, "*workshops*" u seminars dwar it-teknoloġija, l-amministrazzjoni, il-moralità tal-mass-media (27ċ), jitwettqu programm ta' edukazzjoni u informazzjoni dwar il-mass media għall-għalliema, għall-ġenituri u għall-istudenti (27d), tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-Mass Media profana, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet reliġjużi, morali u soċjali (30e), li jiġi attrezzat aħjar l-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi fi ħdan il-Kurja.

11. Wara riflessjoni fit-tul ġie deċiż li fis-Seminarju jinbena Gymnasium jew Sala tal-Isports fejn qabel kien hemm il-ground. Huwa ovvju li dan jinvolvi spejjes mhux żgħar, iżda kien meħtieġ li jsir sabiex is-Seminarju Minuri ma jkunx nieqes minn dak li tesiġi skola sekondarja moderna u l-istudenti jkollhom l-istess faċilitajiet li għandhom fi skejjel sekondarji oħra. Nirringrazzja lil dawk is-saċerdoti li għarfu l-bżonn ta' gymnasium fis-Seminarju u taw il-kontribut tagħhom. Hija intenzjoni tagħna li l-gymnasium ma jservix biss għall-istudenti tas-Seminarju, iżda jkun miftuħ ukoll għall-adolexxenti u għaż-żgħażagħ l-oħra. Is-Sala tal-Isports, mela, sejra tkun rigal ieħor li d-djoċesi għawdxija, qiegħda toffri lill-ġenerazzjoni żagħżugħa ta' ġiritna. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Żgħażagħ minn żmien għal żmien torganizza attivitajiet għalihom u ser ikollha Uffiċċju ġdid.

12. Ninqeda bl-okkażjoni ta' llum biex intenni x-xewqat tieghi li s-sena 1997 tkun iddedikata b'mod speċjali għal-Liturġija peress li fiha jaħbat il-50 anniversarju tal-Enċiklika Mediator Dei tal-Papa Piju XII dwar il-Liturġija. Tajjeb li wieħed jistudja liema avanzi saru f'dawn il-ħames diċenni u liema importanza qegħdin nagħtu lil-Liturġija fl-ispirtu tal-Konċilju Vatikan II.

13. Ninqeda b'din l-okkażjoni sabiex nistieden lilkom u lil ħutna s-saċerdoti l-oħra, sabiex ilkoll kemm aħna nieħdu sehem fil-pellegrinaġġ tal-paċi bi tħejjija għall-Ġublew il-Kbir, imsemmi mill-Papa Ġwanni Pawlu II fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Paċi. Ta' min jirrifletti bis-serjetà fuq dan il-messaġġ u ta' min jixtarr sewwa ċerti osservazzjonijiet tiegħu, bħal meta jgħid li

l-"Verità" hi li ħadd na għandu jibqa' priġunier ta' l-imgħoddi tiegħu għax kemm l-individwi u kemm il-popli jeħtieġu sura ta' Fejqan ta' tifkirijiethom, biex id-deni ta' l-imgħoddi ma jerġax lura llum ukoll". Peress li aħna wkoll edukaturi, nilqgħu bil-qalb il-proposta li jagħmlilna l-Papa li "imsejħin biex tgħallmu lin-nies il-valuri veri tal-ħajja billi twasslulhom il-ġrajja komplessa ta' l-istorja u tal-kultura tal-bniedem, għinuhom jgħixu kull okkażjoni fil-virtujiet tat-tolleranza ta' l-għarfien u tar-rispett". Fuq kollox nagħtu kas tal-kliem li l-Papa indirizza b'mod speċjali għalina s-saċerdoti "kunu xbieha ta' l-imħabba kollha ħniena ta' Alla, mhux biss fil-komunità ekkleżjali, imma wkoll fis-soċjetà ċivili, speċjalment fejn hemm konflitti nazzjonalistiċi u etniċi. Minkejja t-tbatijiet li jkollkom iġarrbu, tħallux il-mibegħda dbejjet f'qalbkom, imma xandru bil-ferħ l-Evanġelju ta' Kristu u qassmu l-maħfra ta' Alla permezz tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni".

Din il-mentalità ġdida tista' titqies bħala wieħed mill-aspetti tas-sena elfejn. Il-Kumitat tas-Sena Mqaddsa fix-xhur li ġejjin jieħu ħsieb joħroġ programm għas-sena 1997 li hija ddedikata lil Kristu, Feddej tagħna.

19. IL-FIDI TAGĦNA FI KRISTU
(13 - 04 - 1997)

Il-Vanġelu jgħidilna illi meta Kristu deher lill-Appostli miġburin flimkien ħasbuh xi fantażma u bi tbatija kbira wassalhom biex jemmnu illi Hu tabilħaqq dak li qam minn bejn l-imwiet. L-Appostli kellhom diffikultà ù tfixkil biex jemmnu fil-qawmien ta' Kristu, u forsi wieħed jista' jagħdirhom, għaliex il-ġrajja tal-Passjoni kienet għalihom ġrajja ta' swied il-qalb illi xxukkjathom u heżżet saħansitra l-pedament tal-fiduċja li huma kellhom fi Kristu. Imma mbagħad Ġesù, wara li dehrilhom u fissrilhom l-Iskrittura Mqaddsa wassalhom għat-Twemmin fih - twemmin illi huma mbagħad kellhom ixandru ma' l-erbat irjieħ tad-dinja.

Aħna wkoll xi darba nsibu diffikultà kbira biex nemmnu. Niltaqgħu ma' ħafna saram u tfixkil biex naslu għall-Att tal-Fidi. Għalhekk jixraq li naraw liema huma l-kawżi li jtellfuna milli nemmnu. Jista' jkun li aħna aljenati wisq wara l-affarijiet tad-dinja, wara l-ħwejjeġ temporali; jista' jkun illi aħna nbatu bir-rispett uman u rridu nagħmlu kif jagħmlu l-oħrajn, u nitkellmu kif jitkellmu l-oħrajn, u rridu illi l-imġieba tagħna tkun taqbel mal-moda taż-żminijiet, u allura m'aħniex kapaċi nżommu sod u nimxu kontinwament wara Kristu. Forsi qegħdin insibu diffikultà biex nemmnu, għaliex m'aħniex attenti u mħeġġin biżżejjed ħalli nisimgħu l-Kelma t'Alla.

San Pawl igħidilna li l-Fidi tiġi mis-smigħ u mis-smigħ tal-Kelma t'Alla. Il-Vanġelu tal-lum jurina illi l-Appostli ammettew u emmnu li Kristu kien irxoxta wara li Dan fissrilhom il-Kotba Mqaddsa u dak li kienu qalu l-Profeti dwaru.

Jista' jkun hemm ukoll raġuni oħra għaliex aħna neqsin mill-Fidi, għax qegħdin insibu d-diffikultà li nemmnu. Biex wieħed jemmen irid ikollu mhux il-loġika tad-dinja imma l-loġika t'Alla, il-loġika tal-Qaddisin, il-loġika tal-Fidi. X'ifisser dan? Meta Kristu ċanfar lil Tumas u qallu "Int emmint għax rajt imma henjin dawk li ma rawx u emmnu". Din hija l-loġika tal-Fidi, meta aħna ma narawx u nemmnu, meta aħna noqogħdu fuq il-Kelma ta' Kristu u naċċettaw dak li jgħidilna l-Mulej tagħna Ġesù, meta aħna nagħmlu att ta' Fiduċja fil-Knisja Ommna u nħalluha tmexxina hi biex tgħallimna l-Veritajiet li għandna nemmnu u d-dmirijiet li għandna nwettqu bħala nsara. Din hija l-loġika tal-Fidi, imma aħna ħafna drabi nimxu b'loġika oħra, il-loġika li timxi biha d-dinja, ngħidu bħal San Tumas, "Jekk jiena ma narax u ma mmissx b'idejja jiena ma nemminx". Min ikollu din il-mentalità, min jirraġuna b'dan il-mod huwa mbiegħed ħafna minn Kristu, mill-Fidi li jitlob minna Alla l-Imbierek.

Aħna qegħdin illum f'din il-parroċċa niċċelebraw il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù u għażilna bħala suġġett tat-talb u tar-riflessjoni tagħna "Kull ilsien jistqarr lil Kristu". Huwa dmir tagħna li nistqarru lil Kristu, huwa dmir tagħna li nistqarru l-Fidi, huwa dmir tagħna li twemminna ma nżommuhx għalina imma anke nwassluh lill-oħrajn, nipprokklamawh,

inxandruh quddiem l-oħrajn. Imma jekk wieħed ma jkollux twemmin, allura ma jistax jipprokklama t-Twemmin u l-Fidi. Jekk wieħed ma jemminx tabilħaqq li Kristu huwa l-Iben t'Alla magħmul Bniedem u Salvatur tagħna allura ma jistax iħoll ilsienu biex ixandar lil Kristu u jistqarru quddiem il-bnedmin l-oħra.

Għalhekk, nitolbu llum f'dan is-sagrifiċċju tal-quddiesa għalina, għal ħutna kollha, Maltin u Għawdxin, biex ilkoll kemm aħna li nemmnu b'fidi soda illi Ġesù huwa tabilħaqq il-Feddej.

20. L-34 KUNGRESS DJOĊESAN TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(13 - 01 - 1997)

Kif aħna hawn miġbura, ejjew nagħmlu hawn mistoqsija serja, mistoqsija li tikkompromettina lkoll kemm aħna. Aħna lil Kristu għandna bżonnu jew m'għandniex bżonnu? Il-Papa stedinna biex din is-sena 1997, nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq Kristu u b'dan il-mod nibdew il-preparazzjoni tagħna għall-Ġublew il-Kbir.

Issa, aħna l-Maltin u l-Għawdxin għandna bżonnu lil Kristu, jew nistgħu ngħaddu mingħajru? Jew jidhrilna li Kristu huwa lussu, huwa xi ħaġa żejda? Hemm dawk li jżommu l-mibegħda f'qalbhom; dawn jaħsbu li lil Kristu m'għandhomx bżonnu, għaliex Kristu jgħidilna biex naħfru lill-għedewwa tagħna; allura dawn lil Kristu u t-tagħlim tiegħu f'din il-ħaġa, jidhrilhom li m'għandhomx bżonnu. Kieku dak it-tagħlim tiegħu jgħożżuh, kienu jwettquh fil-prattika ta' ħajjithom. L-istess Kristu jgħidilna "Dak li jgħaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem", jiġifieri ż-żwieġ irid jibqa' sal-mewt. Imma hemm dawk li jaħsbu li ż-żwieġ veru, għal xi raġuni jew oħra jista' jinħall b'awtorità tal-bnedmin. Allura dawn jidhrilhom li għall-inqas f'din il-ħarġa, ċioè l-ħajja tal-familja, huma jafu iktar minn Kristu, moderni iżjed minn Kristu u ma għandhomx bżonn il-liġi tiegħu. Jaħsbu li jistgħu jiddeċiedu huma dwar iż-żwieġ mingħajr ma jippermettu illi d-deċiżjonijiet illi jieħdu jkunu influwenzati mill-fehmiet

reliġjużi tagħhom; bħallikieku l-bniedem tista' taqsmu fi tnejn, biċċa fejn tidħol ir-reliġjon, u biċċa li għandha x'taqsam mal-ħajja tiegħu ta' kuljum.

Għalhekk mela, nidħlu daħla fina nfusna, nippruvaw nagħrfu dejjem aħjar it-tagħlim ta' Kristu u dan it-tagħlim naċċettawh fil-ħajja tagħna. Għandu jkun hu dak id-dawl li jmexxina.

Għandna bżonnu lil Kristu? Jekk nipperswadu ruħna li aħna midinbin, illi f'xi ħaġa jew oħra kulħadd jonqos, allura neħtieġu lil xi ħadd li jaħfrilna, xi ħadd li jilliberana minn dan il-jasar tad-dnub. Dan huwa Kristu, għax hu waħdu, l-feddej, waħdu li ħallas il-prezz tal-fidwa meta ċarċar demmu fuq il-Kalvarju. Hemm min jidhirlu li dnubiet ma baqax. Hemm xi whud, fosthom żgħażagħ li jaħsbu li tista' tiżni u tagħmel li trid għaliex dak mhux dnub għax kulħadd hekk jagħmel. Oħrajn jaħsbu li jistgħu jisirqu u jingannaw il-proxxmu tagħhom u b'daqshekk ma ġara xejn, allura ma jħossux it-toqol tal-ħtija fuq il-kuxjenza tagħhom, u lanqas iħossu l-bżonn li jmorru ħdejn Ġesù, kif għamlet is-samaritana u l-Madalena, jgħidulu "Mulej aħna dnibna, aħfrilna".

Min jidhirlu li mhux marid, mhux sejjer ifittex tabib, jitolbu l-parir tiegħu, inqas u inqas illi jwettaq ir-rimedju li joffrilu. Hekk ukoll, min m'għandux sens tad-dnub, min jidhirlu illi miexi tajjeb, u m'għandux għalfejn jinkwieta dwar il-moralità ta' ħajtu, ma jħossx il-bżonn li jmur fejn Kristu l-Mulej biex jitolbu jaħfirlu dnubietu.Il-lum Ġesù għadu jaħfer. Permezz tas-sagrament tal-qrar imwaqqaf minnu, Kristu għadu jwassal il-maħfra tiegħu lill-midinbin, midinbin ta' kull

xorta, imma jridu jirrikonoxxu li huma midinbin u jridu jersqu għandu u jitolbuh il-maħfra.

Għalhekk tajjeb illi aħna mhux biss inkantaw dan il-motto ta' llum imma anke nippruvaw ngħixuh "kull ilsien jistqarr lil Ġesù". Jalla kull ilsien tal-Maltin u l-Għawdxin jistqarr lil Ġesù, mingħajr rispetti umani, mingħajr biża' u mingħajr qtigħ il-qalb. Jalla kull ilsien f'pajjiżna jistqarr li Kristu huwa l-imgħallem tal-verità u li min irid isib il-verità hemm bżonn li kliem Kristu jgħożżu u mhux iwarrbu fil-ġenb, qisu Kristu ma tkellimx.

Kull ilsien jistqarr lil Ġesù bħala tabib spiritwali tagħna, bħala dak illi jfejjaqna minn ħtijietna, bħala dak illi jkisser il-ktajjen tad-dnub u tal-vizzju illi bihom xi darba aħna nkunu marbutin u forsi lanqas biss nintebħu.

Il-Kungress tax-Xirka mhuwiex biss festa għad illi tajjeb illi jkun hemm anke l-kant, daqq u affarijiet oħra illi jferrħu lil dawk li jieħdu sehem. Il-Kungress tax-Xirka mhuwiex biss lezzjoni għad li tajjeb li nwaqqfu widnejna biex nisimgħu t-tagħlim li jingħata wkoll waqt il-Kungress. Imma fuq kollox il-Kungress huwa deċiżjoni kollettiva, deċiżjoni li kulħadd jeħodha għalih innifsu, imbagħad ilkoll flimkien neħduha anke għall-komunità tagħna għall-Knisja lokali tagħna. Jalla lkoll kemm aħna kbar u żgħar, tfal u żgħażagħ ma nitilfu qatt lil Kristu minn quddiem għajnejna. Ħafna jaħasra tilfuh, ħafna għandhom mexxejja oħra li jiggwidawhom, mhux Kristu. Jalla l-kotra kbira tan-nies tagħna jżommu 'l Kristu quddiem għajnejhom bħala mgħallem tas-sewwa u anke tabib spiritwali liberatur, ħellies tal-bnedmin,

mid-dnubiet u n-nuqqasijiet tagħhom. Għalhekk nitolbu llum u dejjem biex il-poplu tagħna, bl-interċessjoni ta' l-Imqaddsa Marija dejjem verġni u ta' San Ġużepp Protettur tal-Knisja, il-poplu tagħna lil Kristu jemmen fih, jgħożżu, joqgħod għat-tmexxija tiegħu u fuq kollox jistqarr ukoll ismu quddiem kulħadd.

21. MANIFESTAZZJONI MARJANA GĦALL-AMBJENT MORALMENT NADIF
(29 - 07 - 1997)

Il-lejla aħna nħossuna ferħanin għaliex għandna magħna l-istatwa tal-Imqaddsa Verġni Marija u din l-istatwa tfakkarna li fis-sema għandna Omm li tieħu ħsiebna u li tagħtina dak li huwa tabilħaqq ta' ħtieġa għalina. Is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu darba waħda lil-Lhud ta' żmienu qalilhom: "Anke intom li intom ħżiena toqogħdu attenti biex lil uliedkom tagħtuhom affarijiet tajbin". Hekk ukoll il-Missier tagħna tas-sema u l-Imqaddsa Verġni Marija jagħtuna dak li huwa tajjeb. Ġesù jkompli jgħidilhom lil-Lhud li jekk it-tifel jitlobkom biċċa ħobż ma tmurx tagħtih ġebla, jekk jitlobkom ħuta biex jikolha ma tmurx tagħtih skorpjun li jista' jigdmu u javvelenah. Dawn il-kelmiet ta' Kristu ta' min jirrifletti fuqhom kulħadd u b'mod speċjali dawk li għandhom xi responsabilità tal-bnedmin l-oħra. L-ewwelnett il-ġenituri rigward uliedhom imbagħad l-awtorità, sewwa dik ekkleżjastika, l-isqfijiet u sewwa wkoll l-awtorità ċivili, l-istat, il-gvern. Wieħed irid joqgħod attent bil-lejl u bi nhar li dak li nagħtu lid-dipendenti tagħna jkun tabilħaqq il-veru ġid tagħna, ikun tabilħaqq xi ħaġa li tiswielhom għal ħajja aħjar. Għaliex ngħiduha kif inhi, il-bniedem anke dak modern, il-bniedem tas-seklu tagħna, faċilment jinganna ruħu, faċilment jaqa' fl-iżball u faċilment mingħalih għandu biċċa ħobża u jkollu ġebla.

Il-Progress

Kulħadd jitkellem mill-progress, kulħadd irid jimxi 'l quddiem. Imma hemm progress veru u progress

falz. Hemm progress illi tabilħaqq jixraq lill-bniedem u hemm anke progress, kambjament li huwa iktar ta' ħsara milli ta' ġid. Meta nagħtu ħarsa lejn is-soċjetà tagħna għamlitx progress, aħna li ngħidu li aħna moderni, li aħna moħħna miftuħ, imma l-kriminalità li hawn madwarna, dan huwa progress? Mexjin 'il quddiem jew mexjin lura? Il-mard u l-epidemiji li qegħdin jinxterdu, dawn huma progress jew inkella qegħdin inħossu b'idejna l-miżerja tal-bniedem? Għalhekk mela hija ħaġa tajba li wieħed jixtieq il-progress u jaħdem għalih imma jrid joqgħod b'għajnejh miftuħa biex ma jkunx mingħalih miexi 'l quddiem u jsib ruħu aghar milli kien qabel.

Il-Ġid

Aħna nitkellmu dwar il-ġid. Kulħadd jixtieq il-ġid. Il-bniedem min-natura tiegħu stess jaħdem għalih, jissagrifika ruħu għal dan il-ġid. Però Kristu diġa fethilna għajnejna u qalilna: Qisu li t-teżor tagħkom ma jkunx f'din id-dinja. F'din id-dinja l-ħallelin jisirqu u anke s-susa tmermer u teqred kollox. Hemm bżonn li l-ġid tagħkom ikun fis-sema. Min il-ħajja tiegħu qassarha u llimitaha biss għall-eżistenza sal-mewt, dan huwa povru, huwa fqir u mizerabbli għaliex il-ġid tiegħu huwa biss trab tal-art, affarijiet illi jispiċċaw fix-xejn. Il-veru ġid tal-bniedem qiegħed mhux filli wieħed jippossiedi affarijiet illi għada pitgħada jrid jinfired minnhom, imma li wieħed jarrikkixxi ruħu spiritwalment, li wieħed isir aħjar billi jkun iktar mgħarraf u konxju ta' dak li qiegħed jiġri madwaru. Wieħed isir aħjar billi jitgħallem iktar u jkun iktar disponibbli biex jgħin lill-proxxmu tiegħu.

Il-Ħena

Illum ħafna jitkellmu dwar il-ħena, il-ferħ ta' qalb il-bniedem. Anke ż-żgħażagħ ifittxu l-ħena, xi drabi

fit-tbaħrid esaġerat u xi drabi anke b'ċerta mġieba li tmur kontra s-safa, l-virtù nisranija. Imma hemm tabilħaqq hena fil-qalb tal-bniedem? Il-bniedem modern iħossu kuntent? Jagħmel ta' bir-ruħu kuntent u minbarra jipprova joħloq ċerti kundizzjonijiet li jistgħu jkunu sintomi ta' ferħ u allegrija imma ħafna drabi fil-bniedem modern hemm xi ħaġa li tgħawwar f'qalbu għaliex l-Iskrittura tgħidilna illi min hu mbieghed minn Alla, min hu fid-dnub ma jistax ikollu l-paċi u l-mistrieħ; "non est pax inpiis". Għalhekk mela nħabirku għal dawn it-tliet valuri li semmejna, li huma valuri kbar, valuri li jixtieqhom kulll bniedem, sewwa jekk nisrani u sewwa jekk mhux.

Nixtiequ l-progress imma nkunu selettivi, ma ningannawx ruħna. Ngħarrfu nagħżlu bejn dak li huwa progress veru u dak li jixħitna iktar lura milli nkunu.

Nixtieq l-ġid imma l-veru ġid, il-ġid illi bih inkunu tabilħaqq bnedmin. L-importanti mhux dak li għandna imma dak li nkunu, dak li aħna.

Infittxu anke l-hena imma l-hena li joffrilna Kristu, l-hena ta' kuxjenza illi m'għandhiex fuqha t-tinġis tal-ħtija, ta' kuxjenza meħlusa mit-toqol tad-dnub.

Dak li qiegħed ngħidilkom mhumiex affarijiet ħfief, mhumiex affarijiet li wieħed jista' jiksibhom hekk malajr, bħal meta wieħed jixtri xi ħaġa mill-ħanut imma huma affarijiet diffiċli u tqal u wieħed għandu jħabrek u jitħabat għalihom. Imma jiftakru li aħna għandna 'l Kristu u kif qaltlu Marta "Dak kollu li inti (Kristu) titlob lil Alla, huwa jagħtihulek". Dak kollu li aħna nitolbu lil

Ġesù, li huwa veru Alla u veru bniedem, aħna għandu jkollna fiduċja illi huwa jagħtihulna basta jkun għall-veru ġid tagħna. Għalhekk f'din iċ-ċerimonja reliġjuża li qegħdin nagħmlu l-lejla, nitolbu lil Ġesù bl-interċessjoni tal-Madonna biex f'kulħadd, imma b'mod speċjali fil-qlub taż-żgħażagħ inissel xewqa għall-progress veru, xewqa għall-ġid li ma jispiċċax fix-xejn u xewqa wkoll ta' veru hena u paċi tal-qalb.

22. L-IŻBALJI TAD-DIVORZISTI MALTIN
(01 - 10 - 1997)

"San Mikiel irċieva l-uffiċċju mingħand Alla biex jitqabad kontra x-xitan u li jrażżnu. Aħna wkoll għandna missjoni min għand Alla: li nissieltu kontra l-ħażen ta' żminijietna u nippruvaw irrażżnu l-ħsara li qed issirilna bħala persuni, lill-familji tagħna u lill-Knisja ta' Kristu.

Nistgħu nsemmu diversi għamliet tal-ħażen li hawn madwarna. Illum ċerti nies jaħsbu li jistgħu jagħmlu dak kollu li jissodisfa l-pjaċir tagħhom, u din il-liġi ta' edoniżmu għalihom hija liġi importanti aktar mil-liġi t'Alla.

Nixtieq nagħmel appell lis-sidien tal-flats u nistedinhom biex joqgħod attenti lil min jikru l-flats tagħhom, għax ċerti persuni li jiġu minn barra l-gżira tagħna, speċjalment fil-weekends, qegħdin iġibu ruħhom b'mod deporevoli u skandaluż. Għalhekk tajjeb nintebħu b'din il-kwalità ta' ħsara morali li qiegħda ssir u nippruvaw neqfulha.

Bħalissa hawn kampanja kbira biex f'pajjiżna jidħol id-divorzju. Mhix l-ewwel darba li l-Knisja tkellmet kontra d-divorzju għax kemm il-Knisja universali kif ukoll f'dik lokali, iktar minn darba semmejna l-konsegwenzi ħżiena tad-divorzju u għidna li l-insara ma jistgħux japprovaw ħaġa bħal din. Fuq livell universali, nistgħu nsemmu l-Katekiżmu tal-Knisja

Kattolika. Xieraq niflu sewwa x'jgħid dan il-Katekiżmu dwar iż-żwieġ u d-divorzju. Fuq livell lokali, wieħed jista' jfittex u jara x'jgħallem is-Sinodu Djoċesan dwar x'ifisser iż-żwieġ nisrani u dwar x'għandna nagħmlu biex inżommu d-divorzju 'l bogħod minn pajjiżna.

Il-Knisja Kattolika bid-dritt kollu tippriedka t-tagħlim tagħha. Dan huwa jedd li ħafna drabi huwa rikonoxxut minn dawk il-pajjiżi fejn hemm demokrazija vera u fejn il-jeddijiet tal-bniedem, b'mod partikulari d-dritt għal-libertà reliġjuża, huma mħarsin. Il-Knisja mhux biss għandha d-dritt, imma għandha d-dmir li titkellem dwar il-qdusija, l-unita' u l-indissolubilità taż-żwieġ.

F'pajjiżna dawk li huma favur id-divorzju qegħdin jieħdu iktar minn żball wieħed. L-ewwelnett, huma qegħdin jippruvaw ixerrdu t-teorija li ż-żwieġ huwa xi ħaġa li tibda meta raġel u mara jiddeċiedu li jiżżewġu, u tispiċċa meta huma stess, jew parti waħda minnhom, jixbgħu miż-żwieġ. Però aħna ngħidu li dan mhux żwieġ skond il-pjan t'Alla għax fil-ħsieb t'Alla ż-żwieġ jibqa' jeżisti sakemm iridu Alla. It-tmiem taż-żwieġ bejn koppja jiddependi minn Alla - sal-mewt ta' waħda mill-partijiet. Infatti meta tnejn jiżżewġu, jekk tassew jinħabbu, l-imħabba li jweghdu lil xulxin ma tkunx limitata għal ċertu żmien, imma għal ħajjithom kollha.

Żball ieħor li qegħdin jagħmlu d-divorzisti huwa li jaħsbu li ż-żwieġ u l-familja jiddependu biss minn dak li trid jew ifettlilha l-koppja miżżewġa. Iżda ż-żwieġ u l-familja għandhom ukoll l-aspett soċjali u pubbliku. Iż-żwieġ u l-familja ma jiddependux biss mix-xewqat tal-koppja miżżewġa, imma peress li ż-żwieġ u l-familja

huma ċellula tas-soċjetà u tal-Knisja, qabel wieħed jieħu deċiżjoni dwar iż-żwieġ/familja għandu jara wkoll x'inhuma l-interessi veri tas-soċjetà u l-jeddijiet tal-Knisja li dawn il-miżżewġin huma membri tagħhom.

Dawk li f'pajjiżna qegħdin jitħaddtu favur id-divorzju għandhom quddiem Alla u quddiem is-soċjetà responsabilità wisq akbar minn divorzisti f'pajjiżi oħra. Dawn jgħidu li d-divorzju daħal kważi kullimkien, imma aħna għandna naraw x'kienu l-konsegwenzi fejn iddaħħal id-divorzju; għandna niftħu għajnejna u naraw kemm pjagi soċjali ħoloq id-divorzju għall-familja, għat-tfal, għall-edukazzjoni, għall-iskejjel u għall-Istat. Id-divorzisti f'pajjiżna għandhom responsabilità akbar minn divorzisti f'pajjiżi oħra għax forsi dawk ta' barra ma kinux qegħdin jaraw l-effetti negattivi kollha tad-divorzju, imma d-divorzisti ta' pajjiżna jistgħu jistaqsu u jindagaw biex ikunu jafu x'ġara sewwa f'pajjiżi oħra biex il-gwaj li daħal hemmhekk nevitawh minn pajjiżna. Għandna nikkopjaw it-tajjeb ta' ħaddieħor u mhux il-ħażin. Bħala pajjiż modern, nisrani, ewropew u li nieħdu sehem fil-laqgħat tal-Ġnus għandna nfittxu dak li huwa sabiħ, tajjeb, jagħmel unur u fuq kollox dak li jaqbel mad-dinjità tal-bniedem.

Għalhekk huwa dmir tagħna li bil-mezzi leġittimi li għandna f'idejna, inwasslu l-fehmiet tagħna biex kemm jista' jkun indawlu l-imħuħ u niftħu l-għajnejn biex f'dak li għandu x'jaqsam maż-żwieġ u l-familja ma mmorrux nagħmlu qabża fid-dlam u mbagħad wara jiddispjaċina.

Nitolbu lill-Madonna, Sultana tal-Familja, biex kif fl-imgħoddi ħarset lill-familji tagħna, hekk ukoll tkompli tieqaf magħhom llum u fil-ġejjieni".

23. IL-PROFESSUR ĠUŻE` AQUILINA
(17 - 10 - 1997)

Illum qed nagħmlu l-festa ta' l-anniversarju tal-konsagrazzjoni ta' din il-knisja tal-Munxar. Iżda barra minn hekk, inġbarna għal raġuni aktar speċjali: irridu nagħmlu t-tifkira tal-Professur Ġużè Aquilina proprju f'dan ir-raħal żgħir fejn hu għadda t-tfulija tiegħu u anke parti miż-żgħożija tiegħu.Hemm ħafna x'tgħid fuq il-Professur Aquilina, imma f'dawn il-ftit minuti li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi jiena nista' nafferma li huwa qeda u qeda tajjeb il-missjoni li tah Alla.

Din il-missjoni kellha għallinqas tliet aspetti:
- huwa kien professur universitaru illi dejjem ta eżempju tajjeb lill-istudenti tiegħu bi kliemu u bis-sens tad-dmir li kellu;
- huwa kien ukoll kittieb ta' proża u ta' poeżija u għamel anke riċerki importanti fen għandha x'taqsam il-lingwa tagħna Maltija;
- kien ukoll ġurnalist li nqeda bil-gazzetti, bil-kelma stampata u anke bix-xandir biex iwassal il-messaġġ tiegħu.

Żgur illi l-Professur Aquilina għandu post importanti hafna fl-istorja tal-kultura ta' pajjiżna. Nistgħu ngħidu illi l-Maltin u l-Għawdxin, mhux biss tal-lum imma anke tal-ġejjieni, għandhom dejn ta' rikonoxxenza lejn il-Professur Aquilina.

Kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II, fil-Kostituzzjoni Gaudium et spes, hemm relazzjoni bejn il-Knisja u l-kultura.

Il-kultura hija l-ħobż tar-ruħ. Kristu qalilna li l-bniedem ma jgħixx biss bil-ħobż materjali li jgħaddi, imma jgħix ukoll bil-Kelma t'Alla, bit-tagħlim, dak li jġib 'il quddiem il-ħajja spiritwali tal-bniedem.

Il-kultura tista' tkun ta' tliet għamliet:

i) hemm dik il-kultura li hija avversarja tal-Knisja Kattolika, kultura li jidhrilha li tista' twaqqa' dak li tibni l-Knisja; jidhrilha li t-tagħlim tal-Knisja jmur kontra l-kurrent tal-gosti tal-lum. Xi drabi, f'ċerti pajjiżi u f'ċerti epoki, proprju tiddomina din il-kultura kontra l-Knisja, li xi drabi hija wkoll antikristjana.Il-Professur Aquilina qatt ma mexa f'dan il-kurrent ta' kultura antikristjana.

ii) hemm imbagħad dik li tissejjaħ il-kultura newtrali, il-kultura illi timxi parallela mat-tagħlim u mal-attività tal-Knisja Kattolika. Ċerti intelletwali kif ukoll artisti jidhrilhom illi ma jaqblilhomx jidħlu f'polemika mal-Knisja jew joħolqu kuntrasti magħha, u għalhekk jippreferu illi jimxu fi triq għalihom. Iżda la jagħtu każ ta' dak li tgħid u anqas ta' dak li tgħallem il-Knisja ta' Kristu.Lanqas f'din il-kategorija ma jaqa' l-Professur Aquilina.

iii) Imbagħad hemm il-kultura nisranija, il-kultura ispirata mit-tagħlim tal-Vanġelu u mit-tagħlim tal-Knisja matul is-sekli. Din il-kultura ma tikkunsidrax biss dak li tgħallem ir-raġuni, dak li ssib ix-xjenza, dak li tikseb it-teknoloġija, jew inkella l-kisbiet tal-arti ta' kull għamla;

imma ma' dawn iżżid ingredjent ieħor importanti ħafna: iżżid il-fidi.

Il-Professur Aquilina kien bniedem ta' kultura, imma kellu kultura mibnija fuq il-fidi nisranija, kultura li tispira ruħha minn dak li tgħid u tgħallem il-Knisja. Imbagħad, matul il-ħajja tiegħu, irnexxielu wkoll jagħti kontribut kbir għall-kultura nisranija ta' pajjiżna.

Dan ma jfissirx illi l-Professur Aquilina ma kienx jaf id-difetti tal-Knisja. Kien jafhom, raħom, ġieli kkummenta fuqhom u ġieli anke ddeplorahom. Forsi għarafhom aħjar milli nagħrfuhom aħna. Imma l-Professur Aquilina kien jaf illi jekk fil-Knisja hemm id-difetti, hemm ukoll ħafna u ħafna preġi, ħafna kwalitajiet tajbin. U dawna l-kwalitajiet tajbin huma ferm iktar importanti milli jistgħu jkunu d-difetti tagħha.

Barra minn hekk, il-Professur Aquilina kien jaf u jemmen illi l-Knisja hija opra ta' Kristu; veru li magħmula mill-bnedmin u l-bnedmin għandhom id-difetti u l-iżbalji tagħhom, imma hemm Kristu li jidħol garanti għall-Knisja tiegħu. U din il-fidi tal-Professur Aquilina tidher u tinħass fil-ħidmiet tiegħu: fl-essays, fil-kotba li ppubblika, fid-diskorsi li kien jagħmel. Anke fil-konversazzjoni tiegħu familjari huwa kien juri biċ-ċar fejn hu qiegħed, ma' liema ħajt qiegħed iżomm.

Ilkoll kemm aħna ulied il-Knisja, kif kien bin il-Knisja Ġużè Aquilina. Bil-qawwa kollha, u fl-istess ħin b'umiltà liema bħalha, ma staħax jgħid li hu bin il-Knisja u jġib ruħu ta' iben tal-Knisja.

U din hija l-lezzjoni li joffri lilna kollna kemm aħna, membri tal-kleru, kbar u żgħar u żgħażagħ. Tajjeb illi aħna nħarsu lejn il-figura tal-Professur Ġużè Aquilina u minnu nitgħallmu ngħożżu iktar lil Art Twelidna u nħobbu iktar lill-Knisja li tagħha aħna wlied spiritwali.

24. IL-MISSJONI DJOĊESANA F'GĦAWDEX
(27 - 10 - 1997)

"Il-Vanġelu jirrakonta diversi episodji fejn Ġesù jfejjaq lill-morda. Kull fejqan huwa laqgħa tal-bniedem ma' Kristu u frott ta' din il-laqgħa, il-bniedem jikseb l-għajnuna t'Alla. Il-missjoni djoċesana li sejrin nibdew hija laqgħa ma' Kristu. Huwa qed isejħilna biex jagħtina grazzji u barkiet ta' kull għamla.

Biex il-Missjoni tħalli l-frott, hemm bżonn li jitwettqu ċerti kundizzjonijiet. Huwa importanti li wieħed iħoss il-ħtieġa li jattendi għal-laqgħat tat-tagħlim kif ukoll il-ħtieġa ta' fejqan spiritwali. Min ma jħossx il-bżonn ta' Kristu fil-ħajja tiegħu ma jistax jistenna li l-Missjoni ser tagħti frott f'ħajtu. Għalhekk jeħtieġ li aħna lkoll nagħmlu tagħna t-talb li toħroġ mill-qalb sinċiera tar-raġel għama tal-Vanġelu: "Ġesù Bin David, ħenn għalija". Kulħadd jeħtieġ il-ħniena u l-maħfra ta' Kristu.

Billi xi drabi ma narawx ċar biżżejjed ma' din it-talba jeħtieġ li nżidu talba oħra: "Mulej Ġesù agħmel li jiena nara". Ħafna drabi jiġri li peress li l-għajnejn spiritwali tagħna jkunu mċajprin ma narawx nagħżlu dejjem it-tajjeb mill-ħażin. Effett t'hekk, xi drabi aktar inħabirku biex niksbu l-ġid li huwa biss apparenza milli l-ġid veru.

Jista' jkun li mxejna fit-triqat tal-pagani. Seta' ġralna li bħan-nies ta' l-Antik Testment qgħadna

nisimgħu x'qegħdin jagħmlu l-popli l-oħra u ppruvajna nagħmlu bħalhom biex taparsi nkunu progressivi u ma nkunux l-unika eċċezzjoni. Iżda aħna għandna nimitaw it-tajjeb ta' ħaddieħor u mhux il-ħażin - għandna nikkupjaw dak li jressaqna lejn Alla u mhux dak li jbegħedna minnu. Hija ħaġa ta' swied il-qalb li għad li pajjiżna jissejjaħ pajjiż kattoliku, ħafna familji tagħna għandhom is-susa li qed teqridhom. Propju għaliex jikkuppjaw dak li jagħmlu f'pajjiżi oħrajn fejn ir-reliġjon kważi spiċċat għal kollox, ċerti familji tagħna jinsabu fi stat miserabbli ħafna. Waħda mill-kawżi li qed jifnu l-familji huwa d-dnub ta' l-adulterju. L-adulterju jeqred il-familja mill-għerq tagħha. L-adulterju, li jmur direttament kontra l-liġi t'Alla, joħloq l-iskandli u jikkawża t-taħwid fis-soċjetà. Dawn huma t-toroq tal-pagani li ħafna minn dawk f'pajjiżna li jippretendu li huma nsara jaħsbu li jistgħu jimxu minnhom qisu ma hu jiġri xejn!

Għalhekk nitolbu lill-Mulej jagħtina d-dawl biex aħna nintebħu fejn hemm il-periklu, niddefendu dak li huwa tajjeb u nżommu 'l bogħod minna dak li jista' jkun ta' ħsara għalina, għall-familji tagħna u għal uliedna.

Imma biex nistgħu naraw bl-għajnejn spiritwali għandna bżonn il-kelma t'Alla li hija bħal dawl għal riġlejna. Hija l-Kelma t'Alla li ddawwal il-kuxjenza tagħna u turina liema huwa t-tajjeb li għandna nagħmlu u l-ħażin li għandna naħarbu. F'dan il-kuntest wieħed jifhem kemm hija importanti l-Missjoni Djoċesana li matulha l-Kelma t'Alla tixxandar f'postijiet diversi u b'mezzi varji li kull kategorija tal-membri fi ħdan il-Knisja.

Imbagħad nittamaw li fil-kuxjenza tagħna nisimgħu l-kelmiet li Kristu qal lill-agħma ta' Ġeriko: "Mur, il-fidi tiegħek fejqitek". Il-fejqan jew il-frott li nistennew mill-Missjoni Djoċesana huwa li jkun hemm qawmien tal-fidi tagħna. Il-fidi tiġi mis-smigħ tal-Kelma t'Alla u jekk aħna nilqgħu bil-qalb il-Bxara t-Tajba l-fidi tagħna fi Kristu, l-uniku Feddej u Mgħallem tagħna, terġa' tifjorixxi.

Għalhekk nappella lil kulħadd biex nieħdu sehem fil-laqgħat li ser isiru matul dawn il-jiem tal-Missjoni Djoċesana. Nitolbu lil Alla jbierek din il-Missjoni u jgħinna nirbħu d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom. Kif ninsabu f'riġlejn il-Madonna ta' Pinu, nitolbu lil Ommna tas-Sema biex tidħol għalina biex kif hi semgħet il-Kelma t'Alla fis-skiet u mmeditatha, hekk ukoll aħna naċċettaw il-Kelma t'Alla, nitqawwew fil-fidi u nsarrfu l-fidi tagħna f'għemil tajjeb".

25. INKOMPLU L-MISSJONI FIL-FAMILJA
(09 - 11 - 1997)

Għalkemm il-Missjoni Djoċesana waslet fit- tmiem tagħha, nistgħu ngħidu li issa l-missjoni ser tibda fil-familji tagħna. Hemm bżonn li nagħmlu mill-familji tagħna swar li jħarsu t-twemmin u l-imġiba nisranija tagħna. Agħmlu kull ma tistgħu għax ebda sagrifiċċju ma hu żejjed biex il-ħajja tal-familja tagħkom tkun togħġob lil Alla; biex il-familja tagħkom tkun mibnija fuq is-sagrament taż-żwieġ li ma jinħall qatt, biex il-familja tkun tassew ċenaklu ta' l-imħabba fejn iż-żgħar isibu min jipproteġihom u l-kbar ikunu minn ta' quddiem biex jagħtu eżempju tajjeb. Għandna nsaħħu l-paċi fi ħdan il-familji tagħna. Nagħmlu minn kollox biex inqaddsu l-familji billi nosservaw il-liġijiet t'Alla li huma l-Għaxar Kmandamenti imma fuq kollox ngħożżu r-rispett, l-imħabba u s-sinċerità li għandu jkun hemm bejn il-membri tal-familja.

Xi drabi fil-familja jinħoloq xi konflitt u jkun hemm xi tensjoni. Huwa dmir tagħna li nippruvaw nevitaw dawn it-tensjonijiet, imma meta xi konflitt jinbet fil-familja, għandna nagħmlu ħilitna kollha biex nissuperawh kemm jista' jkun malajr. Biex nagħmlu dan, neħtieġu qabel xejn ir-riflessjoni, l-umiltà u l-ġenerożità biex inkunu nistgħu naħfru anke fejn jidhrilna li għandna raġun. Jalla l-familji tagħna jkunu post ta' paċi u sliem kif jixraq li jkunu l-komunitajiet insara.

Il-familja nisranija ġiet imsejħa "knisja żgħira". Ladarba l-familja hija knisja, Alla għandu jkun meqjum fiha u l-membri għandhom ikunu mħarrġa fit-talb. Jekk il-familji tagħna jitolbu aktar, żgur li tkun ikbar il-paċi li ssaltan fihom.Aħna nqiegħdu l-familji tagħna taħt il-protezzjoni tal-Madonna biex bl-eżempju u bit-talb twassalhom biex iħobbu dejjem aktar lil Binha Ġesù.

26. KRISTU SULTAN MEDJATUR BEJN ALLA U L-BNEDMIN
(23 - 11 - 1997)

F'kull epoka ta' l-istorja ta' l-umanità u f'kull rokna ta' l-art kienu jgħixu xi bnedmin li jfittxu sinċerament lil Alla. Anke San Pawl jagħti xhieda ta' dan meta jgħidilna "Il-kobor t'Alla li ma jidhirx, jiġifieri s-setgħa tiegħu ta' dejjem, u d-divinita' tiegħu, huma setgħu jagħrfuh sa mill-ħolqien tad-dinja, permezz tal-ħlejjaq..." (Rum. 1,20).

F'kull bniedem, għall-inqas għal xi żmien f'ħajjtu, jinħass bħal għatx għal Alla; f'qalb kull bniedem hemm bħal qawwa li tiġbdu lejn il-Ħallieq. Iżda huwa magħruf li fost il-ġnus kollha ta' l-art, il-Poplu Lhudi kien l-ewlieni li seta' jiftaħar li kellu nies twajbin li fittxew li jersqu lejn Alla u tawh il-qima sinċiera. Qabel il-miġja ta' Kristu fid-dinja, l-Profeti li tkellmu f'isem Alla u mnebbħin minnu, wasslu l-messaġġ t'Alla lill-poplu Lhudi, u għinu biex jikseb il-maħfra t'Alla, jgħix ir-reliġjon fis-safa tagħha, u jistenna l-Messija li kellu jiġi, jiġifieri Kristu l-Mulej.

Iżda Kristu kien mhux biss il-profeta t'Alla u xhud tal-fidi, iżda huwa ċ-ċentru tal-fidi. Kristu mhux biss jitkellem f'isem Alla, iżda huwa l-istess rivelazzjoni t'Alla, il-Verb Etern t'Alla magħmul bniedem, Alla nnifsu li ġie jgħammar fost il-bnedmin, biex iħabbibhom, u jirrikonċiljahom mal-Missier tiegħu tas-Sema.

Meta kien hawn fid-dinja, Kristu mhux biss xandar is-Saltna t'Alla iżda wettaq ukoll il-fidwa bis-sagrifiċċju tiegħu fuq il-Kalvarju fejn offra lilu nnifsu bħala vittma għall-ħelsien tal-bnedmin. Bir-raġun għalhekk San Pawl lil Timotju jiktiblu "Wieħed hu Alla u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-Bniedem Kristu Ġesù, li ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal kulħadd" (1 Tim. 2,5). Għalhekk ukoll, San Pietru, dwar Ġesù qalilna: "F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi" (Atti 4,12).

In-nisrani awtentiku huwa dak il-bniedem li għamel l-għażla tiegħu favur Kristu, jirrikonoxxih bħala Iben t'Alla, uniku Salvatur tad-dinja, medjatur bejn Alla u l-bnedmin. In-nisrani huwa dak li għamel proponiment li jimxi wara Kristu bħala dixxiplu tiegħu.

Darba waħda Ġesù, meta kien jgħallem fis-sinagoga f'Kafarnahum stqarr li hu l-ħobż nieżel mis-sema u li min jiekol minnu jibqa' ħaj għal dejjem. Iżda xi whud mid-dixxipli tiegħu kif semgħuh qalu "Iebes dan il-kliem, min jiflaħ għalih?" ('w. 6,60). Għalhekk dawn id-dixxipli telquh u ma baqgħux jimxu miegħu ('w. 6,66).

Din il-ġrajja għadha titwettaq anke fostna, xi whud telqu lil Ġesù, għaliex isibuh iebes kliemu dwar l-adulterju u ma humiex lesti li jobduh; oħrajn m'għadhomx jimxu ma' Kristu għaliex tagħlimu dwar id-divorzju, joqroshom fil-laħam il-ħaj; oħrajn m'għadhomx isieħbu lil Kristu, għaliex iħossuh tqil wisq għalihom il-preċett tal-maħfra ta' l-eghdewwa; oħrajn

ukoll m'għadhomx mexjin ma' Kristu, għaliex ma jifilħux għal kliemu li jikkundannaw l-iskandli bħal ma huma l-pornografija u għemejjel żienja oħra.

Minħabba dawn li semmejna u ħafna oħra bħalhom Ġesù jista' għal darb'oħra jilmenta "Hawn xi whud fostkom li ma jemmnux" ('w. 6,64). Dan ifisser li qegħdin isibu diffikulta' biex jaċċettaw it-tagħlim sħiħ ta' Kristu u qegħdin ifittxu għalliema oħra differenti minn Kristu u mill-Knisja tiegħu sabiex jagħtukom parir x'għandhom jiddeċiedu fil-kuxjenza tagħhom. Dan ifisser li huma qegħdin jinqatgħu bil-mod il-mod, minn dak id-dinamiżmu li għandu l-bidu tiegħu fi Kristu Feddej u li hu maħsub li jilħaq il-bnedmin kollha, jiġifieri l-ħajja tal-grazzja li hu joffri lil kulħadd. Fi ftit kliem, nies li jidhrilhom li jistgħu jfasslu ħajjithom fuq prinċipji u valuri differenti u forsi opposti għal dawk ta' Kristu, juru bil-fatti li m'humiex qegħdin jirrikonoxxuh bħala Sultan tagħhom u l-uniku Medjatur bejn Alla u l-bniedem.

Ir-reazzjoni tagħna f'dawn ċ-ċirkustanzi jixraq li tkun tixbah lil dik ta' Pietru, fl-episodju li semmejna. Ġesù wara li telqu u tbiegħdu minnu għadd ta' dixxipli tiegħu dar fuq it-tnax u qalilhom "Tridux tmorru intom ukoll?" Wieġeb Xmun Pietru "Mulej għand min immorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, u aħna nemmnu u nafu li int il-Qaddis t'Alla".

Fl-okkażjoni tal-lejla, huwa dmirna li nistqarru u nġeddu l-fidi tagħna fi Kristu u fit-tagħlim tiegħu. Aħna mhux biss naċċettaw u nemmnu dak li għallem Kristu bi kliemu u bl-eżempju tiegħu, iżda rridu nġħixuh ukoll billi ħajjitna tkun koerenti għall-fidi tagħna. Hekk jeħtieġ li

jkunu l-insara fi żminijietna u min ma jimpenjax ruħu biex jgħix din l-għamla ta' ħajja, mdawla bit-tagħlim ta' Kristu, qajla jistħoqqlu l-isem ta' nisrani.

Nhar il-Ħadd li ġej, l-ewwel Ħadd tal-Avvent, nibdew is-sena liturġika, li skond il-programm ta' thejjija għall-Ġublew il-Kbir hija s-sena ddedikata lill-Ispirtu s-Santu. Nitolbuh bla heda lil dan l-Ispirtu Qaddis sabiex ifakkarna f'dak kollu li għallem Kristu u jqawwi r-rieda tagħna ħalli dejjem u kullimkien inġibu ruħna bħala ċittadini awtentiċi tas-Saltna ta' Kristu.

27. DISKORS TAL-LAQGĦA TA' L-AWGURI
(03 - 01 - 1998)

Kif soltu nagħmlu f'din l-okkażjoni tal-għoti tal-awguri, nixtieq li flimkien nagħtu ħarsa lura lejn is-sena li għaddiet u oħra 'l quddiem lejn is-sena 1998 li qiegħda fil-bidu tagħha. Il-ħsieb tiegħi hu, li b'mod kemm jista' jkun realistiku, nanalizzaw il-ġrajjiet u l-inizzjattivi l-iktar importanti fil-ħajja pastorali tad-djoċesi tagħna.

(1) Is-sena li ntemmet, 1997, fid-djoċesi tagħna, kienet iddedikata għal-Liturġija, peress li fiha ħabat il-ħamsin anniversarju tal-enċiklika Mediator Dei tal-Papa Piju XII. Ir-Rally tad-Diriġenti tal-Għaqdiet u tal-membri tal-Kunsill Parrokkjali li sar fil-5 ta' Ottubru 1997 kien propju fuq dan is-suġġett, "Niltaqgħu ma' Kristu fil-Liturġija". Minn dan ir-Rally ħarġu xi riżoluzzjonijiet li għandhom jiġu mwettqa fil-futur. Matul is-sena saru xi attivitajiet li jistgħu jkunu ta' għajnuna għal min irid jidħol fl-ispirtu tal-Liturġija. Fost dawn insemmu l-messalini ferjali għal żmien l-Avvent, il-Milied, ir-Randan u l-Għid. Tqassmu wkoll b'xejn, mal-Bullettin tal-Ħadd, xi fuljetti dwar temi liturġiċi u dawn hemm il-ħsieb li jitkomplew.

(2) Matul is-sena 1997, twaqqfet is-Sotto-kummissjoni għan-nisa, kif kien ġie ssuġġerit fil-Kungress Pastorali Djoċesan (13-15 ta' Diċembru 1996), u żammet l-ewwel laqgħat tagħha. Il-għan ta' din is-sotto-kummissjoni huwa sabiex ikunu magħrufa

aħjar il-problemi reliġjużi, morali, psikoloġiċi u soċjali tax-xebbiet u tan-nisa għawdxin u ssir riċerka dwar soluzzjonijiet li jista' jkun hemm. (Ara Atti tal-Kurja, 178/16). Sadanittant ġiet imsaħħa wkoll is-Sotto-kummissjoni għall-irġiel li organizzat diversi attivitajiet reliġjużi għalihom, bħal ma huma l-pellegrinaġġi għal Ta' Pinu fl-okkażjoni tal-festi ta' San Ġużepp u ta' San Mikiel. Iż-żewġ sotto-kumitati jiddependu mill-kummissjoni għall-Apostolat tal-Lajċi (K.D.A.L.).

(3) Waqt li qegħdin nitkellmu dwar is-sena 1997, mhux ta' min iħalli barra, il-Missjoni Djoċesana, li tinżamm simultanjament, fil-parroċċi u f'xi knejjes oħra għal ġimgħatejn. Ħaġa li ssir darba kull għaxar snin. Huwa fatt pożittiv li anke fil-ġranet ta' fost ix-xogħol, in-nies ġew bi ħġarhom għall-priedki u dan huwa sinjal li huma japprezzaw u għandhom għatx għall-kelma t'Alla. Ta' min japprezza ħafna wkoll il-fatt l-ieħor li għadd sabiħ ta' saċerdoti taw il-kontribuzzjoni tagħhom għal din il-Missjoni billi aċċettaw li jagħtu xi priedki u kienu disponibbli għall-qrar. Din il-Missjoni Djoċesana tista' titqies bħala parti mit-thejjija għall-Ġublew tas-sena elfejn.

(4) Peress li konna mehdijin fit-thejjija u t-twettiq tal-Missjoni Djoċesana, il-kumitat tat-thejjija tal-Ġublew iltaqa' biss darbtejn matul l-1997: iżda huwa mistenni li dan il-Kumitat jiltaqa' iktar spiss fl-1998 u jhejji programm ta' attivitajiet għal kull fażi tas-sena liturġika. Kif tafu s-sena li bdejna hija ddedikat lill-Ispirtu s-Santu u l-virtù tat-tama. Huma mistennija xi attivitajiet li jsaħħu l-fidi tal-insara fl-Ispirtu s-Santu u fil-ħidma tiegħu, kif

ukoll li jrawmuhom fil-virtù tat-tama nisranija. Fuq kollox, dawn l-inizjattivi huma f'posthom ħafna fin-novena u fis-solennità tal-Pentekoste.

(5) Ħidma apostolika sabiħa li twettqet minn għadd ta' rġiel fl-okkażjoni tal-Missjoni Djoċesana, hija dik li fi gruppi ta' tlieta jew erba' u flimkien ma' saċerdot, żaru l-każini u l-ħwienet tax-xorb, iltaqgħu ma' rġiel u ġuvintur li sabu hemm u kellmuhom fuq xi suġġett li għandu x'jaqsam mar-Reliġjon. Kważi kullimkien kellhom laqgħa tajba u jidher li sar xi ftit tal-ġid permezz ta' dan il-kuntatt personali. Hemm il-ħsieb li din l-esperjenza, terġa' tiġi ripetuta, possibilment fi żmien ir-Randan.

(6) Kif deher wisq ċar, anke matul il-Missjoni Djoċesana li saret xahrejn ilu, l-kategorija tal-professjonisti jew gradwati, bħala tali, ma hix qiegħda tiltaħaq biżżejjed pastoralment, minkejja l-fatt li ħafna individwi tal-kategorija msemmija, jmorru l-knisja u jwettqu d-dmirijiet reliġjużi l-oħra tagħhom. Forsi l-uniku grupp li fih diġa qegħda ssir xi għamla ta' apostolat organizzat huwa dak tal-Għalliema. Jeħtieġ li permezz ta' laqgħat jew għall-inqas xi fuljetti stampati ssir xi ħaġa għall-kategoriji l-oħra wkoll, minħajr ma wieħed joqgħod jistenna il-massa kollha.

(7) Wara l-eżortazzjoni Apostolika Vita Consecrata tal-25 ta' Marzu 1996 hemm xi sinjali li qiegħed jikber il-għadd ta' persuni li qegħdin iħossu bħala vokazzjoni tagħhom dik li jikkonsagraw lilhom infushom lil Alla u jintrabtu bil-voti, għad li mhux neċessarjament f'xi Ordni Reliġjuż. Matul is-sena li bdejna ta' min jieħu

ħsieb u jaṛa x'potenzjal hemm għall-Istituti Sekolari u għall-għamliet oħra ta' ħajja konsagrata. Matul is-sena li għaddiet saret laqgħa għal dawn il-persuni lajċi li għażlu għalihom din it-triq. Nittamaw li din il-laqgħa tibqa' ssir għall-inqas darba fis-sena.

(8) Qiegħed isir ukoll l-esperiment tal-Pre-Seminarju. Dan huwa intiż għal dawk iż-żgħażagħ li għandhom x-xewqa li jsiru saċerdoti, iżda għad m'għandhomx l-età u r-rikwiżiti l-oħra meħtieġa biex jidħlu fis-Seminarju u jibdew il-kors tal-Filosofija u tat-Teoloġija. Ġie nominat saċerdot biex ikun Direttur ta' din il-ħidma pastorali. L-istudenti li qegħdin jieħdu sehem f'din l-esperjenza u li huma madwar tnax ikollhom laqgħat u rtiri fil-maghluq kemm matul is-sena skolastika kif ukoll fil-vaganzi. Huwa ttamat li dan il-Pre-Seminarju jkun mixtla ta' vokazzjonijiet saċerdotali.

(9) Tama oħra għall-vokazzjonijiet futuri huma l-gruppi tal-abbatini li jeżistu fil-parroċċi tagħna. Iżda ftit jista' wieħed jistenna minnhom jekk ma jkollhomx formazzjoni adegwata, moghtija mhux biss bil-ħerqa, iżda wkoll bil-prudenza u bis-sabar. Huwa mistenni li matul is-sena 1998 isir Kungress tal-Abbatini; bil-għan li jkun magħruf iżjed il-mod kif dawn jaghtu servizz liturġiku aħjar u jekk ikun hemm xi żerriegħa ta' vokazzjoni fosthom tiġi żviluppata.

(10) Riċentament ġie magħżul ukoll saċerdot sabiex jieħu ħsieb iktar mill-qrib is-saċerdoti żgħażagħ u jgħinhom biex isegwu l-formazzjoni kontinwata tagħhom. Matul is-sena li għaddiet saru xi laqgħat ta' nofs ta' nhari għalihom u kien hemm attendenza tajba.

Huwa ttamat li dawn l-esperjenzi u oħrajn simili jiġu mtennija anke fis-sena li bdejna.

(11) Sa minn xi ftit snin 'l hawn f'għadd żgħir ta' knejjes bdiet issir l-esperjenza tal-Komunitajiet Ewkaristiċi li jiltaqgħu darba jew tnejn fil-ġimgħa u barra miċ-ċelebrazzjoni ewkaristiċi li jiltaqgħu darba jew tnejn fil-ġimgħa u barra miċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristija jkollhom ukoll qari mill-Iskrittura Mqaddsa u talb ieħor. Il-għadd tal-membri ta' dawn il-komunitajiet jidher li qiegħed jiżdied. Hemm il-ħsieb li dawn il-komunitajiet jiġu segwiti iktar mill-qrib u jintużaw bħala mudell tal-formazzjoni nisranija tal-lajċi u tal-ħidma tagħhom fl-evanġelizazzjoni l-ġdida.

(12) Ma nistgħux ma nagħtux importanza kbira lill-apostolat fost iż-żgħażagħ u lill-Youth Ministry. L-adoloxxenti u ż-żgħażagħ li jiffrekwentaw iċ-Ċentri Parrokkjali u li bi kwalunkwe mod ieħor għadhom qrib tagħna, ma baqgħux lura u ħadu sehem fl-attivitajiet li l-Kummissjoni Djoċesana taż-Żgħażagħ torganizza għalihom. Okkażjonijiet sbieħ fejn deher l-entużjażmu żagħżugħ, kienu fost l-oħrajn il-laqgħa ta' talb għaż-żgħażagħ li saret fiż-Żebbuġ u s-sehem tagħhom fil-kant u fl-animazzjoni tal-manifestazzjoni ta' Kristu Re li nżammet fl-Isports Complex. Matul is-sena li għaddiet, infetaħ ukoll l-Uffiċċju taż-Żgħażagħ, li qiegħed is-sular t'isfel tal-Konservatorju ta' l-Isqof, fejn id-Delegat tal-Pastorali għaż-żgħażagħ, ikun preżenti fil-ħinijiet tal-orarju.

Għad li nhossuna nimtlew bil-faraġ u l-kuraġġ, meta fi ġiritna, naraw għadd sabiħ ta' żgħażagħ subien

u bniet, li jixtiequ sinċerament jgħixu l-ħajja nisranija, ma nistgħux ma ninkwetawx u ma nitħassbux meta ninnutaw li fost żgħażagħ oħra, id-droga, il-pornografija u għamliet oħra ta' permessività, qegħdin jagħmlu ħsara morali irreperabbli. Nistħajjel li kull saċerdot iħossu fid-dmir li jikkollabora mal-ġenituri u ma' l-edukaturi l-oħra, sabiex pjagi soċjali bħal dawn jiġu kkontrollati.

(13) Mhux possibbli li nsemmu l-problemi soċjali kollha u naffrontawhom f'daqqa waħda. Huma attwali ħafna però d-divorzju u t-tifrik tal-familji. Aħna dejjem għallimna u nkomplu ngħallmu li ż-żwieġ huwa ħaġa serja, li jitlob preparazzjoni kif imiss u li żwieġ validu ebda setgħa tal-bnedmin ma tista' tħollu. Aħna nippredkaw dan kollu, għaliex ahna perswaži li dan huwa t-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu. Barra minn hekk, dan huwa l-uniku tagħlim li jista' jwassal biex il-familji jkunu moralment b'saħħithom, jkollhom il-paċi u jagħtu lill-ulied l-imħabba, l-attenzjoni u l-edukazzjoni li jixirqilhom.

(14) Għad li sa issa donnha għadha mhix problema li qegħda tissemma ħafna, iżda hemm min ilu li nnotaha, jixraq li ngħidu kelma oħra dwar l-analfabetiżmu jew l-għadd ta' nies illiterati li għandna fis-soċjetà tagħna. Veru li l-analfabetiżmu jista' jkun ta' ħafna għamliet, iżda dak li għandi f'moħħi bħalissa, huwa l-fatt li ħafna tfal subien u bniet johorġu mill-iskola, kemm kemm jafu jiktbu isimhom u bla ebda ħerqa u kapaċità għall-qari u attivitajiet oħra kulturali...

(15) Is-sena 1998 fid-djoċesi tagħna ser tkun iddedikata għad-Djakonija jew servizz tal-karità, kif

is-sena li għaddiet kienet iddedikata għal-Liturġija. Il-Kummissjoni tal-Karitas Djoċesana qegħda thejji programm imżewwaq ta' ħidmiet li jistgħu jitwettqu favur dawk li jeħtieġu l-għajnuna ta' ħaddieħor. Dan il-programm jinkludi wkoll dawk l-inizjattivi li ġa jeżistu u mexjin 'il quddiem bħal ma huma Lourdes Home, Dar Ġużeppa Debono u ċ-Ċentru għal persuni b'diżabilità u oħrajn. Il-programm dettaljat ta' djakonija li għandu jiġi approvat matul is-sena huwa ispirat fuq kollox mill-kliem tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-messaġġ tar-Randan li ġej "Sa minn dejjem il-Knisja tikkumbatti kontra l-għamliet kollha ta' faqar, għaliex hija Omm u tħabrek sabiex kull bniedem ikun jista' jgħix, fil-milja tagħha, d-dinjita' tiegħu ta' wild Alla" (Messaġġ għar-Randan 1998).

28. IL-KUNDIZZJONI FINANZJARJA TAL-FAMILJA
(13 - 01 - 1998)

Fi żminijietna l-familja trid tlaħħaq u taffronta diversi problemi. Ħafna drabi l-inkwiet jibda meta ma jkunx hemm finanzi biżżejjed biex wieħed ilaħħaq ma' l-ispejjes tal-ħajja. Familja għaqlija toqgħod attenta ħafna dwar id-dħul u l-ħruġ finanzjarju. Għandu jkun hemm proporzjon bejn l-infiq u l-qligħ li jkollha l-familja. Ċerti familji huma mgħobbija bis-self ta' flus. Mhux biss ma jafux kif ser jeħilsu minn dan is-self, imma bilkemm ilaħħqu biex iħallsu l-interessi fuqu.

Din hija kategorija ġdida ta' faqar. Inħoss li għandna ngħidu kelma ta' twissija speċjalment lill-familji żgħażagħ biex ikunu għaqlin meta jiġu biex jisselfu. Twissija aktar gravi lil dawk li jisilfu l-flus, sew jekk huma aġenziji pubbliċi kif ukoll jekk huma privati. L-interessi għolja ħafna huma forma ta' serq u għalhekk ikkundannat mill-Liġi t'Alla. Huma usura li ssoff bil-mod il-mod lil min ikun vittma tagħha. Għalhekk aħna li nsostnu s-self ta' flus b'interessi għolja huwa theddida serja għall-ħajja tal-familja u tas-soċjetà.

Huwa veru li bħala nsara għandu jkollna fiduċja kbira fil-Providenza t'Alla; imma ma nistgħux immorru fil-periklu b'għajnejna miftuħa - ma nistgħux nieħdu passi li nafu li ser ikunu ta' ħsara għalina u mbaghad nistennew lil Alla jgħinna. Hemm bżonn li nkunu prevedenti: naraw minn qabel il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tagħna.

Fatt ieħor li jaffettwa l-kundizzjoni finanzjarja tal-familja huwa d-divorzju. Huma ħafna l-argumenti u l-provi kontra d-divorzju u dak li ġara f'pajjiżi oħra għandu jiftħilna għajnejna. Fil-fehma tiegħi, l-aqwa argument kontra d-divorzju huwa li Alla ma jridux u li l-Knisja tikkundannah. Imma hemm ukoll argumenti soċjali u ekomonomiċi. Huwa ppruvat bil-fatti u l-istatiċi li d-divorzju għandu l-vittmi tiegħu u bħala regola ġenerali dawn il-vittmi huma t-tfal u l-parti innoċenti li ż-żwieġ tagħha jiġi mfarrak darba għal dejjem bid-divorzju. Imma xi drabi jkun hemm ukoll oħrajn li jbatu minhabba d-divorzju. Jekk għal ċerti rġiel mhux faċli li jmantnu familja waħda, kif jistgħu dawk iddivorzjati u miżżewġa mill-ġdid jipprovdu manteniment lill-familja l-ġdida tagħhom kif ukoll lill-ewwel mara tagħhom u lill-ulied li jitnisslu mill-ewwel żwieġ? Mhux kulħadd għandu din il-kumditá finanzjarja. Din il-ħaġa forsi jistgħu jaffordjawha l-atturi fil-films, imma ċ-ċittadin komuni, il-ħaddiem, irid joqgħod attent ukoll minn dan il-piż finanzjarju enormi li d-divorzju u t-tieni jekk mhux ukoll it-tielet żwieġ, jista' jġib fuqu.

Ħaġa li nitgħallmuha minn pajjiżi oħra hija li f'ħafna każi, l-irġiel ma jonorawx l-obbligu impost mill-Qorti li jagħtu manteniment lill-ewwel mara tagħhom. Xi darba dan jiġri għax dawn ikollhom qalb iebsa u għandhom rieda ħażina; imma xi drabi dan iseħħ għax finanzjarjament dawn l-irġiel ma jistgħux iwettqu dan id-dmir. Għalhekk f'ċerti pajjiżi bħal fl-Italja, hemm mijiet u eluf ta' kawżi fil-Qrati kontra dawn l-irġiel li ma jwettqux l-obbligu ta' manteniment lejn il-familja li kellhom qabel.

Għalkemm dan l-aspett finanzjarju tal-familja mhux l-ewwel valur tal-ħajja familjari, imma ma nistgħux nitraskurawh. Naħdmu u nitolbu lil Alla jgħinna biex iżomm l bogħod minna l-pjaga tad-divorzju u pjagi oħra bħalma huma l-legalizazzjoni ta' l-abort u l-ewtanasja biex il-familja tagħna tkun tassew familja nisranija u tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha bħala ċenaklu ta' mħabba u ta' formazzjoni ta' l-ulied kif irid Alla.

29. IL-ĠURNALISTI U L-KNISJA
(26 - 01 - 1998)

Ladarba l-ġurnalist jinteressa ruħu f'dak kollu li jista' jkun hemm ta' ġid kif ukoll ta' deni għas-soċjetà tal-bnedmin, huwa għandu jinteressa ruħu wkoll minn dak li jiġri fil-ħajja tal-komunità nisranija.

Jekk dan il-prinċipju japplika għal kull ġurnalist, japplika b'mod partikulari għal pajjiżna li huwa pajjiż kattoliku. Imma wieħed jinnota li għandna ċerti ġurnalisti li huma lesti li jirraportaw ġrajjiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja ekklessjali, imma mbagħad jonqsu minn dmirijiethom.

X'inhuma d-dmirijiet tal-ġurnalisti, nsara u mhumiex, meta jkunu jirraportaw dwar il-Knisja?

L-ewwelnett hemm bżonn li l-ġurnalist ikun oġġettiv fil-fatti li jirraporta. Tkun inġustizzja jekk ċerti ġrajjiet jingħataw importanza kbira, imbagħad ġrajjiet tal-Knisja jingħataw il-ġenb. Imbagħad tkun inġustizzja akbar, jekk ir-rapportaġġ ma jkunx jaqbel mar-realtà.

Iżda mhux biżżejjed li jkun hemm rispett lejn il-fatti; meħtieġ li jintwera rispett ukoll lejn il-persuni li jissemmew. Kull persuna għandha d-dritt għad-dinjità u l-fama tajba tagħha. Xi drabi ċerti ġurnalisti jagħmlu ħsara kbira lill-fama ta' ċerti persuni, anke ta' ekklesjastiċi, għax ma jużawx ċerta prudenza u mħabba nisranija meta jirraportaw dwarhom.

Imbagħad huwa meħtieġ ukoll li l-ġurnalist li jagħti aħbar dwar il-Knisja, ikun familjari mal-lingwaġġ tal-Knisja. Id-duttrina tal-Knisja għandha tiġi rraportata kif inhi mingħajr ebda ċensura jew kummenti li jistgħu idgħajfu l-qawwa tal-messaġġ.

Nitolbu lil San Franġisk de Sales biex jieqaf mal-ġurnalisti li għandhom xogħol delikat, diffiċli u importanti speċjalment fi żminijietna. Anke dawn il-ħaddiema għandhom bżonn ta' min jifhimhom u jgħinhom iwettqu b'responsabilità l-missjoni tagħhom.

30. JUM L-ISQOF FID-DJOĊESI T'GĦAWDEX
(03 - 03 - 1998)

Sa minn meta konna żgħar, tgħallimna li l-Knisja hija ġerarkika, jiġifieri hemm ir-rgħajja li quddiem Alla għandhom ir-responsabilità li jgħallmu u jmexxu lill-oħrajn. Iżda l-Konċilju Vatikan II jkompli jgħallimna li l-Knisja hija wkoll Knisja ministerjali. Fil-Knisja hemm ħafna ministeri jew għamliet ta' qadi. Il-ministeru ta' l-isqof huwa meħtieġ, imma waħdu ftit li xejn jista' jwettaq apostolat. Għalhekk, flimkien mal-ministeru ta' l-Isqof, huma meħtieġa l-ministeri l-oħra, jiġifieri dak tal-presbiterat u tad-djakonat.

Sa minn żmien l-ewwel Santi Padri, bħalma huwa Sant'Injazju ta' Antjokja, kienet issir enfażi fuq il-ħtieġa li l-insara jirrispettaw lill-isqfijiet u joqogħdu għat-tmexxija tagħhom; imma jien illum aktar milli nitkellem dwar l-ubbidjenza, nixtieq nitkellem dwar il-kooperazzjoni tal-ħafna flimkien. Barra mill-ministeri ordnati, jiġifieri dak ta' l-isqof, tal-presbiteru u tad-djaknu, hemm ukoll ministeri li huma rikonoxxuti uffiċċjalment mill-Knisja, hemm oħrajn li jistgħu jinbtu u jiġu rikonoxxuti aktar 'il quddiem.

Nixtieq li f'okkażjoni bħal din, jien nagħti daqqa t'għajn lejn il-potenzjal kbir li jeżisti fil-komunità kattolika ta' din il-gżira tagħna - hemm potenzjal kbira għal ministeri mhux biss fil-kwantità imma wkoll fil-kwalità tagħhom. Minbarra il-ministri straordinarji

tat-tqarbin, il-katekisti, dawk li jduru bil-morda, dawk li huma involuti fil-proċess ta' l-edukazzjoni, hemm ministeri oħrajn li kollha, ftit jew wisq huma siewja u jistgħu jagħtu sehemhom biex il-Knisja tidher aħjar bħala Ġisem Mistiku ta' Kristu, bħala ħaġa organizzata. Hemm bżonn li l-lajċi jintebħu li din hija s-siegħa tagħhom. Alla u l-Knisja qed jistennew ħafna mil-lajċi, speċjalment fil-kamp temporali fejn il-lajċi huma mistennija li jagħmlu preżenti l-Knisja fil-familja, fl-iskejjel, fl-isptarijiet, fl-uffiċċji eċċ. Kull fejn hemm Kattoliku, suppost li hemm hija preżenti l-Knisja. Kull fejn hemm Kattoliku huwa mistenni li jkun hemm appostlu ta' Kristu li jaħdem għas-saltna tiegħu. Jien għandi fiduċja kbira f'dawn il-ministeri kollha u nħoss il-ħtieġa tagħhom għall-Knisja lokali u għalija nnifsi biex inkun nista' nwettaq sewwa l-ministeru tiegħi. Għalhekk, nixtieq ninkuraġġikom biex dak il-potenzjal li hemm fikom ma tħalluhx rieqed, imma twieġbu bil-ġenerożità għas-sejħat li nagħmlulkom aħna f'isem il-Knisja ta' Kristu.

Però meħtieġa li jitwettqu ċerti kundizzjonijiet. Jien ser insemmi tnejn mir-rekwisiti meħtieġa biex dawk li għandhom xi ministeru jwettquh sewwa u jagħmlu l-frott. L-ewwelnett huwa importanti li kulħadd iżomm ir-rwol tiegħu. Ma nistgħux naħdmu b'mod li wieħed jidħol fir-rwol ta' l-ieħor. F'Awissu tas-sena li għaddiet, is-Santa Sede wissietna biex dak li huwa xogħol propju tas-saċerdoti, jwettquh is-saċerdoti u l-lajċi għandhom kampijiet kbar ta' apostolat fejn jistgħu jimirħu mingħajr ma jindaħlu f'dak li mhux kompetenza tagħhom. Hemm bżonn li kull wieħed jirrispetta r-rwol ta' ħaddieħor għax jekk jonqos dan ir-rispett ma jistax ikun hemm kooperazzjoni u ħidma id f'id.

Hija meħtieġa wkoll il-formazzjoni kontinwata. Ħadd ma għandu jaħseb li diġà jaf kollox jew li kapaċi jagħmel kollox. Imma bl-umiltà u b'sens ta' realiżmu hemm bżonn nammettu li hemm ħafna ħwejjeġ x'nitgħallmu u ħajjitna kollha mhix biżżejjed biex nitgħallmu kollox.

Jekk aħna nosservaw dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, hemm il-possibilità li l-Knisja tidher iktar fis-sbuħija tagħha u tagħti dak il-frott li jistenna minnha Kristu.

Il-programm ta' Kristu għad-dixxipli tiegħu huwa programm ta' għemejjel ta' ħniena li jridu jitwettqu mhux biss matul iż-żmien tar-Randan, imma matul is-sena kollha għax il-foqra huma magħna dejjem. Madwarna niltaqgħu ma' għamliet ta' faqar qodma u ġodda. Din il-ħidma trid titwettaq mhux biss fuq livell individwali imma anke bħala komunità. Jekk il-komunità tagħna ma tasalx biex twettaq dan il-programm ta' ġid għall-proxxmu, id-djoċesi tkun għadha 'l bogħod ħafna minn dak li jitlob minnha Kristu. Tajjeb li nitolbu lil Alla mhux biss biex jagħtina d-dawl ħalli naraw x'għandna ngħidu u nagħmlu, imma wkoll biex iwessa' qalbna biex ikollna qalb li tagħder u tifħem, qalb Ii lesta tissagrifika ruħha għall-ġid ta' l-oħrajn.

Jien nixtieq intenni slogan li għidtu drabi oħra u li fil-fehma tiegħi jista' jitwettaq. Fil-gżira tagħna, aħna nafu lil xulxin, kważi niġu minn xulxin, mhux suppost ikollna foqra, speċjalment il-persuni li jgħixu fl-isolament jew li huma batuti għax ma għandhomx il-meħtieġ għall-ħajja tagħhom ta' kuljum. Hemm bżonn nagħmlu

din il-kruċjata qaddisa biex bil-ħeġġa u bl-organizzazzjoni kollha possibli nwettqu bis-serjetà dan il-programm li qed iresqilna Kristu. Jekk aħna nħennu għall-oħrajn, Alla wkoll jħenn għalina.

31. IL-35 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(26 - 04 - 1998)

Fil-Vanġelu ta' San Ġwann (21, 1-14) naqraw li Kristu ltaqa' ma' seba' sajjieda li kienu wkoll Appostli tiegħu fuq il-baħar ta' Tiberija. Pietru u sħabu huma simblu tal-Knisja u dak li ġralhom qabel ma twettaq il-miraklu ta' dik is-sajda kbira jibqa' jiġri matul is-sekli fil-ħajja tal-Knisja.

Meta l-Appostli ħarġu jistadu bil-lejl ma qabdu xejn, ix-xogħol tagħhom kien inutli u kważi kważi huma ma ħassew xejn il-preżenza ta' Kristu. Iżda meta mas-sebħ, Ġesù kellimhom u bagħathom jerġgħu jistadu, il-qabda tal-ħut kienet abbundanti. Jekk aħna nagħtu daqqa t'għajn lejn l-istorja tal-Knisja, storja ta' elfejn sena, aħna nsibu mumenti ta' dlam u mumenti ta' dawl; mumenti li qishom lejl twil, u mumenti li huma bħall-ġurnata, imdawla; mumenti li fihom il-ħidma tal-Knisja tidher dgħajfa u mumenti oħrajn meta l-Knisja tagħti frott abbundanti il-għaliex il-ministri tagħha jirnexxilhom iwettqu appostolat siewi u jieħdu lejn Kristu ħafna bnedmin.

Meta nkunu għaddejjin minn mumenti ta' dawl, minn mumenti sbieħ, m'għandniex inċedu għat-tentazzjoni tat-trijonfaliżmu, m'għandniex naħsbu li dak li twettaq il-Knisja huwa frott tal-kapaċità u tal-ħila tagħna. Dak li twettaq il-Knisja huwa frott tal-għajnuna kontinwa tal-Ispirtu s-Santu. Mill-banda l-

oħra, fil-mumenti tad-dlam, ta' persekuzzjoni, aħna m'għandniex naqtgħu qalbna għaliex huwa Kristu nnifsu li jippermetti li l-Knisja tiegħu jkollha din l-esperjenza, biex il-Knisja jkollha sehem ukoll mit-tbatijiet ta' Ġesù, biex il-Knisja tidħol ġo dan il-misteru tal-Għid Tiegħu.

Għalhekk importanti ħafna, li fil-mumenti ta' ferħ ma nħallux illi nintrebħu b'xi ottimiżmu esaġerat, ottimiżmu jew ewforija barra minn postha. U fil-mumenti ta' prova noqogħdu attenti biex ma nintrebħux mill-pessimiżmu u mill-qtigħ ta' qalb. Però, hi x'inhija s-sitwazzjoni li tkun għaddejja minnha l-Knisja, sewwa jekk tkun qegħda tgawdi d-dawl tal-glorja u kif ukoll qegħda tbati u ġġarrab id-dalma ta' l-umiljazzjoni, il-Knisja dejjem tistqarr li "Ġesù Huwa l-Mulej". Il-Knisja għandha din il-professjoni tal-Fidi, din l-istqarrija tal-Fidi tagħha u jeħtieġ li tkun leali lejn din l-istqarrija. Dan it-twemmin il-Knisja qatt ma tista' twarrbu, tnaqqsu jew inkella ċċedih.

Illum li qegħdin nippreparaw ruħna għall-konklużjoni tal-Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Ġesù f'din id-Djoċesi, jeħtieġ li nagħmlu riżoluzzjoni qawwija illi Kristu għandu jkun il-pedament sod tar-reliġjon għażiża tagħna, li Kristu għandu jkun dak li aħna nistqarru kontinwament bi kliemna u bl-għemil tagħna. Sewwa jekk nintgħoġbu, u sewwa jekk insibu lil min jikkritikana, jeħtieġ li l-Fidi reliġjuża tagħna tibqa' bla mittiefsa. Jgħaddu kemm jgħaddu sekli, ikun hemm kemm ikun hemm bidliet, aħna rridu nibqgħu nsara, irridu nibqgħu ma' Kristu, inħobbu 'l Kristu u nistqarru Lilu u l-Fidi Tiegħu.

U kif jgħallimna l-Appostlu Missierna, biex aħna nkunu kapaċi nagħmlu din l-istqarrija tal-Fidi neħtieġu li nkunu mwieżna mill-Ispirtu s-Santu Alla, l-Ispirtu s-Santu li Kristu wieghed lil dawk li jemmnu fih u li jhobbuh. Għalhekk, mela, waqt li qed nagħmlu dan il-Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla aħna nippproponu li nagħmlu ħilitna biex inżommu bogħod minna d-dagħa u dak kollu li joffendi l-Isem tal-Mulej. Imma mhux biss, jeħtieġ li aħna nieħdu anke azzjoni pożittiva biex fil-ħajja tagħna privata, fil-ħajja tal-familji, fil-ħajja tagħna komunitarja, Kristu jkun tabilħaqq il-Kyrios, il-Mulej, Kristu jkun tabilħaqq dak illi fih inqegħdu t-tama tagħna kollha.

32. **KRISTU HUWA L-MULEJ**
(26 - 04 - 1998)

Għall-insara ta' żmien San Pawl, il-kelmiet "Kristu Huwa l-Mulej" kienu stqarrija tal-Fidi, qisu l-Kredu miġbur f'żewġ kelmiet u biex jagħmlu din l-istqarrija kien jeħteġilhom doża qawwija ta' kuraġġ il-għaliex kienu mdawrin mill-pagani; huwa għalhekk li San Pawl jgħidilna illi jekk ma jkollniex l-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu l-anqas kapaċi ngħidu "Kristu Huwa l-Mulej".

Issa fi żminijietna aħna wkoll għandna d-dmir li nistqarru lil Kristu mhux biss billi nirreċitaw il-Kredu, jew billi nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, imma bi kliemna u b'għemilna; anke l-istil tal-ħajja tagħna għandu jixhed li aħna nemmnu fi Kristu u naċċettaw it-tagħlim Tiegħu. Anke fi żmienna hija meħtieġa doża ta' kuraġġ biex wieħed jgħix ta' nisrani kif iridna Kristu. Issa fi żmienna, ħafna drabi, l-arma ta' dawk li huma kontra Kristu u l-Knisja Tiegħu mhux ix-xabla jew il-martirju biċ-ċarċir tad-demm imma hija l-arma taż-żeblieħ, l-arma taż-żufjett. Anke Kristu għadda minn din l-esperjenza għax Erodi ma kkundannahx għall-mewt imma libbsu libsa bajda biex jgħaddih ta' miġnun.

U l-arma tagħna x'inhi? L-arma tagħna huma l-fatti mhux il-kliem biss, għax il-kliem huwa bħall-weraq imma l-fatti huma bħall-frott. Irridu noqogħdu attenti għaliex ma nistgħux niġbdu kollox għad-dritt. Per

eżempju qegħdin insemmu d-dgħajja. Kristu ma jridniex nidgħu iżda jridna nħennu għad-dgħajja, inħobbuhom u ngħinuhom biex anke huma jsiru nsara tajbin. Hemm bżonn nitgħallmu nagħmlu f'kollox id-distinzjoni importanti bejn id-dnub u l-midneb. Id-dnub huwa ħaġa ħażina. Alla jobgħod id-dnub u aħna għandna nikkundannawh u nistmerruh. Imma l-midneb hu persuna u għandna nitolbu għalih biex jagħraf l-iżbalji tiegħu u jindem.

L-istess ngħidu għad-divorzju u d-divorzjati. Id-divorzju huwa ħaġa ħażina u għadna ma fhimniex biżżejjed kemm huwa ħaġa ħażina. Għalhekk ma nistgħux ngħidu li min ikollu bżonn jista' jirrikorri għalih. Ħaġa ħażina minnha nfisha qatt m'għandek permess tagħmilha. Imma d-divorzjati huma bnedmin u għandna nirrispettawhom, nagħdruhom u ngħinuhom b'kull mezz. Personalment inħoss li f'pajjiżna, ċerti persuni li ż-żwieġ tagħhom ma rnexxiex jew anke tfal minn żwieġ illi tfarrak m'humiex protetti biżżejjed. Il-liġi ċivili tista' tkun wisq aħjar biex tipproteġi mara innoċenti li forsi kellha titlaq mid-dar kontra qalbha; biex tipproteġi t-tfal innoċenti li tilfu l-protezzjoni tal-ġenituri tagħhom. Imma d-divorzju huwa ħaġa ħażina. Inħennu kemm inħennu għal dawk li nfirdu, li ż-żwieġ tagħhom tfarrak, aħna ma nistgħu qatt nipproponulhom id-divorzju. Nistgħu nġibu l-eżempju tal-mard. Wieħed forsi jkun marid u marid serju imma t-tabib ma jistax jagħmilli injezzjoni u jneħħilu ħajtu għax it-tobba għandhom anke l-ġurament ta' Hippocrates illi jgħid li għandhom jiddefendu l-ħajja fi kwalunkwe ċirkostanza tagħha.

Issa d-divorzju mhux ħaġ'oħra ħlief att ta' disperazzjoni. Id-divorzju huwa punt li ma tistax terġa'

minnu lura. Is-separazzjoni, jekk iċ-ċirkustanzi jinbidlu, wieħed jista' jirritorna għall-istess ħajja miżżewġa. Imma d-divorzju mhux hekk. Id-divorzju jfisser illi inti tajt il-mewt lill-ħajja taż-żwieġ, qtiltha darba għal dejjem. Id-divorzju jfisser illi inti ma baqagħlekx fiduċja fiż-żwieġ li kien hemm u ma nafx meta wieħed qata' qalbu miż-żwieġ u mbagħad jidħol għat-tieni żwieġ tiegħu jew it-tielet wieħed. X'garanzija għandu li din it-tieni jew it-tielet esperjenza tkun aħjar minn ta' qabel?

U hemm ħaġa li qegħdin ninsewha meta nitkellmu fuq iż-żwieġ, fuq id-divorzju u fuq il-familja. Ħaġa li għallimhielna Kristu wkoll: il-maħfra. Il-maħfra hija parti tal-imħabba. Forsi f'pajjiżna, iktar minn pajjiżi oħra, għandna bżonnha l-maħfra. Għad li aħna ma naslux biex noqtlu lil xulxin imma ċerta mibegħda tibqa' għal ħafna u ħafna snin. Kieku fis-sagrament taż-żwieġ, kif qal anke darba l-Papa, il-miżżewġin ikunu anke lesti li jaħfru lil xulxin u jaħfru lil xulxin bis-serjetà, kieku forsi l-kriżijiet fil-ħajja taż-żwieġ ikunu inqas.

Għalhekk jekk aħna rridu ngħidu bis-serjetà "Kristu huwa l-Mulej" allura naċċettaw it-tagħlim u l-liġi tiegħu. Hemm bżonn ninsistu biex il-familja tkun tabilħaqq nisranija, familja bbażata fuq is-sagrament taż-żwieġ, familja bejn raġel wieħed u mara waħda, familja illi tibqa' magħquda sal-mewt.

Nappellaw liż-żgħażagħ tagħna biex ikollhom ukoll dan l-ideal ta' familja. Iż-żgħażagħ għandhom ħafna tfixkil. Huma qegħdin jiġu ngannati. Ħawn min jipprova jikkonvinċihom li l-unika realtà tal-ħajja hija d-disco, il-bqija tad-dinja ma teżistix u l-ħajja ma tfisser xejn. Mentri d-disco huwa biss parti żgħira ħafna ta'

l-eżistenza umana. Hafna miż-żgħażagħ mill-esperjenza tagħhom imbagħad, jafu illi hemm ukoll l-iskola, l-eżamijiet, ix-xogħol, hemm it-tbatija, hemm nies li qegħdin isofru. Iż-żgħażagħ tagħna għandhom iżommu għajnejhom miftuħa għal dawn ir-realtajiet. Hafna miż-żgħażagħ tagħna din il-ħaġa jafuha, mhux iż-żgħażagħ kollha huma mtajrin u sfrattati. Hemm ħafna żgħażagħ illi qegħdin jifhmu illi min tabilħaqq iridilhom il-ġid mhux dak li jipprova jeħdilhom il-pocket money jew xi ħaġ'oħra, imma dak li jmexxihom biex jevitaw l-inkwiet matul ħajjithom, biex ikollhom ħajja tabilħaqq togħġob lil Alla u li hija ta' ġid għas-soċjetà.

Nehtieġu doża ta' kuraġġ. Irridu noqogħdu attenti biex ma naqgħux f'kumpless ta' inferjorità. Jekk aħna mitlubin nittolleraw lil ħaddieħor daqshekk ieħor l-oħrajn, la darba aħna qegħdin f'pajjiż demokratiku, għandhom jittolleraw lilna, jittolleraw lill-Knisja, jittolleraw l-istil tal-ħajja nisranija, jittolleraw il-familja nisranija li trid tgħix skond it-tagħlim ta' Kristu. U meta qiegħed nuża l-kelma "jittolleraw" qiegħed nitlob il-minimum. Għax jekk aħna nippretendu li aħna pajjiż nisrani u kattoliku, l-istil tal-ħajja nisranija f'pajjiżna m'għandux ikun xi ħaġa ttollerata imma għandu jkun xi ħaġa li bi dritt kollu ngħixuha, niddefenduha u nxandruha.

F'dan il-Kungress, aħna għandu jkollna din ir-riżoluzzjoni li nistqarru lil Kristu bi kliemna u b'għemilna. It-tagħlim ta' Kristu għandu jkun dak li jiggwidana. M'għandniex naqtgħu qalbna għax niftakru li m'aħniex weħidna, Kristu wegħidna l-Ispirtu Tiegħu u bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu nistgħu nagħmlu anke l-meravilji.

33. IL-MISSJONI TAS-SAĊERDOT
(27 - 06 - 1998)

F'dan il-jum ta' l-ordinazzjoni tagħkom, speċjalment lilkom presbiteri, l-Knisja qed tafdalkom missjoni delikata, liema missjoni ma tiddependix biss mill-kapaċità li jista' jkollkom, imma wkoll mill-koperazzjoni li ssibu u mill-għajnuna tal-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu Alla. Din il-missjoni presbiterali tridu twettquha tul ħajjitkom bil-kuraġġ, bl-umiltà, bi spirtu sopranaturali, fil-ferħ u n-niket. Imma niftakru wkoll li fit-tmiem ta' ħajjitna, aħna s-saċerdoti rridu nagħtu kont ta' kif inkunu wettaqna din il-missjoni li Alla qed jafdalna.

Il-missjoni tas-saċerdot, b'mod partikulari f'din l-epoka meta qegħdin naqilbu minn millenju għall-ieħor, hija missjoni diffiċli li tirrikkjedi mhux biss attenzjoni u talb imma anke ċerta doża ta' kuraġġ. Huma ħafna d-diffikultajiet li jħabbat wiċċhom magħhom is-saċerdot ta' llum - uhud minn dawn id-diffikultajiet qabel ma kenux jeżistu jew għallinqas ma kenux jinħassu kif jinħassu llum.

Jien illum ser insemmi diffikultà waħda li fil-fehma tiegħi hija waħda kbira: in-nuqqas ta' ekkleżjoloġija ċara u soda li hija aċċettata minn kulħadd u li toħloq dak l-ambjent li fih is-saċerdot jista' jahdem mingħajr ma tiġih kriżi ta' identità u mingħajr ma joqgħod jistaqsi lilu nnifsu ta' liema knisja huwa ministeru. Is-saċerdot huwa ministru tal-Knisja Kattolika. Din hija

l-Knisja li għandha l-Papa bħala Kap u Raġħaj tagħha. Hija l-Knisja tal-Konċilju Vatikan II. Ninnutaw li meta ngħidu li hija Knisja tal-Konċilju, dan ma jfissirx li aħna nistgħu nieħdu dak li rridu mit-tagħlim tal-Konċilju u ħwejjeġ oħra nitraskurawhom. Niftakru li t-tagħlim tal-Konċilju huwa tagħlim ekwilibrat. B'mod partikulari dak li l-Konċilju jgħallem dwar il-Knisja huwa tagħlim miżun kważi kważi kelma b'kelma u għalhekk inkunu qed nagħmlu ħerba jekk naqbdu parti mill-Konċilju u l-bqija ninjorawh.

Ekkleżjoloġija Konċiljari tfisser distinzjoni ċara bejn dawk li huma presbiteri u dawk li m'humiex; timplika distinzjoni ċara bejn dawk li huma ministri ordnati u dawk li ma humiex; tinkludi distinzjoni eżatta bejn dawk li għandhom is-setgħa li jidderieġu lill-oħrajn u dawk li għandhom id-dmir li joqogħdu għat-tmexxija tar-rgħajja spiritwali tagħhom.

Mhiniex nassumi li din hija l-unika diffikultà li ser jiltaqa' magħha s-saċerdot illum. Imma żgur li jekk ma jkunx hemm ekkleżjoloġija ċara u soda, tinholoq konfużjoni mhux biss fost is-saċerdoti u imma wkoll fost l-insara. Għalhekk is-saċerdot kattoliku jrid jagħmel ħiltu biex ikollu ċar quddiem għajnejh din l-ekklesjoloġija li fil-kuntest tagħha jrid iwettaq il-ministeru tiegħu.

Matul din is-sena qegħdin nitolbu bi ħrara speċjali lill-Ispirtu s-Santu. Anke llum nagħmlu talba speċjali lit-Tielet Persuna tas-Santissima Trinità, mhux biss biex l-Ispirtu s-Santu jkun preżenti fl-amministrazzjoni ta' dan is-sagrament ta' l-ordni sagri imma wkoll biex ikompli jgħin lil dan id-djaknu u dawn is-saċerdoti biex iwettqu l-missjoni tagħhom bl-ikbar responsabilità.

34. AMBJENT MORALMENT NADIF
(28 - 07 - 1998)

Aħna fi żminijietna niftaħru li aħna moderni, niftaħru bil-progress u naħseb li l-modernità ta' żmienna ġabitilna ħafna vantaġġi u ħafna ġid illi qabel ma kellniex. L-avanz tax-xjenza u tat-teknoloġija tawna daqqa t'id kbira biex nikkumbattu t-tliet għedewwa li għandu l-bniedem li huma l-mard, il-faqar u l-injoranza. Għalhekk il-Knisja dejjem approvat dak li huwa progress awtentiku, progress ġenwin. Il-Knisja taċċetta din il-modernità, dak it-tajjeb illi joffru ż-żminijiet moderni. Bħala eżempju nistgħu nsemmu l-użu tal-microphone fil-funzjonijiet reliġjużi u t-tħaddim ta' mezzi oħra li jiswew fil-qasam ta' l-evanġelizzazzjoni.

Tajjeb li tkun ċara sa mill-bidu li m'għandna ebda preġudizzju, m'għandna ebda kundanna għall-progress u għall-modernità meta dawn iġibu tabilħaqq il-veru ġid tal-bniedem. Iżda rridu noqogħdu attenti li bl-iskuża li nkunu moderni, bil-mod il-mod inkunu qegħdin insiru pagani. Pajjiżna, pajjiż nisrani; pajjiż li rċieva d-dawl tal-fidi mingħand San Pawl; pajjiżna illi jgħożż il-Madonna Omm Kristu, bħala Omm tiegħu forsi bil-mod il-mod miexi lejn il-paganiżmu.

X'ifisser paganiżmu? Ifisser li twarrab 'il Alla veru biex timxi wara allat foloz jew l-idoli. Ifisser twarrab lil Kristu u t-tagħlim tiegħu biex timxi fuq tagħlim iehor. Nista' nġibilkom ħafna eżempji ta' sintomi ta' paganiżmu

li bil-mod il-mod, fil-berah jew bil-mohbi, dieħel ġewwa pajjiżna. Eżempju li jaf bih kulħadd, id-divorzju: Id-divorzju mhux progress imma huwa ritorn għal drawwiet antiki ta' żmien Kristu jew qabel. Id-divorzju huwa paganiżmu għaliex koppja li tirrikorri għad-divorzju ma tkunx qegħda tapplika s-soluzzjoni ta' Kristu għall-inkwiet li jkollha; ma tkunx qegħda tapplika soluzzjoni evanġelika imma soluzzjoni pagana. L-istess soluzzjoni illi kienu jagħtu f'Ruma Imperjali u pagana. U mhux id-divorzju biss, imma wkoll il-każijiet tal-adulterji, biċċa jafu bihom u biċċa mohbija. Għandna ċerti nies li biex idaħħlu l-flus lesti li jbigħu ruħhom, hemm xi whud li għandhom flats u jikruhom lil min ġie ġie, minghajr ma jimpurtahom f'dak li jsir hemm ġewwa.

Sintomi oħra ta' paganiżmu huma ċerti parties illi jsiru anke f'ristoranti fejn donnu l-mistħija nisranija tintilef għal kollox, fejn id-diskors li jingħad u l-ġesti li jsiru huma tabilħaqq diżunur u għajb, għal min irid jissejjaħ nisrani. Sintomu ieħor ta' paganiżmu huwa t-tbaħrid illi jsiru f'ċerti diskoteki. F'xi whud minn dawn il-lokali, qegħdin jippermettu hafna abbużi, bħal ma huma d-dħul ta' tfal taħt l-età; ix-xorb alkoholiku. Xi drabi wkoll jagħlqu għajnejhom taparsi ma ttendewx meta jkun hemm imxija tad-drogi ta' kull għamla. Dan kollu paganiżmu. Dawn huma kollha għemejjel illi la jogħġbu lis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu u lanqas lill-Madonna.

Forsi wieħed igħid imma x'nistgħu nagħmlu aħna? Importanti ħafna illi ma nkunux insensibbli. Ma nagħmlux bħal ċerti annimali li jdaħħlu rashom fir-ramel, ma jimpurtahom xejn xi jkun qieghed jiġri madwarhom. Kulħadd għandu d-dritt illi jsemma' l-leħen tiegħu.

Kulħadd jista' b'xi mod jew ieħor jgħin din il-kampanja li qegħdin nagħmlu għal ambjent moralment nadif. Kulħadd irid ikun persważ illi l-ambjent Għawdxi diżgrazzjatament m'għadux ambjent moralment nadif kif kien darba iżda sar ambjent moralment imniġġes. Allura hemm bżonn li ma noqogħdux lura, hemm bżonn illi nsemmgħu leħinna u fejn ma jistax jasal leħen ta' wieħed jew tnejn jew ftit jeħtieġ illi ningħaqdu, ikun ikbar il-għadd ta' dawk illi b'wiċċhom minn quddiem jgħidu, "aħna nixtiequ li pajjiżna jibqa' nisrani kif kien sa llum." Nixtiequ ħafna persuni illi ma joqogħdux jaraw kemm ser jitilfu jew kemm ser jaqilgħu, jew x'ser jgħidu n-nies l-oħra imma mingħajr rispetti umani dak li hu ħażin jgħidu li hu ħażin, u dak li huwa tajjeb jgħidulu tajjeb. Neħtieġu iktar nies illi kapaċi jgħidu kelma kontra l-imxija tal-ħażen u kapaċi jgħidu wkoll kelma ta' kuraġġ lil dawk li qegħdin jitħabtu biex it-tajjeb li għandna jibqa' tagħna u nibqgħu ingawduh.

Uliedna jkunu tilfu ħafna u ħafna jekk aħna nċaħħduhom mill-wirt reliġjuż u spiritwali li sa llum konna ngawdu f'pajjiżna. Ma norqdux; sajf u xitwa din il-kampanja għal ambjent moralment nadif għandha tibqa' sejra. Fl-aħħar mill-aħħar anke l-liġi ċivili f'ħafna affarijiet hija favur din il-kampanja għax ċerti abbużi jsiru bi ksur tal-liġi ċivili u anke l-pulizija hija fid-dmir li tieħu l-passi kontrihom. Nagħmlu d-dmir tagħna qabel ma jkun tard wisq, għaliex imbagħad wara inutli li noqogħdu ngħidu xi ġralna, inutli noqogħdu nwaħħlu f'dak u fl-ieħor. Din hija responsabbiltà ta' kulħadd. Mhux kulħadd l-istess, min iktar u min inqas, imma hija responsabbiltà tiegħi, hija responsabbiltà tal-kleru, hija responsabbiltà tagħkom illi nagħmlu kull ma nistgħu biex

l-ambjent tagħna nżommuh moralment nadif. Mhix biċċa xogħol ħafifa u għalhekk aħna ma nittamawx fil-ħila tagħna biss imma anke fil-qawwa li ġejja mis-sema. Illum nitolbu, f'din il-quddiesa mhux biss għal dawk illi qegħdin jagħmlu ħsara morali lil din il-gżira tagħna, mhux biss għal dawk li qegħdin ikunu ta' skandlu imma nitolbu wkoll għal dawk li jagħmlu ħilithom biex kemm jista' jkun il-liġi ta' Alla tkun osservata u d-drawwiet tajbin jibqgħu magħna dejjem f'art twelidna. Dawn ukoll jeħtieġu t-talb tagħna.

Nitolbu għall-membri tal-għaqdiet għax għandhom biċċa xogħol delikata u nobbli xi jwettqu f'dan il-kamp. Nitolbu għas-saċerdoti, nitolbu għar-reliġjużi, inqiegħdu din il-gżira ċkejkna tagħna taħt il-ħarsien tal-Imqaddsa Verġni Marija ħalli bl-interċessjoni u bl-għajnuna tagħha jirnexxilna ngawdu l-paċi tal-kuxjenza.

35. IL-MISSJONI TA' L-IRĠIEL FIL-FAMILJA
(29 - 09 - 1998)

Erġajna ltqajna l-lejla fis-Santwarju Ta' Pinu biex kif għamilna fis-snin ta' qabel nitolbu flimkien lill-Madonna u nagħmlu riflessjoni dwar il-ħajja spiritwali ta' l-insara ta' pajjiżna u b'mod partikulari tal-kategorija ta' l-irġiel. Kif għidt fiċ-Ċirkulari, hemm bżonn nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna fuq il-familja għaliex mill-ħajja tal-familja tiddependi l-Eżortazzjoni Apostolika Familiaris Consortio illi l-irġiel għandhom funzjoni importanti ħafna xi jwettqu fi ħdan il-familja. L-istess dokument, il-Papa Ġwanni Pawlu II, jgħidilna li għandhom jiġu evitati żewġ estremi: Hemm ċerti rġiel li ma jinteressawx ruħhom biżżejjed mill-ħajja tal-familja, iħallu kollox għaddej jew jiddelegaw ruħhom biżżejjed mill-ħajja tal-familja, iħallu kollox għaddej jew jiddelegaw lil marthom. Imma l-ħajja tal-familja titlob mhux biss il-preżenza tal-mara iżda wkoll tar-raġel.

Imbagħad il-Familiaris Consortio tkompli tgħidilna li hemm irġiel oħra li bil-maqlub jindaħlu żżejjed u t-tmexxija tagħhom hija waħda oppressiva. Tajjeb li nistaqsu lilna nfusna. Kif qegħdin immexxu l-familja? Hemm tabilħaqq għożża u rispett bejn l-istess membri tal-familja tagħna? L-irġiel qegħdin jinteressaw ruħhom sinċerament f'dak li qiegħed jiġri fil-familja b'mod partikolari fl-edukazzjoni ta' wliedhom? Huma jridu jagħtu każ mhux biss meta wliedhom għadhom żgħar u jmorru l-iskola imma anke meta dawn jikbru,

isiru indipendenti u jkollhom il-familja tagħhom. Il-parir ta' raġel anzjan jista' jkun ta' għajnuna kbira anke għal familji ġodda. Mill-banda l-oħra rridu nistaqsu lilna nfusna jekk aħniex immexxu l-familja b'ċerta ħruxija? Jekk nippretendux li dejjem tgħaddi tagħna? Jekk aħniex umli u għaqlin biżżejjed biex nitolbu l-pariri ta' l-oħrajn u biex ikollna djalogu fil-familja tagħna?

Jeħtieġ li lill-Madonna nitolbuha tindokra u tiddefendi l-familji tagħna. Iżda anke aħna għandna dmir x'naqdu, biex niddefendu l-familja tagħna. Noqogħdu attenti għaliex fi żminijietna l-familji tagħna huma esposti għal ħafna perikli. Fil-Ġenna ta' l-art, Adam u Eva kif ħalaqhom Alla kienu kuntenti imma daħal ix-xitan taħt forma ta' serpent, stieden lil Eva biex tidneb billi tikser il-liġi t'Alla u dik ċediet għat-tentazzjoni. Flimkien ma' żewġha, it-tnejn kisru l-liġi t'Alla u għalhekk kemm huma u sew aħna wliedhom sibna ruħna fil-miżerja spiritwali. Ix-xitan fid-djar tagħna mhux ser jidħol taħt forma ta' serp jew taħt xi forma oħra imma jista' jidħol permezz tal-mass-media: Ir-rivisti li nixtru u li jkollna fid-dar, il-ġurnali u r-radio, it-televiżjoni, il-"computer", l-internet u elf ħaġa oħra. Huwa dmir ta' min hu responsabbli li jgħasses. Huwa dmir tagħkom l-irġiel li toqogħdu attenti biex f'darkom ma jidħlux affarijiet li jistgħu jagħmlu ħsara lill-Fidi nisranija u l-ħajja morali tagħkom u ta' wliedkom. Anke l-kbar jistgħu jsibu affarijiet li jiskandalizzawhom f'dawn il-mass-media. Hemm bżonn għażla bir-reqqa. Jien m'inhiex ngħid li l-mass-media; radio, televiżjoni, eċċ. huma kollha ħżiena. Hemm minnhom tajbin u jistgħu jagħmlu l-ġid. Imma disgrazzjatament hemm xi affarijiet illi jistgħu jkunu ta' ħsara kbira; imbagħad wara nitkellmu ta' xejn għax il-ħsara tkun laħqet saret.

Tajjeb li ma nkunux bħal dawk in-nies "moħħhom magħluq" illi jaħsbu li biex ikun hemm skandlu, irid ikun hemm bilfors affarijiet ta' sess jew abbużi sesswali. Veru illi diżgrazzjatament id-dnubiet kontra s-sitta u d-disa' kmandament huma komuni ħafna u jħajru wkoll liż-żgħażagħ u lit-tfal jaqgħu fihom. Għalhekk forsi ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li l-kamp l-iktar kbir ta' l-iskandli huwa dak meta jkun hemm abbużi sesswali jew dnubiet kif semmejna kontra s-sitta u d-disa' kmandament. Iżda ma neqfux hemm, għaliex jekk ikun hemm xi ħaġa taħt għamla jew oħra, fuq dawn il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali illi lil dak li jkun tqanqlu biex jobgħod jew tqanqlu biex jeħodha kontra dak u kontra l-ieħor. Jista' jkun skandlu wkoll meta dawn il-mass-media jissuġerixxu s-serq, jew kif wieħed jistagħna f'qasir żmien imma inġustament billi juża mezzi li jmorru kontra l-liġi t'Alla.

Għalhekk għeżież missirijiet, nindokraw sewwa l-familja tagħna, użaw dawk il-mezzi li l-Knisja tissuġerilna, fosthom it-talb, fuq kollox it-talba tar-Rużarju. Tkunux minn dawk li jgħalqu għajnejhom u widnejhom u jippermettu li fil-familja tagħhom jidħol kollox, anke dak li huwa ħmieġ. Ma nkunux minn dawk li mhumiex kapaċi jagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin, iżda nkunu għaqlin biex it-tajjeb nifthulu l-bieb u l-affarijiet ħżiena nżommuhom 'il bogħod minna.

Aħna llum qegħdin nagħmlu l-festa ta' tliet arkanġli kbar. L-ewwel nett lill-Arkanġlu San Mikiel, magħruf għat-taqbida tiegħu kontra x-xitan u l-anġli ħżiena, nitolbuh jgħin lill-familja tagħna biex tohroġ rebbieħa fuq it-tentazzjonijiet kollha li tiltaqa' magħhom.

Lil San Gabrijel - "Qawwa t'Alla" - dak li Alla inqeda bih biex iwassal il-messaġġ tal-Inkarnazzjoni, nitolbuh biex anke aħna jkollna l-messaġġ tar-Rivelazzjoni, kif kellha l-Verġni Marija biex nagħrfu u ngħożżu l-verità li Alla għarrafna. Nitolbu fl-aħħarnett lill-Arkanġlu San Rafel li jfisser duwa jew mediċina t'Alla, biex ifejjaqna fil-mard tagħna, mhux biss dak fiżiku imma anke mill-mard tar-ruħ; nitolbuh ifejjaq il-familji tagħna minn dawk li jistgħu jkunu tendenzi ħżiena jew żbaljati illi jagħmlu ħafna ħsara.

36. IR-RELIĠJUŻI, BNEDMIN FOST IL-BNEDMIN
(23 - 10 - 1998)

Skond it-tradizzjoni nisranija, mibnija fuq il-mentalità biblika, hemm għaqda sostanzjali bejn l-element spiritwali u dak materjali fil-bniedem. Għad li r-ruħ mhix l-istess ħaġa bħall-ġisem u għalhekk huma magħżulin, iżda ma humiex mifrudin minn xulxin, anzi huma maħluqin għal xulxin. San Tumas d'Aquino jinsisti fuq il-prinċipju fundamentali tal-antropoloġija tiegħu (Ara S. Theol. pI qq 75-102).

Persuna u Personalità

Mela, skond, dan it-tagħlim, il-persuna hija unita' tal-ispirtu inkarnat, (ruħ imlibbsa bil-ġisem jew ġisem li għandu l-ħajja bir-ruħ) fejn iż-żewġ komponenti tal-bniedem huma magħżulin (distinti) iżda mhux mifrudin u għalhekk jikkondizzjonaw lil xulxin. Skond id-definizzjoni klassika: "Rationalis naturae, individua substantia". Il-persuna hija "sustanza jew realtà individwa ta' natura jew ta' esseri raġjonevoli".

Sabiex tkun tista' tissejjaħ umana, anke l-espressjoni l-iktar għolja tar-ruħ tehtieġ il-medjazzjoni tal-ġisem.

F'din il-viżjoni, il-proċess ta' formazzjoni jehtieġ li jagħraf u jirrispetta il-ġerarkija tal-valuri li minnhom hija magħmula r-realtà tal-bniedem, ċioè għandha tiġi rispettata u kkoltivata l-persuna kollha kemm hi.

L-edukazzjoni tal-persuna umana tibda mill-intelliġenza li tagħraf is-sensibilità u tagħmilha umana, u ma tħallix barra l-ġisem li huwa l-għodda biex it-tajjeb jitwettaq b'mod konkret. Din l-edukazzjoni integrali biss tista' twassal għall-maturazzjoni personali awtentika.

Mill-kunċett tal-persuna ngħaddu għal dak tal-personalità: però hemm bżonn li wieħed jinnota qabel xejn id-distinzjoni li hemm bejn dawn iż-żewġ kunċetti. Il-persuna tal-individwu tibqa' dejjem l-istess u naslu biex nifhmuha permezz ta' riflessjoni filosofika. Il-personalità, għad li ċertu sens, tibqa' identika fl-istess individwu, iżda tiżviluppa permezz ta' tibdil kontinwu. Fir-realtà, il-bniedem jagħraf mill-esperjenza interna tiegħu li huwa s-suġġett uniku tal-emozzjonijiet, affetti, ħsibijiet, raġunamenti, xewqat, kliem u kull għemil ieħor tiegħu. Il-personalità tal-individwu hija l-unità u l-ġabra ta' dawn l-attijiet kollha. Ix-xjenza li tgħallimna dwar l-iżvilupp tal-personalità fil-kors tal-ħajja tagħna, nsejħulha "psikoloġija ġenetika".

Mhux faċli toħroġ definizzjoni tal-personalità. G.W. Allport, li ġabar madwar ħamsin definizzjoni ta' din ix-xorta, jipproponilna din: "Il-personalità hija l-organizzazzjoni dinamika, fi ħdan l-individwu, ta' dawk is-sistemi psikofiżiċi, li minnhom jitnisslu l-ħsieb u l-imġiba karatteristika ta' dak l-individwu determinat (G.W. Allport, Psicologia della Personalità, paġ.24).

Din l-organizzazzjoni dinamika tinkludi id-differenzazzjoni jew l-iżvilupp ta' personalità minn dik relativament sempliċi ta' tarbija għal dik iktar komplikata ta' raġel magħmul; tinkludi wkoll

l-integrazzjoni; dan ifisser li dan kollu li hemm fil-personalità, mhux mitfuħ bl-addoċċ, iżda huwa organizzat f'sintesi unitarja u mibni b'ċerta ġerarkija.

Allura nistgħu ngħidu li l-personalità għandha tlett karatterisitiċi essenzjali: (a) l-unità, minħabba l-fatt li kull individwu jaġixxi bħala esseri jew kreatura waħda u totali; mhux sempliċiment bħala ħafna elementi skonessi; (b) l-identità, għaliex kull wieħed minna jħoss li huwa għadu dejjem l-istess wieħed, għad li jkollu "roles" differenti matul il-ħajja; (ċ) il-kontinwità, għax kif jirriżulta mill-esperjenza, għad li jgħaddi ż-żmien u jkun hemm żvilupp, iżda l-unità u l-identità ta' kull individwu ma jintilfux (Giovanni Battista Bosco, Psicologia a servizio della catechesi, paġ.11).

Il-personalità hija kondizzjonata minn:
(a) fatturi bio-fiżjoloġiċi, bħal ma huma l-element ereditarju, temperament jew kostituzzjoni fiżika (wieħed b'saħħtu jew marradi), is-sistema nervuż u l-funzjonament endokrin.
(b) fatturi psikoloġiċi, sewwa tal-attività konxja bħal ma huma l-istudju, it-tagħlim, kif ukoll tal-inkonxju, bħal ma huma impressjonijiet tat-tfulija, materjal tal-ħolm eċċ.
(ċ) fatturi soċjo-ambjentali, fosthom il-familja, il-grupp, kif ukoll l-ambjent kulturali. Dawn il-kundizzjonijiet, però ma joħonqux il-libertà tal-individwu, għad li xi drabi jistgħu jfixkluha.

Il-personalità umana nistgħu nqisuha bħala mibnija fuq tliet pilastri; il-ħtiġijiet, l-atteġġjamenti u l-valuri. Aħna nagħmlu riferenza għal dawn it-tlieta, meta nistaqsu: "Jien, min jien?" jiġifieri (a) X'hemm ġewwa

fija? (il-ħtiġijiet), (b) kif nuża dak li hemm fija? (atteġġjamenti) (ċ) Għal liema skop nużahom? Il-valuri jew l-idejali li rrid nilħaq (A. Manenti, Vocazione, Psicologia, e Grazia, paġ.24).

L-iskop tal-attività formattiva għandu jkun li jwassal biex l-individwu jkollu personalità awtentika u matura; jew fi kliem ieħor, li jilħaq il-maturità tiegħu. Fil-proċess tal-edukazzjoni tal-individwi nsara, l-fini li jrid jiġi milħuq huwa l-maturità nisranija. Fil-każ ta' reliġjuži, wieħed irid iħabrek biex ikollu l-maturita' meħtieġa f'persuna kkonsagrata.

Maturità

Għandna għalhekk tliet livelli ta' maturità: il-livell ta' maturità umana u l-livell ta' maturità nisranija, li jinkludi dak ta' qabel u mhux possibbli mingħajru. Mhux nisrani tajjeb min ma hux bniedem tajjeb. Għax kif igħallem San Tumas il-grazzja tissopponi n-natura. Imbagħad ukoll il-maturità tal-ħajja konsagrata, li mhix possibli mingħajr it-tnejn ta' qabel. Biex noqogħdu għas-suġġett, nillimitaw ruħna għall-ewwel għamla ta' maturità biss.

Il-personalità matura fuq livell uman, hija dik li kapaċi tuża l-enerġiji tagħha, speċjalment l-enerġiji affettivi, għal finijiet oblativi li tkun għażlet liberament u b'mod responsabbli u hekk toħloq ma' l-oħrajn rapporti interpersonali awtentiċi (Bosco, p.47), bħal ma hija ħbiberija vera u sinċiera.

Però jeħtieġ li nagħmlu hawnhekk distinzjoni importanti bejn maturità oġġettiva u maturità soġġettiva

(L.S. Filippi, Maturità umana e celibato, p.32, Sr. A. Colombo - Sr. G. Sticker, Verso la capacità di amore oblativo, p.14).

Il-maturità oġġettiva hija dik li tinsab fi bniedem li laħaq l-awtonomija tiegħu, igawdi l-unità u l-milja ko-ordinata u armonika tal-forzi tiegħu kollha, b'mod partikulari tal-enerġiji hekk li jista' jitulizzahom għall-finijiet oblativi li huwa b'mod responsabbli u biex jistabilixxi rapporti interpersonali awtentiċi. Jeħtieġ li wieħed joħroġ mill-qoxra ta' l-egoiżmu tiegħu u jħobb lill-oħrajn, f'sens li joffri xi ħaġa u mhux jistenna li jirċievi xi ħaġa - dono di sè-rari ħafna li jiġi milħuq dan l-istadju.

Hawnhekk naraw id-differenza bejn l-istat infantili u l-istat ta' persuna matura. Biex bniedem matur jasal ħalli joħloq relazzjonijiet interpersonali awtentiċi, jeħtieġ li jħares lejn dawk ta' madwaru bħala "persuna" u mhux bħala oġġett jew strument - dak li llum nsejħu "cosificazione".

Il-maturità suġġettiva tikkonsisti filli wieħed, waqt li huwa konxju li għad jonqsu ħafna xi jtejjeb fil-ħajja tiegħu u fl-istess ħin jagħraf il-passi pożittivi li diġà wettaq jkollu wkoll il-kapaċità u l-impenn li jikber kontinwament. Fejn tonqos din il-maturità soġġettiva, ikun hemm stanjazzjoni u waqfien fil-proċess ta' krexxita (process of growth).

L-affettività umana

Bla dubju ta' xejn, l-parti affettiva għandha importanza kbira fil-ħajja tal-individwu kważi daqs

kemm għandha l-attività tal-intelliġenza tiegħu. Difatti l-affettività u l-intelliġenza għandhom bejniethom rabta ta' interdependenza stretta, u kull waħda minnhom hija aspett fundamentali tal-personalità. Dan ifisser li l-personalità tal-bniedem ma tikkonsistix biss kemm wieħed għandu intelliġenza, x'inhi l-"intelligence quotient" tiegħu, imma l-personalità tal-bniedem tikkonsisti wkoll kemm hu kapaċi jħobb, kemm huwa kapaċi jiddedika ruħu għall-oħrajn. Anzi, nistgħu ngħidu li l-affettività hija l-aspett dinaminu oriġinarju tal-personalità (Colombo, Ibid., 11). Fi kliem ieħor, il-bniedem jagħmel ħafna mill-għażliet tiegħu u jaġixxi għaliex ikun imbuttat minn din l-affettività.

Wieħed jista' jagħti lista ta' fenomeni affettivi fil-bniedem. Fost dawn hemm dawk li nsejħulhom "tendenzi vitali" bħal ma huma l-istinti li jeżistu wkoll fl-annimali l-oħra p.e. istint ta' konservazzjoni u l-inklinazzjonijiet li huma tendenzi tal-attività tal-organiżmu lejn l-iskop tiegħu, p.e. l-impulsi u x-xewqat. Hemm ukoll l-emozzjonijiet li nistgħu nikklasifikawhom f'emozzjonijiet fiżiċi u emozzjonijiet morali. L-emozzjonijiet fiżiċi huma msieħbin ma' xi tibdil organiku. Bħal dawn huma l-pjaċiri u t-tbatija fiżika, kif ukoll stati oħra bħal ġuħ, għatx, ħass ħażin, nagħas, vivaċità, eċċ.

L-emozzjonijiet morali jew sentimenti huma msieħbin jew preċeduti minn stat ta' kuxjenza, jiġifieri jitnisslu fil-bniedem wara li dan ikun għaraf jew sar jaf b'xi ħaġa li ġratlu. Hekk meta wieħed ikun offiż, jista' jġarrab sentiment ta' umiljazzjoni, ta' korla jew ta' mibegħda. Meta wieħed jikkuntempla biċċa xogħol

tal-arti, wieħed iħoss sentimenti estetiċi jew ta' sbuħija. Quddiem it-tbatija ta' ħaddieħor, wieħed iħoss sentimenti ta' ħniena jew ta' ħsara (Guarnieri L., Iniziazioni alla Psicologia, 192-193).

Żvilupp armoniku tal-personalità umana

Xi drabi nosservaw li f'ċerti individwi hemm dikotomia jew diviżjoni bejn il-fatt li wieħed huwa reliġjuż u l-fatt li huwa bniedem, bejn ir-realtà tal-ħajja konsagrata u r-realtà tal-ħajja umana. Iżda dan m'għandux ikun għaliex il-ħajja reliġjuża m'hix in-negazzjoni jew il-qerda tar-realtà umana, iżda bil-maqlub hija r-riaffermazzjoni - pożittiva ta' dak li hu uman fil-persuna kkonsagrata.

Meħtieġa għalhekk l-integrazzjoni ta' dawn iż-żewġ dimensjonijiet fil-ħajja reliġjuża, id-dimensjoni umana u d-dimensjoni tal-konsagrazzjoni lil Alla permezz tal-voti. It-twettiq tal-obbligi li ġejjin mill-konsagrazzjoni, m'għandhomx jintrefgħu bħala piż impost fuq l-individwu, iżda għandhom jiġu interjorizzati, jiġifieri aċċettati bis-serenità kollha bħala oblazjoni riżultat tal-imħabba lejn Alla, imsieħba ma' sens dejjem ikbar ta' responsabiltà, iżda xejn minn dan kollu ma jista' jseħħ fejn ma hemmx grad għoli ta' maturità.

Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Lumen Gentium jafferma "Ir-reliġjużi għandhom jifhmu ċar illi, għalkemm il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi ġġib magħha ċ-ċaħda ta' ġid li bla dubbju jisthoqqlu apprezzament kbir, b'danakollu hija ma tfixkilx l-iżvilupp tal-personalita` umana; anzi min-natura tagħha stess, hija tiswa ħafna għaliha" (n.46).

Iktar 'l isfel, fl-istess paragrafu jingħad ukoll li "ħadd ma għandu jaħseb illi r-reliġjużi bil-konsagrazzjoni tagħhom, isiru jew barranin għall-bnedmin jew bla siwi għall-belt ta' l-art. Għaliex ukoll meta huma ma jgħinux direttament lil dawk li jgħixu fi żmienhom, b'danakollu huma jħossu rwieħhom preżenti magħhom fil-qalb ta' Kristu u jikkoperaw magħhom spiritwalment sabiex il-belt ta' l-art tinbena dejjem fuq il-Mulej u timxi lejh" (n.46).

Friedrich Wulf fil-kummentarju għal dan il-kapitlu dwar ir-Reliġjużi (art 46) jikteb: "L-għamla ta' ħajja li tixbah il-ħajja ta' verġinità u faqar tal-Mulej...mhux biss tgħin biex il-personalità tikber b'mod ġenerali, iżda wkoll issaffi l-qalb, tkebbes l-imħabba u tispira servizz ġeneruż lill-aħwa" (Commentary on the Documents of Vatican II, ed. Herbert Vorgrimlel, paġ.279).

Żewġ tendenzi opposti

I. Il-mudell klassiku li ddomina għal diversi sekli kien dak tal-kontrol strett fuq is-setgħat tal-bniedem u tan-negazzjoni tal-uman. Il-pjan biex tinkiseb il-qdusija kien dak li jsaħħaħ id-dimensjonijiet pożittivi fil-bniedem bħal ma huma t-tjubija u l-imħabba, iżda dimensjonijiet oħra, pjuttost negattivi bħal ma huma d-difetti u ċerti aspirazzjonijiet, mhux biss jeħtieġ li jiġu kkontrollati iżda wkoll miċħudin u ikkanċellati.

Iżda kif tgħallem il-psikoloġija moderna, u li fuqha jinsistu ħafna l-psiko-analisti, dawk "ix-xbihat u sentimenti li jiġu rimossi", ċioè li l-individwu ma jaċċettax u jipprova jeqred, ma jirnexxilux jeliminahom għax jibqgħu dejjem jaħdmu bħala forza mohbija

fl-inkonxju tiegħu, iżda li ma toqgħodx għar-rieda tiegħu. Kif josserva Leonardo Boff fil-ktieb "Francesco d'Assisi", una alternativa umana e cristiano (paġ.192): "Fil-Kristjaneżmu ta' wara l-Konċilju Tridentin kien prevalenti dan l-istil ta' idejal nisrani u ta' qdusija... In-nisrani qaddis huwa wieħed li jikkontrolla perfettament l-istinti tiegħu, jimxi bla waqfien wara l-idejal tiegħu ta' perfezzjoni, jikkastiga u jifga l-passjonijiet li jopponu l-virtujiet. Huwa bniedem perfett, iżda riġidu, iebes u xi drabi bla qalb". Il-perfezzjoni hija akkwistata bi prezz għoli ċioè s-sagrifiċċju tal-umanita`.

Il-Konklużjoni li jasal għalija A. Cencini (Vocazioni, paġ.109). Ċertu kunċett ta' qdusija u ta' konsagrazzjoni lil Alla żgur li ma kienx ta' għajnuna biex wieħed jgħix l-umanità tiegħu nnifsu, anzi żied jikkomplika l-mixja li diġa minnha nfisha hi diffiċli ħafna.

II. Xi psikologi, fosthom C. Rogers jaħsbu li l-iskop aħħari tal-bniedem huwa dak li jiżviluppa lilu nnifsu u jikber psikoloġikament, u jesprimi liberament il-potenzjali tiegħu kollu. L-importanti huwa li wieħed jesprimi lilu nnifsu u jirrealizza dak li jħoss ġewwa fih, minghajr ma joqgħod jistaqsi, jekk dak hux validu jew le. Skond din l-opinjoni, il-valuri nsara jiswew biss meta jwasslu biex il-bniedem ikun realizzat u sodisfatt. Iżda atteġġjament bħal dan mhux biss huwa antievanġeliku, iżda huwa nieqes ukoll mis-sens ta' responsabilità u mhux xhieda ta' maturità umana (Manenti, Vocazione e grazia).

Mhux diffiċli li wieħed jinnota li fil-ħajja ta' konsagrazzjoni reliġjuża, għall-inqas f'ċerti pajjiżi fl-aħħar fażi tas-seklu tagħna kien hemm bidla fil-mentalità u "*shifting*" minn pożizzjoni oħra, minn negazjoni ta' dak li hemm uman fil-bniedem għall-valorizzjoni tal-karatteristiċi umani, mir-ripressjoni jew kontroll strett għall-awtorejalizzjoni u liberazzjoni tat-tendenzi naturali. Madanakollu ma naqsitx it-tfittxija għall-integrazzjoni tat-tendenzi naturali. Madanakollu ma naqsitx it-tfittxija għall-integrazzjoni bejn l-eżigenzi tal-vokazzjoni reliġjuża u l-umanità tal-persuna kkonsagrata, għad li din l-integrazzjoni titlob proċess twil u mhux dejjem faċli.

Passi ta' formazzjoni għall-maturità umana

Persuna kkonsagrata lil Alla, tagħmel sewwa li tiftaħar li hija wkoll bniedem u li l-ħajja tagħha għandha tkun fuq kollox, ħajja umana u umanizzata. Għandha tkun ubbidjenza lejn Alla l-Ħallieq. Hija ubbidjenza u gratitudni għad-don tal-fidi u tal-identità nisranija li dehret fil-Magħmudija. Il-persuna kkonsagrata ma tagħmilx ħażin jekk ta' kultant tagħmel eżami tal-kuxjenza biex tara fejn waslet il-formazzjoni tagħha għall-maturità umana, kif ukoll kif qiegħda tuża l-mezzi li jwasslu għal din il-maturazzjoni u l-valizzazzjoni tal-umanità proprja tagħha.

Mhux biss matul iż-żmien tal-formazzjoni inizjali, fin-novizjati u fl-istudentati, iżda matul il-ħajja kollha għandha tkompli miexja l-formazzjoni umana li hija l-pedament kemm tal-formazzjoni (maturazzjoni) nisranija, kif ukoll tal-formazzjoni reliġjuża.

Il-ħajja komunitarja għandha tgħin sabiex ir-reliġjużi jiżviluppaw fihom il-kwalitajiet umani, meħtieġa sabiex huma jgħixu serenament relazzjonijiet tajba ma' l-oħrajn. Hekk per eżempju meħtieġa d-dispożizzjoni li jifhmu, jaħfru u jfarrġu, kif ukoll li jaqdu wieħed lill-ieħor.

Fuq kollox fil-ħajja tagħhom għandhom jagħtu prova li huma kapaċi jerfgħu r-responsabilità u li huma ta' min jafdahom fit-twettiq ta' dmirijiethom. Formazzjoni umana tfisser ukoll li wieħed ikun kapaċi joħroġ mill-qoxra tal-egoiżmu tiegħu, jitgħallem jahseb f'ħaddieħor u juża dejjem manjieri tajba.

Sa minn novizjat tagħhom, ir-reliġjużi jridu jitgħallmu jagħmlu dixxerniment, u jagħrfu r-rieda t'Alla f'ħajjithom billi jkunu jafu jagħrfu s-sinjali taż-żminijiet. Attenzjoni tagħhom ta' kuljum għandha tkun dik li jsaħħu l-valuri umani. Il-kunvent għandu jkun komunità sħiħa li tgħin sabiex il-formazzjoni umana tibqa' sejra sa l-aħħar. Ir-reliġjużi jridu juru sens ta' responsabilità morali għal xulxin, anke billi jagħtu każ meta jkun hemm xi ħadd minnhom marid u joffrulu l-għajnuna tagħhom kollha.

Meħtieġa atmosfera ta' fraternità fid-djar tar-reliġjużi u din mhux inqas fuq livell uman. Dan l-ispirtu ta' ħbiberija u ta' fraternità għandu jkun estiż għal dawk kollha li jgħixu fl-istess dar u mhux limitat għall-grupp żgħir ta' ħbieb.

Fl-aħħarnett kemm is-superjuri kif ukoll il-membri tal-komunità reliġjużi għandhom jaraw li d-dar fejn

jgħixu ma tkunx nieqsa minn dawk il-kundizzjonijiet li jgħinu biex titħares is-saħħa fiżika. Hawnhekk jidħlu wkoll l-eżerċizju u l-isports.

Fil-każ tar-reliġjużi, l-formazzjoni umana, trid tħares dejjem bħala eżemplar lejn Kristu, l-Bniedem Perfett u tipprova tixrob minn din l-għajn, wisq iżjed minn għejjun oħra, il-vera maturità.

37. MA NAGĦMLU XEJN LI JOFFENDI D-DINJITA` TAL-FOQRA
(29 - 10 - 1998)

Fi żminijietna fil-Knisja Kattolika spiss tinstema' l-għajta "il-foqra l-ewwel". Il-fqir mhux biss min ma għandux x'jiekol jew x'jilbes, iżda wkoll min hu mċaħħad li jgawdi d-drittijiet u d-dinjità tiegħu. Hemm ħafna kwalitajiet ta' faqar u l-Papa Pawlu VI kien semma' wkoll il-foqra l-ġodda. Bħala eżempju issemmew il-morda, it-tfal imċahħdin mill-imħabba tal-ġenituri, u l-koppji li għadhom ma sabux dar fejn joqogħdu.

Xi drabi l-faqar ikun moħbi u għalhekk biex nintebħu b'ċerti każi li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna, aħna fid-dmir qabel xejn li nkunu nafu kif infittxuhom u niskopruhom.

Ma għandna nagħmlu xejn li joffendi d-dinjità tal-foqra. Dan jiġri meta jkun hemm lussu żejjed jew isir infiq bla bżonn. Dan jgħodd ukoll għall-infiq li jsir fil-knejjes u għalhekk dawn għandhom jiġu kkontrollati qabel jiġu ordnati xi opri.

Id-djakonija tal-Knisja ilha li nbdiet minn żmien l-appostli u nistgħu ngħidu li dan il-moviment tal-Knisja huwa miftuħ għall-insara kollha. Dan il-moviment jeħtieġ li jiġi msaħħaħ billi jikber in-numru ta' nsara li jinvolvu ruħhom fih. Dan jistgħu jagħmluh jew bħala benefatturi jew bħala voluntiera għax it-tnejn jagħtu

kontribut b'risq il-foqra. Jeħtieġ li l-Caritas Parrokkjali u l-Caritas Djoċesan jkunu kumplimentari u jaħdmu id f'id.

Irroddu ħajr lil Alla li f'Għawdex għandna ħafna inizjattivi li jaħdmu b'risq il-foqra. Imma jeħtieġ li jkun hemm koordinament bejniethom u jikber is-sapport ta' kulħadd.

Għandha tingħata attenzjoni partikulari għall-kura pastorali tal-morda fi djarhom u fl-isptarijiet, kif ukoll biex tiġi mħarsa s-saħħa billi jkun hemm prevenzjoni ikbar biex jiġu evitati riskji għas-saħħa fuq ix-xogħol u inċidenti tat-toroq. Bħalissa qed jitħejja pjan għal din il-pastorali sanitarja.

Il-panel ser ikun kompost minn erba' persuni: Dun Manwel Curmi tkellem dwar il-voluntieri nsara u l-formazzjoni tagħhom; Mr. Antoine Vassallo tkellem dwar l-anzjani u l-ħidmiet favur tagħhom; Mr. John Camilleri tkellem dwar l-għajnuna li tista' tingħata lill-familji li għandhom xi diffikultà partikulari, u Miss Maria Attard tkellmet dwar iż-żgħażagħ u l-attenzjoni għad-diffikultajiet tagħhom.

38. KRISTU SULTAN QADDEJ TAL-BNEDMIN
(22 - 11 - 1998)

Għall-ewwel tidher donnha ħaġa stramba li min hu Sultan, ikun ukoll fl-istess ħin qaddej; għalhekk forsi jkun hemm min jidħrilu li Kristu Sultan ma jistax jissejjaħ ukoll "qaddej tal-bnedmin". Min isaltan għandu jaħkem u jikkmanda u mhux jaqdi, ħakma u qadi ma jmorrux flimkien u ma jistgħux ikunu l-karatteristiċi ta' l-istess persuna.

Madanakollu, din id-diffikultà tgħib għal kollox jekk aħna nifħmu sewwa liema kwalità ta' saltna hija dik ta' Kristu. Huwa veru li fejn isaltnu l-bnedmin, is-saltna u l-qadi huma mifruda minn xulxin, u dan huwa konfermat minn Kristu stess li qal: "Intom tafu li l-kapijiet tal-pagani jaħkmu fuqhom u l-kbar juru s-setgħa tagħhom" (Mt. 20,25). Iżda fost id-dixxipli ta' Kristu, is-sistema hija differenti, skond ix-xewqa espliċita tal-Mulej: "Fostkom mhux hekk, imma min fostkom irid ikun kbir ikun qaddej tagħkom, u min fostkom irid ikun l-ewwel ikun irsir tagħkom" (Mt. 20, 26-27).

Ir-raġuni ta' din id-differenza hija li s-saltna ta' Kristu m'hix saltna tad-dinja, għad li hija saltna li tibda fid-dinja, imma tilħaq il-qofol tagħha fis-sema. Is-saltna ta' Kristu ma tistax tkun nieqsa mill-ġustizzja, iżda hija fuq kollox saltna mibnija fuq l-imħabba.

Il-qadi ta' Kristu

Kristu għamel lilu nnifsu qaddej, mhux biss ta'

Alla, iżda wkoll tal-bnedmin u ma jisthix jistqarr li l-missjoni tiegħu hija dik ta' qadi: "Bin il-Bniedem - stqarr Kristu b'riferenza għalih innifsu - ma ġiex biex ikun moqdi, iżda biex jaqdi" (Mt. 20.28). Huwa jidher fost id-dixxipli tiegħu bħala wieħed li jaqdi, "Jiena qiegħed fostkom nagħmilha ta' qaddej" (Lq. 22.27).

Ġesù huwa l-qaddej li jxandar il-ġustizzja lill-ġnus u li f'ismu qiegħda t-tama tagħhom għaliex "f'ħaddieħor ma hemmx helsien u ma hemm ebda isem ieħor taħt is-sema mogħti lill-bnedmin, li bih għandna nkunu salvati" (Atti 4,12). Huwa għadda minn fost il-poplu "jagħmel il-ġid u jfejjaq" (Atti 10,38). Il-missjoni ta' tagħlim li Kristu wettaq bil-għemil u bil-kelma tiegħu, fiha għamla ta' servizz li minħajru l-umanità ma tistax tgħaddi.

Imma l-ispirtu ta' qadi lil Kristu wasslu saħansitra biex iċarċar demmu u jagħti ħajtu għall-fidwa tal-midinbin: "Bin il-bniedem ġie... biex jaqdi u jagħti ħajtu bħala fidwa għal ħafna" (Mk. 10.45).

Il-qadi ta' Kristu Sultan tagħna, huwa ispirat dejjem u kullimkien mill-imħabba li għandu lejn il-Missier tiegħu tas-sema u lejna, ħutu l-bnedmin: "Hu li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, baqa' jħobbhom sa l-aħħar" (Ġw. 13.1).

Il-qadi tad-dixxipli ta' Kristu

Kristu ried li dawk li jemmnu fih u jimxu warajh, ikunu ispirati mill-karità u jwettqu l-missjoni ta' qadi kif wettaqha hu meta kien fid-dinja. Fl-evanġelju ta' San Ġwann naqraw li l-Imgħallem Divin, wara li ħasel

riġlejn l-appostli tiegħu qalilhom: "Jiena tajtkom eżempju biex kif għamilt jien, tagħmlu intom ukoll" (Ġw. 13.15). Is-servizz t'Alla u tal-proxxmu, magħmul bil-qalb u b'intenzjoni retta, jikkostitwixxi l-vera vokazzjoni tan-nisrani.

Is-servizz mogħti lill-proxxmu, nistgħu ngħidu li jinqasam f'żewġ għamliet. It-tnejn utli ħafna għall-individwi u għas-soċjetà u t-tnejn, jekk isiru kif imiss, jistgħu jkunu għemejjel qaddisa u meritevoli, jiġifieri li jisthoqqulhom il-premju ta' dejjem. Dawn huma l-qadi mogħti mingħajr ħlas jew voluntarjat u l-qadi mogħti bil-ħlas bħal ma huwa s-salarjat.

Huwa ovvju li meta min jaqdi ma jieħdu ebda rimunerazzjoni jew ħlas materjali, għemilu huwa għemil nobbli u sħiħ li jisthoqqlu l-ammirazzjoni ta' kulħadd. Wisq u wisq iktar meta x-xogħol tal-voluntarjat ikun imqanqal mill-imħabba lejn Kristu u lejn il-proxxmu li fih naraw ix-xbieha u l-persuna ta' Kristu, jiġifieri jkun volontarjat nisrani. Fil-waqt li napprezzaw il-ħidmiet li jwettqu bnedmin oħra anke dawk li ma għandhomx motivi reliġjużi, ninsistu li l-voluntarjat imwettaq minn ulied il-Knisja ma jkunx nieqes minn motivi tabilħaqq sopranaturali u tkun tidher fih il-karatteristika nisranija.

Irrid ninqeda b'din l-okkażjoni biex f'isem Kristu Sultan, Qaddej tal-bnedmin, nagħmel sejħa lill-kattoliċi tad-djoċesi tagħna, biex ma joqogħdux lura iżda jissieħbu f'xi grupp jew ieħor tal-voluntarjat nisrani li għandna f'pajjiżna. Lil dawk li huma diġa voluntarji, ngħidilhom biex ma jaqtgħu qatt qalbhom minkejja d-diffikultajiet, iżda bil-ġenerożità kollha ta' qalbhom ifittxu li jwettqu

dak li jrid Alla minnhom fiċ-ċirkostanzi li jkunu jinsabu fihom.

Anke s-servizz mogħti bi ħlas lill-oħrajn jogħġob lil Alla u jkollu l-barka tiegħu, jekk ikun imwettaq b'sens ta' responsabilità u bl-ikbar rispett u mħabba lejn l-oħrajn. Ta' min ifakkar ukoll li meta servizz huwa mħallas mill-Istat jew mill-individwu li jkun jeħtieġ dak is-servizz xieraq. Meta tinkiser il-ġustizzja f'każijiet bħal dawn, jidħol ukoll l-obbligu tar-restituzzjoni, jiġifieri wieħed ikun obbligat li jrodd lura dak li ħa mingħajr ma kellu jedd għalih.

Mhux barra minn loku li nfakkar fit-twissija li kont għamilt fil-pastorali tat-18 ta' Frar 1968 u li mbagħad tennejt ħafna drabi bil-fomm "Kif min iħaddem għandu jħallas paga ġusta u joffri lill-ħaddiem kundizzjonijiet tajba dwar ħinijiet tax-xogħol, ħtiġijiet iġieniċi, hekk ukoll min jaħdem għandu jagħti lis-sid xogħol siewi u ekwivalenti għall-paga li jirċievi. San Pawl Missierna kiteb: "Min ma jridx jaħdem, lanqas ma jiekol" (II Tess. 3.10) u dana jgħodd għal dawk li ma humiex onesti biżżejjed mas-sidien li jħaddmuhom.

Jiddispjaċina ninnotaw li waqt li l-Għawdxin bħala poplu huma magħrufin għall-bżulija tagħhom, però f'ċerti ambjenti, għall-inqas, il-ħeġġa tax-xogħol, ftit jisthoqqilhom tifħir".

Min hu onest fil-qadi ta' dmiru jogħġob lil Alla u jisthoqqlu min ifaħħru, iżda min jiskarta x-xogħol jew ma jaqdix kif għandu jaqdi, anke meta hu mħallas, dan qiegħed jagħmel ħażin, għax qiegħed jonqos kontra l-virtù tal-ġustizzja u jisthoqqlu ċanfira.

Aħna nistqarru li aħna sudditi ta' Kristu Sultan, u ltqajna ħawn biex nagħtu xhieda tar-rispett u l-qima tagħna lejh. Iżda din il-qima nuruha mhux biss meta nieħdu sehem fil-funzjonijiet reliġjużi, iżda wkoll fl-imġieba tagħna ta' kuljum, billi nwettqu kif imiss id-drittijiet li għandna lejn il-familja u lejn is-soċjetà. Jalla l-insara f'pajjiżna jkunu lkoll konvinti minn din il-verità u josservawha matul ħajjithom kollha.

39. LAQGĦA TA' L-AWGURI
(09 - 01 - 1999)

1. Is-sena li bdejna l-1999, hija l-aħħar waħda fil-Pjan Pastorali Kwinkwennali 1995-2000 bit-tema fil-Knisja u mal-Knisja lejn it-Tielet Millenju. Hija meħtieġa għalhekk evalwazzjoni biex naraw liema proposti għadhom ma twettqux u fejn hu possibbli nieħdu ħsieb inwettquhom; hekk per eżempju l-istudju dwar il-periferiji (p.15) l-*expert councillors* għas-saċerdoti (p.36), studju dwar il-ħin liberu (p.26).

2. Huwa importanti wkoll li matul is-sena, naħsbu biex infasslu u napprovaw Pjan (Kwinkennali) Pastorali ġdid għall-ewwel ħames snin tal-millenju. Ir-*Rally* li sar f'Diċembru li għadda li kellu bħala tema tiegħu Il-Qadi tal-Aħwa - L-Opri tal-Ħniena u li fih saru diversi riżoluzzjonijiet siewja kien wieħed mill-passi fit-thejjija għal dan il-pjan. Huwa maħsub li jiġi finalizzat fis-sena korrenti. Dawn ir-riżoluzzjonijiet għandhom jidhru fl-Atti tal-Kurja li jmiss. Matul is-sena li bdejna trid tingħata importanza partikolari lill-Opri Soċjali li jiddependu mill-Karitas Djoċesana.

3. Ir-riżultati taċ-ċensiment dwar l-attendenza tal-Quddies tal-Ħadd ippublikati matul is-sena li għaddiet, urew li kompliet tonqos il-perċentwali ta' dawn l-insara ta' pajjiżna li jwettqu dan l-obbligu. Ma nistgħux inserrħu rasna billi ngħidu li għadna aħjar minn pajjiżi oħra bi tradizzjoni kattolika. Imma l-astensjoni

mill-Quddiesa tal-Ħadd, hija sintomu ta' marda iktar fil-fond. Ħafna drabi mhux biss in-nuqqas ta' kont u l-aljenazzjoni f'interessi oħra li jkunu l-kawża li wieħed ma jmurx għall-Quddiesa; iżda n-nuqqas ta' fidi, u xi drabi wkoll it-telfien totali tat-twemmin Kattoliku. Da parti tagħna l-Kleru, jeħtieġ li mhux biss nevitaw dak li jagħmel il-Quddiesa tedjanti bħal ma huwa t-tul żejjed fl-omelija u l-monotonija iżda wkoll li nsaħħu l-fidi speċjalment fit-tfal u fiż-żgħażagħ, fuq kollox bil-ministeru tal-kelma.

4. Il-Kummissjoni Kateketika minn hawn u ftit ieħor sejra tippubblika t-tielet ktieb bl-iskemi tal-lezzjonijiet għal-laqgħat għall-istudenti ta' Form IV bit-titlu "Aktar dwar il-Ħajja tan-Nisrani" u b'hekk tkun ikkonkludiet is-serje ta' tliet klassijiet: Form II (iktar dwar Kristu) u Form III (aktar dwar il-Knisja).

5. L-istess Kummissjoni ppublikat l-ewwel volumett ta' skemi għall-omeliji tal-Ħadd li huwa dak għas-sena "Ċ". Iż-żewġ volumetti l-oħra għas-sena "A" u "B" qegħdin naħdmu fuqhom biex jiġu ppublikati fis-sena 1999. Dak tas-sena "A" diġa qieghed l-istamperija. Dawn l-iskemi kienu dehru fl-Atti tal-Kurja min-numru 86 san-numru 116 (Sena "B", n.86-96; Sena Ċ, n.97-105 u Sena "A", n.106-116). Meta wieħed ikun segwa ċ-ċiklu ta' tliet snin, ikun ikkaverja l-kontenut tal-Katekiżmu kważi kollu. Kif għidna drabijiet oħra dawn l-iskemi ma humiex obbligatorji u lanqas huma intiżi jiddispensaw lill-qassisin mir-riċerka personali tagħhom, iżda jistgħu jkunu ta' sussidju jew għajnuna għalihom u jixraq li jekk ma jsegwux l-iskema tal-omeliji, iżommu għall-inqas is-suġġett ta' kull waħda minnhom

sabiex b'hekk jintlaħaq l-iskop tagħhom ċioè lil lill-poplu tagħna jitwassallu biċċa biċċa l-messaġġ kollu tal-Katekiżmu.

6. Il-Kummissjoni Liturġika t'Għawdex ħadet ħsieb biex fis-sena 1998 jiġu stampati u mqassmin żewġ messalini oħra tal-Quddies; il-Messalin Ferjali ta' żmien ir-Randan u ieħor ta' żmien il-Għid. Fi ħsiebna li matul 1999 inkomplu nistampaw it-tliet messalini l-oħra jiġifieri dawk li jkopru ż-żmien ferjali kollu u b'hekk l-insara tagħna jkollhom f'idejhom is-serje sħiħa. Il-messalin li fih mill-ewwel ġimgħa sad-9 ġimgħa taż-żmien ferjali qegħdin nistennewh jitla mill-istamperija.

7. Bil-għajnuna t'Alla, u skond ix-xewqa tagħna, is-sena 1999 għandha tkun dik li fiha nibdew nużaw il-Gym il-ġdid. Dan mhux maħsub biss għall-istudenti tas-Seminarju Minuri u Maġġuri; iżda wkoll għaż-żgħażagħ u mhux żgħażagħ oħra bħala kumpless sportiv. Għalhekk ser jinħatar Bord tal-Gym biex jirregola l-attivitajiet li jsiru fih u jkunu responsabbli mill-andament tiegħu.

8. Ġiet imħabbra ż-żjara tal-Viżitatur Apostoliku għas-Seminarji ta' Malta u Għawdex, kif intqal fil-Press Release tal-PRO tal-Arċidjoċesi ta' Malta (162/98) li tat din l-aħbar "L-iskop ta' dawn iż-żjarat huwa biex jiġġedded il-kuntatt bejn il-Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika u l-istituzzjonijiet tal-formazzjoni tas-saċerdoti. Iż-żjarat iservu wkoll biex, fejn ikun il-każ, tingħata l-għajnuna lill-istituzzjonijiet jista' jkollhom bżonn biex jaqdu l-missjoni tagħhom dejjem aħjar". Il-ġranet ta' din il-vista jkunu magħrufa

iktar 'il quddiem. Aħna nistennew bil-ħerqa u bil-gratitudni din iż-żjara, għaliex tgħinna sabiex is-Seminarju jkun immexxi fuq kriterji post-konċiljari u jkollu l-livell ta' Seminarji simili fid-dinja kattolika.

9. Hemm sinjali li l-ħidma għall-vokazzjonijiet, qiegħda tagħti l-frott tagħha, għaliex iktar żgħażagħ qegħdin jitolbu biex jidħlu fis-Seminarju tagħna u l-għadd ta' "protectives" laħaq l-għoxrin student. Nittama li bl-eżempju edifikanti tal-Kleru u bit-talb tal-poplu t'Alla kollu l-vokazzjonijiet saċerdotali jkomplu jikbru fil-għadd u fil-kwalità tagħhom.

10. Bdejt inżur f'Diċembru u ser inkompli nżur f'dan ix-xahar iċ-Ċentri parrokkjali. Xi whud minnhom huma tabilħaqq lokal li n-nies ifittxuh u mimli b'attivitajiet. Iżda għad fadal ħafna x'isir. Fuq kollox ċerti ċentri huma prova oħra ta' kemm hu diffiċli, l-apostolat maż-żgħażagħ u ma' l-adoloxxenti. Huwa meħtieġ li jkollna iktar Ċentri Parrokkjali u li fihom iż-żgħażagħ u l-adoloxxenti jsibu ambjent fejn iqattgħu l-ħin liberu tagħhom u jisimgħu kelma għall-ġid.

11. Ma nkunux realistiċi biżżejjed jekk ma nagħtux kas ta' ċerti problemi jaħarqu li għandna magħna fis-soċjetà li ngħixu fiha. Għal-lum insemmi waħda biss u din l-isfida kif ukoll oħrajn magħha, ma jistax jonqos li ma nerġgħux intambru fuqhom matul is-sena. L-istil ġdid ta' ħajja ta' ċerti nies, speċjalment xi whud miż-żgħażagħ, li ma għadhomx jaċċettaw il-loġika tas-salib li għallimna Kristu, iżda huma mkaxkrin mill-kurrenti ta' permessività u tal-edoniżmu. Bl-iskuża li nkunu moderni u li nogħġbu lin-nies ta' żmienna, aħna

ma nistgħux nittradixxu l-missjoni profetika tagħna, u quddiem l-immoralità ma ngħidux in-"Non Licet" kif qal San Ġwann Battista (Mt. 14, 4).

12. Jibqa' dejjem impenn tagħna li kemm jista' jkun inġibu 'l quddiem il-*mass-media* li jiddependu mill-Knisja u li kemm jista' jkun ninqdew bihom aħjar.

13. Biex ikun hemm faċilità iktar ta' komunikazzjoni sewwa lokali kif ukoll fuq skala internazzjonali barra mill-*answering machines* u l-*faxes* nippruvaw indaħħlu wkoll is-servizz tal-*e-mail*. Oltre dan, malli tinsab persuna li tkun kapaċi issegwi x-xogħol nintroduċu fuq l-internet l-*home-page* tal-Kurja.

14. Is-sena jaħbat is-sebgħin anniversarju tal-Ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan li kien inżamm f'Għawdex f'Ġunju 1929. Kif għamilna f'għeluq il-50 sena tiegħu fl-1979, jixraq li nfakkru din il-ġrajja b'Kungress Ewkaristiku Djoċesan ieħor jew b'inizjattivi oħra li jsaħħu fil-poplu tagħna l-qima lejn il-Misteru Ewkaristiku.

15. Twaqqfet il-Kummissjoni għall-Pastorali Sanitarja bil-għan li tingħata attenzjoni ikbar lill-morda kemm mill-aspett spiritwali u sa fejn hu possibli anke l-aspett fiżiku.

16. Il-Kumitat tat-thejjija tal-Ġublew matul is-sena li għaddiet iltaqa' 6 darbiet. Fost ħwejjeġ oħra huwa ħa l-ewwel passi fit-thejjija għall-pellegrinaġġ għal Ruma tas-sena elfejn. F'ismu wkoll ġew ippublikati żewġ libretti bin-novena tal-Pentekoste u ta' Kristu Re, sabiex jingħadu fil-familji. Is-sena 1999 ser tkun iddedikata lill-Missier.

40. IL-PROPOSTA TAL-KNISJA QUDDIEM IT-THEDDIDA TA' L-AIDS
(23 - 01 - 1999)

Il-marda ta' l-AIDS hija problema serja ħafna għax ma taħfirhiex u ġġib il-mewt qabel il-waqt; però għal min huwa nisrani konvint, hija serja ħafna wkoll il-problema tas-safa taż-żgħażagħ. Aħna l-insara nemmnu li hemm żewġ kmandamenti li jirrigwardaw is-safa: la tiżnix (VI) u la tixtieqx nisa ta' l-oħrajn (IX). Għaż-żgħażagħ, la tiżnix ifisser ukoll ma tagħmilx użu tas-sess qabel iż-żwieġ. Xi żgħażagħ jistaqsu: "Huwa possibli llum li wieħed jgħix is-safa billi jevita relazzjonijiet sesswali?" Jiena konvint li dan huwa possibli. L-ewwelnett għax hemm ħafna żgħażagħ insara li rnexxielhom jastjenu minn relazzjonijiet sesswali qabel iż-żwieġ. Li kieku din il-ħaġa kienet impossibli, nkunu ngħidu ereżija għax dan ifisser li Alla qed jikkmandana xi ħaġa li jaf li ma nistgħux nagħmluha.

Il-possibiltà jew l-impossibiltà ta' ħajja kasta qabel iż-żwieġ, tagħmel differenza enormi meta wieħed jiġi biex jitkellem dwar l-użu tal-*condom* bħala protezzjoni kontra l-AIDS.

Il-Knisja hija inkwetata daqs ħaddieħor bil-problema tal-AIDS u s-soluzzjoni li tipproponi hi, mhux biss l-aħjar waħda imma hija l-unika waħda tajba: jekk wieħed jastjeni mis-sess, jista' jkun ċertissimu li mhux ser jieħu l-AIDS b'kuntatti sesswali.

Il-proposta l-oħra, ċioè l-użu tal-condom, l-ewwelnett tmur kontra l-liġi t'Alla għax l-att sesswali, anke bejn il-miżżewġin, għandu jkun miftuħ għall-ħajja; għaldaqstant, iż-żgħażagħ li jużawh jidinbu doppjament għax jagħmlu l-att tas-sess barra miż-żwieġ u t-tieni għax dan l-att sesswali ma jaqbilx mal-pjan tal-Ħallieq.

Ta' min jinnota wkoll illi l-*condom* ma jneħħix il-periklu kollu tal-virus tal-AIDS għax huwa fatt magħruf li hemm perċentwali għolja meta l-*condom* ma jagħtix ir-riżultati li għalihom jintuża. Dan ifisser li jien inkun inqarraq biż-żgħażagħ jekk ngħidilhom biex iserħu rashom bl-użu tal-*condom*, meta naf li l-periklu tal-virus għad li jonqos xi ftit, jibqa' hemm. Allura l-*condom* mhux rimedju li tista' tafdah kontra t-tixrid tal-marda ta' l-AIDS.

Mhux ta' min jinsa li meta jinxtraw l-*condoms*, hemm sfruttament taż-żgħażagħ u ta' persuni oħra li jixtruh u hemm negozju kbir min-naħa tal-multinazzjonali li jipproduċuh.

Effett ieħor żgur mill-użu tal-*condom*, hija dik tal-promiskwita fost iż-żgħażagħ. Żgħażagħ li jidraw dan l-istil ta' ħajja, meta u jekk jiżżewġu, isibuha wisq bi tqila li jħarsu l-fedeltà taż-żwieġ. Din hija l-aħar forma ta' preparazzjoni għal dawk li għada jridu jiżżewġu.

41. IL-ĠURNALISTI NSARA
(24 - 01 - 1999)

San Franġisk de Sales kellu l-ġenjalità li jinqeda bl-istampa, li kienet invenzjoni moderna għal żmienu, biex ikun jista' jxandar il-Kelma t'Alla. Illum il-ġurnaliżmu huwa ta' ħafna għamliet bħalma huwa l-ġurnaliżmu ta' l-eletronika. Il-ġurnalisti jistgħu jużaw dawn il-mezzi kemm għas-sewwa kif ukoll għall-ħażin.

Aħna nixtiequ li l-ġurnalisti jkollhom sens qawwi ta' mħabba lejn art twelidhom. Kif jgħallem San Tumas d'Aquino, ir-raba' kmandament, jiġifieri l-imħabba lejn il-ġenituri, jinkludi wkoll l-imħabba u r-rispett lejn iċ-ċittadini l-oħra sħabek. Huwa wkoll dmir tal-ġurnalisti li jqanqlu din l-imħabba lejn pajjiżhom f'dawk li jirċievu l-messaġġi tagħhom.

Għalhekk hija ħaġa tajba meta l-ġurnalista, bid-dehen li jagħtih Alla u bl-esperjenza li jikseb maż-żmien, jagħmel ħiltu biex jitfa' dawl fuq il-problemi li jkunu jifnu l-pajjiż. Kull pajjiż jiltaqa' mad-diffikultajiet u x-xogħol tal-ġurnalist mhux dak li jkompli jikkumplika l-problemi imma li bir-riflessjonijiet u l-istudju li jagħmel, ikun jista' jitfa' dawl fuq il-problema u joffri xi għamla ta' soluzzjoni.

Fuq kollox il-ġurnalisti nsara għandhom juru attenzjoni biex ma jkomplux irewħu d-diviżjonijiet u t-tilwim li jista' jkun hemm fil-pajjiż. Ma jistax jonqos

li fi żmien jew f'ieħor, taħt għamla jew oħra, ma jkunx hemm diviżjonijiet. Il-ħidma tal-ġurnalist għaqli u ta' l-affari tiegħu jipprova jsib triq tan-nofs, triq ta' medjazzjoni li tgħin lil dawk li għandhom fehmiet differenti biex jersqu lejn xulxin. Huwa għandu jħossu fid-dmir li fejn hemm id-diviżjonijiet, hu jipprova ifejjaqhom u mhux iħarraxhom.

Aħna nittamaw u nitolbu li l-ġurnalisti li jridu jkunu tabilħaqq insara, jimxu fuq dawn il-kriterji li semmejna.

42. (i) IL-PAĊI FIL-FAMILJA
(09 - 01 - 1999)

Itolbu biex il-familji jkollhom is-sliem. Nawgura biex dan is-sliem isaltan ukoll fost dawn il-koppji preżenti li qed jaħsbu biex huma wkoll fil-ġejjieni jibnu l-familja tagħhom. Il-paċi u s-sliem huma rigal t'Alla iżda kulħadd irid jagħti sehem billi jħejji t-triq għal din il-paċi billi nneħħu minn fostna kull tfixkil u ostakli għal din il-paċi. L-Isqof għażel li jsemmi tnejn biss minn fost tant ostakli li jfixklu u jheddu l-paċi. Dawn huma n-nuqqas ta' saħħa fil-familja. Ibżgħu għas-saħħa għax is-saħħa ġġib il-paċi u l-hena. Tbegħdu mill-mard u ddefendu s-saħħa tal-ġisem, fost l-oħrajn it-tipjip u l-alkoħol. Insemmi wkoll il-marda ta' l-AIDS li l-uniku rimedju effikaċi għaliha huwa li wieħed jastjeni mis-sess qabel iż-żwieġ. Din hi l-liġi ta' kull nisrani veru. Is-saħħa hija teżor kbir li rridu kontinwament nibżgħu għalih. It-tieni ostaklu huwa d-dejn. Matul il-ħajja rridu nagħmlu ħilitna biex nevitaw id-dejn; dan xi drabi ma tistax tgħaddi mingħajru koppja ġdida, iżda familja jew koppja ma tistax tonfoq iktar milli tkun tiflaħ. Inheġġeġ il-koppji biex ma jitgħabbewx bi spejjes ta' interessi kbar. Is-self mhux xi ħaġa li nistgħu niftaħru biha. Intemm il-messaġġ tiegħi billi infakkarkom illi jien qieghed hawn biex ngħid kelma ta' ġid lil kull min ikun jeħtieġħa. J'Alla l-Madonna ta' Kana tidħol għall-koppji kollha biex dawn jagħrfu jgħixu skond ir-rieda t'Alla biex b'hekk ikollna familji tajba u magħquda.

42. (ii) NITFGĦU ĦARSITNA LEJN IL-MISSIER
(10 - 01 - 1999)

Bil-Magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan, Kristu beda l-missjoni tiegħu fuq din l-art. Qegħdin ukoll nagħmlu l-festa tal-familja. Imma x'inhi l-missjoni tal-familja nisranija? Din is-sena hija ddedikata lill-Missier Etern Alla. Jekk nitfgħu ħarsitna lejn il-Missier, fih insibu mudell tal-familja. Huwa l-Ħallieq li minnu ġej kollox. Huwa ħalaq il-ħajja umana. Il-familja jeħtieġ li tikkopera mal-Ħallieq biex jibdew jeżistu ħajjiet ġodda. Il-Missier Alla jħobb il-bnedmin u bagħat lil Ibnu fid-dinja biex jifdihom u jsalvahom. Fuq l-eżempju tal-Missier Alla, fil-familja jrid ikun hemm l-imħabba li trid tinżel minn fuq għal isfel għalkemm l-ulied ukoll iridu jħobbu u jirrispettaw lill-ġenituri tagħhom. Fil-Missier Alla aħna nilmħu l-Providenza. Alla jinqeda bil-ġenituri biex ikunu huma l-istrumenti li jwasslu l-providenza fil-familja. Il-ġenituri jridu jixbhu lill-Missier Alla fl-imħabba awtentika lejn l-ulied. Bla dubju jridu l-ewwel jinħabbu bejniethom biex imbagħad din l-imħabba jgħadduha lill-oħrajn. Alla jipprovdi u jafda l-Providenza tiegħu f'idejn il-ġenituri biex dawn jagħtu lil uliedhom il-manteniment, l-edukazzjoni, it-tagħlim, f'kelma waħda dak kollu li jeħtieġu l-ulied biex ikunu jistgħu jgħixu kif inhu xieraq.

43. IR-RWOL TA' L-ISQOF FIL-KNISJA
(03 - 03 - 1999)

Ir-rwol ta' l-Isqof fil-knisja jista' jiftiehem biss jekk wieħed iħares lejh bl-għajnejn tal-fidi. Infatti l-missjoni ta' l-isqof iktar milli hija eżerċizzju ta' setgħa, hija missjoni ta' servizz afdata minn Kristu, ir-Raġħaj it-Tajjeb. L-isqof huwa msejjaħ biex jaqdi l-poplu t'Alla afdat f'idejh. Fit-tmiem ta' ħajtu, l-isqof irid jagħti kont lill-Mulej tas-servizz li jkun mistenni li jwettaq.

Is-setgħa ta' l-Isqof hija waħda morali. Huwa ma għandux il-poter li jġiegħel lin-nies joqogħdu bilfors għall-ordnijiet tiegħu. Huwa jista' jasal biex iħajjar, jipperswadi, ifakkar u jirsisti f'waqtu u barra minn waqtu kif jgħid San Pawl biex in-nies jilqgħu t-tagħlim tiegħu, imma mbagħad, kuntrarjament għal dak li jaħsbu xi whud, l-isqof ma għandu l-ebda setgħa jew jista' jagħmel pressjoni biex l-oħrajn iwettqu dak li huwa jħoss li għandu jsir.

Is-setgħa ta' l-isqof hija qabel xejn u fuq kollox setgħa ta' tagħlim. Meta Kristu għażel lill-appostli huwa bagħathom biex imorru jgħallmu lill-ġnus kollha. Għalhekk għandna nħarsu lejn l-isqof bħala imgħallem tal-verità - dik il-verità li għaddielna Kristu u li ġiet afdata lil dawk li huwa għażel biex imexxu l-Knisja tiegħu. Għalhekk tajjeb li nilqgħu l-kelma ta' l-isqof bħala l-kelma tal-verità.

Huwa importanti li l-kelma ta' l-isqof tasal għand l-oħrajn, speċjalment għand dawk li jeħtieġu l-għajnuna tiegħu fil-ħajja spiritwali tagħhom. Għalhekk nixtieq li intom, saċerdoti, persuni kkonsagrati u lajċi, speċjalment dawk impenjati fl-għaqdiet ta' l-apostolat, tgħinuni f'din il-ħidma kif tgħinuni ukoll f'oqsma oħrajn. Kien hemm każi fejn il-kelma ta' l-isqfijiet ma waslitx fejn kellha tasal u anqas ġiet milqugħa dejjem. Xi drabi ġie li ntlaqgħet b'differenza kbira u xi darba jkun aħjar li l-kelma ta' min ikun igħallem issib oppożizzjoni milli bl-indifferenza. Kien hemm ukoll każijiet meta l-kelma tar-Rgħajja spiritwali ġiet imdawwra u mgħawġa b'ċertu mod li tilfet il-vera tifsira tagħha. Għalhekk nafda lilkom biex twasslu l-kelma tal-isqof lill-oħrajn u jekk ikun il-bżonn tiddefenduha wkoll - nitlobkom dan mhux għal xi interess personali tiegħi, imma biex it-tmexxija tal-Knisja ssir aħjar.

L-importanza reliġjuża hija l-akbar għadu li jista' jkollna. Ninnota li waqt li hawn għatx għat-tagħlim tax-xjenzi, li fih innifsu huwa ħaġa tajba għax kull verità ġejja minn Alla, teżisti ċerta indifferenza fir-rigward tat-tagħlim tar-reliġjon kemm dak li jaslilna mir-raġħajja spiritwali kif ukoll dak li jingħata fiċ-ċentri tad-duttrina u f'okkażjonijiet oħrajn.

44. IL-KNISJA U L-KUXJENZA NISRANIJA
(23 - 03 - 1999)

Fi żminijietna ssib min jistaqsi jekk għandniex nobdu lill-Knisja jew lill-kuxjenza. Ħafna jgħidulek li l-kuxjenza għandha l-primat fuq l-għemejjel tal-bniedem. Iżda biex il-kuxjenza tiġġudika u tagħti parir tajjeb, hemm bżonn tkun imdawla u ffurmata.

Il-kuxjenza tista' tkun fid-dlam u żbaljata; għalhekk huwa dmir tal-persuna responsabbli li qabel kollox iddawwal il-kuxjenza tagħha.

Biex nagħrfu t-tajjeb mill-ħażin, aħna l-Kattoliċi għandna t-tagħlim ta' Kristu li huwa bħal dawl qawwi għall-kuxjenza tagħna. Id-dawl tal-Vanġelu ma jagħmilx vjolenza fuq il-kuxjenza, imma fih hemm l-esiġenza tal-verità. Għaliex it-tagħlim tal-Vanġelu huwa l-verità li jiġbed lejh il-kuxjenzi tagħna u jgħinhom biex jiskopru l-verità anke bl-istess qawwa tal-grazzja li jagħtina Alla.

Kristu qalilna li waqqaf il-Knisja biex tkompli l-missjoni tiegħu. Huwa bagħat lill-Appostli biex jgħallmu u jagħmlu dak li għallem u għamel hu. Għalhekk, aħna l-Kattoliċi ma nistgħux ma nagħtux kas tat-tagħlim tal-Knisja. Il-Knisja tkompli twasslilna l-messaġġ ta' Kristu, tfissirulna u taġġornah għaċ-ċirkustanzi storiċi ta' kull żmien. In-nisrani ma jistax jgħid li għalih biżżejjed id-dawl tal-għerf naturali jew tal-Vanġelu, għax jekk huwa jinjora l-Knisja ma

jkunx iwettaq ir-rieda ta' Kristu. Il-kattoliku li ma jagħtix kas tat-tagħlim tal-Knisja, ma għandux il-kuxjenza mdawla biżżejjed.

Il-Knisja ma timponix it-tagħlim tagħha, imma tispjegalna l-verità kif taraha hi fid-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu, imbagħad tħalli f'idejn kull wieħed u waħda minna biex naraw jekk dan it-tagħlim aħniex ser nobduh jew le. Min huwa veru Kattoliku jirrikonoxxi dan it-tagħlim u jaċċetta l-awtorità tal-Knisja li qed twassallu din l-għajnuna; huwa jrodd ħajr lil Alla li ħallielna din il-gwida li tmexxina.

Issib min ma jaċċettax it-tagħlim tal-Knisja għax jaħseb li dan it-tagħlim ma jiħux f'kunsiderazzjoni s-sitwazzjonijiet imwieġħra li jsibu ruħhom fihom ċerti persuni. Ċerti kattoliċi jagħmlu bħal dawk d-dixxipli li meta sabuha diffiċli li jifhmu u jaċċettaw it-tagħlim ta' Kristu dwar l-Ewkaristija qabdu u telquh. Hemm min jakkuża lill-Knisja li qed tagħti messaġġ diffiċli u li mhux miexja maż-żminijiet. Iżda l-missjoni tal-Knisja mhix li tbiddel kontinwament biex tadatta ruħha għaċ-ċirkustanzi taż-żmien u post, imma hija dik li twassal bil-fedeltà il-messaġġ ta' Kristu.

Min ma jaċċettax it-tagħlim tal-Knisja, ma għandu ebda dritt li jissejjaħ kattoliku; jekk min jaġixxi kontra t-tagħlim tal-Knisja jaħseb li huwa kattoliku, ikun jinganna lilu nnifsu u lill-oħrajn.

Għalhekk tajjeb nagħmlu l-għażla tagħna. Il-knisja mhix tisforzana biex naċċettaw it-tagħlim tagħha; hija tipproponilna t-tagħlim biex aħna nifluh u bl-għajnuna

tal-grazzja naslu biex naċċettawh. Imma nkunu niżbaljaw jekk naħsbu li għandna xi jedd li nibdlu l-liġi t'Alla. Jekk aħna verament Kattoliċi għandna nbaxxu rasna quddiem il-liġi ta' Kristu kif twassalħulna l-Knisja. Ma għandniex nippretendu li ngħawġu jew inbiddlu l-liġi t'Alla kif jaqbel lilna. Din mhix ubbidjenza lejn Kristu u lejn il-Knisja. Min tassew għandu fidi nisranija, jagħmel ħiltu, anke b'sagrifiċċju, biex dak li għallimna Kristu u l-Knisja inwettquh.

Jekk ma nifhmux dawn il-prinċipji, żgur ser niżbaljaw. Fi żminijietna nisimgħu b'min ifaħħar id-divorzju, jitkellem favur l-abort u dwar affarijiet oħra li ma jaqblux mat-tagħlim ta' Kristu u l-Knisja. Aħna għandna d-dawl tat-tagħlim nisrani u tal-Knisja bħala għajnuna biex niffurmaw u ndawlu l-kuxjenza tagħna.

45. IS-36 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(18 - 04 - 1999)

Il-Vanġelu li għadna kif smajna fih messaġġ sabiħ għalina lkoll u jgħodd ħafna ma' din l-atmosfera tal-Kungress, il-għaliex dak li smajna fil-qari tal-Vanġelu huwa wieħed jew waħda mill-isbaħ paġni tat-Testment il-Ġdid. Jiddeskrivilna dak li ġara fil-jum illi fih Kristu qam minn bejn l-imwiet, u l-moviment kif ukoll dak li twettaq.

Id-dixxipli ta' Emmaws kienu qegħdin jirritornaw minn Ġerusalemm lejn darhom. Fit-triq Ġesù ġie ħdejhom iżda huma m'għarfuhx. Id-diskors waqa' fuq dak li kien ġara Ġerusalemm ftit qabel, jiġifieri l-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu, u Ġesù fissrilhom illi, fit-Testment il-Qadim, din il-Passjoni ta' Kristu kienet diġa msemmija u mħabbra. U mhux biss il-mewt ta' Ġesù, imma anke l-qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet. Imbagħad, Kristu, x'ħin dawn waslu ħdejn il-bieb tad-dar tagħhom, għamel ta' bir-ruħu se jibqa' sejjer. Dawk stednuh u qalulu "Ibqa' magħna għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm". Qagħad magħhom, kiel magħhom uhuma għarfuh fil-qsim tal-ħobż, intebħu li dak kien il-Mulej, iżda Ġesù ma deherx iktar.

U dawn, id-dixxipli ta' Emmaws, mingħajr ma tilfu ebda żmien u mingħajr ma qagħdu jibżgħu mill-ħallelin, mill-perikli l-oħra ta' bil-lejl, reġgħu qamu u marru lejn Ġerusalemm u sabu 'l Appostli u qalulhom

x'ġara. Issa San Luqa jagħtina kumment li għamlu dawn id-dixxipli stess u qalu "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" Jiġifieri li, waqt li matul it-triq Kristu kien ikellimhom fuq il-profeziji li ħabbru l-kittieba tat-Testment il-Qadim, il-qalb tagħhom kienet mimlija bil-ħeġġa u iktar kompliet tħeġġeġ il-qalb tagħhom meta huma rawh jikser il-ħobż u jagħtihulhom.

Allura t-tagħlima li nieħdu hija din, il-ħeġġa ta' dawn id-dixxipli ta' Emmaws, il-qalb tagħhom li kienet mimlija b'entużjażmu, ma ppermettitilhomx u ma ħallithomx iħallu għall-għada jew għal darb'oħra u dak li kellhom jagħmlu qabdu u għamluh malajr, dak il-lejl stess. Hawnhekk għandna ċanfira l-għaliex aħna ħafna drabi nintelqu u nħallu għall-għada, nipprokrastinaw u ħafna drabi dak li nagħmlu nagħmluh b'nofs ħeġġa, mentri fl-opri t'Alla jeħtieġ li nkunu iktar mimlijin bl-entużjażmu, ikollna qalbna iktar tħeġġeġ biex nagħmlu t-tajjeb kif kienet tħeġġeġ il-qalb tad-dixxipli ta' Emmaws wara dik l-esperjenza li kellhom ta' Kristu. Għalhekk tajjeb li aħna nkunu mħeġġin biex inweġġħu, naduraw u nagħtu qima lill-Isem Imqaddes ta' Kristu.

Il-motto ta' dan il-Kungress huwa "Missier Jitqaddes Ismek", u aħna nistgħu nqaddsu l-isem ta' Alla bit-talb li nagħmlu, bis-sehem li nieħdu fil-Liturġija basta dawn l-affarijiet nagħmluhom kif imiss, nagħmluhom ukoll ispirati mill-fidi u mħeġġin fil-qalb tagħna. Fl-istess ħin, anke biex nikkorieġu d-dgħajja u dawk li joffendu lil Alla bi kliemhom u b'għemilhom jeħtieġ li jkollna iktar ħeġġa mhux nofs kont, u iktar kuraġġ u fl-istess ħin iktar imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu

tagħna. B'mod partikulari, il-ġenituri fi ħdan il-familja għandhom jagħmlu kull ma jistgħu biex fid-dar tagħhom, l-Isem t'Alla jkun dejjem meqjum u mfaħħar.

46. KNISJA ŻAGĦŻUGĦA ORJENTATA LEJN IL-FUTUR
(10 - 07 - 1999)

L-ordinazzjoni sagra titfa' dawl speċjali fuq il-ministeru tal-Knisja għaliex turi żewġ dimensjonijiet importanti tal-Knisja. Infatti l-Knisja ma tiqafx fil-passat. Huwa minnu li l-Knisja għandha ħafna tradizzjonijiet sbieħ, iżda l-Knisja tkun anakronista jekk tieqaf fl-imgħoddi u ma timxix 'il quddiem.

Il-Knisja lanqas tieqaf biss fil-preżent, anke jekk il-preżent fih it-taħbit u l-problemi tiegħu u l-Knisja trid isseffaq wiċċha magħhom.

Iżda l-Knisja titfa l-ħarsa tagħha lejn il-ġejjieni. U dan iżommha żagħżugħa. Il-Knisja għandha l-wegħda ta' Kristu li hi tibqa' sa l-aħħar taż-żminijiet.

Mela dan hu li tfisser l-Ordinazzjoni sagra: aħna membri ta' din il-Knisja li hi żagħżugħa li għexet il-passat tagħha, tgħix il-passat iżda hija indirizzata lejn il-futur. Dan ngħiduh wisq u wisq aktar f'din l-epoka meta qegħdin fit-tmiem tat-tieni millenju.

Ħafna drabi għal xi wħud meta jitkellmu dwar il-Knisja il-ħsieb tagħhom imur fuq il-parroċċa jew id-djoċesi. Iżda l-Knisja hi akbar minn hekk: għax hi mxerrda mad-dinja kollha; hija l-Ġisem Mistiku li għandu l-friegħi mhux biss bid-dinja imma wkoll fl-eternità.

Tajjeb li niftakru li jekk ikollna ekkleżjoloġija limitata biss għall-parroċċa tagħna, din tkun ekkleżjoloġija fqira.

Aħna rridu nitfgħu l-ħarsa tagħna aktar 'il boghod għax Kristu qalilna li l-ħsad huwa kbir iżda l-ħaddiema huma ftit. Għalhekk dawn li ser jirċievu l-ordni sagri ma jistgħux iżommu l-ħarsa tagħhom imrażżna għall-ambjent ċkejken tal-gżira Għawdxija, iżda għandhom ikunu qalbiena u kif għamlu ta' qabilhom, jitfgħu ħarsithom aktar 'il boghod.

47. NIKKUMBATTU TLIET TIPI TA' IMMORALITA`
(04 - 08 - 1999)

Iltqajna għal din il-manifestazzjoni biex nagħtu qima lill-Madonna u biex insemmgħu leħinna favur ambjent moralment nadif. L-indafa hija sabiħa u meħtieġa mhux biss meta hija ħaġa fiżika li tidher fl-għajnejn, imma wkoll meta hija ndafa mill-vizzji u d-dnubiet.

Għad li din il-manifestazzjoni nagħmluha ta' kull sena, l-impressjoni tiegħi hija li fi gżiritna l-ħmieġ morali, il-vizzju u d-dnub mhux qed jonqos imma jiżdied. Il-lejla nixtieq niddeplora tliet għamliet ta' immoralità li żgur ma jaqblu xejn mal-valuri nsara.

L-ewwelnett jeżisti għatx għall-pjaċiri bla rażan. Ir-rivoluzzjoni sesswali laħqet ukoll lil gżiritna. Għandna hafna nies, żgħażagħ u kbar, li jaħsbu li jistgħu jagħmlu li jridu. Donnu ma hemmx liġi t'Alla li tikkontrolla l-imġieba tal-bniedem f'dan il-kamp. Xi whud iġeghluk tiddubita jekk huma jemmnux f'Alla għaliex tilfu għal kollox is-sens ta' Alla. Għalhekk tajjeb li kull min huwa responsabbli joqgħod attent biex din l-imxija ma ġġorrx magħha l-poplu tagħna. Għandna nagħtu attenzjoni kbira biex nipproteġu lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna minn dawn it-tentattivi li jsiru biex jiġbduhom lejn dawn il-pjaċiri pprojbiti.

Pjaga morali oħra ta' żmienna hija l-mentalità ta' dawk li għalihom l-uniku kriterju fl-attività tagħhom

huwa l-profitt. Dawn il-persuni lesti li jiksru kull tip ta' liġi biex ikunu jistgħu jagħmlu l-qliegħ u jinsew għal kollox l-obbligi li ġejjin mill-virtù tal-ġustizzja u tal-karità. Huwa veru li l-bniedem modern jixtieq jagħmel progress anke fil-qagħda ekonomika tiegħu; iżda l-bniedem iwarrab fil-ġenb il-valuri nsara, dan il-progress ma jkunx progress veru u ma jkunx jaqbel mad-dinjita' tal-bniedem u flok ma jnissel il-paċi fil-qalb, iġib konfużjoni akbar.

Hemm imbagħad immoralità oħra: il-mibegħda. Hawn ħafna mibegħda u nuqqas ta' tolleranza. Hawn ħafna ġlied, xi drabi fuq xejn, anke bejn l-aħwa, fl-istess familja, fl-istess raħal jew parroċċa! Għal kull xorta ta' mottiv, hemm nies lesti li jitlewmu, jobogħdu u anke jivvendikaw ruħhom malli tiġihom l-okkażjoni. Dan kollu huwa kontra l-preċett ta' Kristu li jgħidilna li għandna nħobbu lil xulxin u għandna naħfru lil min jagħmlilna d-deni.

Dawn huma tliet għamliet ta' immoralita' li hemm bżonn nikkumbattuhom għax persważi li jagħmlulna l-ħsara fir-ruħ u l-ġisem. Il-ħażen li qiegħed jheddidna huwa kbir u organizzat, għandu anke risorsi finanzjarji kbar u lest li jieħu ċerti riskji. Imma ma għandniex naqtgħu qalbna. Jiena għadni ġej minn Lourdes fejn kont nakkumpanja l-morda. Il-Madonna f'Lourdes tgħallimna li jekk id-dnubiet tal-bnedmin huma numeruži, il-ħniena t'Alla hija wisq aktar qawwija. Għalhekk b'fiduċja fil-medjazzjoni tal-Madonna u b'fiduċja kbira fil-qawwa li Alla jagħti lill-bnedmin ta' rieda tajba, nagħmlu ħilitna biex kemm jista' jkun pajjiżna jibqa' nadif u ħieles mill-kurrenti tal-ħażen.

48. L-EWKARISTIJA FIT-TIENI SINODU DJOĊESAN
(20 - 11 - 1999)

Nixtieq qabel xejn, irrodd ħajr lil dawk kollha li organizzaw dan is-Symposium, kif ukoll dawk li ħadu sehem attiv u ppreparaw xi papers biex jinqraw fis-sessjonijiet tiegħu. Nirringrazzja wkoll lilkom li attendejtu.

Waqt li aħna qegħdin nistudjaw l-iżvilupp li kien hemm fid-dokumenti tal-Knisja dwar l-Ewkaristija, mill-Konċilju Vatikan II lil hawn, naħseb li mhux mingħajr siwi li aħna nagħtu ħarsa għall-inqas ħafifa, lejn dokument tal-Knisja lokali, li ma jistax jonqos li fih ukoll ikun hemm referenzi għat-twemmin tagħna dwar il-misteru ewkaristiku. Qiegħed nirreferi għat-Tieni Sinodu Djoċesan ppromulgat fid-9 ta' Marzu 1993.

Huwa veru li l-għan tas-Sinodu huwa wieħed prattiku, jiġifieri dak li jħeġġeġ lill-insara tad-djoċesi tagħna għall-ħajja nisranija iktar awtentika u li jagħti xi istruzzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tal-ħidmiet pastorali. Għal dan il-għan huma mmirati kemm il-253 Digriet li hemm fl-ewwel parti tas-Sinodu, kif ukoll l-10 Dokumenti Pastorali li hemm fit-tieni parti tiegħu. Madanakollu, għall-inqas indirettament, wieħed jista' jsib ukoll il-punti dottrinali, li fuqhom huma mibnija n-normi u d-direttivi mogħtija.

Ser nipprova nġib xi eżempji biex infisser iktar biċ-ċar l-opinjoni tiegħi li anke s-Sinodu Djoċesan huwa

xhieda tat-twemmin u tal-konvinzjonijiet tal-Poplu t'Alla f'din il-Gżira, dwar l-Ewkaristija.

Nibda billi nikkwota u nikkummenta l-paragrafu 102. Hawnhekk l-Ewkaristija hija deskritta bħala preżenza reali ta' Kristu. "Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrifiċċju ta' l-Ewkaristija, li fiha Kristu l-Mulej sustanzjalment preżenti taħt ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid jingħata bħala offerta u bħala ikel (kan.897), hija azzjoni ta' Kristu u tal-Knisja u jippresiedi biss is-saċerdot, il-ministru proprju ta' dan is-sagrament, li jaġixxi fil-persuna ta' Kristu. Filwaqt li l-insara l-oħra, kjeriċi jew lajċi li jkunu preżenti, jissieħbu miegħu billi kull wieħed jieħu sehem skond id-diversità ta' l-ordni u l-uffiċċju liturġiku tiegħu (kan.899). Dan il-paragrafu jieħu xi elementi mill-kanoni 897, 899. Waqt li juża l-istess kliem u frasi li juża l-Kodiċi tad-Drittu Kanoniku tal-1983, is-Sinodu jafferma li l-Ewkaristija hija sagrifiċċju li fih il-Mulej jingħata bħala offerta. Jafferma wkoll li hija sagrament li fih Kristu taħt ix-xbihat jingħata bħala ikel u li tiegħu l-ministru proprju huwa biss is-saċerdot. Dan wara li fakkar li "Kristu huwa sostanzjalment preżenti taħt ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid.

Fid-dokument dwar il-formazzjoni kontinwata tal-kleru tas-Sinodu fil-paragrafu 49 jingħad li: "Is-saċerdoti huma l-ministru tas-sagramenti Mqaddsa, b'mod speċjali tal-ewkaristija, li fiha jinsab il-ġid spiritwali kollu tal-Knisja, jiġifieri Kristu nnifsu. Għalhekk kull saċerdot għandu jfittex ikompli jitħarreġ sewwa fix-xjenza u fl-arti tal-liturġija ħalli bis-saħħa tal-ministeru liturġiku, il-komunità ta' nsara afdata f'idejh, tfaħħar dejjem aħjar lil Alla l-Missier, l-Iben u

l-Ispirtu s-Santu". Dan il-kliem li huwa ispirat mid-digriet Presbyterorum Ordinis (n.5) tal-Konċilju Vatikan II jimplika iktar minn verità waħda ċioè li l-ewkaristija hija wieħed mis-Sagramenti Mqaddsa tal-Liġi l-Ġdida, iżda sagrament speċjali, kif ukoll li l-ministru tiegħu hu s-saċerdot. Il-kliem ta' dan il-paragrafu fih ukoll stqarrija tal-preżenza reali ta' Ġesù fl-Ewkaristija "li fiha jinsab il-ġid spiritwali kollu tal-Knisja jiġifieri Kristu".

Jingħad ukoll liema huwa wieħed mill-għanijiet tal-Ewkaristija u tal-Liturġija kollha "biex il-komunità ta' l-insara tfaħħar dejjem aħjar lil Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu".

It-tliet aspetti tal-Ewkaristija preżenza reali, sagrifiċċju u t-tqarbin jissemmew ukoll fid-dokument pastorali "L-Animazzjoni Nisranija tas-Soċjetà", fil-paragrafu 641: "Fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, in-nisrani, flimkien mal-Knisja, jistqarr il-fidi tiegħu fil-preżenza Ewkaristika tal-Mulej, sakemm jiġi u jroddlu ħajr talli fl-imħabba immensa tiegħu lejna, ried isir vittma tas-sagrifiċċju għal dnubietna u l-ikel tar-ruħ tagħna".

L-Ewkaristija hija l-mejda mhejjija mill-Missier Alla għal uliedu bħala sinjal ta' mħabbtu u tal-ħniena tiegħu lejhom. Meta jitkellem dwar il-festi bħala okkażjoni ta' evanġelizzazzjoni u sagramenti, is-Sinodu (par.844) jgħid "Il-festa għandha tiġma lill-komunità madwar il-Mejda tal-Missier Alla; (a) għas-smigħ tal-kelma t'Alla, (b) għall-qima tal-Ħobż ta' l-Ewkaristija (ċ) għall-karità".

"Billi l-għajn u l-quċċata tal-ħajja nisranija hu l-Misteru tal-Għid li hu attwat fl-Ewkaristija, kull turija ta' kult tal-ħajja komunitarja għadha tiġi ċċentrata fl-Ewkaristija" (849). F'dan il-paragrafu jingħad ukoll li l-Ewkaristija hija l-attwazzjoni tal-Misteru tal-Għid, li jfisser il-Passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu minn bejn l-imwiet. Dan jimplika li l-Ewkaristija, mhux biss it-tifkira tal-ġrajja ewlenija fl-istorja tas-salvazzjoni, ċioè hija l-mewt ta' Kristu u r-rebħa tiegħu fuq il-mewt, iżda hija wkoll attwazzjoni, rinnovament jew tiġdid tagħha.

L-Ewkaristija mhux biss tibni l-komunità, iżda wkoll iżżommha żagħżugħa u ġġedded fiha l-ispirtu ekkleżjali. Is-Sinodu jaċċenna għal dan l-effett, meta jitkellem dwar il-Quddiesa Solenni bħala l-iktar waħda importanti fost il-funzjonijiet liturġiċi tal-festa (par867) "fiha l-komunità ġġedded l-ispirtu ekkleżjali tagħha madwar il-mejda Mqaddsa ta' l-Ewkaristija".

Is-Sinodu jesprimi wkoll ix-xewqa li tkompli tikber u tissaħħaħ fost l-insara tagħna, il-qima lejn il-misteru ewkaristiku, kemm billi jieħdu sehem fil-Quddiesa, kif ukoll bil-qima li tingħatalu barra mill-Quddiesa. Fil-par 109a isemmi d-dmir li għandhom l-insara: "li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, li jirċievu s-Sagrament Imqaddes, u li jqimuh bl-ogħla venerazzjoni li tistħoqq lil Sagrament hekk għażiż".

Ifaħħar id-drawwa li ta' kuljum, fil-knejjes parrokkjali, tingħata l-barka sagramentali (85). Il-Benedizzjoni Ewkaristika, tissemma' wkoll fil-paragrafu 457 u 877. Fil-paragrafu 458 is-Sinodu jissuġerixxi x'għandu jsir waqt l-Ora Santa jew Siegħa

Adorazzjoni li ssir darba fil-ġimgħa fil-parroċċi. Din l-importanza mogħtija lill-Barka Sagramentali hija prova tal-fidi fil-preżenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija, barra mis-sagrifiċċju tal-Quddiesa. Il-Par.84 huwa spjegat x'għandu jsir fil-knejjes fejn tinżamm l-Ewkaristija.

Fis-Sinodu jingħataw ukoll diversi normi morali li huma konnessi ma' l-Ewkaristija. Hekk, per eżempju, dwar l-obbligu tal-Ħadd, "L-insara għandhom jiftakru li għandhom l-obbligu li jieħdu sehem fis-sagrifiċċju Ewkaristiku kull nhar ta' Ħadd u fil-festi tal-preċett, skond il-kanoni 1247 (108a u 158b), it-tqarbin tal-preċett (113) u s-sawma ta' qabel it-tqarbin (111b).

Is-Sinodu jipproponi fil-qosor lis-saċerdoti programm sabiħ ta' pjetà ewkaristika kemm waqt il-Quddiesa, kif ukoll barra mill-Quddiesa.

Huwa jinsisti li "ċ-ċentru tal-ġurnata saċerdotali għandha tkun il-Quddiesa". Għalhekk hija rrikmandata ħafna ċ-ċelebrazzjoni ta' kuljum, li hija dejjem azzjoni ta' Kristu u tal-Knisja, ukoll meta ma jistax ikun hemm insara li jassistu għaliha" (23a). Is-Sinodu fl-istess paragrafu jkompli jirrikmanda lis-saċerdot it-talb qabel u wara ċ-ċelebrazzjoni (23b), silenzju waqt il-preparazzjoni għall-Quddiesa (23ċ), il-Ħarsien tal-liġijiet liturġiċi (23d), adattament fil-liturġija tal-Quddiesa (23e), il-konċelebrazzjoni (23f), eċċ.

Bħala qima ewkaristika tas-saċerdoti barra mill-Quddiesa s-Sinodu jfakkar fir-reċita tal-Uffiċċju Divin quddiem l-Ewkaristija (29a), it-tqarbina tax-xewqa (29d), iż-żjara lil Ġesù Sagramentat (29b) u l-adorazzjoni ewkaristika komunitarja (29ċ).

Jalla l-membri tal-Kleru tagħna jwettqu f'ħajjithom dak li rigward id-devozzjoni ewkaristika jirrikmanda s-Sinodu Djoċesan u dokumenti oħra reċenti tal-Knisja.

49. INSAĦĦU L-KARITA` KOMUNITARJA
(29 - 09 - 1999)

Hemm bżonn li nibnu u nsaħħu l-karità komunitarja. Mhux biżżejjed immorru fil-knisja u nieħdu sehem fil-funzjoniiet li jsiru, iżda jeħtieġ li nrawmu fina u f'uliedna r-rispett lejn il-bnedmin l-oħra anke jekk huma ma jifhmuhiex bħalna. Hemm bżonn infejqu l-firdiet li jeżistu fostna. Hemm bżonn infejqu qalbna mill-feriti ta' l-għira u tal-mibegħda li jisfaw ta' ħsara mhux biss għall-proxxmu tagħna iżda wkoll għalina nfusna, għax min iżomm f'qalbu l-mibegħda għandu fih bħal velenu li jeqirdu bil-mod il-mod.

Il-familji tagħna ma jistgħux jissejħu familji nsara, jekk fihom tinżera' u tinbet iż-żerriegħa tad-disprezz għall-oħrajn. Il-familja nisranija jeħtieġ li tkun skola ta' mħabba awtentika fejn l-ulied fuq l-eżempju tal-ġenituri tagħhom jidraw jgħixu flimkien f'atmosfera ta' ħbiberija u ta' paċi.

Is-sehem tagħna fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi ikun wisq superfiċjali jekk huma berdin fina l-imħabba ta' Alla u ta' għajrna. Agħar u agħar jekk il-kuxjenza tagħna tkun mgħobbija bid-dnub jew jekk f'qalbna hemm theġġeġ il-mibegħda lejn xi ħadd u x-xewqa ta' vendetta. Qabel it-tqarbin fil-Quddiesa, nagħtu l-paċi lil xulxin, iżda dan il-ġest ikun ipokrita u bla sens, jekk ma jkollniex sentimenti ta' mħabba lejn min offendiena.

Ġurnata wara l-oħra, qiegħed joqrob lejna l-Ġublew il-Kbir. Ma nħallux li dan iż-żmien ta' maħfra u ta' grazzja, jiġi u jmur, mingħajr ma nagħmlu ebda pass 'il quddiem fil-ħajja spiritwali tagħna. Il-Ġublew ma jikkonsistix biss fl-atti esterni bħal ma huma l-pellegrinaġġ u t-talb preskritt biex jinkisbu l-indulġenzi. Il-Ġublew hu wkoll u fuq kollox bidla għat-tajjeb li trid titwettaq fil-moħħ u fil-qalb tan-nisrani. Fil-Ġublew mhux biss nistennew mingħand Alla l-maħfra għal dnubiet ta' ħajjitna kollha, iżda rridu noffru wkoll minn qalbna l-maħfra tagħna biex jitfejjqu t-tensjonijiet li jista' jkun hemm fina jew madwarna.

Ta' min jirrikmanda ħafna l-apostolat tar-rikonċiljazzjoni. Hija opra ta' mertu kbir dik ta' min jipprova b'ħiltu kollha jġib il-paċi bejn tnejn miġġeldin. Hija wkoll waħda mill-barkiet li qalilna Ġesù: "Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla" (Mt. 5,9).

Nirrikmandalkom fl-aħħarnett li tibdew tgħidu kuljum it-talba tal-Ġublew li ġie imħejjija għal kull kategorija.

Filwaqt li nixteqilkom kull ġid għar-ruħ u għall-ġisem, nafdakom taħt il-mant ċelesti tal-Verġni Marija sabiex issibu fiha omm li tħobbkom u tifħimkom, u żżommkom fil-paċi bejnietkom u ma' Binha Ġesù.

50. PREPARAZZJONIJIET GĦALL-KUNGRESS EWKARISTIKU F'GĦAWDEX
(25 - 10 - 1999)

Il-Konċilju Vatikan II jgħallimna li l-Ewkaristija hija l-għajn u l-quċċata li minnu joħorġu l-attivitajiet l-oħra kollha. L-Ewkaristija hija l-bidu u t-tmiem mhux biss ta' kull persuna individwali, imma tal-komunitajiet insara kollha. Il-Papa Ġwanni Pawlu II ried u ddeċieda li s-sena elfejn tkun is-sena Ewkaristika u fuq is-sejħa tiegħu ser niċċelebraw il-Kungress Ewkaristiku u hekk ukoll infakkru l-ewwel Kungress Ewkaristiku li sar 70 sena ilu fid-Djoċesi Għawdxija.

Biex il-Kungress jilħaq il-għan tiegħu jixraq li nfittxu li nitgħallmu iktar dwar l-Ewkaristija u nieħdu sehem fil-funzjonijiet Ewkaristiċi u l-laqgħat ta' tagħlim li ser isiru. Huwa importanti li nitolbu ħafna biex il-Kungress jagħti l-frott tiegħu permezz tal-bidla interna ta' ruħna. Ħafna drabi xi whud jidħlu l-Knisja biex jieħdu sehem fl-Ewkaristija u jibqgħu bil-mibegħda f'qalbhom. Agħar u agħar jersqu biex jitqarbnu b'dan il-mod. Din hi xi ħaġa ta' swied il-qalb. Min jieħu sehem fl-Ewkaristija kif imiss għandu jikber fl-umiltà li tgħin biex jispiċċaw il-ġlied, il-piki u t-tensjonijiet. Fejn ikun hemm atteġġjament ta' suppervja, u mhux ta' umiltà hemmhekk ikun hemm l-inkwiet. L-Ewkaristija hija l-mediċina biex infejqu l-ġerħat fina u madwarna u nikbru fl-imħabba tagħna lejn Alla u lejn il-proxxmu. Min jirċievi l-Ewkaristija għandu jagħmel kull ma jista' biex joħloq atmosfera ta' paċi u mħabba.

Min ser jghinna? Hija l-Madonna. Jekk aħna rridu mmorru għand Kristu jeħtieġ li nirrikorru għand Ommu u Ommna Marija. Nitolbuha li tkun magħna f'dawn il-ġranet tal-Kungress biex il-Kungress jqanqal il-kuxjenza ta' l-insara.

51. "IBQA' MAGĦNA MULEJ FL-EWKARISTIJA" - (EGĦLUQ TAT-TIELET KUNGRESS EWKARISTIKU DJOĊESAN) (21 - 11 - 1999)

Bil-għajnuna ta' Alla, wasalna fit-tmiem ta' dan it-Tielet Kungress Ewkaristiku li ċċelebrajna f'Għawdex u qegħdin nikkonkludu llum fis-solennità ta' Kristu Sultan.

Il-motto jew tema li għażilna għal dan il-Kungress, huwa talba ħierġa mill-qalb, kif ukoll stqarrija li għandha timpenjana għal li ġej, b'mod partikolari fit-tielet millenju li ser jibda dalwaqt.

"Ibqa' magħna Mulej fl-Ewkaristija". Aħna nafu li Ġesù qiegħed magħna, għaliex nemmnu fil-preżenza reali tiegħu taħt ix-xbihat ewkaristiċi. Iżda aħna nixtiequ li nifhmu dejjem iżjed il-ħtieġa tal-preżenza tiegħu fostna. "Ibqa' magħna Mulej" hija talba li tixbah ħafna lil dik ta' l-Appostli "Sahhah fina l-fidi" (Lq. 17,5). Aħna nemmnu fik o Mulej, mohbi fis-Sagrament ta' mħabbtek iżda nitolbuk bil-ħerqa li inti tkattar fina din il-fidi. Kattarha u saħħaħha wkoll f'uliedna u fil-poplu kollu ta' gżiritna.

Però l-istess kelmiet ifissru mhux biss li aħna rriduk ħdejna, iżda wkoll li aħna bl-ebda mod ma rridu ninfirdu minnek, nitbegħdu minn ħdejk u li ninsewk u nabbandunawk fit-tabernaklu, fejn tinsab bħala Alla u bħala bniedem u mnejn Inti ssaltan Sultan tal-univers, xejn inqas milli ssaltan fis-Sema.

Irridu nibqgħu miegħek u nkunu sudditi leali tiegħek u membri ħabrieka tas-saltna tiegħek. Irridu nagħtu s-sehem tagħna biex din is-saltna tibqa' sħiħa u tikber dejjem iżjed minkejja t-tfixkil u l-oppożizzjoni li ssib fid-dinja ta' llum anke f'pajjiżna, li jiftaħar li hu pajjiż nisrani.

Saltna ta' verità

Nafu li waħda mill-kolonni tas-saltna ta' Kristu hija l-verità, u li bħad-dawl u d-dlam hija opposta għall-qerq u l-gideb. Biex nibqgħu mexjin ma' Kristu u wara Kristu, jeħtieġ li nħobbu l-verità u nobogħdu l-falsità, kull fejn tinsab.

Huwa veru li l-bniedem jagħmel ħafna sforzi u sagrifiċċji biex isib il-verità, iżda ħafna drabi jibqa' fl-iżball jew jirnexxilu jsib biss veritajiet parzjali. Fi Kristu biss għandu l-verità sħiħa, fit-tagħlim tiegħu biss hemm soluzzjoni għall-problemi tal-bniedem u tas-soċjetà. Hu biss għandu għalina l-kliem tal-ħajja.

Il-bniedem modern xi drabi jsib ruħu ilsir tal-mass media, iżda dawn aktarx li jippreżentawlu biss ideoloġiji u nofs veritajiet. Mhux l-ewwel darba li l-messaġġ tagħhom ikun messaġġ ta' gideb u tgħawwiġ tal-fatti, u min jgħidhom, jista' jkun li ma jkollux fini tajjeb, iżda jkun jigdeb b'għajnejh miftuħa.

Saltna ta' Ħajja

Kolonna oħra tas-saltna ta' Kristu hija l-ħajja. Huwa nnifsu darba qal: "Jien ġejt biex ikollhom il-ħajja u jkollhom bil-kotra" (Ġw. 10,10). Verament li hawnhekk kien qiegħed jitkellem dwar il-ħajja

sopranaturali; jiġifieri l-ħajja meħtieġa għas-salvazzjoni ta' dejjem. Iżda Kristu huwa wkoll Sid il-ħajja umana. Lill-bnedmin tahom il-jedd għall-ħajja u dmir ta' kull bniedem li jħares il-ħajja tiegħu u ta' l-oħrajn. Min hu ma' Kristu, żgur li huwa favur il-kultura tal-ħajja. Iżda kif jilmenta ta' spiss il-Papa Ġwanni Pawlu II, ħafna llum huma favur il-kultura tal-mewt u għalhekk ma jsibuhiex bi tqila li jiddefendu saħansitra l-abort u l-ewtanasja. Jekk irridu li pajjiżna jibqa' pajjiż nisrani, jekk irridu li Kristu jibqa' jsaltan fuq pajjiżna, jeħtieġ li nagħmlu ħilitna kollha biex inżommu 'l bogħod minn artna d-delitti faħxija tal-abort u tal-ewtanasja u dak kollu li jhedded il-ħajja tal-bniedem f'kull stadju tagħha.

Saltna ta' Grazzja u ta' Qdusija

Is-saltna ta' Kristu, ma tistax tkun nieqsa mill-grazzja u mill-qdusija. Anzi nistgħu ngħidu li fiha biss u għand Kristu biss tinsab il-qdusija u mhux f'ħaddieħor li ma jkunx irċeviha mingħandu. Il-bniedem fil-fond tą' qalbu jixtieq ikun tajjeb u jkun safi. Kif jgħidilna San Ġwann l-Evanġelista "Mill-milja ta' Kristu aħna lkoll ħadna grazzja fuq grazzja" (Ġw. 1,16). Il-bniedem fil-fond ta' qalbu jixtieq ikun tajjeb u safi. Iżda fih innifsu jsib x'jiġbdu għall-ħażen u madwaru ma jarax ħlief taħsir morali u skandli li jheddu l-integrità tiegħu...

Is-soċjetà moderna bil-progress kollu li tiftaħar bih ħolqot xibkiet ġodda biex taqbad il-bniedem u twaqqgħu fid-dnub. Dawn ix-xibkiet nistgħu nsejħulhom droga, pornografija, il-permessività, l-użu irresponsabbli tas-sess u elf ħaġa oħra. Ħadd ħlief Kristu ma jista' jeħlisna minn din il-pesta ta' ħażen. Imma lanqas għandna naqtgħu

qalbna li aħna mitlufin. Niftakru fi kliem San Pawl "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi, għax is-setgħa tiegħi, (ċioè ta' Kristu) tidher kollha fin-nuqqas ta' saħħa" (2 Kor. 12,9).

Saltna ta' Ġustizzja

Ir-raba' kolonna li fuqha tinbena s-saltna ta' Kristu hija l-ġustizzja. Difatti ma hemmx verità u lanqas qdusija mingħajr il-ġustizzja. Kif nifhmuha aħna l-bnedmin il-ġustizzja hija l-virtù li tagħti lil kulħadd dak li ħaqqu, ir-rispett u l-ħarsien tal-jeddijiet veri u reali ta' kull bniedem.

Jekk inħarsu madwarna naraw kemm għadu 'l bogħod minna dan l-ideal għaliex huma ħafna l-bnedmin li l-jeddijiet tagħhom ma humiex rikonoxxuti u mħarsin. Biżżejjed insemmu xi wħud li spiss jirreferi għalihom il-Missier tagħna l-Papa, bħal ma huma l-jedd għal-libertà reliġjuża, il-jedd għall-ħajja u l-jedd għall-informazzjoni xierqa. Mhux ta' min jinsa mbagħad il-vjolenzi, li jkasbru d-dinjità tal-bniedem u li xi drabi jeżistu wkoll fid-djar fost il-membri ta' l-istess familja.

Saltna ta' Mħabba

L-imħabba tara aktar fil-bogħod u fil-fond mill-ġustizzja. Hija, bla dubbju ta' xejn wieħed mill-aqwa valuri evanġeliċi. Dwarha tkellem diversi drabi l-Imgħallem tagħna "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (Ġw. 13,35).

Is-seklu tagħna ma tantx jista' jiftaħar b'imħabba ġenwina. Għad li l-kelma "mħabba" hija tant komuni,

bosta drabi tfisser biss xewqat tal-ġisem, ġibda sesswali u nar tal-passjonijiet. Fuq kull livell u f'kull ambjent jinħassu kontinwament il-kurrenti li huma kontra l-imħabba ngħidu aħna il-preġudizzji ta' kull għamla, il-mibegħda u l-indifferenza lejn l-oħrajn. Wieħed mill-frottijiet tal-kuntatti tagħna mal-Ewkaristija għandu jkun il-fejqan spiritwali li bih inkunu kapaċi nikkontrollaw il-ġibdiet tagħna, innaddfu qalbna minn sentimenti ta' ostilità u mibegħda.

Saltna ta' Paċi

Fl-aħħarnett il-paċi li għandha tkun sinjal ċar tad-dixxipli ta' Kristu li huma għandhom jgħożżu bħala rigal paskwali tiegħu - Ragħaj tagħhom: "Is-sliem għalikom" (Ġw. 20, 19, 21 u 26).

Il-gwerer, it-tilwim, it-tensjonijiet għat-tul u atteġġjament bħal dawn huma kollha kontradizzjonijiet li ma jistgħux joqogħdu mas-saltna ta' Kristu. Mill-banda l-oħra l-bennejja tas-saltna ta' Kristu huma biss dawk li jaħdmu għall-paċi, li jfittxu li jibnu relazzjonijiet ta' ħbiberija, fraternità u solidarjetà fost il-bnedmin.

Wara li rajna dawn is-sinjali tas-saltna ta' Kristu, u li qagħda mwieghra tad-dinja ta' llum inħossu ikbar il-ħtieġa li nitolbu l-lejla u dejjem lil Kristu: "Ibqa' magħna Mulej fl-Ewkaristija". Ibqa' magħna Mulej, bħala Sultan tagħna biex triġina bil-liġijiet imqaddsa tiegħek. Ibqa' magħna bħala tabib tar-ruħ tagħna biex tfejjaqna mill-vizzji u mill-ħażen kollu li jtaqqal il-kuxjenzi tagħna. Ibqa' magħna bħala avukat setgħani tagħna quddiem il-Missier biex taqlgħalna l-maħfra ta' dnubietna. Ibqa' magħna bħala ħabib tagħna biex

tfarrağna u tqawwina fil-mumenti ta' dwejjaq u l-qtigħ il-qalb. Ibqa' magħna fil-ferħ u fin-niket, fil-ħajja u fil-mewt. "Ibqa' magħna Mulej fl-Ewkaristija".

52. IL-FTUĦ TAL-ĠUBLEW IL-KBIR FID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX
(28 - 12 - 1999)

Wara li fil-lejl tal-Milied segwejna l-ftuħ tal-Porta Santa mill-Papa Ġwanni Pawlu u l-proklamazzjoni tal-Ġublew kien jixraq li anke fid-djoċesi niftħu dan il-Ġublew u s-sena tal-ħniena t'Alla. Nixtieq li nirriflettu flimkien fuq l-Iben tal-parabbola li ħalla dar missieru biex wara li waqa' f'miżerja kbira reġa' rritorna lura d-dar u qal li mhijiex żgħira l-miżerja li fiha qed jgħix il-bniedem tal-lum. Huwa semma żewġ tipi ta' miżerja.

1. Ix-xjenza u t-teknoloġija għamlu progress kbir. Xi drabi dan l-istess progress jagħmel lill-bniedem supperv għax jibda jħares lejn Alla bħala xi ħaġa żejda. Naħsbu li nistgħu ngħaddu mingħajr Alla u nipprogrammaw il-ħajja tagħna indipendentement minn Alla li huwa l-fundament ta' kollox. Mhux talli l-bniedem waqa' fid-dnub iżda ħafna drabi tilef is-sens tad-dnub. Bħala nsara m'għandniex inħarsu lejn dak li jagħmlu l-oħrajn bħala kriterju għall-ħajja tagħna. Il-veru kriterju li fuqu għandna nibnu ħajjitna huwa l-Vanġelu.

2. Il-bniedem tal-lum ifittex is-salvazzjoni tiegħu fil-mediċina, fil-psikoloġija u l-konsultazzjonijiet. Is-salvazzjoni tinsab biss fi Kristu. Kif tista' s-soċjetà li għamlet tant progress fil-mediċina, l-psikoloġija u x-xjenza oħra tapprova l-abort, id-divorzju, il-ġlied fil-familji u l-kundizzjonijiet ta' familji li m'għandhomx fejn joqogħdu?

X'għandu jkun il-frott tal-Ġublew? Jekk imitajna lill-Iben tal-Parabbola fit-tluq tiegħu nimitawh fir-ritorn tiegħu. Wara li rrifletta fuq il-miżerja tiegħu, l-Iben qal: "inqum u mmur għand missieri. Neżaminaw ruħna u naraw jekk aħniex fi stat ta' indifferenza li ma tħalliniex nagħmlu dan il-pass jew jekk aħniex navvertu biżżejjed fil-ġlieda tagħna kontra d-dnub.

Il-Vanġelu qalilna li Kristu huwa d-dawl. Ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx. Naċċettaw id-dawl u l-verità li hu Kristu u nħallu lilu jerfagħna minn dak kollu li huwa negattiv. Inqawwu l-fiduċja tagħna fiH. Veru li naraw l-qawwa tal-ħażen madwarna iżda l-ħniena t'Alla hija wisq akbar għax hija infinita.

53. IL-BEATU PIJU IX, BENEFATTUR TAD-DJOĊESI
(29 - 10 - 2000)

Aħna llum qegħdin infakkru bniedem li d-djoċesi tagħna għandha dejn kbir lejh. Dan huwa l-Papa Piju X li fl-ewwel Ħadd ta' Settembru ġie ddikjarat beatu. Huwa kien il-Vigarju ta' Kristu fuq l-art għal iktar minn 30 sena, mis-sena 1846 meta ġie elett Papa u ħa l-isem ta' Piju X sa Frar tal-1887 meta huwa daħal fl-eternità. Aħna nistgħu ngħidu ħafna affarijiet sbieħ fuq dan il-Papa benefattur tagħna l-Għawdxin, imma jien naħseb li f'din l-omelija għandna nikkonċentraw fuq il-qdusija tiegħu. Kien bniedem qaddis mogħni bi qdusija awtentika u l-qdusija tiegħu ma kinitx tikkonsisti f'xi fenomenu straordinarju li jinqata' mill-art jew li għamel xi miraklu (għalkemm ma nistgħux neskludu li minn dan għamel huwa wkoll) imma l-qdusija tiegħu kienet tikkonsisti filli huwa kien iħobb lil dawk li kienu emarġinati. Bħas-Samaritan it-Tajjeb tbaxxa fuqhom u tahom l-għajnuna li sata'. Hu kien ġej minn familja tagħmilha tajjeb, il-familja Mastai Ferretti ta' Senegallia ħdejn Ancona fl-Italja. Madanakollu huwa qatt ma tbiegħed mill-poplu baxx u qatt ma deherlu li għandu jinqata' mill-oħrajn għax forsi injuranti, goffi jew ma jġibux ruħhom kif imiss.

Huwa dejjem ħass il-ħtieġa li jersaq lejhom kif Kristu resaq lejn il-morda u lejn il-foqra biex jagħtihom l-għajnuna tiegħu. Meta laħaq Papa huwa ried illi jagħti l-libertà lil dawk li kienu jinsabu fil-ħabsijiet ta' l-Istati

Pontifiċji. Huwa ried ukoll li kull nhar ta' Ħamis l-uffiċċju tiegħu jkun miftuħ biex dawk li xtaqu xi ħaġa mingħandu jkunu jistgħu javviċinawh. Huwa kien jieħu interess fil-ħabsijiet ta' din il-Belt, fl-iskejjel, fl-orfanotrofji, fl-isptarijiet u ta' spiss kien iżurhom u jghinhom minn butu. Huwa ried li l-foqra ta' Ruma jkollhom min iqassmilhom l-elemożina. Il-bijografi tiegħu jgħidulna li huwa ta' spiss kien jilmenta mal-Kardinal Antonelli għaliex ma kienx qiegħed jagħtih biżżejjed biex ikollu x'iqassam lill-foqra. Huwa kellu wkoll għal qalbu l-ħajja tal-familji, tal-familji foqra, tal-familji tal-ħaddiem speċjalment dawk li kienu bla xogħol u waħda mill-opri kbar li għamel Piju IX ġewwa Ruma u ġewwa l-Istati Pontifiċji hija l-ferrovija li għal dak iż-żmien kienet xi ħaġa ġdida. Dan sar mhux għax kellu flus iżżejjed x'jonfoq għaliex kif tgħidilna l-istorja huwa kellu jissellef il-flus mingħand finanzier Lhudi u dan għamlu mhux biss biex jagħti dik ix-xejra moderna li kellhom stati oħra Ewropej, iżda biex joffri xogħol lil tant u tant nies.

Il-Papa kellu għal qalbu wkoll lil dawk li kienu mwarrbin. Huwa pprova jgħin lil dawk li kienu mwarrbin mis-soċjetà. Huwa kellu qalbu miftuħa għal-Lhud għad illi anke fi żminijietna nsibu nies li jattakkaw lill-Papa Piju IX għax skond huma m'għamilx biżżejjed għal-Lhud. Imma aħna nafu li kien hu li fetaħ il-'Ghetto' ta' Ruma biex hekk it-tfal tal-Lhud ikollhom l-istess skejjel kif kellhom tfal oħra u li jkunu kkurati meta huma morda, bl-istess mod bħaċ-ċittadini l-oħra ta' Ruma. Kien hu li ddefendihom, tant hu hekk illi wieħed sinjur mill-belt ta' Livorno ħalla somma ta' flus b'rikonoxxenza għal dak li l-Papa għamel mal-Lhud u l-Papa dik is-somma

qassamha propju lill-familji tal-Lhud li kien hemm ġewwa Ruma biex jerfagħhom mill-miżerja li kienu jinsabu fiha. Il-Papa mela ma qagħadx jagħmel distinzjoni. Il-bnedmin kollha kienu ħutu għax kellhom ix-xbieha ta' Alla. Darba waħda waqt li kien fil-karozzella tiegħu fi triq ġewwa Ruma, lemaħ raġel li kienu qegħdin isawtuh u talab lill-kuċċier tiegħu biex jieqaf. Il-kuċċier qallu 'dan huwa Lhudi' u l-Papa qallu 'ma jimpurtax, jeħtieġ l-għajnuna tagħna. Dan il-bniedem huwa vittma tal-mibegħda razzjali'. Huwa kien għaxi, kollu dmija u l-Papa ordna li jittieħed l-isptar fil-karozzella tiegħu stess. Kważi kważi għandna verżjoni moderna tal-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb.

Dan il-Papa kellu qalb sensibbli, qalb li tħoss, qalb materna iktar milli paterna għaliex ma kienx isibha bi tqila biex jinżel fid-dettalji għal min kien fil-bżonn. Darba waħda kien ħiereġ passiġġata bil-karozzella tiegħu mill-Palazz tal-Quirinal fejn kienu joqogħdu l-Papiet qabel ma Ruma saret il-kapitali u hemmhekk ra tifel jibki. Il-paġġi riedu li lil dan it-tifel ibegħduh u ma jħalluhx jara lill-Papa imma huwa nduna. Il-Papa qallu, "X'għandek tibki" u dak it-tifel qallu: "Missieri jinsab fil-ħabs, għandna d-dejn u m'għandniex biex nħallsu. Nitolbok tagħmel xi ħaġa biex teħilsu". Il-Papa staqsa lil ta' madwaru jekk kienx hemm xi ħadd li seta' jipprovdi madwar sittax-il elf frank u meta ma sab lil ħadd daħal fil-Quirinal, ġab dik is-somma tal-flus, taha lil dak it-tifel u dak mar ferħan biha lejn id-dar.

Jiena naħseb illi kieku l-qalb tiegħu ma kinitx qalb sensibbli ma kienx jagħti każ ta' dawk il-messaġġi li kienu jwasslulu missirijietna u l-Għawdxin li marru

għandu kemm-il darba jitolbuh ħalli Għawdex isir djoċesi għalih. Huwa fehemhom aktar milli fehemhom ħaddieħor u iktar minn dawk li suppost li fehemuhom. Huwa ma għaddihomx biż-żmien imma ħa l-passi kollha meħtieġa biex din it-talba li kienu qegħdin jagħmlulu tkun tista' titwettaq kif twettqet fis-sena 1864 meta Għawdex sar djoċesi għaliha.

54. "ALLA ĦARES IL-PROBLEMI MORALI NĦOLLUHOM MINGĦAJR MA NAGĦMLU REFERENZA GĦAL DAK LI JRID ALLA"

(31 - 10 -2000)

"Mulej, agħmel li jiena nara" hija t-talba li għamel l-agħma tal-Vanġelu tal-lum. It-talba li għamel dan l-agħma lil Ġesù nistgħu nagħmluha aħna lkoll, għad li b'sens differenti.

"Mulej, agħmel li jien nara". Huwa meħtieġ li aħna naraw il-ħajja personali tagħna, l-kuxjenza tagħna u l-esseri tagħna. Għalfejn neħtieġu dan id-dawl fuqna nfusna?

L-ewwelnett nitfgħu ħarsitna fuqna nfusna biex naraw in-negattiv u nkunu nistgħu nneħħuh. Żgur li fil-ħajja tagħna hemm ċerti drawwiet u atteġġjamenti li jitfgħuna lura u li m'humiex skond kif iridhom Alla. Jeħtieġ li aħna niflu l-kuxjenza tagħna, naraw il-ħajja tagħna, kif qegħdin ngħadduha u ma ngħadduhiex, biex dak li hemm li ma jaqbilx mar-rieda t'Alla nkunu nistgħu neħilsu minnu.

It-tieni nett nitfgħu ħarsitna fuqna nfusna biex naraw il-potenzjalità li tana l-Mulej. Hemm fina, f'mhux kulħadd l-istess, min f'kamp u f'min kamp ieħor, ċerti kwalitajiet pożittivi. Alla jrid li dawn il-kwalitajiet aħna nħaddmuhom għall-ġid tal-proxxmu tagħna.

"Mulej agħmel li jiena nara" biex nitfgħu ħarsitna fuq is-soċjetà li ngħixu fiha, fuq l-ambjenti li nkunu fihom

biex naraw x'inhuma l-ħtiġijiet li għalihom għandna mmiddu jdejna. Din hija s-solidarjetà, meta inti tintebaħ bil-ħtiġijiet tal-poplu tiegħek u ma ddawwarx għajnjek banda oħra, ma tippruvax ssib xi skuża jew xi raġuni biex tibqa' b'idejk marbuta imma tara x'tista' tagħmel anke f'każ li ssejjaħ lil ħaddieħor biex jagħtik l-għajnuna tiegħu wkoll.

Hemm bżonn li jkollna għajnejna miftuħa fuq il-bżonnijiet tas-soċjetà. Nista' nsemmi ħafna bżonnijiet tas-soċjetà. Fis-soċjetà hawn ħafna injoranza, nuqqas ta' fidi u preżunzjoni. Smajnihom il-ġurnalisti, anke ftit ġranet ilu jgħidu li r-reliġjon m'għandhiex tindaħal fi problemi morali. Alla ħares il-problemi morali nholluhom mingħajr ma nagħmlu riferenza għal dak li jrid Alla. Kien hemm min deherlu li tkun ħaġa ħażina tafda f'Alla. Tafda f'Alla ma jfissirx li inti ma tagħmilx ħiltek kollha biex tikseb riżultat tajjeb imma jfisser li wara li tkun għamilt dak li stajt imbagħad tafda f'Alla għax huwa stess iridna nafdaw fih. Il-Knisja tgħidilna biex nitolbu ħalli dak li ma nistgħux nagħmlu aħna jagħmlu Alla bis-saħħa tat-talb li nkunu għamilna.

Irridu niftħu għajnejna wkoll biex naraw liema huma dawk il-kampijiet u l-oqsma li l-Knisja qed toffrilna biex aħna nagħmlu apostolat fihom:

Il-qasam ta' l-apostolat kateketiku, mhux biss lit-tfal iżda wkoll lill-adoloxxenti, lill-istudenti u lill-kbar. Il-qasam tal-promozzjoni umana. Hemm tant x'nistgħu nagħmlu biex ngħinu lill-oħrajn.

Il-qasam tal-missjonijiet għaliex il-Knisja hija dejjem Knisja missjunarja.

Fil-qasam tat-thejjija ta' l-oħrajn biex jirċievu s-sagramenti mqaddsa.

Jeħtieġ li aħna naraw ċar, iktar milli konna naraw qabel u għalhekk aħna f'dawn il-ġranet qegħdin nagħmlu dan il-Kungress Pastorali li jsir kull ħames snin biex niflu s-sitwazzjoni pastorali tad-djoċesi tagħna. Ftit ilu aħna l-Isqfijiet morna Ruma għall-Ġublew ta' l-Isqfijiet u sarulna xi diskorsi importanti ħafna u kważi kważi kien hemm anke ċanfira li xi drabi aħna nafdaw u niddelegaw lill-oħrajn b'dak li suppost nagħmlu aħna u bil-maqlub għaliex xi drabi aħna nitgħabbew żżejjed bix-xogħol li jista' jagħmlu ħaddieħor li jsir aħjar milli kieku kellna nagħmluh aħna. Allura hemm bżonn li jsir aħjar milli kieku kellna nagħmluh aħna. Allura hemm bżonn li ma noqogħdux ngħidu dik il-ħaġa għandu jagħmilha l-kappillan jew għandu jagħmilha l-Isqof jew il-Papa. Jekk aħna għandna xi possibilità li xi għemil tajjeb nagħmluh aħna m'hemmx għalfejn niddelegaw lill-oħrajn jew nistennew l-oħrajn jagħmluh huma. Jekk aħna rridu li s-soċjetà ssir aħjar, li l-Knisja tkun aktar kif iridha Kristu, iktar evanġelika u iktar apostolika hemm bżonn nibdew minnha nfusna.

Għalhekk filwaqt li nitolbu dejjem l-għajnuna t'Alla fuq ix-xogħlijiet ta' dan il-Kungress Pastorali nagħmlu ħilitna biex nohorġu dejjem mhejġin biex nagħmlu dan l-apostolat li jrid minna Alla u nohorġu iktar mdawlin biex nagħmlu dan l-apostolat u nippruvaw nagħmluh aħjar minn qabel.

55. **DISKORS TA' KRISTU RE**
(26 - 11 - 2000)

Iltqajna hawnhekk il-lejla biex flimkien nagħtu qima lil Kristu Iben ta' Alla, Feddej tagħna u Sultan tal-Ħolqien kollu. Qegħdin nagħmlu dan fis-sena li fiha qegħdin niċċelebraw il-ħamsa u sebgħin anniversarju, minn mindu l-Papa Piju Ħdax, waqqaf din is-sollenità liturġika ta' Kristu Re u ried li tiġi ċċelebrata ta' kull sena fil-Knisja Kattolika. Qegħdin nieħdu sehem f'din il-funzjoni reliġjuża ta' llum, fis-Sena Mqaddsa tal-Ġublew il-Kbir li fih infakkru l-elfejn sena mill-miġja ta' l-Iben t'Alla fid-dinja. F'dan il-Ġublew li issa qiegħed joqrob biex jintemm, il-Knisja Ommna, tistedinna bil-ħerqa biex neħilsu mit-toqol ta' ħtijietna u nimpenjaw ruħna serjament biex ngħixu kif imiss il-ħajja nisranija tagħna.

Il-fatt li ħallejtu djarkom u ġejtu hawn il-lejla biex turu qimitkom lejn Kristu Sultan, huwa xhieda li intom triduh jiġbidkom lejh u jagħmel minnkom veri dixxipli tiegħu. Bħala lajċi kattoliċi m'intomx biss suddити ta' Kristu Sultan, iżda wkoll ħaddiema u bennejja tas-Saltna tiegħu. Kull wieħed u kull waħda minnkom tistgħu u għandkom tagħtu s-sehem tagħkom kbir jew żgħir biex is-Saltna ta' Kristu tikber u tissaħħaħ fid-dinja. Kulħadd, kbir jew żgħir, skond il-pożizzjoni tiegħu u r-rwol li għandu fis-soċjetà u fil-Knisja, jeħtieġ li joffri u jagħti bl-ikbar ġenerożità dan il-kontribut ta' ħidma u impenn li Kristu, is-Sultan Divin jistenna mingħandu. Din ħija

l-vokazzjoni tal-lajċi nsara, li jirritornaw s-soċjetà lura lejn Alla u li joffruhielu bħala sagrifiċċju ħaj ta' tifħir, f'għaqda mas-sagrifiċċju li Kristu offra fuq is-salib.

Madanakollu, minkejja dak kollu li għamlet u għadha tagħmel il-Knisja, is-Soċjetà qiegħda toqrob lejn Alla, jew bil-maqlub qiegħda titbiegħed minnu u ssir dejjem iktar sekolarizzata? Qiegħda taċċetta dejjem iktar lil Kristu jew qiegħda twarrbu fil-ġenb? Il-moviment tagħha huwa wieħed ċentripetu riesaq ċioè lejn iċ-ċentru ta' kollox li hu Kristu jew moviment ċentrifugu li kull ma jmur qiegħed jaħrab minnu u minn tagħlimu? X'nistgħu nikkonkludu dwar dan, jekk inħarsu lejn pajjiżna stess?

Forsi għadhom ma raqdux għal kollox il-polemiċi u kwistjonijiet dwar il-każ tat-tewmin sijamiżi. Iktar milli l-każ fih innifsu, il-kummenti u l-korrispondenzi li kien hemm dwaru, jifthulna berah għajnejna u juruna liema huma t-tendenzi tal-opinjonijiet f'pajjiżna. Minghajr ma noqogħdu nanalizzaw bir-reqqa l-opinjonijiet kollha li nkixfu permezz tal-media, nieħdu biss tnejn minnhom li jindikaw biżżejjed kif jaħsbuha sezzjona mdaqqsa tal-poplu tagħna.

Kien hemm min qal li r-Reliġjon m'għadhiex tidħol fi kwistjoni bħal din dwar dak li hu leċitu u dak li mhux f'każijiet bħal dawn. Dan ifisser li qed jitwarrbu fil-ġenb il-valuri tal-Vanġelu biex jiġu applikati kriterji oħra. Ifisser ukoll li biżżejjed il-prinċipji tal-Etika lajka u ma hemmx bżonn dawk tal-Etika Nisranija.

Intqal ukoll li l-ġenituri weħidhom għandhom jiddeċiedu dwar dak li għandu jsir minn uliedhom żgħar,

mingħajr ma jindaħlilhom ħadd lanqas il-Knisja. Iżda l-ġenituri wkoll huma soġġetti għal-liġi ta' Alla u jekk huma nsara għandhom joqogħdu wkoll għat-tmexxija tal-Knisja fil-formazzjoni tal-kuxjenza tagħhom.

Jekk irridu li l-qima tagħna lejn Kristu Sultan tkun qima awtentika, jeħtieġ li nqimuh mhux biss għal ftit tal-ħin permezz tal-Liturġija, iżda l-ħajja tagħna kollha għandha tkun att ta' qima lejh billi noqogħdu f'kollox għar-rieda tiegħu. Jeħtieġ li nibdew, qabel xejn billi nikkonformaw il-fehmiet tagħna, mat-tagħlim imqaddes tiegħu b'hekk inkunu naċċettaw tabilħaqq is-Saltna tiegħu li hija Saltna ta' Verità.

Imressaq quddiem Ponzju Pilatu, Ġesù għamel stqarrija importanti: Huwa qal: "Jien għalhekk twelidt u għalhekk ġejt fid-dinja biex nuri l-verità u kull min ihobb il-verità jisma' leħni" (Ġw. 18, 37). Ejjew nisimgħu leħen is-Sultan tagħna, nemmnu fih u nibnu ħajjitna fuq it-tagħlim tiegħu li jdawlilna l-fehmiet tagħna u jmexxina fit-triq tas-salvazzjoni u tal-ħelsien veru.

WERREJ

Daħla 3

PASTORALI

Is-Solidarjetà Nisranija 5
Is-Sagramenti ta' l-Ewwel Qrara u l-Ewwel Tqarbina 9
Ir-Rwol tal-Lajci fil-Knisja u fis-Soċjetà 12
L-Apostolat tal-Lajċi 14
Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni 15
X'tagħmel fina l-Konfermazzjoni 16
Ġenituri, parrinijiet u katekisti 17
Il-Vera Mħabba fil-Familja 18
L-Għajnuna Missjunarja u L-Opri Pontifiċi 21
Il-Qima lejn L-Ewkaristija 25
It-Tielet Kungress Ewkaristiku Djoċesan 27
L-Ewkaristija 29
Il-Quddiesa Tagħna 30
Is-Sagrifiċċju ta' l-Aħħar Ċena u s-Sagrifiċċju tal-Kalvarju 32
L-Ewkaristija, veru sagrifiċċju 34
Sagrament 37
Il-Preżenza Reali ta' Kristu fl-Ewkaristija 40
L-Ewkaristija ċentru tal-ħajja tal-poplu t'Alla 43

ĊIRKULARI

1. Sant'Antnin ta' Padova 45
2. Il-Pjan Kwinkwennali 46
3. Il-Ħames Kungress Pastorali Djoċesan 47
4. Tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija 49
5. Ir-Rivista L-Ħajja f'Għawdex 50

6. Iż-Żjara Pastorali fl-Awstralja 51
7. Kif ngħaddu l-Milied u l-Ewwel tas-Sena 52
8. Il-Viżta Pastorali 54
9. Mejju x-xahar tal-Verġni Mbierka 55
10. Is-Sagrament tal-Qrar 57
11. Sultana tal-Familja 60
12. Il-Ġurnata tas-Santifikazzjoni tas-Saċerdot 61
13. L-Ewwel Sena bit-Tħejjija għal Ġublew il-Kbir 62
14. Dun Pawl Micallef 64
15. It-2 ta' Frar – Ġurnata tal-Ħajja Konsagrata 65
16. Is-Sosteniment tas-Saċerdoti 66
17. Il-Fotografi fil-Knisja 68
18. Il-Festa tal-Ħniena Infinita t'Alla 69
19. Il-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla 70
20. Il-Jum tal-Ħadd 71
21. Ir-Relikwija ta' San Lawrenz 73
22. Il-Ħames Missjoni Djoċesana 74
23. Santa Tereża tal-Bambin Ġesù 75
24. Is-VII Symposium Internazzjonali dwar San Ġużepp 77
25. Ir-Riżoluzzjonijiet tar-Rally Djoċesan ta' l-Għaqdiet 78
26. Is-Sittax-il Ġimgħa Bibblika Djoċesana 79
27. Il-35 Kungress tax-Xirka ta' L-Isem Imqaddes t'Alla 81
28. L-Għoxrin Anniversarju mill-Għażla tal-Papa 82
29. L-Importanza tal-Katekeżi 83
30. Il-Laqgħa ta' l-Irġiel – Ir-Rwol tal-Missier 85
31. L-Għoxrin Anniversarju mill-għażla tal-Papa 86
32. Is-Serq mil-Knejjes 87
33. Jum il-Morda 88
34. Is-Sebgħin Anniversarju ta' L-Ewwel Kungress Ewkaristiku 89

35. Ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla 90
36. Mitt sena mill-Enċiklika Annum Sanctum 91
37. l-Għoti tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni 92

DISKORSI

1. It-32 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla 94
2. Fehmiet żbaljati dwar il-Knisja 98
3. Il-Venerabbli M.Adeodata Pisani 100
4. Kristu jisteddina għar-Rikonċiljazzjoni 103
5. Diskors lis-Saċerdoti waqt il-Laqgħa ta' l-Awguri ta' L-Ewwel tas-Sena 107
6. Il-Knisja Pellegrina 113
7. Id-Dmir tal-Ġurnalisti lejn it-Tfal 115
8. Ngħożżu dak li huwa sabiħ 118
9. L-Użu tal-Mass Media 119
10. Nagħrfu aħjar lil Kristu – It-33 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla 123
11. Ħtieġa ta' Atmosfera Nisranija fi djarna 127
12. Messaġġ fl-Okkażjoni tal-50 Anniversarju tal-Fergħa tan-Nisa tal-Azzjoni Kattolika 130
13. Id-Divertiment u l-Kmandament t'Alla 132
14. Vista Pastorali – Sinjali ta' Tama 136
15. "Ħallu t-tfal jiġu għandi għax ta' min hu bħalhom s-Saltna tas-Smewwiet" 143
16. Ir-Rwol tal-Lajċi fil-Knisja u fis-Soċjetà 148
17. L-Apostolat 152
18. Il-Laqgħa ta' l-Awguri ta' l-Ewwel tas-Sena 156
19. Il-Fidi tagħna fi Kristu 163
20. L-34 Kungress Djoċesan ta' l-Isem Imqaddes t'Alla 166

21. Manifestazzjoni Marjana għall-Ambjent Moralment Nadif **170**
22. L-Iżbalji tad-Divorzisti Maltin **174**
23. Il-Proffur Ġużè Aquilina **177**
24. Il-Missjoni Djoċesana f'Għawdex **181**
25. Inkomplu l-Missjoni fil-Familja **184**
26. Kristu Sultan Medjatur bejn Alla u l-Bnedmin **186**
27. Diskors tal-Laqgħa ta' l-Awguri **190**
28. Il-Kundizzjoni Finanzjarja tal-Familja **197**
29. Il-Ġurnalisti u l-Knisja **200**
30. Jum l-Isqof fid-Djoċesi t'Għawdex **202**
31. Il-35 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla **206**
32. Kristu huwa l-Mulej **209**
33. Il-Missjoni tas-Saċerdoti **213**
34. Ambjent moralment nadif **215**
35. Il-Missjoni ta' l-Irġiel fil-Familja **219**
36. Ir-Reliġjużi, bnedmin fost il-bnedmin **223**
37. Ma nagħmlu xejn li joffendi d-dinjità tal-foqra **235**
38. Kristu Sultan Qaddej tal-Bnedmin **237**
39. Laqgħa ta' l-Awguri **242**
40. Il-Proposta tal-Knisja quddiem it-theddida ta' l-AIDS **247**
41. Il-Ġurnalisti Nsara **249**
42. Il-Paċi fil-Familja (i) **251**
42. Nitfgħu ħarsitna lejn il-Missier (ii) **252**
43. Ir-Rwol ta' l-Isqof fil-Knisja **253**
44. Il-Knisja u l-Kuxjenza Nisranija **255**
45. Is-36 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t' Alla **258**
46. Knisja Żagħżugħa orjentata lejn il-Futur **261**
47. Nikkumbattu tliet tipi ta' Immoralità **263**
48. L-Ewkaristija fit-tieni Sinodu Djoċesan **265**

49. Insaħħu l-Karità Komunitarja **271**
50. Preparazzjoni għall-Kungress Ewkaristiku f'Għawdex **273**
51. "Ibqa' magħna Mulej fl-Ewkaristija" – (Egħluq tat-Tielet Kungress Ewkaristiku Djoċesan) **275**
52. Il-Ftuħ tal-Ġublew il-Kbir fid-Djoċesi ta' Għawdex **281**
53. Il-Beatu Piju IX, Benefattur tad-Djoċesi **283**
54. "Alla ħares il-problemi morali nħalluhom minngħajr ma nagħmlu referenza għal dak li jrid Alla". **287**
55. Diskors ta' Kristu Re **290**